Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 11

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

12 ta' Jannar 2018

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2015–2016

Dati tas-seduti: 18–21 ta' Jannar 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 100, 30.3.2017.

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

2018/C 011/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE (2015/2140(INI)) 2

2018/C 011/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE (2015/2139(INI)) . 16

2018/C 011/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar analiżi u sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji: l-impatt u t-triq 'il quddiem lejn qafas tal-UE aktar effiċjenti u effikaċi għal Regolamentazzjoni Finanzjarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali (2015/2106(INI)) 24

2018/C 011/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar fatturi esterni li jirrappreżentaw ostakoli għall-intraprenditorija femminili Ewropea (2015/2111(INI)) 35

2018/C 011/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar politiki dwar il-ħiliet għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ (2015/2088(INI)) 44

2018/C 011/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali (2015/2147(INI)) 55

MT

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

2018/C 011/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 b'appoġġ għall-proċess ta' paċi fil-Kolombja (2015/3033(RSP)) . . . 79

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

2018/C 011/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna (2015/3032(RSP)) . . . 82

2018/C 011/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-klawsola ta' difiża reċiproka (l-Artikolu 42(7) tat-TUE) (2015/3034(RSP)) . . . 89

2018/C 011/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-UNHRC fl-2016 (2015/3035(RSP)) . . . 92

2018/C 011/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar ir-Rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet 2014 (2014/2218(INI)) . . . 105

2018/C 011/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar baħħara Estonjani u tar-Renju Unit detenuti fl-Indja (2016/2522(RSP)) . . . 116

2018/C 011/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja (2016/2520(RSP)) . . . 118

2018/C 011/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Korea ta' Fuq (2016/2521(RSP)) 123

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

2018/C 011/15 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski (2015/2241(IMM)) . . . 128

2018/C 011/16 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski (2015/2268(IMM)) . . . 130

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

2018/C 011/17 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (COM(2015)0180 – C8-0118/2015 – 2015/0096(COD)) . . . 132

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

2018/C 011/18 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (DRV) fil-Latvja (13060/2015 – C8-0338/2015 – 2015/0813(CNS)) . . . 147

2018/C 011/19 P8_TA(2016)0011

Il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (COM(2013)0821 – C7-0427/2013 – 2013/0407(COD))

P8_TC1-COD(2013)0407

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali . . . 148

2018/C 011/20 P8_TA(2016)0012

Tagħmir personali protettiv ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir personali protettiv (COM(2014)0186 – C7-0110/2014 – 2014/0108(COD))

P8_TC1-COD(2014)0108

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE . . . 149

2018/C 011/21 P8_TA(2016)0013

Tagħmir li juża l-gass ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tagħmir li juża l-gass (COM(2014)0258 – C8-0006/2014 – 2014/0136(COD))

P8_TC1-COD(2014)0136

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE . . . 150

2018/C 011/22 P8_TA(2016)0014

Installazzjonijiet funivjarji ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjonijiet funivjarji (COM(2014)0187 – C7-0111/2014 – 2014/0107(COD))

P8_TC1-COD(2014)0107

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjonijiet tal-funikular u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE . . . 151

2018/C 011/23 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u għall-ikel tat-trabi (C(2015)06507 – 2015/2863(DEA)) 152

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

2018/C 011/24 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (10725/2/2015 – C8-0328/2015 – 2015/0094(NLE)) 155

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta’ konsultazzjoni
***	Proċedura ta’ approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta’ proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta’ att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2015–2016

Dati tas-seduti: 18–21 ta' Jannar 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 100, 30.3.2017.

TESTI ADOTTATI

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0004

Rapport annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE (2015/2140(INI))

(2018/C 011/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2015 dwar il-politika tal-kompetizzjoni 2014 (COM(2015)0247), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bħala dokument ta' sostenn bl-istess data,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 101-109, 147 u 174;

— wara li kkunsidra r-regoli dwar il-kompetizzjoni, il-linji gwida u r-riżoluzzjonijiet relevanti tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE fl-2013 ([1]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE fl-2012 ([2]) u r-rekwiżiti stabbiliti fihom mill-Parlament,

— wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, (Dipartiment Tematiku A (Politiki Ekonomiċi u Xjentifiċi)) għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur bl-isem "Prattiki kummerċjali żleali (PKŻ) fil-katina tal-provvista tal-ikel bejn in-negozji" ("Unfair trading practices in the business-to-business food supply chain (UTPs)" ([3]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Is-suq intern tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq: dumping soċjali u kabotaġġ" ([4]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Mejju 2012 tan-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK) bl-isem "Rapport dwar l-infurzar tad-dritt tal-kompetizzjoni u attivitajiet ta' monitoraġġ tas-suq minn awtoritajiet Ewropej tal-kompetizzjoni fis-settur alimentari" ("Report on competition law enforcement and market monitoring activities by European competition authorities in the food sector") ([5]),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0051.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0576.
([3]) http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/563438/IPOL_STU(2015)563438_EN.pdf.
([4]) http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.ten-opinions.36372.
([5]) http://ec.europa.eu/competition/ecn/food_report_en.pdf.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

— wara li kkunsidra d-Direttivi tal-Kunsill 77/799/KEE u 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u l-proposti ta' azzjoni tal-Proġett tal-OECD/G20 fil-qasam tal-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitti,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 li tagħti bidu għal inkjesta dwar is-settur tal-kummerċ elettroniku skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (C(2015)3026),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/104/UE tas-26 ta' Novembru 2014 dwar regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2014 dwar linji gwida għall-għajnuna mill-istat għall-enerġija u l-protezzjoni ambjentali ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi,

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni "Lejn kontroll aktar effettiv tal-fużjonijiet tal-UE", tad-9 ta' Lulju 2014, (COM(2014)0449),

— wara li kkunsidra l-inkjesta dwar il-kompetizzjoni fis-settur farmaċewtiku tat-8 ta' Lulju 2009 u r-rapporti ta' segwitu, b'mod partikolari l-5 rapport dwar il-Monitoraġġ tas-Soluzzjonijiet b'rabta mal-Privattivi,

— wara li kkunsidra l-qafas universali għas-sistemi ta' Valutazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Ikel u l-Agrikoltura (SAFA) żviluppat mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0368/2015),

A. billi l-politika tal-kompetizzjoni hija pedament tal-ekonomija tas-suq soċjali fl-Ewropa u strument essenzjali għal suq intern li jiffunzjona sew fl-Unjoni;

B. billi, fil-qasam tal-kompetizzjoni, il-vuċi tal-Unjoni Ewropea tingħata widen u hija rrispettata fix-xena internazzjonali; billi din ir-rappreżentanza esterna indipendenti u unifikata, li hija appoġġata b'setgħat definiti b'mod ċar, tippermetti li l-Unjoni teżerċita s-setgħa politika, demografiċi u ekonomika reali tagħha;

C. billi l-politika tal-kompetizzjoni hija, fiha nnifisha, għodda li tissalvagwarda d-demokrazija Ewropea, minħabba li timpedixxi l-konċentrazzjoni eċċessiva tas-setgħa ekonomika u finanzjarja f'idejn numru żgħir ħafna ta' nies;

D. billi l-Unjoni Ewropea hija stabbilita bħala ekonomija soċjali tas-suq miftuħa b'kompetizzjoni ħielsa u ġusta, li l-għan tagħha hu li żżid il-prosperità tal-konsumaturi u l-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini kollha tal-UE, u billi l-Unjoni Ewropea qed tistabbilixxi suq intern maħsub biex iwassal għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa abbażi ta' tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet;

([1]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

E. billi l-għan tal-applikazzjoni qawwija tal-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni skont it-Trattat tal-UE huwa li jsir kontribut biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali tal-politika ekonomika tal-UE u, fl-istess ħin, li jibbenefikawil-konsumaturi, il-ħaddiema u l-intraprendituri, u jiġu promossil-innovazzjoni u t-tkabbir, permezz tal-kontroll u r-restrizzjoni tal-prattiki kummerċjali inġusti li jirriżultaw mill-monopolji u mill-pożizzjonijiet dominanti fis-suq, b'tali mod li kull individwu jkollu possibilità ġusta ta' suċċess;

F. billi l-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni hija tal-akbar importanza;

G. billi kull sena jiġi akkumulat telf ta' EUR 181-320 biljun – madwar 3 % tal-PDG tal-UE – minħabba l-eżistenza tal-kartelli;

H. billi, f'termini ta' spejjeż tal-enerġija, is-suq uniku Ewropew għandu prestazzjoni agħar mis-suq intern tal-Istati Uniti, b'dispersjoni fil-prezzijiet ta' 31 % apparagun ta' 22 % fl-Istati Uniti;

I. billi f'bosta Stati Membri hemm kriżi finanzjarja serja li għadha qed taffettwa lill-SMEs, li jirrappreżentaw 98 % tal-impriżi tal-UE u 67 % tan-nies impjegati;

J. billi huwa stmat li l-evażjoni tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa u r-rifuġji fiskali qed jiswew lill-kontribwenti tal-UE triljun euro kull sena fi dħul mitluf, u qed jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq uniku fost dawk il-kumpaniji li jħallsu t-taxxi u dawk li ma jħallsuhomx;

K. billi f'dawn l-aħħar snin, partikolarment, id-dinamiżmu fl-ekonomija diġitali u, fuq kollox, it-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni b'riżultat ta' prattiki fiskali aggressivi u politiki fiskali nazzjonali (li probabbilment qed jagħmlu ħsara konsiderevoli lis-suq intern), ġabu magħhom sfidi ġodda għall-parteċipanti tas-suq, u jirrikjedu reazzjoni immedjata u mmirata mill-Kummissjoni; billi l-koperazzjoni globali dwar l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tgħin biex jiġu evitati l-inkonsistenzi fil-miżuri korrettiva li jittieħdu u fl-eżiti tal-miżuri ta' infurzar, u tgħin lin-negozji biex inaqqsu l-ispejjeż ta' konformità tagħhom;

L. billi, fid-dawl tal-isfidi tal-era diġitali, jeħtieġ li jiġu eżaminati mill-ġdid l-istrumenti eżistenti tad-dritt tal-kompetizzjoni;

M. billi fit-trasport internazzjonali bl-ajru, ir-regoli dwar il-kompetizzjoni ġusta u r-regolamentazzjoni tal-impriżi statali huma nieqsa fir-rigward ta' linji tal-ajru minn ċerti pajjiżi terzi li joperaw lejn u mill-Ewropa u li jiddominaw ċerti rotot, u dan qed jikkawża ħsara konsiderevoli lil-linji tal-ajru Ewropej, u qed ixekkel il-konnettività tal-ajruporti ċentrali Ewropej, u b'hekk qed inaqqas l-għażla tal-konsumaturi Ewropej;

N. billi l-kompetizzjoni m'għandhiex l-istess impatt fl-Istati Membri kollha;

O. billi l-politika tal-kompetizzjoni trid tikkunsidra b'mod partikolari l-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni soċjali;

P. billi d-dumping soċjali huwa fattur li jgħawweġ is-suq intern, u huwa ta' ħsara kemm għad-drittijiet tal-konsumaturi kif ukoll għal dawk tal-ħaddiema;

Q. billi l-iżgurar tal-moviment liberu tal-persuni, il-prodotti, is-servizzi u l-kapital huwa l-bażi tat-tkabbir tal-Ewropa;

1. Jilqa' r-rapport mill-Kummissjoni, li jissottolinja l-importanza tal-politika tal-kompetizzjoni fl-UE, u jinnota li essenzjalment ikopri l-mandat tal-Kummissjoni preċedenti taħt il-Kummissarju għall-Kompetizzjoni Almunia;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex fil-ġejjieni tgħaddi d-dokument ta' ħidma settorjali lill-Parlament, bħala parti integrali mir-rapport;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

3. Jilqa' l-fatt li l-Kummissarju għall-Kompetizzjoni Vestager tixtieq taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament biex tiżviluppa l-politika tal-kompetizzjoni, bħala wieħed mill-istrumenti ewlenin tal-Unjoni Ewropea, sabiex is-suq intern komuni jsir realtà, u jistieden lill-Kummissjoni biex ma timplimentax il-politika tal-kompetizzjoni interna tal-UE b'tali mod li jiġu limitati l-istrateġiji tas-suq tal-impriżi, sabiex ikunu jistgħu jikkompetu fis-swieq dinjija ma' atturi minn barra l-UE;

4. Jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni effettiva u kredibbli m'għandhiex tkun indirizzati esklussivament lejn it-tnaqqis tal-prezzijiet għall-konsumaturi, iżda għandha wkoll tkun konxja mill-interessi strateġiċi tal-ekonomija Ewropea, bħal pereżempju: il-kapaċità ta' innovazzjoni; l-investiment; il-kompetittività u s-sostenibilità; il-kundizzjonijiet kompetittivi speċjali għall-SMEs, l-impriżi li għadhom jibdew u l-mikrointrapriżi; u l-ħtieġa li jkunu promossi standards tax-xogħol u ambjentali għoljin;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittemm id-dumping soċjali, u jenfasizza li d-deċiżjonijiet marbuta mal-politika tal-kompetizzjoni għandhom iqisu b'mod partikolari l-impatt soċjali;

6. Iqis li n-natura speċifika tal-ekonomija diġitali, li hija kkaratterizzata minn spejjeż marġinali li qed jonqsu u li qed joqorbo ż-żero u minn effetti ta' netwerk b'saħħithom, tiffavorixxi żieda fil-livell ta' konċentrazzjoni fis-swieq ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni biex tadatta l-politika tal-kompetizzjoni tagħha għall-ispeċifiċitajiet ta' dan is-settur;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkompleta s-suq intern f'dawk l-oqsma fejn għadu frammentat jew mhux komplut, u biex ittemm ir-restrizzjonijiet indebiti tas-suq u t-tgħawwiġ fil-kompetizzjoni kemm jista' jkun malajr malli jiġu identifikati; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-politika tal-kompetizzjoni fl-istess ħin isaħħaħ il-koeżjoni soċjali fl-Unjoni;

8. Jenfasizza li l-prijoritizzazzjoni tal-ħidma tal-awtorità tal-kompetizzjoni u l-preżentazzjoni fir-Rapport dwar il-Kompetizzjoni tal-2014, fil-parti l-kbira huma konsistenti mal-prijoritajiet komuni; iqis madankollu li f'ċerti oqsma individwali hemm bżonn ta' azzjoni iktar determinata, fatt li għandu jiġi indirizzat bil-qawwa min-naħa tal-Kummissjoni s-sena d-dieħla; jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni globali dwar l-infurzar tal-kompetizzjoni; jappoġġa l-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni fin-Netwerk Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni;

9. Jerġa' jitlob lill-Kummissjoni sabiex, hekk kif kienet għamlet fir-rigward tar-rapport annwali preċedenti, tevita l-iżvilupp ta' konċentrazzjoni tas-suq eċċessiva u l-abbuż tad-dominanza tas-suq b'rabta mal-ħolqien tas-suq uniku diġitali, peress li dan se jiżgura servizz ta' livell ogħla għall-konsumaturi u l-possibbiltà ta' prezzijiet aktar attraenti;

10. Iqis li hu fundamentali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni fis-suq diġitali filwaqt li jiġi miġġieled l-abbuż tal-pożizzjonijiet dominanti u l-ottimizzazzjoni fiskali, għanijiet li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw minnhom il-konsumaturi;

11. Jemmen li l-iżvilupp tal-gvern elettroniku huwa fattur importanti fl-appoġġ għat-tkabbir, inkluż fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-SMEs; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri biex jużaw l-għodod kollha disponibbli għalihom permezz tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-akkwist pubbliku biex jippromwovu t-tkabbir fl-UE, u jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-inizjattivi kollha marbuta mal-iżvilupp tal-gvern elettroniku; jenfasizza, barra minn hekk, li l-promozzjoni u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' governanza elettronika fl-Istati Membri kollha huma strumentali għall-monitoraġġ effiċjenti tal-każijiet ta' ksur u sabiex tiġi żgurata t-trasparenza kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-akkwist pubbliku f'waqtha, partikolarment fir-rigward tat-tnedija tal-akkwist elettroniku u l-amministrazzjoni elettronika, u d-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-konsiderazzjoni tal-kriterji soċjali u ambjentali u dwar it-tqassim ta' kuntratti f'lottijiet, sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni u lill-kompetizzjoni ġusta, jingħata appoġġ lill-SMEs fis-swieq tal-akkwist u tiġi żgurata l-aktar soluzzjoni ekonomikament vantaġġuża fl-użu tal-fondi pubbliċi;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika aktar l-isforzi tagħha għall-ftuħ ambizzjuż ta' swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku, bl-għan li telimina l-iżbilanċ eżistenti fir-rigward tal-livell ta' ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku bejn l-UE u sħab kummerċjali oħra, u, għal dak il-fini, tqis ir-rapport tal-Parlament dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal strument tal-akkwist internazzjonali u r-reviżjoni li ġejja tagħha;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

14. Jirrimarka li l-klijenti fis-suq uniku qed jinbiegħu prodotti li fihom ingredjenti li jvarjaw bejn konsenja u oħra minkejja li l-isem tal-prodott u l-ippakkjar ikunu l-istess; jistieden lill-Kummissjoni tiddetermina jekk, fil-kuntest tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, din il-prattika għandhiex riperkussjonijiet negattivi għall-fornituri ta' prodotti lokali u reġjonali, b'mod partikolaril-SMEs;

15. Iqis li hu essenzjali li l-Kummissjoni tkompli tippromwovi konverġenza u kooperazzjoni aħjar fost l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali fl-UE;

16. Jilqa' l-interazzjoni qawwija bejn l-infurzar tal-kompetizzjoni u l-istrateġija dwar is-suq uniku diġitali, b'mod partikolari f'azzjonijiet relatati ma' prattiki ta' mblukkar ġeografiku u ftehimiet ta' liċenzjar, bl-għan li jiġi kkompletat is-suq uniku diġitali; iqis li interazzjoni simili hija essenzjali fis-suq intern tal-enerġija biex jitneħħa x-xkiel għall-fluss transkonfinali liberu tal-enerġija u sabiex tinbena l-Unjoni tal-Enerġija;

17. Iqis li l-kompetizzjoni fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet hija essenzjali mhux biss biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-investiment fin-netwerks, iżda anke sabiex jitħeġġu l-prezzijiet aċċessibbli u l-għażla fis-servizzi għall-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tissalvagwardja l-kompetizzjoni f'dan is-settur, inkluż fl-allokazzjoni tal-ispettru;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina bir-reqqa, il-klawsoli u l-prattiki inġusti u llegali użati mis-settur bankarju fil-kuntratti mal-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tan-NEK, trawwem l-iskambji tal-prattiki tajbin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tnaqqas kwalunkwe burokrazija ġġenerata bl-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni;

19. Jemmen li l-politika tal-kompetizzjoni għandu jkollha rwol importanti biex is-swieq finanzjarji jsiru iktar siguri u trasparenti għall-konsumaturi; jilqa', barra minn hekk, il-miżuri leġiżlattivi adottati fil-qasam tal-pagamenti elettroniċi u, b'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' limiti massimi fuq il-kummissjonijiet interbankarji għat-tranżazzjonijiet ta' pagamenti bil-kards;

20. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-politika tal-kompetizzjoni tinvolvi wkoll ir-regolamentazzjoni tal-prezz tas-servizzi li fir-rigward tagħhom ikun diffiċli li jiġi stabbilit il-valur tas-suq, bħalma huma t-tariffi tal-ATMs;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina n-netwerks tal-ATMs mill-perspettiva tal-politika tal-kompetizzjoni, peress li dan jinvolvi infrastruttura ta' netwerk;

22. Jemmen li għandu jingħata iktar ħsieb fir-rigward ta' kif il-kumpaniji Ewropej iridu jiġu appoġġati peress li dawn jikkompetu fuq bażi globali ma' operazzjonijiet oħra ta' daqs simili minn partijiet differenti tad-dinja, li m'għandhomx għalfejn isegwu l-istess regoli tal-kompetizzjoni li jridu jissodisfaw l-entitajiet Ewropej f'pajjiżhom;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm koerenza bejn il-politiki kummerċjali u tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u l-objettivi tal-politika industrijali tagħha; jindika li l-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni m'għandhiex ixxekkel il-ħolqien ta' esponenti industrijali Ewropej fl-ekonomija; jappella għalhekk biex il-politiki kummerċjali u tal-kompetizzjoni jippromwovu l-iżvilupp u l-kompetittività tal-industrija Ewropea fil-livell dinji;

24. Jirrikonoxxi li l-industriji li jużaw ħafna enerġija qed jitħabtu ekonomikament u li wħud minnhom, bħall-industrija tal-azzar, jinsabu fi kriżi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrieżamina r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għall-industriji li jużaw ħafna enerġija, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u jiġu pprovduti opportunitajiet ġusti għall-industriji tal-UE, b'mod partikolari l-industriji li jużaw ħafna enerġija l-iktar vulnerabbli;

Proċeduri antitrust – każijiet ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha fir-rigward tal-investigazzjonijiet tal-każijiet ta' abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti fis-suq għad-detriment tal-konsumaturi tal-UE;

26. Jinnota li l-abbużi minn pożizzjoni dominanti huma pprojbiti u jikkostitwixxu problema serja għall-kompetizzjoni;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

27. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni qed taħdem b'suċċess fil-każijiet li jinvolvu ksur tar-regoli dwar il-kartelli u tista' turi li tat kontribut sinifikanti għar-realizzazzjoni tas-suq intern u r-regoli tal-kompetizzjoni ugwali;

28. Jenfasizza li l-prattiki antikompetittivi u l-monopolji jistgħu jikkostitwixxu ostakli għall-kummerċ, li jfixklu l-flussi tal-kummerċ u tal-investiment; jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-interess ta' kummerċ dinji ħieles u ġust, tieħu azzjoni fil-livell internazzjonali kontra l-kartelli u l-prattiki antikompetittivi, oligopolistiċi u monopolistiċi li qed jagħmlu ħsara lill-kompetizzjoni;

29. Iqis li r-regoli eżistenti dwar il-multi li għandhom jiġu imposti fuq persuni ġuridiċi għal ksur għandhom jiġu ssupplementati minn b'penali konkomitanti kontra l-persuni fiżiċi responsabbli; huwa tal-fehma li l-multi għandhom ikunu għoljin biżżejjed biex jaġixxu bħala deterrent; jenfasizza l-importanza tas-suċċess tal-politika tal-informatur, li tat lok biex il-Kummissjoni tidentifika l-kartelli;

30. Iqis li ċ-ċertezza legali hija kruċjali, u jistieden lill-Kummissjoni biex tinkorpora r-regoli dwar il-multi, bħal dawk imposti fi proċedimenti tal-kartelli, fi strument leġiżlattiv;

31. Jinnota li l-mudelli tas-suq oriġinali tal-politika tal-kompetizzjoni jistgħu jkunu inadegwati għall-ekonomija diġitali u li l-użu ta' indikaturi bbażati fuq il-prezz f'dan is-settur ekonomiku dinamiku ħafna drabi ma jagħtux l-eżitu mixtieq; jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq, abbażi ta' kriterji ġodda, valutazzjoni legali u ekonomika komprensiva tas-swieq li jinbidlu malajr, u l-mudelli kummerċjali effimeri użati mill-impriżi diġitali, sabiex ikun hemm fehim ċar tal-istruttura tas-suq u tat-tendenzi tas-suq, jittieħdu miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-konsumaturi u titqies kif xieraq l-importanza tad-data u tal-istrutturi tas-suq speċifiċi tal-ekonomija diġitali; jinnota li, għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq rilevanti, b'mod partikolari fl-ekonomija diġitali, għandhom jiġu applikati l-kriterji ta' valutazzjoni rilevanti f'termini ta' kompetizzjoni;

32. Isostni li l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali hija ċentrali għall-kompetizzjoni ġusta, u jinnota b'dispjaċir li l-kumpaniji globali m'humiex lesti li jiksbu l-liċenzji meħtieġa sabiex jużaw il-privattivi Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi protezzjoni effikaċi għall-privattivi essenzjali standard, u biex twettaq sorveljanza bir-reqqa sabiex tiżgura li l-utenti jiksbu tal-privattivi jiksbu l-liċenzji bil-mod adatt;

33. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga jekk hemmx xi tip ta' relazzjoni bejn preżenza qawwija ta' politiki u ex-ministri fil-bordijiet ta' tmexxija tal-kumpaniji tal-enerġija u l-prattiki oligopolistiċi fis-settur tal-enerġija f'xi Stati Membri;

34. Joġġezzjona d-dewmien fl-investigazzjonijiet tal-kumpanija Amerikana kbira Google, u jiddispjaċih mill-fatt li dawn diġà ilhom għaddejjin għal bosta snin mingħajr ebda trasparenza u mingħajr ma jista' jintwera ebda riżultat definittiv, u dan jirrifletti l-fatt li sal-2014 il-Kummissjoni kienet qed turi eżitazzjoni biex tindika r-rieda tagħha li telimina r-restrizzjonijiet tas-suq; jinnota li, speċjalment f'dak li jikkonċerna s-swieq dinamiċi, il-proċedimenti li jieħdu daqshekk fit-tul jistgħu effettivament jammontaw għal tindif tas-suq u joħolqu inċertezza għall-partijiet kollha;

35. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq investigazzjoni bir-reqqa dwar il-prattika tal-Ġoogle li permezz tagħha s-sistema operattiva "Android" tiġi offruta biss flimkien ma' servizzi oħra tal-Google, u li biha l-manifatturi ma jistgħux jinstallaw minn qabel prodotti konkorrenti; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex teżamina fid-dettall il-pożizzjoni dominanti fis-suq ta' Google fil-qasam tal-prenotazzjoni diretta tal-lukandi, u biex issib soluzzjoni xierqa għal din il-problema; jappoġġa l-miżuri tal-Kummissjoni mfassla biex jinħoloq livell ikbar ta' interoperabbiltà u portabbiltà madwar is-setturi diġitali kollha u, b'hekk, jiġi evitat xenarju fejn ir-rebbieħ jieħu kollox; jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni tingħata l-għodod it-tajba biex iżommu stampa aġġornata tal-iżviluppi rapidi fis-suq diġitali;

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq u tikkompleta b'attenzjoni l-investigazzjonijiet pendenti l-oħra kollha dwar il-kartelli, u biex telimina kwalunkwe restrizzjoni għas-suq; jilqa' l-fatt li l-Kummissarju l-ġdid irrifjuta li jċedi għall-pressjoni politika, u jitlob li l-proċedimenti jitħaffu b'tali mod li r-riżultati jkunu jistgħu jinkisbu fi żmien sena; jilqa', għaldaqstant, id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet mibgħuta mill-Kummissjoni lil Google dwar is-servizz ta' tqabbil għax-xiri tagħha; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli teżamina b'mod determinat it-tħassib kollu identifikat fl-investigazzjonijiet tagħha, inklużi oqsma oħra ta' tfittxija bi preġudizzju, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha tas-suq fis-suq diġitali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

37. Jinnota li skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Proċedimenti tal-Kartelli, ir-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tista' tordna miżuri interim fejn ikun hemm riskju ta' dannu serju u irreparabbli għall-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiddetermina sa fejn tali miżuri jistgħu jiġu applikati fi proċedimenti mtwala b'rabta mal-kompetizzjoni, speċjalment fis-suq diġitali;

38. Ifakkar li n-newtralità tan-netwerk (jiġifieri, il-prinċipju li skontu t-traffiku kollu tal-internet jiġi ttrattat b'mod ugwali, mingħajr diskriminazzjoni, restrizzjoni jew interferenza, b'mod indipendenti minn min jibagħtu, minn min jirċevih, mit-tip, mill-kontenut, mit-tagħmir, mis-servizz jew mill-applikazzjoni tiegħu) hija ta' importanza kbira biex jiġ żgurat li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn is-servizzi tal-internet u li l-kompetizzjoni tiġi ggarantita bis-sħiħ;

39. Jenfasizza li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza, u jilqa' l-inkjesta settorjali tal-Kummissjoni b'rabta mal-kummerċ elettroniku dwar ostakli potenzjali għall-kummerċ transkonfinali online ta' prodotti u servizzi bħal pereżempju fis-setturi tal-prodotti elettroniċi, tal-ilbies u ż-żraben u tal-kontenut diġitali;

40. Jinnota li l-każ Google qajjem diskussjoni ġenerali dwar is-saħħa ta' pjattaformi dominanti tal-internet bħalma huma eBay, Facebook, Apple, LinkedIn, Amazon, Uber, Airbnb, eċċ., dwar l-influwenza tagħhom fis-swieq u fl-isfera pubblika, u l-ħtieġa li dawn jiġu rregolati sabiex is-swieq u l-isfera pubblika jiġu protetti; jinnota li l-għan tar-regolamentazzjoni tal-pjattaformi tal-internet għandu jkun l-iżgurar ta' protezzjoni ogħla tal-utent filwaqt li jinżammu l-inċentivi għall-innovazzjoni;

41. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga d-dominanza tas-suq ta' Google fir-rigward tal-prenotazzjoni diretta tal-lukandi; jinnota li l-kumpannija qed tirsisti biex dawk li jkunu qed ifittxu lukanda jipprenotaw u jħallsu permezz ta' Google minflok ma jgħadduhom f'sit tal-ivvjaġġar jew f'sit tal-lukandi ta' parti terza; jenfasizza li dan il-pass huwa potenzjalment kontroversjali peress li jibdel lil Google f'aġenzija tal-ivvjaġġar online, jew l-ekwivalenti tagħha, li timponi tariffi fuq il-prenotazzjoni; jinnota li l-biċċa l-kbira lukandiera jippreferu l-prenotazzjonijiet diretti iktar milli permezz ta' aggregatur jew sit ta' terza parti; jenfasizza li Google tista' tuża l-pożizzjoni dominanti tagħha u, fl-istess ħin, iddgħajjef lill-kompetituri fis-swieq tal-ivvjaġġar, u b'hekk tkun ta' ħsara għall-konsumaturi;

42. Jilqa' l-emendi li għadha kif adottat il-Kummissjoni għar-Regolament (KE) Nru 773/2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE, u l-komunikazzjonijiet relatati li jirriżultaw mid-Direttiva dwar Azzjonijiet għad-Danni; iqis li hija ħassra li l-Parlament ma kienx involut fl-abbozzar tal-emendi;

43. Jinnota li l-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol ewlieni fl-ikkompletar tas-suq uniku diġitali; huwa tal-fehma li politika tal-kompetizzjoni b'saħħitha fuq swieq li jinbidlu malajr, teħtieġ għarfien tas-suq profond; jilqa', għalhekk, il-fatt li qed titwettaq inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-suq uniku diġitali;

Għajnuna mill-Istat

44. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bħala l-gwardjan tat-Trattati, tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-direttiva msemmija hawn fuq, u biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet tagħha jkunu infurzata b'mod uniformi madwar l-UE; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet fil-livelli amministrattivi reġjonali u komunali biex jippromwovu b'mod attiv il-konformità mal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE u biex jispjegaw il-bażi ġuridika tagħha; jenfasizza l-importanza li l-għajnuna mill-Istat orizzontali u dik vertikali jiġu indirizzati bl-istess mod; iqis li hemm bżonn ta' azzjoni għas-sensibilizzazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea kollha dwar il-klassifikazzjoni u l-għoti ta' għajnuna mill-Istat illegali, speċjalment meta tali deċiżjonijiet ta' għajnuna jkunu tammontaw għal miżuri antikompetittivi u protezzjonisti; huwa tal-fehma, madankollu, li r-reġjuni mbiegħda jew periferiċi u l-gżejjer għandhom jingħataw aktar spazju ta' manuvra mill-preżent fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat;

45. Iqis li l-Kummissjoni, partikolarment fil-proċedimenti dwar l-għajnuna mill-Istat, għandha teżamina l-evidenza pprovduta mill-Istati Membri b'mod aktar rigoruż, u ttejjeb s-sigurtà tal-fatti, peress li regolarment ikun hemm tentattivi biex jiġu evitati l-bażi ġuridika u r-restrizzjonijiet legali, jew biex jinstabu kompromessi xi ftit jew wisq dubjużi; iqis, barra minn hekk, li tali eżamijiet għandhom ikunu msejsa fuq ir-rikonoxximent li, f'setturi strateġiċi u vitali, bħalma huma dawk tal-enerġija, it-trasport u l-kura tas-saħħa, jeħtieġ li l-istati jiżguraw is-sigurtà totali, il-kontinwità tal-provvista u l-forniment tas-servizzi liċ-ċittadini kollha tagħhom, u li jeħtieġ li jieħdu ħsieb li ma jadottawx dispożizzjonijiet legali li jkunu ta' dannu għal Stati Membri oħra jew għall-Unjoni;

46. Itenni li l-Fondi Strutturali tal-UE ma jistgħux jintużaw b'mod li jinkoraġġixxu direttament jew indirettament ir-rilokazzjoni tas-servizzi jew il-produzzjoni lejn Stat Membru ieħor, eż. permezz ta' perjodu ta' stennija għall-intrapriżi li jirċievu dawn il-fondi; jenfasizza li l-għajnuna mill-Istat kultant tkun neċessarja sabiex jiġi żgurat l-għoti ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, inklużi l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni; jenfasizza li intervent mill-Istat spiss ikun l-aktar għodda ta' politika effettiva biex tiġi żgurata l-provvista ta' servizzi li huma essenzjali sabiex jitħarsu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali f'reġjuni iżolati, imbiegħda jew periferiċi u l-gżejjer fl-Unjoni;

47. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni fl-2014 adottat il-Linji Gwida l-ġodda dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali u l-enerġija, u implimentathom bħala r-Regolament Ġenerali għal Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER);

48. Jilqa' l-inklużjoni fil-GBER tal-għajnuna soċjali għat-trasport ta' residenti ta' reġjuni mbiegħda, fejn il-problema ta' konnettività issa hija rikonoxxuta; jenfasizza li l-konnettività tar-reġjuni gżejjer periferiċi hija wkoll essenzjali għas-sostenn u l-iżvilupp ta' livelli aċċettabbli ta' inizjattiva ekonomika u soċjali permezz taż-żamma tar-rabtiet kummerċjali vitali;

49. Jilqa' l-inkjesta attwali tal-Kummissjoni fir-rigward ta' assi u krediti ta' taxxa differita (DTA/DTCs) għall-benefiċċju tas-settur bankarju f'bosta Stati Membri; huwa tal-fehma li d-DTA/DTCs għandhom jiġu awtorizzati b'mod retroattiv skont id-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat jekk ikunu marbuta ma' kundizzjonijiet espliċiti dwar il-miri ta' finanzjament għall-ekonomija reali;

50. Ifakkar fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina jekk is-settur bankarju bbenefikax, sa mill-bidu tal-kriżi, minn sussidji impliċiti u għajnuna mill-Istat fil-forma ta' appoġġ ta' likwidità mhux konvenzjonali;

51. Jilqa' l-introduzzjoni ta' linji gwida ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għal finanzjament ta' riskju, li l-għan primarju tagħhom huwa li jagħmluha possibbli li jiġu promossi b'mod aktar effettiv l-SMEs, il-kumpaniji innovattivi b'kapitalizzazzjoni medja u l-impriżi li għadhom jibdew, li għandhom żvantaġġ sinifikanti fid-daqs;

52. Jikkritika l-fatt li l-mudelli fiskali li jgħawġu l-kompetizzjoni, b'mod partikolari, jistgħu jwasslu għal problemi konsiderevoli għan-negozji ta' daqs medju, kif ukoll għal għadd ta' Stati Membri li ma japplikawx tali mudelli fiskali;

53. Jilqa' l-fatt li, bħala parti mill-modernizzazzjoni tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni qed tieħu l-inizjattiva li toħroġ linji gwida ġodda li se jagħmluha ċara x'inhu mfisser b'għajnuna mill-Istat fl-isfera fiskali, u fl-iprezzar ta' trasferiment xieraq;

54. Jitlob studju separat mill-Kummissjoni li jivvaluta jekk id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat humiex humiex ifixklu l-konsolidazzjoni u t-tisħiħ tal-kompetittività fost il-kumpaniji Ewropej vis-à-vis il-kompetituri globali tagħhom, fir-rigward tal-mekkaniżmi tal-akkwist tal-istat, kif ukoll fil-perspettiva tal-konklużjoni reċenti tas-Shubija Trans-Paċifika (TPP);

Kontroll tal-fużjonijiet

55. Jinnota li, fil-passat, il-valutazzjonijiet tal-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet fl-ekonomija diġitali fil-biċċa l-kbira saru abbażi tal-fatturat tan-negozji inkwistjoni, u dan huwa inadegwat; jenfasizza li n-negozji b'fatturat baxx u b'telf inizjali konsiderevoli wkoll jista' jkollhom klijentela kbira, u għaldaqstant volumi kbar ta' data, u livell għoli ta' saħħa fis-suq, kif juri l-akkwist ta' Whatsapp minn Facebook, li ġie approvat mingħajr ebda kundizzjoni mill-Kummissjoni, u li ħoloq preċedent;

56. Huwa tal-fehma li f'xi setturi ekonomiċi, l-ewwel u qabel kollox dak tal-ekonomija diġitali, għandhom jiġu applikati kriterji addizzjonali, li jmorru lil hinn mill-approċċi bbażati fuq il-prezzijiet, is-sehem tas-suq, u l-fatturat, peress li l-fużjonijiet spiss ikunu jinvolvu restrizzjonijiet tas-suq;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

57. Iqis li, speċjalment fl-ekonomija diġitali, u fil-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumatur, ir-regoli ġenerali tal-kompetizzjoni għandhom jiġu aġġornati biex jibqgħu aġġornati mar-realtajiet tas-suq, u għandhom jiġu introdotti kriterji addizzjonali ġodda fil-valutazzjoni tal-fużjonijiet, bħalma huma l-prezz tax-xiri, l-ostakli possibbli għad-dħul fis-suq, l-importanza vitali tad-data u u tal-aċċess għad-data, l-ispeċifikazzjonijiet ta' pjattaforma, u l-effetti assoċjaċti tan-netwerk, kif ukoll il-kwistjoni jekk hemmx kompetizzjoni globali fis-settur inkwistjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti kunsiderazzjoni partikolari fir-rigward tal-mudell kummerċjali għan-negozji fl-ekonomija diġitali u tal-ostakli possibbli għad-dħul fis-suq, inklużi fatturi bħalma huma l-ambitu għall-bdil bejn il-pjattaformi u l-portabbiltà tad-data;

58. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibbiltà li l-bejjiegħa bl-imnut indipendenti, li skont id-dritt tal-kompetizzjoni jistgħu jaħdmu flimkien permezz tal-istabbilimenti tradizzjonali tagħhom, jipprovdu wkoll offerti konġunti tal-kummerċ elettroniku;

59. Huwa tal-fehma li l-valutazzjoni żbaljata tas-setgħa fis-suq, flimkien mad-definizzjoni attwali tas-suq, ta' sikwit qed tkun detrimentali għaln-negozji Ewropej, speċjalment fi żminijiet ta' globalizzazzjoni u f'suq diġitali dinamiku; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra aġġustament mill-ġdid fil-qafas tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet;

60. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li ħafna drabi jiġi adottat approċċ nazzjonali ta' natura stretta fir-rigward tal-kwistjoni tad-definizzjoni tas-suq, fejn ma tiġix ikkunsidrata b'mod xieraq l-internazzjonalizzazzjoni tas-swieq, kif kien il-każ, pereżempju, tar-Regolament dwar il-Fużjonijiet;

L-għajnuna finanzjarja u t-tassazzjoni

61. Jenfasizza li –kif iddikjarat għall-ħames darba fir-rapport annwali tiegħu dwar il-kompetizzjoni – l-għajnuna temporanja mill-Istat fis-settur finanzjarju kienet meħtieġa għall-istabbilizzazzjoni tas-sistema finanzjarja globali, iżda trid titnaqqas malajr, jew titneħħa kompletament u tiġi skrutinizzata, sabiex l-Unjoni Bankarja tkun tista' tiġi kkompletata; jenfasizza l-ħtieġa urġenti kontinwa li jiġu eliminati s-sussidji – fil-forma ta' garanziji impliċiti għal istituzzjonijiet finanzjarji li huma wisq kbar biex ifallu – sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fis-settur finanzjarju, u biex jiġu protetti l-kontribwenti, li fir-rigward tagħhom għandha tingħata attenzjoni sabiex ikun żgurat li dan ma jiġġenerax profitti mhux mistennija jew benefiċċji għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi; jenfasizza l-importanza ta' approċċ restrittiv fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat;

62. Jenfasizza li l-kompetizzjoni fiskali ġusta hija indispensabbli għall-integrità tas-suq intern, għall-vijabbiltà tal-finanzi pubbliċi u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-kompetizzjoni;

63. Iqis li d-differenzi sinifikanti li ġew ikkonstatati bejn l-Istati Membri fl-użu tal-għajnuna mill-Istat fis-settur finanzjarju f'dawn l-aħħar snin jistgħu jwasslu għat-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni f'dan is-settur; jistieden lill-Kummissjoni biex tiċċara r-regoli u l-proċeduri li skonthom l-għajnuna mill-Istat fis-settur finanzjarju tista' tiġi awtorizzata; huwa tal-fehma li, mhux iktar tard minn meta l-Unjoni Bankarja tiġi kkompletata, l-għajnuna mill-Istat għas-settur bankarju għandha titnaqqas, filwaqt li għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni ma toħloqx tgħawwiġ fil-kompetizzjoni għall-benefiċċju tal-banek il-kbar, u li jkun hemm kreditu suffiċjenti disponibbli għall-SMEs;

64. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tqis il-possibbiltà li torbot l-għajnuna mill-Istat lill-banek mal-kundizzjonalità fuq il-kreditu għall-SMEs;

65. Jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi pjan direzzjonali għal għajnuna mill-Istat inqas imma mmirata aħjar, bl-għan li titnaqqas l-għajnuna mill-Istat sabiex ikun hemm taxxi aktar baxxi li jistimulaw negozji ġodda u kompetizzjoni ġusta, minflok ma jiġu appoġġati l-istrutturi qodma u l-operaturi stabbiliti;

66. Jenfasizza l-fatt li meta l-għajnuna mill-Istat tintuża biex jiġu promossi s-servizzi ta' interess ġenerali, huwa l-benefiċċju għaċ-ċittadini, u mhux għall-kumpaniji individwali jew għal entitajiet pubbliċi, li huwa kruċjali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

67. Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi mill-qrib il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu proposti mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-għoti tal-liċenzji bankarji ġodda, bl-għan li jiġi żgurat il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi mingħajr ostakoli qawwija għad-dħul fis-suq; jemmen bis-sħiħ li, minħabba l-konċentrazzjoni għolja fis-settur bankarju ta' xi Stati Membri, għadd ikbar ta' entitajiet bankarji jkun tajjeb għall-konsumaturi u l-SMEs;

68. Jenfasizza l-importanza ewlenija tad-dritt tal-UE dwar is-sussidji fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa minn impriżi multinazzjonali;

69. Jilqa' l-investigazzjoni imnedija mill-Kummissjoni fl-2014 dwar l-għajnuna mill-Istat illegali, permezz ta' kompetizzjoni fiskali inġusta, għall-benefiċċju ta' ċerti kumpaniji individwali, li ġiet stiża għat-28 pajjiż tal-UE fl-2015; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex fil-futur jippreżentaw lill-Kummissjoni, fi żmien xieraq u mingħajr dewmien, l-informazzjoni kollha rilevanti dwar il-prattika fiskali tagħhom, u, fl-aħħar, biex jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jiżvelaw lill-Kummissjoni u lill-Parlament id-dettalji ta' kwalunkwe arranġament speċjali li jista' jkollu impatt fuq Stati Membri oħra u l-SMEs;

70. Jinnota li, matul il-mandati riċenti, il-Kummissjoni fetħet biss għadd limitat ħafna ta' investigazzjonijiet f'każijiet potenzjali ta' għajnuna mill-Istat b'rabta fiskali, minkejja suspetti b'bażi soda, li sadanittant saru pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni biex tuża s-sejbiet tal-investigazzjonijiet attwali bħala l-bażi għal linji gwida aktar preċiżi u effikaċi għall-għajnuna mill-Istat b'rabta fiskali, biex tuża s-setgħat kollha tagħha skont ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni sabiex tindirizza l-prattiki fiskali dannużi u tissanzjona lill-Istati Membri u l-kumpaniji li jinstab li jkunu involuti f'tali prattiki; jistieden lill-Kummissjoni biex tispeċifika, fl-istess ħin, liema huma l-miżuri fiskali li mhumiex konsistenti mal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat;

71. Iqis li, sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fost il-kumpaniji, b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014, għandhom jiġu appoġġati l-kumpaniji li jinsabu f'reġjuni li jesperjenzaw żvantaġġi permanenti jew temporanji, u għandha tingħata aktar flessibbiltà lir-reġjuni li qed jesperjenzaw problemi ekonomiċi serji, bħar-reġjuni inklużi fl-objettivi ta' Konverġenza u ta' Kompetittività, u lir-reġjuni insulari;

72. Jiddispjaċih li mill-1991 ġew investigati biss għadd limitat ħafna ta' każijiet ta' għajnuna mill-Istat marbuta ma' kompetizzjoni fiskali inġusta, u dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess wiesa' għall-informazzjoni sabiex jingħata bidu għal aktar investigazzjonijiet dwar każijiet suspettużi; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-riżorsi limitati disponibbli attwalment lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni, peress li dan jista' jillimita l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw numru ferm akbar ta' każijiet;

73. Jenfasizza li l-proċedimenti tal-għajnuna mill-Istat waħidhom ma jistgħux ittemm b'mod permanenti l-kompetizzjoni fiskali inġusta li teżisti f'għadd ta' Stati Membri; sena wara r-rivelazzjonijiet ta' "LuxLeaks" għad hemm bżonn ta' riżultati konkreti ulterjuri bħall-bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva, ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-VAT sabiex tiġi evitata l-frodi, l-obbligu għall-kumpaniji internazzjonali kbar li jirrappurtaw il-fatturat u l-profitti tagħhom skont il-kunċett ta' "pajjiż b'pajjiż" u li l-Istati Membri jintalbu jistabbilixxu aktar trasparenza fil-prattiki fiskali tagħhom kif ukoll fir-rekwiżiti ta' rappurtar reċiproku;

74. Huwa tal-fehma li l-prattiki fiskali użati attwalment minn ċerti Stati Membri qed jikkompromettu b'mod serju s-suq intern, li b'mod partikolari l-impriżi multinazzjonalijridu jikkontribwixxu b'mod ġust u xieraq għall-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri, u li tinħtieġ investigazzjoni ulterjuri fil-prattiki u d-deċiżjonijiet fiskali dannużi li jwasslu għall-erożjoni tal-bażi tat-taxxa korporattiva u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa fl-Ewropa; jilqa' l-kumitat il-ġdid TAXE;

75. Iqis li kompetizzjoni fiskali ġusta hija wieħed mill-elementi kostituttivi tas-suq intern, iżda li, minkejjal l-kompetenza primarja tal-Istati Membri, il-kompetizzjoni fiskali inġusta għandha tiġi evitata, pereżempju permezz ta' bażijiet tat-taxxa armonizzati, skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, u l-għoti ta' dritt legali espliċitu biex il-movimenti ta' kapital jiġi kkontrollat jekk dan ikun essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema fiskali fl-Unjoni; huwa tal-fehma li l-introduzzjoni ta' bażi komuni tat-taxxa korporattiva (BKTK) se tgħin biex is-sistema tkun aktar trasparenti; jemmen li l-kwistjoni tal-konsolidazzjoni tista' tiġi indirizzata aktar tard, u m'għandhiex tkun ta' ostakolu għall-introduzzjoni rapida ta' BKTK;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

76. Jenfasizza li, fi ħdan is-suq intern, dawk li jkunu għadhom kif daħlu fis-suq u l-SMEs li jkunu qed jagħmlu negozju f'pajjiż wieħed biss qed jiġu ppenalizzati fil-konfront tal-kumpaniji multinazzjonali, li jistgħu jittrasferixxu l-profitti jew jimplimentaw forom oħra ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa permezz ta' varjetà ta' deċiżjonijiet u strumenti, disponibbli għalihom biss; jinnota bi tħassib li, taħt l-istess kundizzjonijiet, l-obbligi fiskali iktar baxxi li jirriżultaw iħallu lill-kumpaniji multinazzjonali qligħ wara t-taxxa ogħla, u joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi għad-detriment tal-kompetituri tagħhom fis-suq intern, li ma għandhomx rikors għal ippjanar aggressiv tat-taxxa u li jħallsu t-taxxi fil-post jew il-postijiet fejn dawn jiġġeneraw il-profitti tagħhom; jenfasizza li l-promozzjoni ta' prattiki fiskali dannużi permezz tal-ħolqien ta' kumpaniji privati Ewropej b'responsabbiltà limitata b'membru uniku, li r-regoli ta' tmexxija tagħhom ikunu jiddikjaraw espliċitament li jista' jkollhom żewġ sedi differenti – jiġifieri, uffiċċju rreġistrat f'post wieħed u kwartieri amministrattivi band' oħra – hija l-approċċ żbaljat għall-UE;

77. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandu jkollha, ovvjament, aċċess għad-data skambjata bejn l-awtoritajiet fiskali li tkun rilevanti fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni;

78. Jikkunsidra li l-kompetizzjoni ġusta tista' tiġi mxekkla bl-ippjanar tat-taxxa; jistieden lill-Kummissjoni biex taġġusta d-definizzjoni ta' "stabbiliment permanenti" sabiex il-kumpaniji ma jkunux jistgħu jevitaw artifiċjalment li jkollhom preżenza taxxabbli fi Stati Membri li fihom ikollhom l-attività ekonomika. jenfasizza li din id-definizzjoni għandha tindirizza wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-settur diġitali, sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji involuti f'attivitajiet kompletament dematerjalizzati, jiġu kkunsidrati li għandhom stabbiliment permanenti fi Stat Membru jekk dawn iżommu preżenza diġitali sinifikanti fl-ekonomija ta' dak il-pajjiż;

79. Jenfasizza li meta l-Kummissjoni tkun qed tittratta deċiżjonijiet dwar il-kompetizzjoni, is-suq intern irid jitqies bħala suq wieħed, u mhux bħala għadd ta' swieq lokali jew nazzjonali;

80. Iqis li, fid-dawl ta' studji li jistmaw il-valur annwali tal-frodi tat-taxxa u tal-evitar tat-taxxa sa EUR triljun (1 000 000 000 000), l-Istati Membri għandhom finalment jindirizzaw u jirrestrinġu din il-prattika; huwa tal-fehma li t-tnaqqis l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa huwa fundamentali biex isir progress dwar il-konsolidazzjoni tal-baġits pubbliċi; jilqa' l-adozzjoni riċenti mill-ministri tal-finanzi tal-G20 ta' regoli ġodda mfassla mill-OECD dwar l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt, li se jtejbu t-trasparenza, jagħlqu l-lakuni u jillimitaw l-użu ta' rifuġji fiskali; hu tal-fehma li, minħabba l-livell ta' integrazzjoni tagħha, jeħtieġ li l-UE tmur oltre l-proposti ppreżentati fil-proġett tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (il-BEPS) f'termini ta' koordinament u konverġenza mmirati biex jevitaw kull forma ta' kompetizzjoni fiskali dannuża fi ħdan is-suq intern; jissottolinja, iżda, li l-approċċ tal-OECD għadu msejjes fuq regoli mhux vinkolanti u li l-azzjoni tagħha trid tkun integrata minn qafas leġiżlattiv adegwat fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tas-suq uniku, eż. fil-forma ta' direttiva kontra l-BEPS li tmur lil hinn mill-inizjattivi tal-OECD fil-qasam tal-BEPS f'setturi mhux biżżejjed koperti; jitlob valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, finanzjarju u marbut mal-kompetizzjoni tal-evitar tat-taxxa u l-frodi fiskali;

81. Huwa tal-fehma, fid-dawl tal-prattiki fiskali inġusti użati minn xi Stati Membri, li l-politika dwar is-suq intern u l-politika tal-kompetizzjoni għandhom jimxu id f'id, fi sforz biex jiżguraw li l-profitti jiġu distribwiti b'mod ġust u li t-trasferiment tal-profitt lil ċerti Stati Membri, jew saħansitra barra mill-UE, sabiex jitnaqqsu l-obbligi tat-taxxa, isir impossibbli;

82. Jenfasizza li l-iskambju komprensiv, trasparenti u effikaċi ta' informazzjoni dwar it-taxxa huwa prerekwiżit ewlieni biex jiġi evitat l-ippjanar aggressiv tat-taxxa; jenfasizza, fl-istess ħin, li s-simplifikazzjoni tal-arranġamenti ta' taxxa fil-livell tal-Istati Membri tista' tikkontribwixxi ħafna għat-trawwim tat-trasparenza u ċ-ċarezza;

83. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissarju għall-Kompetizzjoni li tirriforma l-kontroll tal-għajnuna mill-istat fl-ispirtu ta' piż ġust tat-taxxa għal kulħadd; jistenna li, qabel din ir-riorganizzazzjoni, se jkun hemm evalwazzjoni sħiħa u mingħajr kundizzjonijiet, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli d-dokumenti kollha mitluba lill-Parlament u biex ineħħu l-mentalità attwali ta' ta' ostruzzjoni, li qed twaqqaf il-progress f'dan il-qasam, u f'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li Stati Membri differenti jridu jirrispondu għal imperattivi politiċi differenti abbażi tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom, id-daqs tagħhom, il-karatteristiċi fiżiċi u l-karatteristiċi l-oħrajn tagħhom, kif ukoll l-istat ta' żvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, u l-istat tagħhom ta' żvilupp ekonomiku u soċjali, u jitlob reviżjoni tal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tat-taxxa biex jiġu koperti l-każijiet ta' kompetizzjoni inġusta li jmorru lil hinn minn deċiżjonijiet u t-trasferimenti tat-taxxa;

84. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi, fil-futur qarib, linji gwida dettaljati dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tat-taxxa u dwar l-ipprezzar ta' trasferiment; jenfasizza li l-linji gwida ta' dan it-tip f'oqsma ta' politika oħrajn urew li huma effikaċi ħafna biex jeliminaw u jevitaw l-introduzzjoni ta' ċerti prattiki fi Stati Membri li ma jikkonformawx mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat; jinnota li tali linji gwida huma effikaċi biss jekk jiġu stabbiliti disposizzjonijiet preċiżi ħafna, inkluż fil-forma ta' sollijiet kwantitattivi;

85. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet, kontra l-istat jew il-kumpanija involuta, għal każijiet serji ta' għajnuna illegali mill-Istat;

86. Jistieden lill-Kummissjoni biex temenda mingħajr dewmien ir-regoli attwali sabiex l-ammonti li jiġu irkuprati wara ksur tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tat-taxxa jingħataw lura lil dawk l-Istati Membri li sofrew minn erożjoni fil-bażi tat-taxxa tagħhom, jew lill-baġit tal-UE, u mhux lill-Istat Membru li jkun ta għajnuna illegali mill-Istat fil-qasam tat-tat-taxxa, bħalma hu l-każ bħalissa, peress li din ir-regola qed tipprovdi inċentiv addizzjonali għall-evitar tat-taxxa; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha skont ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni sabiex tindirizza l-prattiki fiskali dannużi;

87. Jitlob qafas leġiżlattiv tal-UE biex jiġi evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bl-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa; jirrakkomanda, bl-għan li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, l-introduzzjoni ta' skambju awtomatiku obbligatorju tad-deċiżjonijiet fiskali, BKKTK u garanzija li ma jitħalla l-ebda profitt joħroġ mill-UE mingħajr ma jkun intaxxat;

Il-kompetizzjoni fl-era tal-globalizzazzjoni

88. Isostni li l-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali biex ikun hemm applikazzjoni effikaċi tal-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni fl-era tal-globalizzazzjoni; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex trawwem kooperazzjoni internazzjonali eqreb fi kwistjonijiet relatati mad-dritt tal-kompetizzjoni; jenfasizza li l-ftehimiet dwar id-dritt tal-kompetizzjoni li jippermettu li l-informazzjoni tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet investigattivi tal-kompetizzjoni jistgħu jagħtu kontribut partikolarment effikaċi għall-kooperazzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet relatati mal-kompetizzjoni;

89. Huwa tal-fehma li s-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) u l-ftehimiet internazzjonali ta' kummerċ u ta' investiment l-oħra kollha għandu jkollhom taqsima b'saħħitha dwar il-kompetizzjoni;

90. Jenfasizza li s-sħab kummerċjali għandhom jibbenefikaw minn kompetizzjoni dejjem tikber fil-qasam kummerċjali, minn investimenti fis-settur privat, inklużi investimenti fil-qafas ta' sħubiji pubbliċi-privati, kif ukoll minn prosperità akbar tal-konsumaturi;

91. Jenfasizza li l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tissorvelja l-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali, biex tivvaluta fost oħrajn jekk ir-regoli tal-kompetizzjoni humiex jiġu rispettati u jekk is-sħab kummerċjali humiex jissodisfaw u jirrispettaw kompletament l-obbligi li impenjaw ruħhom għalihom;

92. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-politika kummerċjali bħala mezz biex taħdem lejn it-twaqqif ta' regoli għal politika kompetittiva fuq livell globali sabiex jiġu eliminati d-diversi ostakli persistenti għall-kummerċ; iqis li l-għan fit-tul ta' ftehim multilaterali b'rabta mar-regoli dwar il-kompetizzjoni, konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, jikkostitwixxi l-aqwa soluzzjoni;

93. Jappoġġa l-inizjattivi tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u l-OECD, kif ukoll l-isforzi tagħhom biex itejbu l-kooperazzjoni dinjija fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni;

94. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri biex jipparteċipaw b'mod attiv fin-Netwerk Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni;

95. Jappella għal miżuei biex jiġi żgurat li l-prodotti kollha importati minn pajjiżi terzi jkunu konformi mal-istandards ambjentali, tas-saħħa u soċjali applikati mill-Unjoni u mħarsa fis-suq dinji, sabiex b'hekk il-produtturi industrijali Ewropej jiġu protetti mill-kompetizzjoni żleali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

96. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-kompetizzjoni ġusta; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar il-koperazzjoni, b'mod partikulari mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-ekonomiji emerġenti, u biex tiżgura li jiġu stabbiliti salvagwardji adatti;

97. Jinnota li l-aċċess ugwali għar-riżorsi, inklużi s-sorsi tal-enerġija, huwa ta' importanza vitali biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq dinji; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-enerġija affordabbli u sostenibbli, u tas-sigurtà tal-provvista fil-ftehimiet kummerċjali;

Il-kompetizzjoni fis-setturi varji

98. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika s-sejbiet tal-investigazzjonijiet attwali fil-prattiki kompetittivi fil-provvista tal-ikel, l-enerġija, it-trasport u s-setturi tal-midja;

99. Jilqa' l-linji gwida l-ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat għall-kumpaniji tal-ajru u l-ajruporti fl-UE, li huma parti mill-pakkett Pakkett tal-Modernizzazzjoni tal-Ghajnuna mill-Istat tal-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi b'urġenza, fil-ftehimiet internazzjonali, sett simili ta' regoli għal-linji tal-ajru ssussidjati li joperaw minn pajjiżi terzi lejn u mill-UE, sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta bejn it-trasportaturi tal-UE u dawk ta' pajjiżi terzi;

100. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajba permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni bil-ħsieb li jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem fir-rigward tal-alleanzi bejn id-distributuri, li ħafna każijiet minnhom diġà qed jiġu investigati mill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri; jitlob li dawn id-diskussjonijiet jikkunsidraw l-interazzjonijiet bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew;

101. Iħeġġeġ lin-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni biex jiddiskuti n-netwerk ta' alleanzi ta' xiri bl-imnut li qed jikber fil-livell nazzjonali u tal-UE;

102. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa b'mod progressiv qafas tal-UE dwar il-kompetizzjoni biex fil-monitoraġġ tal-katina tal-provvista tal-ikel fl-Ewropa l-indikaturi tas-sistemi ta' Valutazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Ikel u l-Agrikoltura (SAFA) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), inklużi l-indikaturi taħt l-intestaturi ta' Ipprezzar Ġust u Kuntratti Trasparenti (S.2.1.1) u D-Dritt tal-Fornituri (S2.2.1);

103. Jitlob l-istabbiliment ta' osservatorju Ewropew tal-prezzijiet agrikoli u tal-ikel fl-oriġini u fid-destinazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-indiċi Spanjol tal-prezzijiet tal-oriġini u tad-destinazzjoni IPOD bħala mudell possibbli għall-monitoraġġ tal-abbużi potenzjali minn bejjiegħa bl-imnut tal-bdiewa u l-konsumaturi;

104. Jitlob azzjoni vinkolanti fil-katina ta' provvista tal-ikel kontra l-bejjiegħa bl-imnut li jagħmlu ħsara lill-bdiewa u lill-konsumaturi;

105. Jinsab partikolarment imħasseb dwar is-sitwazzjoni fis-settur tal-ħalib, fejn il-bejjiegħa bl-imnut ilhom jimponu prezzijiet ferm inqas mill-kostijiet wara li ntemmet is-sistema tal-kwoti;

It-tisħiħ demokratiku tal-politika tal-kompetizzjoni

106. Jilqa' d-djalogu regolari bejn il-Kummissarju għall-Kompetizzjoni u l-Parlament, iżda huwa tal-fehma li d-dritt ta' konsultazzjoni dwar kwistjonijiet fundamentali ta' prinċipju mhuwiex biżżejjed;

107. Jinnota li fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Parlament huwa biss involut fil-proċess leġiżlattiv permezz tal-proċedura ta' konsultazzjoni, b'tali mod li huwa jista' jkollu ħafna inqas influwenza fuq il-leġiżlazzjoni meta mqabbel mal-Kummissjoni u l-Kunsill;

108. Jilqa' d-djalogu fuq bażi regolari li jkollha l-Kummissjoni mal-Parlament dwar kwistjonijiet b'rabta mal-kompetizzjoni; jitlob għal darb' oħra li d-direttivi u l-linji gwida leġiżlattivi bażiċi jiġu adottati fi ħdan il-proċedura ta' kodeċiżjoni; iqis li d-djalogu attwali bejn il-Parlament u l-awtorità tal-kompetizzjoni tal-UE għandu jkomplu jiġi intensifikat, b'mod partikolari, bl-għan li ssir valutazzjoni u tittieħed azzjoni fir-rigward tat-talbiet magħmula mill-Parlament fis-snin preċedenti; jemmen li l-indipendenza tad-DĠ Kompetizzjoni hija tal-akbar importanza biex ikun jista' jikseb b'suċċess l-għanijiet tiegħu. jistieden lill-Kummissjoni biex talloka mil-ġdid riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti lil DĠ Kompetizzjoni; jitlob b'mod partikolari s-separazzjoni stretta bejn id-dipartimenti li jfasslu l-linji gwida u dawk li huma responsabbli biex japplikaw dawk il-linji gwida f'każijiet speċifiċi;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

109. Iqis li għandu jkollu setgħat ta' kodeċiżjoni fil-politika tal-kompetizzjoni; jiddispjaċih li l-Artikoli 103 u 109 TFUE jipprovdu biss għal konsultazzjoni tal-Parlament; jemmen li dan id-deficit demokratiku ma jistax jiġi ttollerat; jipproponi li dan id-deficit jiġi ssuperat kemm jista' jkun malajr, permezz ta' arranġamenti interistituzzjonali fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, u jiġi korrett fit-tibdil li jmiss tat-Trattat;

110. Jitlob li jingħata setgħat ta' kodeċiżjoni fil-politika tal-kompetizzjoni, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam ma' prinċipji fundamentali u linji gwida vinkolanti, u jiddispjaċih li fl-aħħar emendi tat-Trattat dan il-qasam ta' politika tal-Unjoni ma ġiex imsaħħaħ fid-dimensjoni demokratika tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għal emenda korrispondenti fit-Trattati sabiex l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja jiġi estiż sabiex ikopri wkoll id-dritt tal-kompetizzjoni;

111. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvolvi iżjed lill-Parlament fl-investigazzjonijiet settorjali speċifiċi, filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' ċerta informazzjoni ppreżentata mill-partijiet ikkonċernati; jitlob li r-regolamenti tal-Kunsill fil-futur ikunu bbażati fuq l-Artikolu 114 TFUE, li jittratta l-funzjonament tas-suq intern, sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni, jekk l-emenda mixtieqa tat-Trattat mhijiex mistennija dalwaqt; jenfasizza li l-ħidma fuq id-Direttiva dwar il-Pretensjonijiet għad-Danni tista' tipprovdi mudell għall-kooperazzjoni interistituzzjonali futura fi kwistjonijiet relatati mal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kummissarju għall-Kompetizzjoni biex tkompli d-djalogu li nbeda mal-kumitati rilevanti tal-Parlament u mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetizzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament;

112. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni xorta għandha tagħmel u tippubblika fil-pront valutazzjoni orjentata lejn ir-riżultati u speċifika tal-proposti differenti tal-Parlament għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika tal-kompetizzjoni;

113. Jenfasizza li fil-ħidma futura tiegħu, id-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni għandu jieħu kont xieraq tal-pożizzjonijiet adottati mill-Parlament fir-rapporti preċedenti dwar il-politika tal-kompetizzjoni;

114. Iqis li għandhom jinżammu l-forom kollha ta' djalogu li s'issa ġew ippruvati u ttestjati;

o

o o

115. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0005

Ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE (2015/2139(INI))

(2018/C 011/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 21 u 27(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 167 tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 17 tiegħu, skont liema artikolu l-Unjoni tirrispetta l-istatus li jgawdu minnu taħt id-dritt nazzjonali l-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet reliġjużi kif ukoll l-organizzazzjonijet filosofiċi u mhux konfessjonali u tirrikonoxxi l-identità u l-kontribut speċifiku tagħhom u żżomm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari magħhom,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 10, 11 u 22 u l-Preambolu tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 tagħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Diċembru 2010 bit-titolu "Il-Kultura u l-Iżvilupp",

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti (2000), u b'mod partikolari l-artikoli dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW, 1979),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali (Konvenzjoni UNESCO),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948), b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha, u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha tal-Intolleranza u d-Diskriminazzjoni abbażi tar-Reliġjon jew it-Twemmin,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 67/179 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-20 ta' Diċembru 2012 u r-riżoluzzjoni 22/20 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-22 ta' Marzu 2013,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar l-abbozz ta' linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin ([1]) u l-linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin, adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fl-24 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1983/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008) ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha ([3]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0279.
([2]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 44.
([3]) ĠU C 320, 16.12.2008, p. 10.

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (11855/2012), adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-25 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kunsill tal-Ewropa tas-7 ta' Mejju 2008 dwar id-Djalogu Interkulturali bit-titolu: "Living Together As Equals in Dignity" (Ngħixu Flimkien b'Dinjità Ugwali),

— wara li kkunsidra l-aġenda Ewropea għall-kultura f'dinja li qed tiġi globalizzata (COM(2007)0242), li għandha l-għan li tippromwovi l-għarfien tad-diversità kulturali u l-valuri tal-UE, id-djalogu mas-soċjetà ċivili u l-iskambji tal-aħjar prattiki,

— wara li kkunsidra r-riżultati u l-azzjonijiet ta' segwitu tal-Azzjoni Preparatorja għall-Kultura fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE, 2014,

— wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali anness mal-mudell tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, adottati fil-laqgħa informali tal-ministri għall-edukazzjoni tal-UE fis-17 ta' Marzu 2015 f'Pariġi (8496/15),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet konġunti finali tat-Triju ta' Presidenzi tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażagħ tal-2015 fil-Lussemburgu, li ħadu inkonsiderazzjoni l-konsultazzjoni tad-Djalogu Strutturat li għandha l-għan li ssaħħaħ l-awtonomija taż-żgħażagħ għall-parteċipazzjoni politika tagħhom fil-ħajja demokratika tal-Ewropa u li stiednu lill-Parlament biex jippromwovi edukazzjoni bbażata fuq il-valuri u edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza attiva,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0373/2015),

A. billi l-UE tirrappreżenta rikkezza immensa ta' diversità kulturali, soċjali, lingwistika u reliġjuża; billi, f'dan il-kuntest, il-valuri konġunti li jgħaqqdu flimkien is-soċjetajiet tagħna, bħal-libertà, il-ġustizzja soċjali, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, it-tolleranza u s-solidarjetà, huma kruċjali għall-futur tal-Ewropa;

B. billi d-djalogu interkulturali mhuwiex kunċett legali, u għaldaqstant mhuwiex regolat mid-dritt nazzjonali, tal-UE jew internazzjonali, iżda huwa msejjes fuq oqfsa internazzjonali li għandhom l-għan li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u d-diversità kulturali;

C. billi d-djalogu interkulturali ġie definit b'mod tentattiv fi studji u konklużjonijiet differenti matul is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali tal-2008, bħala proċess li jinkludi skambju jew interazzjoni, li huma miftuħa u bbażati fuq ir-rispett, bejn individwi, gruppi u organizzazzjonijiet bi sfondi kulturali jew opinjonijiet dwar id-dinja differenti; billi fost l-għanijiet tiegħu hemm: li jiġi żviluppat fehim aktar profond ta' perspettivi u prattiki differenti; li tiżdied il-parteċipazzjoni u l-libertà u l-kapaċità li jsiru l-għażliet; li titrawwem l-ugwaljanza; u li jitjiebu l-proċessi kreattivi;

D. billi huwa importanti li jingħataw il-mezzi neċessarji, b'mod speċjali dawk finanzjarji, biex jiġi pprijoritizzat il-finanzjament ta' programmi li huma mfassla biex irawmu d-djalogu interkulturali u d-djalogu bejn iċ-ċittadini bil-għan li jissaħħaħ ir-rispett reċiproku fil-kuntest ta' diversità kulturali qawwija u jiġu indirizzati r-realtajiet kumplessi tas-soċjetajiet tagħna u l-koeżistenza ta' identitajiet kulturali u twemmin differenti, kif ukoll biex jiġi enfasizzat l-kontribut tal-kulturi differenti lis-soċjetajiet u lill-wirt Ewropej, u biex il-kunflitti jiġu ġġestiti b'mod effikaċi;

([1]) ĠU L 127, 14.5.2011, p. 1418.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

E. billi l-kisba ta' dan l-objettiv mhijiex biss kompitu tal-awtoritajiet pubbliċi u ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, iżda hija responsabbiltà kondiviża tas-soċjetà kollha, inkluża firxa wiesgħa ta' partijiet interessati bħall-familja, il-midja, l-edukaturi, in-negozji, u l-mexxejja tal-komunitajiet u tal-fidi; billi, minbarra l-atturi politiċi, huwa importanti li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-partijiet interessati l-oħrajn kollha involuti fid-djalogu interkulturali;

F. billi artikoli speċifiċi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huma ta' importanza partikolari għad-djalogu interkulturali billi jippromwovu l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika, il-libertà tal-espressjoni u tal-moviment, u d-drittijiet taċ-ċittadini għall-parteċipazzjoni ekonomika u politika;

G. billi djalogu interkulturali ta' sinifikat jeħtieġ li wieħed ikollu għarfien sod tal-kultura tiegħu u ta' ħaddieħor;

H. billi, fid-dawl tas-Sena Ewropea tal-Iżvilupp 2015, ir-rieżami tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju tan-NU u r-riżultati tas-Summit tan-NU tal-2015 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, ir-rwol tal-kultura huwa strumentali fil-kisba tal-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar fid-dinja; jappella wkoll għal integrazzjoni aktar espliċita tal-kultura fl-aġenda tan-NU dwar għall-iżvilupp sostenibbli għal wara l-2015;

I. billi l-Ewropa u d-dinja qed jiffaċċjaw bosta sfidi marbuta mal-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni, il-kunflitti reliġjużi u interkulturali u l-qawmien tar-radikaliżmu;

J. billi, fil-kuntest tad-djalogu interkulturali, l-applikazzjoni kemm tad-drittijiet universali tal-bniedem (bħala drittijiet tal-individwu) u kemm tad-drittijiet kulturali (l-għarfien tal-identitajiet kulturali speċifiċi u multipli) hija essenzjali;

K. billi l-iżvilupp tal-mobilità ta' tagħlim għall-istudenti u għall-għalliema u kwalunkwe forma oħra ta' skambju internazzjonali jista' jwassal għal dinja aħjar, fejn il-persuni jkunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu u jgawdu djalogu interkulturali miftuħ;

1. Isostni li l-approċċ tal-Unjoni Ewropea għandu jieħu kont tal-ħidma eċċellenti li bdiet matul is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali 2008 u jkompli fuqha, isaħħaħ l-iskambju ta' prattiki tajba u jippromwovi djalogu strutturat ġdid mal-partijiet interessati kollha fi kwistjonijiet interkulturali u interkonfessjonali fid-dawl tal-avvenimenti reċenti u drammatiċi kollha: il-politiċi Ewropej u nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-knejjes, l-assoċjazzjonijiet u l-komunitajiet reliġjużi u l-organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali, l-organizzazzjonijiet u l-pjattaformi tas-soċjetà ċivili, il-ħaddiema fis-settur tal-isport, il-kultura u l-edukazzjoni, il-kunsilli nazzjonali u Ewropej taż-żgħażagħ, l-akkademiċi u l-midja;

2. Iħeġġeġ lill-partijiet interessati kollha jistabbilixxu definizzjoni aġġornata, ċara, u relatata mal-politika tad-djalogu interkulturali, biex jimplimentaw jew jarmonizzaw il-metodi, il-kriterji u l-indikaturi ta' kwalità bl-għan li jiġi vvalutat l-impatt tal-programmi u l-proġetti dwar id-djalogu interkulturali, u jirriċerkaw il-metodoloġiji tar-riċerka għall-paraguni interkulturali;

3. Jirrakkomanda li jitħeġġeġ it-trawwim ta' approċċ interkulturali, interkonfessjonali u bbażat fuq il-valuri fil-qasam edukattiv sabiex jiġu indirizzati u promossi r-rispett reċiproku, l-integrità, il-prinċipji etiċi, id-diversità kulturali, l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali, inkluż permezz ta' programmi ta' skambju u mobilità għal kulħadd;

4. Jirrakkomanda li tiġi indirizzata wkoll id-diversità kulturali fl-industriji awdjoviżivi u kulturali; iħeġġeġ lil dawn l-industriji jsibu modi kreattivi biex jagħmlu pressjoni favur l-ilħiq ta' ftehim fuq pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

5. Jappella biex id-djalogu interkonfessjonali jitqies bħala komponent tad-djalogu interkulturali, prerekwiżit għal paċi, u għodda essenzjali għall-ġestjoni tal-kunflitt, b'enfasi fuq id-dinjità tal-individwu u fuq il-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, b'referenza partikolari għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon u d-dritt għall-ħarsien tal-minoranzi reliġjużi;

6. Jenfasizza li djalogu interkulturali u interkonfessjonali ġenwin jinkoraġġixxi interazzjonijiet pożittivi u kooperattivi, jippromwovi l-fehim u r-rispett bejn il-kulturi, iżid id-diversità u r-rispett għad-demokrazija, il-libertà u d-drittijiet tal-bniedem kif ukoll it-tolleranza għall-valuri universali u dawk speċifiċi għal ċerti kulturi;

7. Jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni u l-edukazzjoni f'waqthom tal-komunitajiet issegregati;

8. Jirrakkomanda li l-UE, bħala attur globali favur il-paċi, tinkludi l-kultura u l-iskambji kulturali u t-tisħiħ tal-edukazzjoni fir-relazzjonijiet esterni tal-UE u fil-politika tal-iżvilupp tagħha, bħala strumenti għat-tisħiħ ta' valuri bażiċi komuni bħall-valuri tar-rispett u l-fehim reċiproku, filwaqt li toffri għodod effikaċi għal approċċ sinifikanti u sostenibbli għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, għall-istabbiliment tal-paċi u għall-prevenzjoni tal-kriżijiet;

9. Iqis li, skont l-Artikolu 167(4) tat-TFUE, id-djalogu u d-diversità kulturali għandhom ikunu integrati b'mod trasversali fl-oqsma tal-politika kollha tal-UE li għandhom impatt fuq il-valuri u d-drittijiet fundamentali kondiviżi tal-UE, bħall-politika dwar iż-żgħażagħ, il-politika dwar l-edukazzjoni, il-mobilità, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, il-politiki esterni, id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-kummerċ u l-iżvilupp reġjonali;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ġenerazzjonijiet futuri jiġu mħarrġa u mħejjija biex isolvu l-problemi b'mod awdaċi u jindirizzaw b'mod effikaċi u innovattiv l-isfidi li ċ-ċittadini Ewropej se jħabbtu wiċċhom magħhom fil-futur billi jingħataw aċċess għal edukazzjoni ġenwina dwar iċ-ċittadinanza u billi jiġi żgurat li jkollhom il-motivazzjoni u l-impenn biex jiksbu l-kompetenzi u l-ħiliet bħall-intraprenditorija, it-tmexxija u l-bini ta' kapaċità;

11. Jirrikonoxxi li d-djalogu interkulturali huwa għodda għall-parteċipazzjoni demokratika inklużiva u l-awtonomizzazzjoni taċ-ċittadini, b'mod partikolari f'rabta mal-ġid komuni u l-ispazji pubbliċi; isostni li, bħala tali, id-djalogu interkulturali jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tad-demokrazija u l-iżvilupp ta' inklużività u sens ta' appartenenza akbar u aktar profondi;

12. Jemmen li ż-żieda tal-investiment pubbliku f'edukazzjoni formali, mhux formali u informali li tkun inklużiva, ta' kwalità u aċċessibbli hija l-ewwel pass biex jingħataw aċċess ugwali u opportunitajiet indaqs għal kulħadd; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi żgurata d-diversità kulturali u soċjali fil-klassijiet u f'ambjenti ta' tagħlim, inkluż fost l-edukaturi, biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u biex titrawwem l-edukazzjoni ta' tfal żvantaġġati bl-għan li tiġi promossa l-ekwità u titrawwem il-koeżjoni soċjali fost il-ġenerazzjonijiet futuri;

13. Jenfasizza li l-edukazzjoni formali, mhux formali u informali u l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja mhux biss jipprovdu għarfien, ħiliet u kompetenzi, iżda għandhom ukoll jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw valuri etiċi u ċiviċi u jsiru membri tas-soċjetà, attivi, responsabbli u b'moħħ miftuħ; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-edukazzjoni ċivika tibda sa minn età bikrija u jirrikonoxxi l-importanza ta' kooperazzjoni fost il-partijiet interessati kollha fil-qasam tal-edukazzjoni; jirrakkomanda li jiġi żviluppat is-sens ta' inizjattiva u involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ sabiex jissaħħu r-rabtiet soċjali kif ukoll jiġi ġġenerat sens ta' appartenenza u jiġu żviluppati kodiċijiet ta' etika sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni;

14. Jenfasizza r-rwol importanti tat-tagħlim mhux formali u informali u jirrikonoxxi l-benefiċċju tal-bini ta' sinerġiji u sħubijiet bejn il-livelli u l-forom kollha tat-tagħlim, inkluż bejn il-ġenerazzjonijiet; jenfasizza wkoll l-importanza tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-isports u ta' volontarjat għall-istimolu tal-iżvilupp tal-kompetenzi ċiviċi, soċjali u interkulturali, u għall-għoti ta' kontribut għall-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, u taċ-ċittadini b'mod aktar ġenerali, partikolarment it-tfal, permezz tat-tagħlim tal-ispirtu ta' ħidma f'tim u r-rispett għad-diversità, biex b'hekk jiġu miġġielda fenomeni soċjali bħall-vjolenza, ir-radikaliżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija u jinbnew mill-ġdid il-pedamenti għal djalogu kostruttiv u paċifiku fost il-komunitajiet; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-rwol kruċjali tal-programmi tal-UE fl-oqsma tal-kultura, tal-midja, tal-edukazzjoni, taż-żgħażagħ u tal-isport bħala għodod biex jiġu indirizzati l-intolleranza u l-preġudizzji u jitrawwem sens ta' appartenenza komuni u rispett għad-diversità kulturali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

15. Jenfasizza l-importanza tal-bini ta' rabtiet b'saħħithom bejn il-kultura u l-edukazzjoni sabiex jiġu żviluppati ħiliet u kompetenzi trasferibbli, jiżdiedu l-impjiegi ta' livell għoli u sikuri f'konformità mal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO u jinkiseb livell ogħla ta' inklużjoni soċjali u ta' ċittadinanza attiva; iqis li dawn huma fost l-għanijiet ewlenin fl-implimentazzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE kif minquxin fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; ifakkar fil-valuri ta' CONNECT, l-uniku programm tal-UE li jippromwovi proġetti kulturali u edukattivi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra linja ġdida ta' azzjoni pilota sabiex teżamina l-fattibbiltà preżenti ta' din l-iskema;

16. Jappoġġa l-mobilità taż-żgħażagħ u l-għalliema kif ukoll il-forom kollha ta' kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-universitajiet, pereżempju l-pjattaformi edukattivi komuni, il-programmi konġunti ta' studju u l-proġetti konġunti, bħala mezz kif jitrawmu l-fehim u l-apprezzament tad-diversità kulturali u biex iż-żgħażagħ jingħataw kompetenzi u ħiliet soċjali, ċiviċi u interkulturali; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-esponiment tat-tfal għal kulturi oħra minn età bikrija ħafna tgħinhom jiksbu l-ħiliet għall-ħajja u l-kompetenzi bażiċi meħtieġa għall-iżvilupp personali tagħhom, l-impjegabbiltà futura tagħhom u ċ-ċittadinanza attiva tal-UE; jenfasizza li l-inklużjoni ta' żjarat skolastiċi edukattivi mmirati fl-Istati Membri differenti u l-mobilità transnazzjonali tat-tfal iż-żgħar huma wkoll għodda għall-istabbiliment tal-pedamenti tal-kulturi, l-arti, il-lingwi u l-valuri Ewropej; iħeġġeġ il-mobilità speċjalment għall-għalliema mil-livell tal-iskola primarja u dik sekondarja bl-għan li jaqsmu l-esperjenzi u jiżviluppaw l-għodod tagħhom stess biex jiffaċċjaw u jwieġbu l-isfidi soċjetali li qegħdin jevolvu; jenfasizza r-rwol u l-importanza tal-programm Erasmus+ li jrawwem kuxjenza Ewropea fost iż-żgħażagħ u joħloq sens ta' appartenenza komuni u kultura ta' djalogu interkulturali billi jiffaċilitalhom il-mobilità, kif ukoll iżidilhom l-impjegabbiltà tagħhom; iħeġġeġ b'mod partikolari miżuri ulterjuri biex jiġu ffaċilitati l-aċċess u l-integrazzjoni tal-gruppi żvantaġġati u persuni bi bżonnijiet speċjali fir-rigward tal-azzjonijiet ta' mobilità tal-Erasmus+;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' taħriġ ta' kwalità, li jippromwovu d-diversità u jawtonomizzaw lill-edukaturi, liż-żgħażagħ u lill-ħaddiema tal-komunitajiet, kif ukoll is-servizzi tal-konsulenza fl-iskejjel u f'ambiti mhux formali u informali, kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri tagħhom, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet edukattivi u ta' taħriġ tat-tfal minn sfondi kulturali u soċjali differeni u biex jiġu indirizzati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u razziżmu, inklużi l-bullying u s-cyberbullying; jinnota li r-riżorsi edukattivi għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid biex jitrawwem tagħlim b'perspettivi u lingwi differenti, u li l-esperjenzi u ħiliet multilingwali u interkulturali tal-għalliema għandhom jiġu vvalorizzati u promossi b'mod sistematiku f'dan il-kuntest;

18. Jissottolinja l-importanza tal-investiment fi programmi ta' tagħlim tul il-ħajja għall-għalliema, sabiex dawn jingħataw il-kompetenzi pedagoġiċi meħtieġa dwar suġġetti bħall-migrazzjoni, l-akkulturazzjoni u l-psikoloġija soċjali, kif ukoll biex ikunu jistgħu jużaw id-diversità bħala sors rikk għat-tagħlim fil-klassijiet;

19. Jinnota r-rwol essenzjali tal-għalliema fit-tisħiħ – f'kooperazzjoni mal-familji – tar-rabtiet soċjali, fil-ħolqien ta' sens ta' appartenenza u fl-appoġġ liż-żgħażagħ biex dawn jiżviluppaw valuri etiċi u ċiviċi;

20. Itenni l-ħtieġa li jinħolqu ambjenti ta' tagħlim ibbażati fuq id-drittijiet u li huma sensittivi għall-ġeneru sabiex l-istudenti jitgħallmu u jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa u t-tfal, il-valuri fundamentali u l-parteċipazzjoni ċivika, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet taċ-ċittadini, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, isiru kunfidenti fir-rigward tal-identità tagħhom, ikunu ċerti li leħinhom jinstema' u jħossuhom apprezzati mill-komunitajiet tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-kuntesti edukattivi jsaħħu l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti fil-governanza tal-istrutturi tat-tagħlim tagħhom;

21. Jenfasizza r-rwol tat-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-internet bħala għodod għall-promozzjoni tad-djalogu interkulturali; jippromwovi l-użu tal-midja soċjali sabiex jissaħħaħ l-għarfien tal-valuri u l-prinċipji fundamentali komuni tal-Unjoni Ewropea fost iċ-ċittadini, u jissottolinja l-importanza tal-litteriżmu medjatiku fil-livelli kollha tal-edukazzjoni bħala għodda għall-promozzjoni tad-djalogu interkulturali fost iż-żgħażagħ; iħeġġeġ ukoll lis-SEAE u lill-kapijiet kollha tar-rappreżentanzi tal-UE biex jagħmlu l-aħjar użu tal-għodod diġitali ġodda fil-ħidma tagħhom;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

22. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jingħata appoġġ sostenibbli u strutturali lill-NGOs, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ sabiex dawn jiġġieldu kontra l-estremiżmu permezz tal-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva u l-awtonomizzazzjoni u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, b'mod partikoli f'inizjattivi lokali fuq skala żgħira u fil-livell ta' bażi;

23. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni li l-NGOs, in-netwerks u l-pjattaformi kulturali, kif ukoll l-istituzzjonijiet imsemmija hawn fuq, jiżvolġu u għandhom ikomplu jiżvolġu fejn l-istrutturi, il-politiki jew il-programmi ta' djalogu interkulturali formali huma inqas żviluppati; iħeġġeġ aktar djalogu bejn l-UE u l-ibliet il-kbar, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, bl-għan li jiġu analizzati b'mod aktar effikaċi (i) il-konnessjoni bejn il-mudelli urbani, fejn jgħixu ċ-ċittadini, u s-suċċess jew il-falliment tas-sistemi skolastiċi, (ii) il-benefiċċju tal-edukazzjoni formali u informali għat-tfal u l-familji kollha, u (iii) il-koordinament tal-istrutturi edukattivi biex jiġi promoss djalogu interkulturali effiċjenti;

24. Jappella biex tingħata attenzjoni mill-ġdid għall-promozzjoni ta' soċjetà interkulturali u bbażata fuq is-solidarjetà, b'mod speċjali fost iż-żgħażagħ, permezz tal-implimentazzjoni tal-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", permezz ta' finanzjament xieraq li jippermettilu jilħaq l-objettivi tiegħu li tinbena soċjetà aktar koerenti u inklużiva u titrawwem ċittadinanza attiva li tkun miftuħa għad-dinja, li tirrispetta d-diversità kulturali u li tkun ibbażata fuq il-valuri komuni tal-UE;

25. Iħeġġeġ attivitajiet artistiċi u sportivi inklużivi, edukattivi u ta' taħriġ, għall-etajiet kollha, kif ukoll il-volontarjat, sabiex jissaħħu l-proċessi ta' soċjalizzazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' minoranzi, gruppi żvantaġġati, komunitajiet marġinalizzati, migranti u rifuġjati, fil-ħajja kulturali u soċjali inkluż fit-tmexxija u t-teħid ta' deċiżjonijiet;

26. Jirrikonoxxi l-importanza kemm tat-tagħlim formali, mhux formali u informali, kif ukoll tal-volontarjat, għall-promozzjoni tal-iżvilupp personali b'enfasi fuq il-ħiliet u l-kompetenzi konjittivi u mhux konjittivi, il-ħsieb kritiku, il-ħila li wieħed jittratta opinjonijiet differenti, il-litteriżmu medjatiku, il-ħiliet u l-kompetenzi interkulturali u antidiskriminatorji u t-tagħlim tal-lingwi, kif ukoll il-kompetenzi soċjali u ċiviċi li jinkludu t-tagħlim dwar il-wirt kulturali bħala għodda biex jiġu indirizzati l-isfidi kontemporanji permezz ta' interpretazzjoni sensittiva;

27. Jafferma l-ħtieġa li, fit-trattament tal-kwistjoni tad-djalogu interkulturali u l-edukazzjoni, tinżamm perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi u jittieħed kont tal-ħtiġijiet tal-persuni li jbatu minn forom multipli ta' diskriminazzjoni, inklużi l-persuni b'diżabbiltajiet, persuni li jidentifikaw ruħhom bħala LGBTI u persuni li jkunu ġejjin minn komunitajiet marġinalizzati;

28. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jwessgħu l-analiżi tagħhom tal-forom kollha tar-radikalizzazzjoni u jniedu riflessjonijiet ġodda dwar in-natura u l-proċessi tal-estremiżmu politiku u l-vjolenza politika, billi jibdew mill-premessa li r-radikalizzazzjoni hija proċess dinamiku u relazzjonali u konsegwenza imprevista u imprevedibbli ta' serje ta' trasformazzjonijiet; jilqa' għalhekk b'sodisfazzjon id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tas-17 ta' Marzu 2015 dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni bħala sforz li jrawwem id-djalogu attiv bejn il-kulturi, kif ukoll bħala solidarjetà globali u rispett reċiproku, billi tingħata attenzjoni għall-importanza tal-edukazzjoni ċivika, inkluża s-sensibilizzazzjoni tar-rwol uniku tal-għodod kulturali għat-trawwim tar-rispett reċiproku fost l-istudenti;

29. Ifakkar fil-leġittimità u r-responsabbiltà tal-gvernijiet u l-istituzzjonijiet Ewropej, bl-appoġġ ta' servizzi ta' intelligence u aġenziji tal-infurzar tal-liġi, biex jindirizzaw attivitajiet kriminali; jinnota madankollu li, f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-miżuri punittivi jridu dejjem jirrispettaw id-drittijiet fundamentali bħad-dritt għall-protezzjoni tad-data, il-libertà tal-espressjoni, il-preżunzjoni tal-innoċenza u r-rimedju effettiv;

30. Jemmen li l-UE, hija u tippromwovi l-valuri fundamentali, id-djalogu interkulturali u d-diversità kulturali fil-livell internazzjonali, għandha tikkundanna bil-qawwa kwalunkwe trattament inuman u degradanti u l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem sabiex tippromwovi b'mod konkret ir-rispett sħiħ għad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

31. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-istandards vinkolanti Ewropej u internazzjonali kontra d-diskriminazzjoni fid-dritt nazzjonali;

32. Jistieden lill-Istati Membri jinvolvu lill-komunitajiet marġinalizzati, lill-migranti, lir-rifuġjati u lill-komunitajiet ospitanti kif ukoll lill-komunitajiet reliġjużi u sekulari fi proċessi ta' inklużjoni li jkunu ta' rispett u ta' awtonomizzazzjoni, filwaqt li jiżguraw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja kulturali u ċivika, b'mod uman, dinjituż u sostenibbli fis-sitwazzjonijiet kollha, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

33. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni preparatorja dwar il-kultura fir-relazzjonijiet esterni tal-UE u r-rwol tagħha fit-tisħiħ tar-rwol tal-kultura bħala fattur strateġiku tal-iżvilupp uman, soċjali u ekonomiku, li b'hekk tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika esterna, u jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lir-rappreżentanzi tal-UE madwar id-dinja kollha biex jinkludu wkoll il-kultura bħala element integrali tal-politika esterna tal-UE, biex jaħtru uffiċjal għall-kultura f'kull rappreżentanza tal-UE f'pajjiżi terzi sħab u biex joffru lill-persunal tas-SEAE taħriġ dwar id-dimensjoni kulturali tal-politika esterna; jistieden lill-Kummissjoni tintegra d-diplomazija kulturali u d-djalogu interkulturali fl-istrumenti kollha tar-relazzjonijiet esterni tal-UE u fl-aġenda tal-UE għall-iżvilupp; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali oħra, bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji relatati tagħha, b'mod partikolari l-UNESCO, l-UNICEF u l-UNHCR, u jesiġu rappreżentanza tal-UE effikaċi u aktar b'saħħitha fi ħdan il-korpi tagħhom; jappella, barra minn hekk, għal kooperazzjoni mal-istituti kulturali nazzjonali bl-għan li titjieb l-implimentazzjoni tal-istrumenti eżistenti, bħar-raggruppamenti kulturali bbażati fuq in-netwerks tal-Istituti Nazzjonali tal-Unjoni Ewropea għall-Kultura (EUNIC), u t-tfassil ta' għodod ġodda biex jiġu ttrattati l-isfidi komuni f'dinja globalizzata;

34. Iqis li l-kultura għandha ssir parti essenzjali mid-djalogu politiku mal-pajjiżi terzi, u jfakkar mill-ġdid fil-ħtieġa li l-kultura tiġi integrata b'mod sistematiku fi proġetti u programmi ta' żvilupp; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li jitneħħew l-ostakoli għall-mobilità għall-artisti, l-edukaturi, l-akkademiċi u l-professjonisti tal-kultura, permezz tal-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri tal-viża sabiex titheġġeġ il-kooperazzjoni kulturali mal-partijiet kollha tad-dinja;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji li jirrikonoxxu d-djalogu interkulturali bħala proċess ta' komunikazzjoni interattiva fi ħdan u bejn il-kulturi, u biex jiżguraw ir-rispett reċiproku u l-opportunitajiet indaqs, jagħtu u jimplimentaw soluzzjonijiet effikaċi ħalli jiġu indirizzati l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali u l-kawżi tal-esklużjoni kif ukoll il-forom kollha tad-diskriminazzjoni, u jiżviluppaw fehim aktar profond ta' perspettivi u prattiki differenti; ifakkar fir-rwol ewlieni li għandha l-midja, inkluża l-midja soċjali, bħala pjattaforma potenzjali għall-propoganda estremista u bħala mezz biex jiġu miġġielda n-narrattivi ksenofobiċi, jingħelbu l-isterjotipi u l-preġudizzji u tiġi promossa t-tolleranza;

36. Ifakkar li l-wirt kulturali jirrappreżenta d-diversità tal-espressjonijiet kulturali u għalhekk għandu jiġi protett u promoss permezz tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni armonizzata u ftehimiet internazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNESCO;

37. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipprevjenu l-estremiżmu, bħal pereżempju l-ksenofobija, ir-razziżmu u forom oħra ta' diskriminazzjoni u marġinalizzazzjoni permezz ta' miżuri ta' koeżjoni komunitarja li jistgħu jikkontestaw b'suċċess l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali, billi jinvolvu firxa wiesgħa ta' atturi bħal dawk involuti fl-ippjanar urban, il-ħaddiema soċjali, l-assoċjazzjonijiet komunitarji u reliġjużi, il-knejjes, l-edukaturi, l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-familji u l-professjonisti tas-saħħa, bl-objettivi li jiġġieldu kontra l-estremiżmu, jiżguraw l-inklużjoni soċjali kif ukoll l-ugwaljanza formali u sostantiva, jippromwovu d-diversità u jrawmu l-koeżjoni komunitarja;

38. Jirrakkommanda lill-UE tikkoopera biex it-tagħlim u l-iskejjel isiru aċċessibbli għat-tfal rifuġjati billi tkompli tappoġġa programmi dwar l-aċċess għall-edukazzjoni fi kriżijiet umanitarji u tiżgura l-integrazzjoni tal-istudenti migranti fl-Ewropa;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw, ifasslu u jimplimentaw metodi interattivi li jiffokaw fuq il-metodi għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u tat-tfal fil-livelli governattivi kollha;

40. Jissottolinja r-rwol tal-familja fil-preservazzjoni tal-identità kulturali, it-tradizzjonijiet, l-etika u s-sistemi tal-valuri tas-soċjetà, u jenfasizza li l-introduzzjoni tat-tfal għall-kultura, il-valuri u n-normi tas-soċjetà tagħhom tibda fil-familja;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jadottaw djalogu interkulturali bħala objettiv politiku tal-UE sod u impenjat, u b'hekk jiżguraw l-appoġġ tal-UE permezz ta' miżuri ta' politika, inizjattivi u fondi differenti, inkluż id-djalogu interkulturali mal-pajjiżi terzi, speċjalment ma' stati fraġli;

42. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jipprijoritizzaw inizjattivi mmirati lejn l-appoġġ għad-diversità kulturali, id-djalogu interkulturali u l-edukazzjoni, u jisfruttaw bis-sħiħ l-istrumenti finanzjarji, il-programmi u l-inizjattivi tal-UE, bħal Erasmus+, l-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-programmi Ewropa Kreattiva u Orizzont 2020, il-politika tal-viċinat tal-UE u strumenti tar-relazzjonijiet esterni, u entitajiet bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, għall-promozzjoni u l-appoġġ tad-djalogu interkulturali u d-diversità kulturali fi ħdan l-Ewropa u mal-pajjiżi ġirien u reġjuni oħra tad-dinja;

43. Jenfasizza l-kontribut rikk li tagħti l-produzzjoni artistika Ewropea għad-diversità kulturali kif ukoll ir-rwol li tiżvolġi biex tifrex il-valuri tal-UE u tħeġġeġ liċ-ċittadini Ewropej jiżviluppaw il-ħsieb kritiku tagħhom;

44. Ifakkar fir-rwol li jiżvolġi l-Premju LUX biex jippremja l-films Ewropej li jiddeskrivu l-identità Ewropea jew id-diversità kulturali Ewropea;

45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-impatt tal-miżuri meħuda fil-kuntest ta' dan ir-rapport u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' monitoraġġ u ta' rieżami;

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Istati Membri.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0006

Rendikont u sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar analiżi u sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji: l-impatt u t-triq 'il quddiem lejn qafas tal-UE aktar effiċjenti u effikaċi għal Regolamentazzjoni Finanzjarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali (2015/2106(INI))

(2018/C 011/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titolu 'Nibnu Unjoni tas-Swieq Kapitali' (COM(2015)0063) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Lulju 2015 dwarha ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-25 ta' Frar 2009 tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE, ippresedut minn Jacques de Larosière,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja dwar l-impatt u r-responsabbiltà tas-superviżjoni bankarja ta' Lulju 2015,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu 'Riflessjonijiet inizjali dwar l-ostakli għall-iżvilupp ta' swieq kapitali profondi u integrati tal-UE' (SWD(2015)0013),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Unjoni tas-Swieq Kapitali, adottati mill-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fid-19 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2014 bit-titolu 'Pjan ta' Investiment għall-Ewropa' (COM(2014)0903),

— wara li kkunsidra r-rapport informali tal-ECON ([2]) bit-titolu 'It-tisħiħ tal-Koerenza tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji', adottat fil-Kumitat fit-30 ta' Jannar 2014,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2014 bit-titolu 'Settur finanzjarju riformat għall-Ewropa' (COM(2014)0279),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu 'Rieżami Ekonomiku tal-Aġenda tar-Regolamentazzjoni Finanzjarja' (SWD(2014)0158),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2014 dwar ir-Rieżami tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF) ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) (COM(2014)0508),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) u s-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF) (COM(2014)0509),

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0268.
([2]) http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201402/20140210ATT79138/20140210ATT79138EN.pdf
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0202.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-finanzjament fit-tul tal-ekonomija Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2014 dwar il-Finanzjament fit-Tul tal-Ekonomija Ewropea (COM(2014)0168),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 bit-titolu 'Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE' (COM(2015)0215),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 bit-titolu 'Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar' (COM(2015)0216),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku dwar it-trattament regolatorju ta' skoperturi sovrani ta' Marzu 2015 ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kummissjoni Parlamentari għall-Istandards Bankarji tar-Renju Unit 'Changing banking for good',

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0360/2015),

A. billi l-kriżi finanzjarja tal-2007-2008 u l-impatt negattiv mifrux tagħha kienu kkawżati, inter alia, minn nuqqas ta' applikazzjoni ta' regolamentazzjoni xierqa u ta' kwalità għolja tas-servizzi finanzjarji għal swieq u prodotti dejjem aktar kumplessi; billi f'dawn l-aħħar snin ġiet varata aġenda ta' riforma ambizzjuża għas-settur finanzjarju tal-UE biex issaħħaħ ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni finanzjarji, terġa' tinġieb l-istabbiltà finanzjarja u biex is-sistema finanzjarja ssir aktar reżiljenti għal xokkijiet u tindirizza aħjar il-ħtiġijiet tal-investituri u l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-ekonomija reali; billi, filwaqt li l-prospetti għat-tkabbir fl-Ewropa tjiebu, l-irkupru sħiħ għadu ma nkisibx;

B. billi seħħew, u għadhom qed iseħħu, bidliet profondi fis-setturi finanzjarji kollha, fosthom dawk bankarji, tal-assigurazzjoni, tas-swieq tat-titoli, tal-fondi ta' investiment u tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju;

C. billi t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tar-riforma regolatorja finanzjarja għadhom għaddejjin u għadhom ma tlestewx, b'għadd ta' riformi importanti li għad iridu jitwettqu u b'ħafna atti delegati u ta' implimentazzjoni b'mod partikolari li għad iridu jiġu finalizzati; billi s-sitwazzjoni fis-settur bankarju u f'dak tal-assigurazzjoni u fis-swieq finanzjarji hija kkaratterizzata minn bidliet u innovazzjonijiet kontinwi, u dan ifisser li tinħtieġ evalwazzjoni permanenti tar-regolamenti li jirregolaw dawn is-setturi bl-għan li jiġu żgurati l-proporzjonalità u l-effikaċja u konsegwentement l-adattament kontinwu ta' dawk ir-regolamenti;

D. billi s-suq kapitali fl-Unjoni għadu frammentat; billi l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (USK) potenzjalment toffri qafas siewi biex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess ugwali għall-finanzjament għall-SMEs fl-UE kollha u biex jiġu promossi ċentri innovattivi għal finanzjament ibbażat fuq is-suq; billi nuqqasijiet speċifiċi ta' kreditu għall-SMEs u l-mikrointrapriżi jirriżultaw ukoll minn instabilità ekonomika u nuqqas ta' soluzzjonijiet immirati għall-ekonomija reali; billi l-kuntest ibbażat fuq is-swieq kapitali fl-Istati Uniti spiss jiġi ċċitat, iżda fundamentalment huwa differenti mill-kuntest tal-UE bbażat fuq l-ibbankjar, u la għandu jiġi kkupjat u lanqas jintuża bħala mudell; billi l-USK hija possibbiltà biex jissaħħu s-swieq kapitali fl-UE bħala komplement għall-finanzjament ibbażat fuq l-ibbankjar; billi fl-Istati Uniti, wara l-kriżi finanzjarja, is-self mill-banek lill-korporazzjonijiet żviluppa b'mod aktar b'saħħtu mill-finanzjament ibbażat fuq is-swieq kapitali;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0161.
([2]) http://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/other/esrbreportregulatorytreatmentsovereignexposures032015.en.pdf?29664e3495a886d806863aac942fcdae.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Analiżi u sfidi għall-qafas attwali

1. Jinnota li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu 'Settur finanzjarju riformat għall-Ewropa' tipprovdi l-ewwel analiżi tar-riformi fis-settur finanzjarju iżda ma tipprovdix valutazzjoni sħiħa u analiżi kwantitattiva tal-effetti globali u l-interazzjoni tal-miżuri individwali;

2. Jilqa' l-Pakkett tal-Investiment tal-Kummissjoni, inkluża l-USK; jissottolinja l-ħtieġa għal finanzjament mhux bankarju komplementari ta' kumpaniji u, barra minn hekk, li prinċipju fundamentali għall-bini ta' USK irid ikun li ssir enfasi akbar fuq l-utenti aħħarin tas-swieq kapitali, i.e. il-kumpaniji u l-investituri; jenfasizza li qafas ta' servizzi finanzjarji effiċjenti u effikaċi li jiżgura l-istabbiltà finanzjarja huwa prerekwiżit sabiex jiżdied l-investiment (fit-tul) u biex jitheġġeġ it-tkabbir f'ekonomija Ewropea kompetittiva; jissottolinja r-rabta bejn l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja; jenfasizza wkoll li politiki ekonomiċi affidabbli, riformi strutturali effikaċi u politiki baġitarji sodi jwittu t-triq għall-potenzjal ta' saħħa u ta' tkabbir tal-ekonomija reali fl-Istati Membri u fl-UE; jirrikonoxxi r-rwol importanti li jista' jkollhom is-swieq kapitali fl-indirizzar tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-ekonomiji tal-Istati Membri;

3. Jirrikonoxxi l-fatt li l-kriżi finanzjarja u tad-dejn li għaddejja wasslet għal konsegwenzi negattivi mingħajr preċedent, b'mod partikolari għall-ekonomija reali u l-flus tal-kontribwenti; jirrikonoxxi, f'dan il-kuntest, ir-regolamentazzjoni finanzjarja miftiehma bejn l-istituzzjonijiet Ewropej f'dawn l-aħħar ħames snin, li saħħet l-arkitettura finanzjarja tal-Ewropa għal kriżijiet futuri; jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-USK; jilqa' l-inklużjoni tal-Kummissjoni ta' livell effettiv ta' ħarsien tal-konsumaturi u tal-investituri bħala wieħed mill-prinċipji li jsostnu l-USK;

4. Jirrikonoxxi l-kisbiet tar-regolamentazzjoni finanzjarja b'reazzjoni għar-ramifikazzjonijiet tal-kriżi finanzjarja; jinnota t-tħassib dwar iż-żieda fil-kumplessità, riflessa fl-ammont, id-dettall u l-għadd akbar ta' livelli ta' regolamentazzjoni u superviżjoni b'rekwiżiti fil-livell internazzjonali, Ewropew u nazzjonali; jinnota li regolamentazzjoni kumplessa tirrifletti wkoll swieq finanzjarji kumplessi, inklużi l-istrumenti finanzjarji, l-infrastruttura tas-suq u l-istituzzjonijiet; jissottolinja l-fatt li regolamentazzjoni kumplessa żżejjed u prekundizzjonijiet aktar stretti jistgħu jaffettwaw l-investimenti b'mod negattiv; jemmen li l-kumplessità tar-regolamentazzjoni trid tiġi indirizzata wkoll fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha għall-utenti aħħarin mhux finanzjarji ta' prodotti finanzjarji; jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni regolatorja internazzjonali f'qafas globali b'kooperazzjoni mtejba u responsabbiltà akbar;

5. Jinnota li USK soda u robusta trid tirrikonoxxi l-interdipendenzi ma' setturi finanzjarji oħra, tesplora sorsi ta' finanzjament addizzjonali bbażati fuq is-suq għall-ekonomija reali u tkun ibbażata l-ewwel u qabel kollox fuq strutturi eżistenti stabbiliti sew; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ olistiku għar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-UE fejn l-USK tikkontribwixxi għall-ikkomplementar tal-finanzjament bankarju; jitlob li l-USK tirrifletti l-perspettiva tal-konsumaturi u l-investituri, minbarra l-orjentazzjoni tagħha lejn il-finanzjament ta' kumpaniji; għal dan il-fini, il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib mal-BERS, l-ASE u l-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali biex issolvi kwalunkwe nuqqas ta' qbil fl-approċċ li jista' joħloq ir-riskju li jiġu mminati l-objettivi tal-USK; jitlob lill-Kummissjoni tuża prattiki tajbin li jiffunzjonaw sew sabiex tiżviluppa suq kapitali għall-Unjoni kollha;

6. Iqis li l-leġiżlazzjoni mhux dejjem tkun l-aktar reazzjoni politika xierqa u li approċċi mhux leġiżlattivi u bbażati fuq is-suq għandhom jitqiesu kif jistħoqq;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ integrat fl-USK u tagħti attenzjoni lil aġendi politiċi oħra, bħall-iżvilupp ta' suq uniku diġitali u riformi kontinwi fil-qasam tad-dritt tal-kumpaniji u l-governanza korporattiva; jemmen ukoll li l-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-aħħar żviluppi teknoloġiċi; iqajjem tħassib, f'dan ir-rigward, dwar theddid għaċ-ċibersigurtà u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li din tkun dimensjoni integrata tal-istrateġija tal-UE;

8. Jemmen li regolamentazzjoni effikaċi u effiċjenti tas-servizzi finanzjarji tal-UE għandha tkun koerenti, konsistenti (anke fuq bażi transsettorjali), proporzjonata, mhux duplikattiva u ħielsa minn kumplessità superfluwa biex jiġu evitati l-inċertezza tad-dritt, l-arbitraġġ regolatorju u spejjeż għolja ta' tranżazzjonijiet; jemmen, barra minn hekk, li għandha tippermetti li l-intermedjarji jaqdu r-rwol tagħhom fl-għoti tal-fondi lill-ekonomija reali, biex b'hekk tiffaċilita l-finanzjament tagħha, taqdi lil min ifaddal u lill-investituri u tindirizza b'mod effettiv ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u għall-kontribwent, sabiex tevita li jerġgħu jseħħu kriżijiet finanzjarji u taġixxi bħala tarka kontra riskji sistemiċi; iqis li għandha tappoġġa l-approfondiment tas-suq uniku u tiffoka fuq miri tanġibbli li jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell Ewropew, filwaqt li tħalli spazju għal finanzjament innovattiv b'enfasi lokali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

9. Jesprimi tħassib dwar il-problemi persistenti li jikkonċernaw il-kodiċijiet IBAN, li għadhom ma jitqisux validi biex isiru debiti diretti minn kontijiet bankarji domiċiljati fi Stati Membri għajr dak tal-benefiċjarju;

10. Jissottolinja l-ħtieġa ta' analiżi tal-qafas tas-servizzi finanzjarji bl-użu ta' approċċ kemm kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv; jinnota li qed isiru eżerċizzji simili f'ġurisdizzjonijiet oħra, b'mod partikolari fl-Istati Uniti; jenfasizza li din l-analiżi għandha tikkontribwixxi għall-bini ta' swieq finanzjarji li jiffunzjonaw aħjar li jaqdu l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-ekonomija reali, anke billi jiġu indirizzati l-lakuni, id-distakki l-inkonsistenzi, l-inkoerenza u l-isproporzjonalità, m'għandhiex tikkomprometti l-kisbiet leġiżlattivi miksuba s'issa, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu t-talbiet li saru fi klawsoli ta' rieżami kif adottati f'kull att leġiżlattiv speċifiku, u mingħajr ma jiġu antiċipati r-riżultati m'għandhomx jitqiesu bħala eżerċizzju li jwassal għal deregolamentazzjoni;

11. Jemmen li suq uniku għas-servizzi finanzjarji jgħin lill-intrapriżi, iżda fl-aħħar mill-aħħar irid ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u l-investituri; jinsisti li bosta barrieri u ostakli għall-aċċess, il-kummerċjalizzazzjoni u l-investiment transfruntieri jridu jiġu analizzati, indirizzati u megħluba filwaqt li jinżamm l-ogħla livell ta' ħarsien tal-investituri; ifakkar li anqas barrieri għall-flussi ta' kapital jistgħu jitqiesu b'mod sigur li jtejbu l-prospetti fit-tul ta' tkabbir biss jekk l-inċentivi ġenerali għall-kumpaniji jiġu stabbiliti sew; jikkunsidra wkoll l-importanza ta' ekosistema lokali żviluppata sew li tippermetti lil kumpaniji iżgħar jattiraw kapital għat-tkabbir;

12. Jemmen li l-ħarsien tal-konsumatur ma jfissirx neċessarjament volumi kbar ta' informazzjoni u li l-enfasi għandha pjuttost tkun fuq il-kwalità u l-intelliġibilità tal-informazzjoni li tippermetti teħid xieraq ta' deċiżjonijiet – l-informazzjoni trid tkun rilevanti, eżatta, komparabbli, faċli għall-utent, affidabbli u f'waqtha; huwa preokkupat li l-multipliċità u l-kumplessità ta' informazzjoni għall-konsumatur fl-aħħar mill-aħħar jistgħu ma jaqdux il-bżonnijiet reali tal-konsumatur; isostni l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ biex il-konsumaturi jingħataw l-informazzjoni li jeħtieġu biex jagħmlu għażliet infurmati, u biex jifhmu r-riskji involuti, mingħajr ma jintefa' piż bla bżonn fuq l-impriżi, b'mod speċjali l-SMEs; iħeġġeġ id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-informazzjoni; jenfasizza li l-konsulenti u l-impjegati finanzjarji li jipprovdu pariri lill-konsumatur f'istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jingħataw it-taħriġ u l-ħin meħtieġ biex ikunu jistgħu jaqdu lill-klijenti b'mod eżatt; jinnota l-importanza ta' setgħat superviżorji effettivi biex wieħed ikun jista' jintervjeni fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti meta jkun meħtieġ; jirrimarka dwar il-ħtieġa ta' inizjattiva Ewropea għal aktar edukazzjoni finanzjarja u edukazzjoni finanzjarja aħjar sa mhux aktar tard minn tmiem l-2016, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru, anke biex ikun żgurat għarfien sħiħ tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' investimenti fis-swieq kapitali; jissottolinja wkoll li l-edukazzjoni finanzjarja għandha tkun immirata lejn l-SMEs, u tgħallimhom kif jużaw is-swieq kapitali; jemmen fil-benefiċċju ta' aktar trasparenza sabiex il-kumpaniji, l-investituri u l-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu l-kostijiet u l-benefiċċji komparattivi ta' servizzi differenti pprovduti minn parteċipanti fis-suq, iżda jinnota wkoll li aktar trasparenza trid timxi id f'id ma' valur miżjud għall-klijenti jew is-superviżuri kompetenti u trid tkun immirata lejn l-użu prattiku tal-informazzjoni u d-data;

13. Jenfasizza l-benefiċċji tad-diversifikazzjoni tal-assi, kemm f'termini ta' klassijiet ta' assi kif ukoll f'termini ta' oriġini tal-assi, li tippermetti diversifikazzjoni aħjar tar-riskji u t-tlaqqigħ aħjar tal-ħtiġijiet tal-investituri; jenfasizza li l-għan tar-regolamentazzjoni prudenzjali mhuwiex li tiffavorixxi ċerti klassijiet ta' assi; jappella għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju għar-regolamentazzjoni, bl-istess regoli applikati għall-istess riskji, u li jkun komplementat b'miżuri standardizzati oħra; jemmen li kategorizzazzjoni aktar granulari tal-klassijiet ta' assi hija xierqa, b'mod partikolari bl-istabbiliment ta' kategoriji bħall-infrastruttura; jirrikonoxxi li proġetti infrastrutturali mhumiex inqas riskjużi per se u jappella għal regolamentazzjoni prudenzjali xierqa; jappoġġa aktar riċerka dwar ir-riskji u l-benefiċċji tal-infrastruttura, inkluż l-iżvelar tal-metodoloġija applikata, biex ikunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet ibbażati fuq l-evidenza;

14. Jenfasizza l-ħtieġa ta' konsistenza fl-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, u b'hekk anke ta' tnaqqis fl-opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju; jenfasizza l-ħtieġa li tinqata' r-rabta bejn is-sovrani u l-banek fil-livell nazzjonali permezz ta' implimentazzjoni nazzjonali sħiħa u konsistenti tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (MUR) u l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (FUR); jieħu nota tal-kontributi tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) dwar l-esponiment tad-dejn sovran tal-banek, li jinkludu konsiderazzjoni bir-reqqa tal-passi li jmiss; jenfasizza li l-politiki għandhom iqisu b'mod espliċitu l-interazzjonijiet bejn ir-riskju individwali u dak endoġenu, b'mod partikolari meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jużaw l-istess mudelli tar-riskju standard approvati mir-regolaturi;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

15. Jinnota l-konsegwenzi mhux intenzjonati possibbli ta' rekwiżiti multipli ta' kapital, likwidità u lieva fuq it-trasformazzjoni tal-maturità, l-għoti ta' finanzjament fit-tul u l-ġenerazzjoni tas-swieq u l-likwidità, filwaqt li jfakkar li r-rekwiżiti ġew stabbiliti b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja; huwa mħasseb li l-isproporzjonalità tar-rekwiżiti tista' tipperikola l-mudell kummerċjali ta' banek żgħar u medji u għalhekk ikollhom konsegwenzi mhux intenzjonati għall-istruttura tal-industrija finanzjarja; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mas-superviżuri, tanalizza dawn il-konsegwenzi għas-settur bankarju u dak tal-assigurazzjoni u komplementarjetajiet possibbli bħala kwistjoni ta' prijorità;

16. Jesprimi tħassib dwar l-interazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni tas-swieq u r-rekwiżiti tal-kapital meta entitajiet ġodda jkunu ġew inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni bħala entitajiet regolati fir-rieżami tad-Direttiva dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) iżda r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital ma jkunx ġie kkalibrat biex jirrifletti tipi aktar differenti ta' ditti;

17. Jesprimi tħassib li eżenzjonijiet validi fir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) għall-kumpaniji mhux finanzjarji ġew parzjalment eliminati fid-Direttiva u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital rigward l-applikazzjoni tal-imposta tal-Aġġustament tal-Valwazzjoni tal-Kreditu (CVA); jistieden lill-Kummissjoni twettaq aħjar ir-rwol tagħha li tiżgura konsistenza fl-approċċ u r-riżultati ta' politika fi proposti leġiżlattivi differenti;

18. Iqis li d-dispożizzjonijiet speċjalizzati fir-regolamentazzjoni eżistenti għall-kumpaniji mhux finanzjarji għandhom jiġu estiżi u jsiru aktar proporzjonati sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv u ma jitnaqqasx il-kapital disponibbli għall-ekonomija għal investiment futur; jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tirrieżamina l-EMIR, twieġeb għad-diffikultajiet fl-applikazzjoni ta' reġimi kumplessi billi tissemplifika l-proċeduri, iżda tkompli tirrikonoxxi l-għan tal-eżenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji mhux finanzjarji ma jiġux mgħobbija b'leġiżlazzjoni mmirata għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tirrieżamina l-EMIR, teżamina l-effett li t-tnaqqis tal-kwalità tal-kollateral aċċettat mill-kontropartijiet ċentrali (CCPs) jista' jkollu fuq ir-reżiljenza tas-CCPs u tqis jekk ċerti parteċipanti fis-swieq bħal fondi tal-pensjoni għandhomx ikunu eżenti b'mod permanenti mill-ikklerjar ċentrali jekk il-parteċipazzjoni tagħhom tnaqqas l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ġenerali minħabba l-aċċettazzjoni ta' kollateral alternattiv mhux fi flus kontanti;

20. Huwa preokkupat dwar in-nuqqas ta' prodotti ta' investiment u tfaddil kosteffiċjenti u adatt skont ir-riskju (fit-tul) għall-konsumatur li huma disponibbli u attraenti; itenni l-ħtieġa għal diversità fl-għażliet tal-investituri u l-konsumaturi, billi l-fiduċja tal-investituri hija kruċjali għal aktar investiment; jenfasizza li għandu jitħeġġeġ ambjent li jistimola l-innovazzjoni tal-prodotti finanzjarji, li joħloq aktar diversità u benefiċċji għall-ekonomija reali u jipprovdi inċentivi mtejba għal investimenti, u li jista' jikkontribwixxi wkoll għall-għoti ta' pensjonijiet adegwati, sikuri u sostenibbli, bħal, pereżempju, l-iżvilupp ta' Prodott tal-Pensjoni Pan-Ewropew (PEPP), b'disinn sempliċi u trasparenti; jistieden lill-ASE janalizzaw u jirrapportaw, f'konformità mal-mandat tagħhom, dwar tendenzi tal-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti għall-konsumatur;

21. Jilqa' d-diversità tal-mudelli kummerċjali; jitlob li din id-diversità tiġi riflessa fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ in-natura, id-daqs, il-livell ta' riskju u l-kumplessità tal-entitajiet taħt kunsiderazzjoni, sakemm il-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta u s-superviżjoni effettiva jiġu ssodisfati; ifakkar li d-diversità fil-mezzi ta' finanzjament tikkostitwixxi vantaġġ;

22. Jemmen li USK ta' suċċess għandha tippermetti lill-kumpaniji tal-UE tad-daqsijiet kollha u fi stadji differenti ta' tkabbir ikollhom aċċess għas-swieq kapitali tal-UE b'mod faċli għall-utent, effiċjenti u bi spejjeż baxxi; jemmen li r-regolamentazzjoni m'għandhiex tikkomplika l-elenkar u m'għandhiex twaqqaf lill-kumpaniji mhux elenkati milli jiġu elenkati; jenfasizza l-ħtieġa ta' reġim regolatorju armonizzat fis-suq primarju sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' fondi filwaqt li jiġu żgurati livelli xierqa ta' protezzjoni għall-investituri; jissottolinja l-potenzjal ta' finanzjament innovattiv ibbażat fuq is-suq, b'mod partikolari l-opportunitajiet ta' teknoloġiji finanzjarji, inklużi l-finanzjament kollettiv u s-self bejn il-pari, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ssemplifikati r-rekwiżiti regolatorji rispettivi; jitlob lill-Kummissjoni tagħti spazju għall-ħolqien ta' dawn il-mudelli ġodda u tesplorahom u tippromwovihom, filwaqt li tingħata prijorità lid-dimensjoni transfruntiera tagħhom u jiġi żgurat it-tnaqqis ta' ostakli għad-dħul fis-suq; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lil dawk l-Istati Membri b'setturi ta' swieq kapitali li qed jiżviluppaw permezz tas-Servizz ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali tagħha;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

23. Jappella għal tqassim xieraq u lineari tal-kompetenzi bejn il-livell tal-UE u dak nazzjonali, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li s-superviżuri nazzjonali għandhom iktar għarfien dwar il-karatteristiċi tas-suq lokali; jenfasizza li l-effikaċja tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), kundizzjonijiet ekwi u trasparenza għandhom jiġu żgurati u li l-kunflitti ta' interess bejn l-awtoritajiet superviżorji u l-entitajiet taħt superviżjoni għandhom jiġu evitati; huwa preokkupat dwar l-effett ta' approċċ superviżorju "wieħed tajjeb għal kulħadd" fuq entitajiet li huma iżgħar u primarjament attivi f'livell nazzjonali fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU);

24. Jinnota l-kisbiet fl-istabbiliment ta' unjoni bankarja u jenfasizza r-rwol kruċjali tagħha fl-indirizzar tal-interdipendenzi bejn ir-riskji sovrani u dawk bankarji u t-tnaqqis tar-riskji sistemiċi permezz ta' azzjoni konġunta; jieħu nota tat-tlestija fi stadji tal-unjoni bankarja; jenfasizza li l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni eżistenti hija meħtieġa; jinnota d-diskussjonijiet dwar Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (SEAD), li dwarha l-Parlament jagħti l-fehma tiegħu bħala koleġiżlatur; jenfasizza l-għan li jiġi evitat il-periklu morali, filwaqt li jiġi żgurat li l-prinċipju tar-responsabbiltà jibqa' prinċipju ta' gwida; jikkritika s-sensibbiltà baxxa għar-riskji fil-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-FUR; jirrikonoxxi l-isforzi biex jiġi konkluż ir-Regolament dwar ir-Riforma Strutturali tal-Banek;

25. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi implimentata u infurzata l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata qabel ma tingħata kwlaunkwe kunsiderazzjoni lil reviżjoni sostanzjali ta' din il-leġiżlazzjoni; jenfasizza li t-traspożizzjoni rapida fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 2014/59/UE u l-finanzjament adegwat u l-effikaċja tal-MUR għandhom ikunu ta' importanza kbira, u għalhekk jinsisti li l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-miżuri trid tiġi kkompletata fil-qafas leġiżlattiv xieraq; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza fundamentali li jinqatgħu l-konnessjonijiet reċiproċi diretti bejn il-baġits nazzjonali u r-riskji bankarji, li jikkostitwixxu theddida kbira għall-istabbiltà finanzjarja; jinnota li, minħabba n-nuqqas ta' regoli biex jiġu ttrattati l-istati li, minħabba djun kbar, jitilfu l-aċċess għas-swieq finanzjarji, ħafna drabi jittieħdu passi tard wisq, u dan jista' jkollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja;

26. Itenni l-ħtieġa għal kundizzjonijiet ekwi fl-UE, anke fir-rigward tal-banek taħt is-superviżjoni tal-MSU u l-banek ta' Stati Membri mhux parteċipanti, u jinkoraġġixxi l-inklużjoni sħiħa tal-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro fl-Unjoni Bankarja, filwaqt li jirrikonoxxi li ċerti elementi attwalment iwasslu għal parteċipazzjoni volontarja; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-suq uniku jkompli jiġi żviluppat, filwaqt li tirrikonoxxi l-ispeċifiċitajiet nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tipprova tikseb approċċ sod, f'termini ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, għas-sistema bankarja "parallela" bl-għan li jitnaqqsu r-riskji sistemiċi u li tittejjeb it-trasparenza; jilqa' l-passi ewlenin miksuba fir-regolamentazzjoni Ewropea dwar l-assigurazzjoni bl-applikazzjoni ta' Solvenza II, mill-1 ta' Jannar 2016, li għandha tiġi vvalutata u possibbilment żviluppata aktar, filwaqt li jitqies il-qafas internazzjonali għal assiguraturi globali sistemikament importanti;

27. Jirrikonoxxi d-dipendenza tradizzjonali tal-SMEs fuq il-finanzjament tal-banek minħabba n-natura speċifika, il-profili ta' riskju differenti u l-varjetà tagħhom madwar l-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-ASE, il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali, tivvaluta jekk il-finanzjament tal-SMEs huwiex biżżejjed, tanalizza l-ostakli għal, u l-benefiċċji ta', id-diversifikazzjoni tal-kanali ta' finanzjament u kif wieħed jagħmilha possibbli li l-banek u l-istituzzjonijiet mhux bankarji jżidu l-finanzjament tal-SMEs, biex titwessa' l-għażla tal-kumpaniji bejn metodi differenti ta' finanzjament għal stadji differenti tal-iżvilupp tagħhom; ifakkar fl-importanza ta' għodod bħalma huma l-'Fattur ta' Sostenn lill-SMEs'; jissuġġerixxi li l-inizjattivi biex jitjieb il-finanzjament tal-SMEs għandhom jiġu estiżi għal negozji li għadhom kif jifthu, mikrointrapriżi u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja; jenfasizza l-potenzjal ta' ċentri innovattivi u fil-biċċa l-kbira mhux sfruttati għall-finanzjament tal-SMEs, inkluż is-self bejn il-pari, il-finanzjament kollettiv u l-pjazzament privat, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ssemplifikati r-rekwiżiti regolatorji rispettivi;

28. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni rapida tal-miżuri diġà adottati li jakkumpanjaw l-objettivi tal-USK; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu attiv tal-kategorija tas-Suq tat-Tkabbir tal-SMEs f'regolamentazzjoni futura dwar is-servizzi finanzjarji;

29. Jemmen li l-kumpaniji għandu jkollhom aċċess għal għażla xierqa ta' tipi tas-suq fl-UE skont id-daqs, il-kumplessità u l-ambizzjonijiet ta' ġbir ta' fondi tagħhom, u jenfasizza l-ħtieġa għal swieq kapitali Ewropej aktar profondi u aktar integrati li jkunu separati minn, iżda kompatibbli, mas-swieq lokali reġjonali ta' importanza kritika;

30. Jilqa' r-rieżami li se jsir dalwaqt tad-Direttiva dwar il-Prospetti; jenfasizza li r-rieżami għandu jkun immirat lejn it-tnaqqis tal-ispejjeż u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri għall-SMEs, filwaqt li jintlaħaq bilanċ ġust f'termini tal-protezzjoni tal-investitur;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

31. Jirrikonoxxi l-isforzi li għaddejjin biex jiġi stabbilit suq tat-titolizzazzjoni aktar trasparenti, jiġu żgurati standards għoljin għall-proċess, ċertezza tad-dritt u komparabbiltà fost l-istrumenti ta' titolizzazzjoni kollha; jenfasizza l-bżonn li jiġi stabbilit repożitorju tad-data; jenfasizza li rekwiżiti stretti għal assi ta' kwalità għolja sottostanti u kalibrazzjonijiet skont il-profil tar-riskju reali u l-għarfien tar-riskju tal-parteċipanti kollha fis-swieq tat-titolizzazzjoni huma meħtieġa, filwaqt li jitqiesu l-livell ta' riskju ta' titolizzazzjoni, b'mod partikolari titolizzazzjoni sintetika, kif intwera matul il-kriżi, u filwaqt li jingħarfu d-diversi esperjenzi fl-UE u fl-Istati Uniti; jinsisti li r-rekwiżiti ta' ritenzjoni m'għandhomx jitbaxxew sabiex jiġi evitat il-periklu morali; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata ċ-ċertifikazzjoni indipendenti tal-konformità ma' kriterji ta' kwalifika; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni bir-reqqa tar-riskji u l-benefiċċji ta' titolizzazzjoni għall-SMEs, l-investituri u l-istabbiltà finanzjarja u l-kummerċjabilità ta' strumenti ta' titolizzazzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità, u tirrapporta lill-Parlament;

32. Jemmen li approċċ immirat lejn standardizzazzjoni akbar tal-prodotti u l-proċeduri jista' jnaqqas il-kumplessità iżda jista' jintensifika wkoll ir-riskji ta' konċentrazzjoni; huwa preokkupat dwar il-periklu li l-parteċipanti tas-suq jistgħu jimxu fl-istess direzzjoni f'każ ta' stress tas-suq, u jappella għal salvagwardji u superviżjoni xierqa fil-livell kompetenti fir-rigward tal-iżvilupp ta' suq tat-titolizzazzjoni ta' kwalità;

33. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu semplifikati l-kontenut u l-frekwenza tar-rekwiżiti ta' rapportar u l-oqsma ta' rapportar, anke billi l-entitajiet jingħataw punt ta' kuntatt wieħed, sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' rekwiżiti u mezzi ta' rapportar; jistieden lill-Kummissjoni, lill-ASE u lill-MSU biex jeżaminaw liema data hija fil-fatt meħtieġa, biex jallinjaw il-mudelli u biex jipprovdu semplifikazzjonijiet u, għall-SMEs, eżenzjonijiet; jissottolinja l-fatt li d-data tar-rapportar għandha użu għas-superviżuri jekk jistgħu jsiru mistoqsijiet dwarha u tkun konsistenti internazzjonalment; iqis li huwa meħtieġ li jiġi applikat approċċ proporzjonat fl-iżvilupp tas-Sett tad-Data Analitiku tal-Kreditu (AnaCredit); jemmen li l-iskop u l-livell tal-granularità għandhom jiġu vvalutati ulterjorment fir-rigward tal-ispejjeż u l-benefiċċji tagħha;

34. Jitlob lill-Kummissjoni u lis-superviżuri biex jindirizzaw l-interazzjoni bejn l-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) u r-rekwiżiti prudenzjali, billi aktar koerenza tkun ta' benefiċċju kemm għall-ekonomija kif ukoll għas-superviżur prudenzjali, u biex jirrieżaminaw l-impatt tal-kontabilità fiskali fuq il-fondi proprji; jappoġġa l-isforzi biex tiġi armonizzata d-definizzjoni ta' self improduttiv;

35. Jitlob għal tnaqqis konsiderevoli fid-distorsjoni tad-dejn imqabbel mal-ekwità sabiex jittejbu r-reżiljenza ekonomika u l-allokazzjoni ta' kapital, u biex tissaħħaħ l-USK, biex b'hekk l-ekwità tkun aktar attraenti għall-emittenti u l-investituri; jissottolinja l-fatt li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet taffettwa l-likwidità tas-suq, speċjalment fuq perjodu qasir ta' żmien, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll biex tiġi limitata l-ispekulazzjoni eċċessiva;

36. Jenfasizza li, minbarra r-regolamentazzjoni u s-superviżjoni, l-isforzi lejn bidla kulturali fis-settur finanzjarju għandhom jissaħħu aktar; jistieden lill-atturi kollha fis-settur finanzjarju, inklużi l-banek, l-istituzzjonijiet mhux bankarji, il-banek ċentrali nazzjonali u l-BĊE, biex jaħdmu lejn bidla kulturali u kultura ta' konformità fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom li tqiegħed l-interessi tal-konsumaturi l-ewwel, tiżgura sistema ta' responsabbiltà għal maniġers ewlenin responsabbli u orjentazzjoni fuq perjodu itwal ta' żmien tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, u tikkontribwixxi għad-diversità tas-sorsi ta' finanzjament; jenfasizza l-benefiċċji ta' approċċ ta' sħubija fit-tul għall-finanzjament ta' settur bankarju Ewropew diversifikat bi rwol importanti ta' "relationship banking" għall-konsumaturi u l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam it-tnaqqis ta' asimmetriji fl-informazzjoni, bis-saħħa wkoll ta' strumenti disponibbli permezz ta' teknoloġiji diġitali ġodda;

37. Jitlob li jiġu promossi fornituri ta' klassifikazzjoni addizzjonali bil-ħsieb li tiżdied il-kompetizzjoni f'suq konċentrat ħafna; ifakkar li l-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-adegwatezza u l-fattibbiltà ta' appoġġ għal Aġenzija Ewropea tal-Klassifikazzjoni Pubblika għad-dejn sovran u/jew Fondazzjoni Ewropea tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu l-oħra kollha sa tmiem l-2016; jikkritika l-livell għoli tal-ispejjeż imġarrba mill-SMEs meta jiksbu klassifikazzjoni tal-kreditu esterna; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi studjat aktar kif l-SMEs jistgħu jiġu kklassifikati b'mod komparabbli u affordabbli, inkluż l-approċċ ta' bażi ta' klassifikazzjoni interna avvanzata (AIRBA); jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas l-asimmetriji fl-informazzjoni;

38. Jappella għal enfasi akbar fit-tfassil tal-politiki fuq il-kompetittività globali tas-setturi finanzjarji tal-UE, filwaqt li tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx u mingħajr ħsara għall-istabbiltà finanzjarja u l-ħarsien tal-konsumatur; jissottolinja li USK fl-UE kollha trid titqies fil-kuntest tat-titjib tal-kompetittività tal-impriżi Ewropej u l-ekonomija tal-UE; jenfasizza li settur finanzjarju effettiv huwa kundizzjoni meħtieġa għall-allokazzjoni effiċjenti tal-kapital u, għalhekk, għat-tkabbir;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

39. Jissottolinja l-importanza tal-qafas internazzjonali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-metodoloġiji u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-qafas tal-UE; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-ASE biex jissemplifikaw il-pożizzjoni tal-UE, bl-għan li tiżdied l-influwenza tagħha u tiġi promossa l-leġiżlazzjoni li adottat permezz ta' proċess demokratiku; jenfasizza l-ħtieġa li tinkiseb il-konsistenza ta' regolamentazzjoni ġdida, kemm mal-*acquis* Ewropew kif ukoll mal-gwida internazzjonali, u implimentazzjoni proporzjonata, anke fil-kamp ta' applikazzjoni, biex jiġu evitati diverġenzi u duplikazzjoni mhux meħtieġa fil-leġiżlazzjoni; jemmen li dawn huma prerekwiżiti biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tal-istabbiltà globali fit-tul, iż-żamma tal-Ewropa bħala post attraenti għal investituri internazzjonali l-evitar ta' impatti negattivi mhux meħtieġa fuq il-kompetittività tas-setturi finanzjarji tal-UE; ifakkar fil-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, imsemmija fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jemmen li l-ASE għandhom ikunu involuti fid-diskussjonijiet dwar il-prinċipji regolatorji globali fi ħdan il-korpi internazzjonali għall-istabbiliment tal-istandards; jenfasizza li d-djalogu regolatorju mal-Istati Uniti għandu jissaħħaħ ulterjorment; itenni, f'dan il-kuntest, li kwistjonijiet regolatorji tas-servizzi finanzjarji għandhom jiġu inklużi f'negozjati internazzjonali meta jkun xieraq;

40. Jissottolinja li deċiżjonijiet ta' ekwivalenza huma meħtieġa biex jiġu indirizzati ostakli fir-rigward tal-aċċess għas-suq u l-oqfsa regolatorji rispettivi, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li tali deċiżjonijiet unilaterali jridu jkunu ta' benefiċċju għall-impriżi u l-konsumaturi Ewropej, u li l-ekwivalenza ma' ġurisdizzjonijiet oħra għandha l-potenzjal li żżid l-influssi tal-kapital u tattira aktar investiment fl-Ewropa; jissottolinja l-ħtieġa ta' evoluzzjoni lejn sistema konsistenti u koerenti ta' rikonoxximent sensibbli tal-istandards ugwali jew simili ta' xulxin;

41. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi pjan konsistenti, koerenti, trasparenti u qafas prattiku għal proċeduri u deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza ta' pajjiżi terzi, b'kont meħud ta' analiżi bbażata fuq ir-riżultati u ta' standards jew ftehimiet internazzjonali; jitlob li d-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza kollha jiġu adottati permezz ta' atti delegati; iqis li l-ASE għandu jkollhom rwol xieraq fl-allinjament ta' valutazzjonijiet ta' pajjiżi terzi għal deċiżjonijiet ta' ekwivalenza;

Regolamentazzjoni aħjar tas-servizzi finanzjarji tal-UE

42. Jemmen li regolamentazzjoni finanzjarja aħjar tinkludi qafas robust u tibda billi l-Istati Membri japplikaw l-*acquis* attwali; jenfasizza li implimentazzjoni effettiva, effiċjenti u konsistenti tal-leġiżlazzjoni hija kruċjali u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi rapporti regolari lill-Parlament dwar l-istat tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, u fejn applikabbli, il-proċeduri ta' ksur mressqa kontra Stati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinfurzaw il-leġiżlazzjoni b'mod xieraq; iqis li regolamentazzjoni żejda ("gold-plating") ma tiffaċilitax il-funzjonament tas-suq intern u l-kompetizzjoni; iqis li l-attrazzjoni ta' impriżi permezz tal-użu diskrezzjonali ta' standards aktar baxxi lanqas ma tiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi u rapport bir-reqqa tal-miżuri kollha ta' regolamentazzjoni żejda meħuda mill-Istati Membri fil-qasam tal-leġiżlazzjoni finanzjarja u biex tissottomettihom lill-Parlament sa tmiem l-2016;

43. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex jirrispettaw l-iskadenzi stipulati għat-traspożizzjoni tad-direttivi billi, minbarra li huma rekwiżiti ġuridiċi, huma fundamentali biex jiġi evitat id-dewmien fl-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni, kif ukoll l-applikazzjoni parzjali jew mhux indaqs tagħha madwar l-Unjoni, li tista' tirriżulta f'nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi għall-atturi differenti involuti u f'tipi oħrajn ta' distorsjonijiet;

44. Jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni transsettorjali u ta' kwalità aħjar fl-abbozzi u l-proċessi ta' abbozzar tal-Kummissjoni jew tal-ASE, li jinkludu t-twaqqit, il-prijoritizzazzjoni u l-evitar ta' trikkib; jenfasizza li dan għandu jevita kwalunkwe duplikazzjoni tal-att bażiku fl-atti delegati, iżda jevita wkoll li d-deċiżjonijiet politiċi li għandhom jiġu riżolti fi ħdan l-att bażiku qed jitħallew għall-atti delegati;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tippermetti l-involviment bikri tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, anke fil-livell tal-gruppi ta' esperti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura parteċipazzjoni bilanċjata fil-konsultazzjonijiet billi tirrifletti d-diversità tal-partijiet ikkonċernati, u billi tiffaċilita u tipprovdi kundizzjonijiet aħjar għall-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati żgħar li jirrappreżentaw l-impriżi, il-konsumaturi u s-soċjetà ċivili, inkluż il-mod kif il-konsultazzjonijiet jiġu organizzati u kif isiru l-mistoqsijiet;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

46. Jilqa' l-objettivi tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar; jirrikonoxxi l-ħtieġa ġenerali li tiġi eżaminata l-idoneità tar-regolamentazzjoni llum u fil-futur; madankollu, din l-idoneità ma tistax tiġi diżaggregata mill-funzjonament tas-settur finanzjarju kollu; jissottolinja r-rwol tar-REFIT biex tinkiseb regolamentazzjoni effiċjenti u effikaċi tas-servizzi finanzjarji u li tqis kif xieraq il-prinċipju tal-proporzjonalità kif ukoll biex jiġi appoġġat l-eżerċizzju ta' rendikont; jitlob li l-Parlament ikollu rwol akbar fid-deċiżjonijiet u fil-valutazzjonijiet intrinsiċi għar-REFIT; ifakkar li l-enfasi għandha tkun fuq it-titjib tar-regolamentazzjoni, mhux fuq id-deregolamentazzjoni; jenfasizza li l-iżgurar tat-trasparenza, is-sempliċità, l-aċċessibilità u l-korrettezza fis-suq intern kollu għandu jkunu parti mill-aġenda dwar ir-regolamentazzjoni aħjar għall-konsumaturi; jenfasizza wkoll li l-UE m'għandhiex toħloq piż ta' konformità mhux mixtieq fl-ispinta biex tikseb armonizzazzjoni akbar taħt il-USK;

47. Jemmen li l-ASE u l-MSU għandhom rwol kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' regolamentazzjoni u superviżjoni aħjar; jenfasizza r-rwol tal-ASE u l-MSU fl-iżgurar ta' koerenza u konsistenza bejn biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni, fit-tnaqqis tal-inċertezza u l-arbitraġġ regolatorju u fit-tħeġġiġ ta' kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn il-parteċipanti fis-suq; jenfasizza li l-ASE u l-MSU jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jkollhom persunal biżżejjed biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti mogħtija lilhom mill-koleġiżlaturi;

48. Jenfasizza li r-reviżjoni tar-regolamenti dwar l-ASE għandha tirrifletti d-dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà u trasparenza għal skrutinju msaħħaħ mill-Parlament, kif stabbilit fir-regolamenti dwar l-MSU u l-MUR, u trid issaħħaħ l-indipendenza tal-ASE mill-Kummissjoni; iqis li huwa neċessarju li jiġu esplorati possibilitajiet biex tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni akbar tal-ASE f'livell konsultattiv matul il-fażi ta' livell 1 filwaqt li jiġu rispettati l-prerogattivi tal-koleġiżlaturi;

49. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rispettati l-interazzjoni, il-konsistenza u l-koerenza bejn l-atti bażiċi u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni; jerġa' jenfasizza li d-deċiżjonijiet politiċi jridu jsiru mill-koleġiżlaturi fi ħdan l-att bażiku, u m'għandhomx jitħallew għall-atti delegati, li huma maħsuba "sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv" (l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea); jinsisti li l-Kummissjoni u l-ASE, meta jabbozzaw atti delegati u ta' implimentazzjoni u linji gwida, iżommu mas-setgħat li ġew ikkonferiti lilhom stabbiliti fl-atti bażiċi u jirrispettaw il-ftehim tal-koleġiżlaturi; jiddispjaċih li fil-passat l-awtoritajiet superviżorji, fl-abbozzar ta' atti ta' implimentazzjoni, mhux dejjem żammew mal-mandat stabbilit mil-leġiżlaturi Ewropej; jiddeplora l-fatt li l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni (atti delegati) u l-ASE (standards tekniċi) mhijiex suffiċjenti u għalhekk tista' taffettwa b'mod negattiv il-kwalità tal-konformità, b'mod partikolari meta r-rekwiżiti dettaljati ma jiġux adottati sa ftit żmien biss qabel l-iskadenza tal-implimentazzjoni tal-att bażiku;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tissepara għalkollox kemm l-atti delegati kif ukoll l-atti ta' implimentazzjoni u tevita "package approaches" sabiex tippermetti l-adozzjoni f'waqtha ta' dawk l-atti;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kwalunkwe emenda li saret għall-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji (STR) u standards tekniċi ta' implimentazzjoni (STI), imressqa mill-ASE, trasparenti għall-koleġiżlaturi u l-partijiet ikkonċernati;

52. Jenfasizza li rieżami ġuridiku bikri mill-Kummissjoni la għandu jnaqqas it-trasparenza tal-proċess vis-à-vis l-Parlament u lanqas id-dritt tal-Parlament li jiġi kkonsultat; jitlob li matul il-proċess ta' abbozzar, l-ASE jipprovdu proattivament lill-Parlament, regolarment, b'mod komprensiv u mingħajr dewmien, abbozzi provviżorji u informazzjoni interim dwar il-progress tal-ħidma u jikkonsultaw lill-Parlament dwar dan;

53. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-ASE jirrispettaw b'mod sħiħ l-iskadenzi għas-sottomissjoni stabbiliti mill-koleġiżlaturi u jagħtu minnufih lill-koleġiżlaturi spjegazzjoni meta jkun mistenni li skadenza se tinqabeż;

54. Ifakkar lill-ASE li l-istandards tekniċi, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet huma marbuta bil-prinċipju tal-proporzjonalità; jistieden lill-ASE jadottaw approċċ prudenti fir-rigward tal-portata u l-għadd tal-linji gwida, b'mod partikolari meta dawn ma jkunux espliċitament previsti fl-att bażiku; jinnota li approċċ restrittiv bħal dan huwa meħtieġ ukoll minħabba r-riżorsi limitati tal-ASE u l-ħtieġa li jipprijoritizzaw il-kompiti tagħhom, fejn il-limiti prattiċi ta' superviżjoni effettiva m'għandhomx jiġu stabbiliti minn limitazzjonijiet baġitarji, u jitlob li riżorsi adegwati jiġu ggarantiti għall-ASE sabiex ikunu jistgħu jwettqu superviżjoni affidabbli, indipendenti u effettiva fit-twettiq tal-mandat tagħhom;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

55. Jistieden lill-ASE jużaw id-dritt tagħhom li jitolbu informazzjoni dwar kif l-atti bażiċi jiġu applikati mill-Istati Membri u jwettqu evalwazzjonijiet bejn il-pari aktar regolarment dwar l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali bl-għan li tittejjeb il-konverġenza superviżorja fl-Istati Membri kollha;

56. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-ASE jippubblikaw regolarment verżjonijiet konsolidati ta' regolamenti tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji fil-websites tagħhom, inkluż sommarju li jista' jiġi aċċessat u mifhum mill-impriżi, il-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u oħrajn; jemmen li l-ħolqien ta' reġistru komuni li jinkludi referenzi għall-implimentazzjoni nazzjonali jkun għażla li ta' min wieħed jikkunsidraha;

It-triq 'il quddiem

57. Jistieden lill-Kummissjoni u l-ASE jwettqu regolarment (tal-inqas darba fis-sena) kontrolli ta' koerenza u konsistenza, anke fuq bażi transsettorjali u fuq kull abbozz ta' att leġiżlattiv, u fuq l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni adottata, inklużi l-STR u l-STI, u jiddedikaw riżorsi għal din l-attività;

58. Jistieden lill-Kummissjoni u l-ASE jwettqu regolarment (tal-inqas darba fis-sena) kontrolli ta' proporzjonalità u effikaċja, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli għal parteċipanti fis-suq żgħar u medji, u fuq kull abbozz ta' att leġiżlattiv, u jiddedikaw riżorsi għal din l-attività; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika Green Paper li tesplora approċċi ġodda għall-promozzjoni tal-proporzjonalità fir-regolamentazzjoni finanzjarja;

59. Jenfasizza li l-impatt ta' miżuri leġiżlattivi individwali jvarja mill-impatt kumulattiv tagħhom; jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni biex, b'kooperazzjoni mal-ASE, l-MSU u l-BERS, twettaq valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva komprensiva kull ħames snin tal-impatt kumulattiv tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-UE fis-swieq finanzjarji u l-parteċipanti tagħha fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri sabiex jidentifikaw nuqqasijiet u lakuni, jivvalutaw il-prestazzjoni, l-effikaċja u l-effiċjenza tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji u jiżguraw li ma tkunx qed tostakola l-kompetizzjoni ġusta u l-iżvilupp tal-ekonomija, u jirrapportaw lura lill-Parlament; jenfasizza l-importanza tat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati u analiżijiet kostijiet-benefiċċji għal kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-futur sabiex jintwera l-valur miżjud tal-leġiżlazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi; jissottolinja li l-valutazzjonijiet tal-impatt u l-analiżijiet kostijiet-benefiċċji għandhom jinkludu evalwazzjonijiet bir-reqqa tal-impatt tal-miżuri tal-Livell-2, li jiffurmaw parti sinifikanti mill-qafas regolatorju finanzjarju tal-UE; ifakkar li l-kwantifikazzjoni tal-impatt ta' miżuri leġiżlattivi tista' tkun diffiċli, b'mod partikolari minħabba li l-benefiċċji tagħhom huma diffiċli biex jitkejlu, iżda l-metodi għall-kwantifikazzjoni għandhom jibqgħu jintużaw;

60. Jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni jikkompletaw l-ewwel valutazzjoni sal-aħħar tal-2016 u jirrapportaw dwar l-impatt ġenerali u, f'kapitoli separati, filwaqt li joqogħdu wkoll fuq riċerka indipendenti, dwar dan li ġej:

— l-effetti fuq is-setturi finanzjarji differenti, inkluża diżaggregazzjoni differenzjata xierqa tal-parteċipanti fis-suq skont id-daqs, il-kumplessità u l-mudell kummerċjali, u fuq entitajiet mhux finanzjarji,

— distakki u lakuni possibbli, filwaqt li jitqies l-iżvilupp possibbli ta' theddid u riskji ġodda kif ukoll ta' trikkib u konsegwenzi mhux intenzjonati,

— l-effetti ekonomiċi attwali u mistennija, kif ukoll il-kompetittività tas-settur finanzjarju Ewropew fid-dinja,

— il-possibilitajiet ta' benefiċċju għall-ekonomija reali, inklużi l-SMEs, il-konsumaturi u l-impjiegi,

— il-ħtieġa li jittejbu aktar mezzi ta' finanzjament eżistenti u li jiġu estiżi mezzi ta' finanzjament komplementari, inkluż l-effett fuq l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja;

— l-effetti fuq id-domanda u l-provvista ta' finanzjament fit-tul,

— l-effetti fuq l-allokazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-assi u r-riskji, u fuq l-iżvilupp ta' proporzjonijiet tal-kapital ta' Grad 1 tal-ekwità għall-assi totali fl-istituzzjonijiet finanzjarji,

— l-effikaċja u l-adegwatezza tal-qafas għal investituri fil-livell tal-konsumatur, investituri istituzzjonali u konsumaturi u klijenti, inkluż il-qafas dwar it-trasparenza,

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

— l-effikaċja tat-tneħħija tal-ostakli għas-suq uniku, tal-limitazzjoni tal-arbitraġġ regolatorju u tat-tħeġġiġ tal-kompetizzjoni,

— l-effett globali fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-periklu morali, inkluża valutazzjoni tal-kostijiet u r-riskji possibbli tan-nuqqas ta' regolamentazzjoni, filwaqt li titqies l-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet tal-G20, u l-livell ta' interkonnettività bejn ditti finanzjarji,

— l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-kontabilità abbażi tal-valur ġust tal-IFRS meta mqabbla mal-kontabilità prudenzjali,

— l-effikaċja u l-adegwatezza tal-qafas tas-superviżjoni makroprudenzjali fl-UE,

— il-kapaċità tal-ASE li jwettqu l-kompiti li ngħatawlhom skont il-qafas leġiżlattiv attwali u dwar il-passi li jistgħu jinħtieġu biex jitjieb il-qafas, speċjalment il-finanzjament tal-ASE fil-futur qrib,

— l-interdipendenzi ma' standards internazzjonali u l-effetti fuq il-kompetittività globali tal-impriżi Ewropej, filwaqt li jitqies paragun bejn l-UE u ġurisdizzjonijiet ewlenin oħra f'termini ta' regolamentazzjoni eżistenti u sa liema punt tiġi implimentata;

61. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-riżultati tagħha lill-Parlament u lill-Kunsill u tissuġġerixxi miżuri meta xieraq;

o

o o

62. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0007

Fatturi esterni li jirrappreżentaw ostakli għall-intraprenditorija femminili Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar fatturi esterni li jirrappreżentaw ostakoli għall-intraprenditorija femminili Ewropea (2015/2111(INI))

(2018/C 011/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 16, 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata mir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 34/180 tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([1]) u s-sentenza relatata tal-1 ta' Marzu 2011 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża Test-Achats (C-236/09) ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 bl-isem "Implimentazzjoni tal-għanijiet ta' Barċellona rigward il-faċilitajiet ta' kura għat-tfal f'età ta' qabel l-iskola" (COM(2008)0638),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 intitolata "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-principju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE ([4]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (id-Direttiva dwar in-Nisa fuq Bordijiet (COM(2012)0614)),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2013 intitolata "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa" (COM(2012)0795),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-objettivi ta' Barċellona tad-29 ta' Mejju 2013 intitolat "L-iżvilupp tas-servizzi ta' akkoljenza tat-tfal żgħar fl-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u inklusiv", (COM(2013)0322),

([1]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
([2]) ĠU C 130, 30.4.2011, p. 4.
([3]) ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
([4]) ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar l-intraprenditorija tan-nisa fl-impriżi ta' daqs żgħir u medju ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-eliminazzjoni tal-istereotipi tas-sessi fl-UE ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-karrieri tan-nisa fix-Xjenza u l-Università u s-soqfa tal-ħġieġ li jiltaqgħu magħhom ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażagħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 bit-titolu 'Inizjattiva għan-Negozju Soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni' (COM(2011)0682),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0369/2015),

A. billi l-intraprenditorija hija kruċjali għall-impjieg, it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, l-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar b'mod ġenerali;

B. billi l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea espliċitament tirreferi għal-libertà tal-intrapriża għaċ-ċittadini kollha tal-UE u bħala tali jagħti s-setgħa u jħeġġeġ l-intraprenditorija, inkluża l-intraprenditorija femminili;

C. billi n-nisa kienu jiffurmaw biss 31 % tal-intraprendituri (10,3 miljun) fl-UE-28 fl-2012 ([6]), u 34,4 % biss ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-UE huma nisa;

D. billi n-nisa spiss huma biss is-sidien irreġistrati uffiċjalment ta' kumpaniji, għall-iskop uniku ta' garanzija ta' konċessjonijiet finanzjarji u kondizzjonijiet vantaġġjużi minn istituzzjonijiet ta' kreditu u amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, nazzjonali u reġjonali; billi fir-realtà dawn in-nisa jiffunzjonaw bħala "faċċati" peress li filwaqt li huma jġorru r-riskju tan-negozju it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpanija fir-realtà huwa f'idejn l-irġiel;

E. billi r-rata imprenditorjali femminili għadha lura fl-Istati Membri kollha u taħbi potenzjal mhux sfruttat ta' tkabbir u ta' prosperità;

F. billi l-ostakoli għall-intraprenditorija femminili bħalma hi l-predominanza ta' nisa qiegħda, id-distakk konsistenti fl-attività intraprenditorjali, u s-sottorappreżentanza tan-nisa fl-attivitajiet ta' ġestjoni, huma minsuġa flimkien u diffiċli biex jiġu ttrattati, u t-tneħħija tagħhom ser tirrikjedi kriterji kumplessi;

G. billi r-riċerka kwantitattiva dwar l-intraprenditorija femminili hija skarsa imma studji riċenti juru li l-irġiel huma aktar probabbli li jippreferu karrieri imprenditorjali milli huma n-nisa ([7]);

H. billi l-intraprenditorija femminili, ladarba tiġi distinta bir-reqqa mit-"taparsi" impjieg indipendenti, hija għajn b'saħħitha ta' indipendenza ekonomika li toffri lin-nisa l-opportunità ta' integrazzjoni ulterjuri fis-swieq tax-xogħol; billi l-intraprenditorija femminili toffri lin-nisa l-opportunità li jsaħħu r-rwol tagħhom bħala mexxejja ta' negozju u li jistimolaw bidla kulturali kemm ġewwa kif ukoll barra mill-kumpanija tagħhom; billi dawn in-nisa jistgħu jkunu mudell ta' rwol importanti għall-bniet u n-nisa żgħażagħ li jimxu fuq il-passi tagħhom;

([1]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 56.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0074.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0320.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0311.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2015)0292.
([6]) Rapport tal-Kummissjoni (2014), "Data statistika dwar l-intraprendituri Nisa fl-Ewropa".
([7]) Kummissjoni (2012), Flash Eurobarometer 354 dwar "Entrepreneurship in the EU and beyond" ("L-Intraprenditorija fl-UE u lil hinn minnha").

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

I. billi n-nisa għandhom potenzjal intraprenditorjali enormi, u l-intraprenditorija femminili tirrigwarda t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa;

J. billi d-deċiżjoni li persuna tibda taħdem għal rasha huwa att ta' awtorealizzazzjoni, iżda wieħed li jitlob livell għoli ta' impenn; billi l-livell għoli ta' responsabilità personali jwassal għal sigħat eċċezzjonalment twal ta' xogħol, b'tali mod li l-impjieg indipendenti m'għandux jitqies sempliċement bħala għajn addizzjonali ta' dħul; billi l-intraprendituri nisa jistgħu jirrikonċiljaw il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol biss jekk iċ-ċirkostanzi esterni jkunu jippermettu, jiġifieri jekk ikun hemm disponibbli indukrar tat-tfal xieraq u l-missirijiet iwettqu rwol attiv fl-indukrar u fit-tmexxija tal-unità domestika;

K. billi d-disponibbiltà, il-kwalità u l-affordabilità tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal u faċilitajiet ta' kura għall-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà jibqgħu xprun ewlieni biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol;

L. billi t-tqassim tar-responsabilitajiet familjari u r-responsabilitajiet ta' indukrar bejn in-nisa u l-irġiel għandu impatt fuq l-intraprenditorija femminili kif ukoll fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u li jintlaħaq bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huwa neċessità f'dak li jirrigwarda l-indipendenza ekonomika tan-nisa; billi kwart tal-Istati Membri ma jagħtux liv tal-paternità;

M. billi l-piżijiet amministrattivi qed ikomplu jkollhom effett negattiv fuq l-ispirtu intraprenditorjali kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel, u għalhekk huma meħtieġa regolamentazzjoni u leġiżlazzjoni effettivi bil-għan li lin-nisa tingħatalhom is-setgħa ekonomika u tinħoloq ekonomija stabbli bi tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklużiv;

N. billi n-nisa għandhom it-tendenza li l-livell ta' innovazzjoni tan-negozju tagħhom huma stess jivvalutawh bħala iżjed baxx minn dak tal-irġiel, u huwa biss perċentwal żgħir tal-privattivi maħruġa mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) li jingħataw lin-nisa ([1]);

O. billi l-għażliet magħmula min-nisa matul l-edukazzjoni tagħhom u s-segregazzjoni orizzontali u vertikali bejn is-sessi fl-impjiegi jfisser li hemm inqas nisa milli rġiel li jkunu jistgħu jibdew negozju fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġiji jew idawru invenzjoni f'oġġett li jkun profittabbli; billi x-xjenza u t-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-invenzjoni huma wkoll kunċetti li huma assoċjati fil-parti l-kbira mal-irġiel, fatt li jirrendi lil dawn l-oqsma inqas attraenti għan-nisa u jirriżulta f'li l-innovazzjonijiet u l-invenzjonijiet minn nisa jiġu rikonoxxuti u apprezzati inqas;

P. billi l-intraprendituri femminili spiss aktar għandhom it-tendenza li jikkonċentraw fuq setturi li huma meqjusa inqas profittabbli, bħalma huma l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u x-xogħol fil-komunità, meta mqabbla mas-setturi b'potenzjal ta' tkabbir kbir iddominati mill-irġiel bħalma huma dawk tat-teknoloġija u l-IT, u spiss aktar joperaw f'intrapriżi fuq skala żgħira bi tkabbir u fatturat iżjed baxxi; billi fl-2012 dan irriżulta f'distakk fid-dħul nett medju fl-UE-28 ta' 6 % bejn l-intraprendituri femminili u dawk maskili ([2]);

Q. billi t-teknoloġiji ħodor ġodda u l-intraprenditorija ekoloġika jikkostitwixxu settur li joffri potenzjal enormi għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-parità fl-intraprenditorija, kemm f'dak li hu aċċess ugwali għall-finanzjament u kemm f'dak li hu għadd indaqs ta' parteċipanti nisa u irġiel intraprendituri;

R. billi l-impjieg indipendenti f'ditti li jikkonsistu f'persunal ta' mara waħda waħedha, l-arranġament li ħafna nisa jsibu ruħhom fih, normalment ma jiġġenerax profitti sostanzjali, b'mod li n-nisa in kwistjoni jinsabu partikolarment f'riskju ta' faqar matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u meta jsiru ta'età avvanzata;

([1]) Rapport tal-Kummissjoni (2008), "Evalwazzjoni tal-politika: il-promozzjoni tal-innovaturi nisa u tal-intraprenditorija tan-nisa".
([2]) Kummissjoni (2014), Studju dwar "Data Statistika dwar l-intraprendituri Nisa fl-Ewropa".

S. billi diversi studji ([1]) jiżvelaw li l-intraprendituri femminili jibdew in-negozji b'livelli iżjed baxxi ta' kapital, fejn jagħżlu selfiet ta' ammonti inqas ta' flus u jużaw il-familja għall-pariri u l-finanzjament aktar milli finanzjament b'dejn jew b'ekwità mill-banek, investituri informali, ekwità privata jew kapital ta' riskju;

T. billi l-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għandha l-objettiv li tippromwovi opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, imma l-proporzjon ta' rġiel għal nisa tal-mikroselfiet kien ta' 60:40 fl-2013 ([2]);

U. billi l-intraprendituri nisa, meta mqabbla mal-irġiel, huma aktar reluttanti li jassumu pożizzjoni ta' dejn jew li jespandu n-negozju tagħhom, fil-biċċa l-kbira bis-saħħa ta' livelli aktar baxxi ta' fiduċja fihom infushom fir-rigward tan-negozju tagħhom;

V. billi d-diffikultà akbar għall-intraprendituri femminili fl-aċċess tagħhom għall-finanzjament tista' parzjalment tkun relatata ma' diffikultà fil-bini ta' storja ta' kreditu suffiċjenti u esperjenza maniġerjali suffiċjenti;

W. billi l-istereotipi relatati mal-kapaċitajiet tan-nisa u l-irġiel fil-qasam tal-intraprenditorija jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzji tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward ta' negozji ġodda; billi l-probabilità għolja li tista' ssir diskriminazzjoni kontrihom meta jkunu qed jippruvaw jaċċessaw il-finanzjament jista' jkollha impatt fuq id-deċiżjonijiet tan-nisa li jibdew kumpanija jew li jagħmlu dan b'self ta' inqas flus;

X. billi l-involviment ta' persuni minn ambjenti diversi fil-proċessi tal-investiment jista' jgħin biex jiġi pprevenut il-ħsieb bħala grupp jew sterjotipat;

Y. billi d-Direttiva 2004/113/KE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bejn is-sessi fl-aċċess għall-prodotti u s-servizzi u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jinkludu l-banek u s-servizzi finanzjarji, kif ukoll is-servizzi assoċjati mal-istabbiliment ta' negozji; billi huwa diffiċli li tiġi ppruvata d-diskriminazzjoni indiretta f'dan il-kuntest u l-Istati Membri m'għandhomx data jew informazzjoni preċiża dwar każijiet ta' diskriminazzjoni f'dak li hu aċċess għall-finanzjament;

Z. billi d-data turi li n-nisa, minkejja t-twemmin li jeżisti li l-investituri femminili huma maniġers tar-riskju aħjar ([3]), huwa probabbli li jkollhom tendenza akbar ta' averżjoni għar-riskji u nuqqas akbar ta' kunfidenza; billi dan jista' jwassal għal inqas kapaċità li jiġġeneraw kunfidenza minn partijiet esterni u jista' sussegwentement jinfluwenza l-possibbiltajiet tagħhom ta' finanzjament;

AA. billi l-intraprendituri nisa jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' żvilupp kif ukoll għat-tnaqqis tal-esklużjoni soċjali u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali; billi l-ostakoli għall-intraprenditorija soċjali jidhru inqas evidenti għan-nisa, u l-parteċipazzjoni ugwali fis-setturi soċjali tikkostitwixxi esperjenza ta' responsabbilizzazzjoni għan-nisa li tagħmilha aktar faċli għalihom biex jidħlu għall-intraprenditorija f'setturi oħra;

AB. billi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-intraprendituri nisa joperaw f'setturi li huma sekondarji mil-lat ta' rendiment ekonomiku u l-kompetittività fis-suq;

AC. billi hemm nuqqas ta' riċerka dwar is-sessi u l-aċċess għall-finanzi għall-intraprendituri soċjali filwaqt li b'mod ġenerali jidher li hija kwistjoni iżjed kumplessa biex l-intrapriżi soċjali jiksbu l-finanzjament;

AD. billi l-edukazzjoni intraprenditorjali, kemm formali kif ukoll informali, hija essenzjali biex aktar nisa u bniet jiġu inkoraġġiti jidħlu f'dan il-qasam;

([1]) Parlament Ewropew (2015), Studju tad-Dipartiment Tematiku għall-Politiki dwar "L-Intraprenditorija tan-Nisa: nagħlqu d-disparità bejn is-sessi fl-aċċess għas-servizzi finanzjarji u servizzi oħrajn u fl-intraprenditorija soċjali".

([2]) Kummissjoni (2015), Evalwazzjoni Interim tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress.

([3]) KPMG (2015), Rapport dwar "In-Nisa f'Investimenti Alternattivi".

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

1. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-valur tal-intraprenditorija femminili għall-ekonomiji tagħhom u l-ostakoli li jeħtieġ li jingħelbu; jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jressqu strateġiji konkreti biex jippromwovu kultura ta' intraprenditorija femminili, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-ħidma li qed issir fuq il-bżonnijiet, il-motivi u l-kundizzjonijiet fir-rigward tal-eradikazzjoni tal-isterjotipi skont is-sess, kif ukoll stili ta' tmexxija u ta' ġestjoni differenti u modi ġodda ta' organizzazzjoni u tmexxija ta' kumpaniji;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-integrazzjoni sħiħa tad-dimensjoni tal-ugwaljanza tas-sessi fil-politika futura kollha fil-qasam tal-intraprenditorija;

3. Jistieden lill-Istati Membri jikkollaboraw b'mod attiv mas-settur privat bil-għan li jiġu enfasizzati dawk il-kumpaniji li qed ifittxu li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-aħjar prattiki tagħhom;

4. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw programmi biex jgħinu, jappoġġaw u jagħtu pariri lill-intraprendituri nisa biex jibdew kumpaniji li jiġġeneraw il-valur u l-ġid u li huma pijunieri bbażati fuq prinċipji soċjalment responsabbli;

5. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru fil-livell reġjonali data diżaggregata skont il-ġeneru, inkluż dwar oqsma varji tal-intraprenditorija femminili, bil-għan li jirrikonoxxu l-kontribut tal-intraprendituri nisa fil-qasam soċjali, u jirrapportaw regolarment dwar il-għadd tagħhom; jirrakkomanda li d-data tingabar u tiġi kkonsolidata fil-livell Ewropew bl-appoġġ tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Eurostat; jirrakkomanda li d-dimensjoni tal-ugwaljanza tas-sessi għandha tiġi integrata fil-metodoloġija ta' kwalunkwe riċerka mwettqa fuq l-intraprenditorija, l-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali, minn espert kwalifikat fil-qasam tal-ugwaljanza tas-sessi, u li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-esperjenzi tan-nisa b'identitajiet emarġinati multipli;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora l-kwistjoni tal-intraprenditorija tan-nisa fl-istrateġija tagħha ta' wara l-2015 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

7. Jitlob li jkun hemm approċċ olistiku lejn l-intraprenditorija femminili, li jkollu l-għan li jinkoraġġixxi u jappoġġja lin-nisa biex jibnu karriera fl-imprenditorija, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi u l-opportunitajiet kummerċjali, u jinħoloq ambjent li jippermetti lin-nisa jilħqu l-potenzjal tagħhom u jsiru intraprendituri li jagħmlu suċċess billi jiżgura, inter alia, ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u l-ħajja personali, l-aċċess għal faċilitajiet ta' indukrar tat-tfal, u taħriġ imfassal apposta;

8. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jintensifikaw il-ġlieda tagħhom kontra l-istereotipi tas-sessi u jistabbilixxu miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra t-twemmin stereotipiku dwar dwar il-karatteristiċi u l-kapaċitajiet tal-irġiel u tan-nisa li għadhom jippersistu f'setturi ddominati mill-irġiel bħalma huma x-xjenza u t-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-invenzjoni; iqis li f'dawn is-setturi, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-investituri, is-settur finanzjarju u s-suq jistgħu jħarsu lejn in-nisa bħala inqas kredibbli jew inqas professjonali, u b'riżultat ta' dan il-klijenti, il-fornituri, is-sħab, il-banek u l-investituri xi drabi jħarsu lejn l-intraprendituri nisa b'xettiċiżmu, u dawn tal-aħħar ikun jinħtiġilhom li jkunu ferm iktar persistenti biex jagħtu prova tal-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet tagħhom bil-għan li jiksbu l-finanzjament li jkollhom bżonn;

Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-valur tal-intraprenditorija għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tan-nisa u tal-irġiel, ineħħu l-ostakli li jxekklu jew anki jimpedixxi l-intraprenditorija tan-nisa, u jadottaw qafas koerenti ta' miżuri biex jappoġġjaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; wara d-deċiżjoni li tiġi rtirata l-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva tal-Liv tal-Maternità u bil-għan li jiġi salvagwardjat il-progress fil-politiki tal-ugwaljanza fil-livell tal-UE, jinkoraġġixxi djalogu kostruttiv fost l-istituzzjonijiet biex jaraw kif l-aħjar li jappoġġjaw u jimplimentaw il-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kif ukoll distribuzzjoni ugwali tar-responsabilitajiet tal-familja, billi wkoll jiġi enfasizzat ir-rwol tal-irġiel fil-promozzjoni tal-ugwaljanza; itenni li l-liv tal-ġenituri u l-liv tal-paternità jistgħu jkollhom impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol femminili, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkunsidraw li jdaħħlu l-liv tal-paternità, jekk dan għadhom ma għamluhx diġà; jistieden lill-Kummissjoni biex, sal-aħħar tal-2016, tipproponi passi konkreti, inklużi proposti leġiżlattivi, biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri biex jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiftakru kemm hu importanti li jintlaħqu l-miri ta' Barċellona sabiex il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ssir realtà għal kulħadd, kif ukoll li jiġu implimentati b'mod xieraq azzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi previsti fil-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ppubblikat f'Awwissu 2015, u tal-użu ta' għodod u inċentivi xierqa, inklużi fondi Ewropej bħalma huma l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, biex jiġi ggarantit il-provvediment ta' indukrar ta' kwalità bi prezz affordabbli għat-tfal u persuni dipendenti oħra, inklużi d-dipendenti anzjani u l-membri tal-familja b'diżabilità; jenfasizza l-importanza ta' ħinijiet tax-xogħol razzjonali u flessibbli bil-għan li l-ġenituri u dawk li jindokraw jikkontribwixxu għal bilanċ sod bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; ifakkar fl-importanza ta' protezzjoni sħiħa tad-drittijiet soċjali għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dawk li jaħdmu għal rashom, li mingħajrhom l-intraprenditorija innovattiva u inklużiva ma tkunx possibbli;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jinbidel il-mod kif tradizzjonalment ġew assenjati r-rwoli tas-sessi fis-soċjetà, fil-post tax-xogħol u fil-familja, billi l-irġiel jiġu inkoraġġiti jiġu involuti aktar fix-xogħol tad-dar u fl-indukrar tal-qraba dipendenti, permezz ta', pereżempju, il-liv tal-paternità obbligatorju, il-liv tal-ġenituri mhux trasferibbli u politiki pubbliċi li jippermettu r-rikonċiljazzjoni effettiva bejn ir-responsabilitajiet relatati mal-familja u dawk relatati mal-ħajja tax-xogħol, b'mod partikolari għan-nisa u speċjalment fis-setturi li huma mobbli u kompetittiva ħafna, fejn ħinijiet tax-xogħol twal u flessibbli huma n-norma, kif ukoll it-tagħlim tul il-ħajja sabiex il-persuna tibqa' aġġornata dwar l-aħħar żviluppi teknoloġiċi u opportunitajiet tas-suq;

Informazzjoni u netwerks

12. Jenfasizza l-importanza li wieħed iħares lil hinn mill-fażi tal-bidu ta' negozju biex jgħin lil dawk in-nisa li jkunu għażlu t-triq tal-intraprenditorija ħalli jikkonsolidaw u jespandu n-negozju tagħhom, kif ukoll l-importanza tan-netwerking u l-iskambju tal-aqwa prattiki, mentorship, mudelli ta' eżempju femminili u appoġġ bejn il-pari għal dawn in-nisa, inkluż bil-ħsieb li jimxu lejn setturi aktar innovattivi, sostenibbli u li jagħmlu qligħ filwaqt li ma jiġux imdgħajfa l-kundizzjonijiet għal benesseri ġenerali b'saħħtu;

13. Jenfasizza l-potenzjal enormi tal-innovaturi u l-intraprendituri nisa u r-rwol importanti li dawn jistgħu jwettqu fit-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu fil-potenzjal diġitali tan-nisa u l-bniet, u jappoġġjaw u jippromwovu bis-sħiħ kultura intraprenditorjali diġitali għan-nisa u l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-soċjetà tal-informazzjoni;

14. Jenfasizza l-importanza kbira li għandhom l-ispazji pubbliċi f'li jigħinu biex jiġu żviluppati proġetti (billi jagħtu viżibbiltà u jaġixxu bħala inkubaturi għall-kumpaniji) u jipprovdu appoġġ finanzjarju u fiskali, informazzjoni rilevanti u aġġornata, u pariri dwar kif dak li jkun jibda negozju, b'mod partikolari għall-intraprendituri nisa ġodda; jenfasizza, bl-istess mod, l-importanza ta' fondi għall-konsolidazzjoni tan-negozju, preżenza akbar fil-forums soċjali, politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u r-rikonoxximent mill-awtoritajiet tal-importanza ta' dan il-grupp – kemm l-intraprendituri ġodda u kemm l-intraprendituri li ilhom stabbiliti – għas-soċjetà;

15. Jilqa' l-ħolqien tad-diversi netwerks Ewropej għall-intraprendituri femminili; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkomunika b'mod iżjed attiv dwar il-kisbiet tal-intraprendituri femminili u tirrikonoxxihom b'mod espliċitu bħala mudelli potenzjali ta' rwol, permezz tal-Premjijiet għall-Promozzjoni tal-Intrapriżi u l-Kompetizzjoni tal-Innovazzjoni Soċjali Ewropea;

16. Iqis li n-netwerks Ewropej tan-nisa intraprendituri għandhom joħolqu netwerk Ewropew u nazzjonali biex jiffaċilitaw u jassistu lin-nisa biex ifittxu finanzjament u servizzi ta' pariri għall-faċilità ta' aċċess;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza l-użu tal-forums fil-Pjattaforma Elettronika Ewropea għall-Intraprenditorija tan-Nisa li se ssir dalwaqt u tinkludi pjan pass, pass għall-aċċess għall-possibbiltajiet tal-finanzjament Ewropej, filwaqt li tagħmel ukoll il-Pjattaforma Elettronika attraenti għall-investituri potenzjali u għas-servizzi tal-gvern tal-Istati Membri, f'attentat biex titnaqqas il-burokrazija għall-intraprendituri femminili billi jiġu ċċarati l-proċeduri amministrattivi, u b'hekk tinħoloq Pjattaforma Elettronika li tista' ssir referenza futura fis-settur;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

18. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi, mingħajr ebda impatt fuq il-baġit tal-Kummissjoni u fil-qafas tal-istruttura eżistenti, Ċentru Ewropew tan-Negozju għan-nisa, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u kumpaniji mis-settur privat, li jkun jiffunzjona bħala punt fokali biex jiġu promossi l-inizjattivi tal-Kummissjoni għall-intraprendituri nisa, billi jipprovdi ġestjoni u assistenza teknika, joħloq u jsaħħaħ in-netwerks eżistenti, u jimmonitorja u jintegra d-dimensjoni tal-ugwaljanza tas-sessi fl-inizjattivi tan-negozju u l-programmi ffinanzjati mill-baġit tal-UE;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa intraprendituri għan-netwerks tekniċi, xjentifiċi u kummerċjali l-aktar rilevanti, peress li aċċess bħal dan huwa essenzjali biex jiżviluppaw kunċetti ta' negozji, jiltaqgħu ma' konsumaturi, fornituri potenzjali u sħab potenzjali, jifhmu s-suq bix-xejriet, l-opportunitajiet u l-punti dgħajfin tiegħu, u jiksbu informazzjoni strateġika, kooperazzjoni u appoġġ;

Aċċess għall-finanzjament

20. Jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-awtoritajiet tagħhom u lill-korpi tal-ugwaljanza tagħhom (fejn dawn jeżistu) biex jikkollaboraw mas-settur finanzjarju rigward l-obbligu tagħhom li jiżguraw l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għall-kapital għall-ħaddiema freelance u l-SMEs; jistedinhom jesploraw il-possibilitajiet li jintroduċu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istrutturi tagħhom ta' rappurtar dwar l-attribuzzjoni ta' selfiet, fit-tfassil tal-profili ta' riskju tagħhom, il-mandati ta' investiment u l-istrutturi tal-persunal, u fil-prodotti finanzjarji u r-reklamar tagħhom;

21. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu mapep ta' għajnuna li jispjegaw miżuri biex jingħata appoġġ lill-intraprenditorija fost in-nisa u lill-kompetittività u l-intraprenditorija fin-negozju, li jkun ivarja mit-trawwim ta' kultura intraprenditorjali għall-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jew finanzjament għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI);

22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex b'mod diliġenti timmonitorja l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ugwaljanza tas-sessi fl-allokazzjoni tal-fondi tal-UE b'rabta mal-intraprenditorija; jissuġġerixxi lill-Kummissjoni l-introduzzjoni ta' kwoti skont is-sessi fil-forom kollha ta' appoġġ immirat ipprovdut lill-gruppi sottorappreżentati u żvantaġġjati, sabiex jiġi żgurat il-progress lejn il-kisba ta' parità fl-intraprenditorija;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-viżibilità tal-finanzjament għall-attività intraprenditorjali billi jfasslu mapep ta' għajnuna għall-mikrofinanzjament, fost miżuri oħra, taħt il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress, u jistedinhom iħarsu lejn il-possibilitajiet ta' kollaborazzjoni mas-settur privat għal investiment f'setturi "femminili", bħalma huma garanziji ta' self tal-gvern;

24. Jenfasizza l-importanza tal-użu tal-flussi finanzjarji kollha possibbli, u b'mod speċjali l-Fondi Strutturali, fi ħdan il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014-2020;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu miżuri u azzjonijiet ta' assistenza u pariri għal dawk in-nisa li jiddeċiedu li jsiru intraprendituri, biex jinkoraġġixxu l-intraprenditorija kummerċjali min-naħa tan-nisa billi jiffaċilitaw u jissimplifikaw l-aċċess għall-finanzjament u appoġġ ieħor, u biex ineħħu l-ostakli burokratiċi u ostakoli oħra għall-bidu ta' negozji tan-nisa;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora u tiżviluppa proposti għal modi kif in-nisa jistgħu jiġu mħajra jinteressaw ruħhom fil-bidu ta' negozji ġodda; Jenfasizza li n-nisa bl-ispirtu kummerċjali neċessarju għandhom isiru konxji tal-programmi ta' appoġġ u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibdew jakkumulaw data diżaggregata skont is-sess dwar l-aċċess tal-intraprendituri għall-finanzjament, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u jkomplu jesploraw jekk hemmx xi evidenza konkreta ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra n-nisa f'dan il-kuntest u, jekk ikun hemm, kif għandhom jiġu indirizzati l-fatturi esterni li jinfluwenzaw il-valutazzjonijiet tal-investituri tal-vijabbiltà ta' bidu ta' negozji mmexxija min-nisa;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-intraprendituri nisa fir-rieżami u aġġornament li jmiss tagħha tas-"Small Business Act" (Att dwar in-Negozji ż-Żgħar) (SBA), kif ukoll fir-rapporti annwali tal-SBA; jemmen li dawn l-isfidi għandhom jitqiesu fil-programmi kollha tal-SBA, u li għandu jiġi stabbilit Pjan ta' Azzjoni addizzjonali biex jingħelbu l-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom l-intraprendituri nisa;

29. Jilqa' r-rieżami tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE u t-traspożizzjoni tagħha fil-liġijiet nazzjonali mill-Istati Membri, imma jiddispjaċih għan-nuqqas ta' attenzjoni kkonċentrata fuq l-identifikazzjoni tad-diskriminazzjoni indiretta; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tirrieżamina d-Direttiva billi tqis miżuri iżjed effettivi biex tittratta b'mod determinat dan it-tip potenzjali ta' diskriminazzjoni;

30. Iqis li għandu jiġi pprovdut aċċess aktar faċli għall-finanzjament għall-intraprendituri nisa f'setturi innovattivi u sostenibbli fejn l-irġiel jinsabu fil-maġġoranza, b'referenza partikolari għall-ICT, il-kostruzzjoni u t-trasport; jitlob f'dan ir-rigward għal aktar monitoraġġ biex jiġi evitat il-fenomenu fejn in-nisa jiġu użati mill-irġiel bħala "faċċata" biex jiżguraw il-finanzjament fuq termini iktar faċli;

Edukazzjoni u taħriġ intraprenditorjali

31. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jippromwovu kultura imprenditorjali fi ħdan l-edukazzjoni u t-taħriġ; jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni fil-livelli kollha, kemm formali kif ukoll informali u inkluż it-tagħlim tul il-ħajja, biex tingħata spinta lill-intraprenditorija u l-iżvilupp ta' negozji ġodda, inkluż l-ICT, u speċjalment fl-oqsma li l-aktar jiġu studjati mill-bniet, bħalma huma l-kura tas-saħħa u servizzi oħra; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi li jiżguraw rappreżentanza aktar bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fis-settur tan-negozju u jagħtu spinta lil din ir-rappreżentazzjoni billi lin-nisa jagħmluhom aktar konxji tal-vantaġġi tat-taħriġ fin-negozju;

32. Jistieden lill-iskejjel u lill-universitajiet jinkoraġġixxu lill-bniet u lin-nisa jieħdu suġġetti li jwasslu għal karrieri f'setturi fl-oqsma tax-xjenza, il-finanzi u setturi profittabbli bi tkabbir kbir bħalma huma teknoloġiji ġodda, inkluża t-teknoloġija ekoloġika, l-ambjneti diġitali u l-IT;

33. Jistieden lill-Istati Membri jikkollaboraw mas-settur pubbliku, is-settur privat, l-NGOs, l-universitajiet u l-iskejjel sabiex jistabbilixxu aktar apprendistati u programmi ta' tagħlim mhux formali u informali, inklużi dawk li jippermettu li l-istudenti jmexxu proġetti ta' żvilupp ibbażati fuq kunċetti reali tan-negozju minn età żgħira 'l quddiem u inkubaturi tan-negozju li jkollhom il-għan li jagħtu s-setgħa lill-intraprendituri żgħażagħ filwaqt li jitgħallmu, jifhmu u jimplimentaw il-kultura tad-drittijiet tax-xogħol;

34. Jitlob lill-UE tinvesti fi programmi li jipprovdu taħriġ kontinwu għan-nisa, kemm ħaddiema u kemm intraprendituri, li kontinwament jaġġornaw il-ħiliet tagħhom u jiżguraw il-kwalità tal-iżvilupp professjonali, b'referenza partikolari għas-settur kummerċjali;

35. Jenfasizza l-importanza li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-intraprendituri nisa, inkluż permezz ta' għotjiet u korsijiet ta' taħriġ dwar l-aspetti legali bażiċi tal-bidu u t-tmexxija ta' kumpanija, bħalma huma l-liġijiet dwar il-bidu ta' negozju, il-proprjetà intellettwali u l-protezzjoni tad-data, ir-regoli fiskali, il-kummerċ elettroniku, l-għotjiet pubbliċi disponibbli, eċċ., u l-importanza li jingħata taħriġ fit-teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, netwerks soċjali, il-kummerċ onlajn, in-networking, eċċ.;

36. Jinnota bi tħassib li n-nisa spiss jissottovalutaw il-ħiliet tagħhom, probabbilment b'riżultat tal-isterjotipi ankrati fis-soċjetà, u għandhom iktar probabilità mill-irġiel li jammettu nuqqas ta' ħiliet imprenditorjali, awtokunfidenza, tal-mod kif jasserixxi ruħhom u tar-rieda li jieħdu riskji meta jkunu qed jibdew negozju, u li għalhekk hemm ħtieġa ta' programmi ta' appoġġ motivazzjonali u psikoloġiku biex tissaħħaħ l-awtokunfidenza tal-intraprendituri femminili;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Intraprenditorija soċjali

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu riċerka li tfittex li tispjega l-attività imprenditorjali akbar tan-nisa fl-intraprenditorija soċjali u l-effett multiplikatur possibbli tagħha fuq l-intraprenditorija tradizzjonali;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji li jivvalutaw il-kumpaniji f'korrelazzjoni mal-kontribut tagħhom għas-soċjetà u l-iżvilupp ta' marki ta' fiduċja għall-intraprenditorija soċjali u ambjentali; jirrakkomanda l-inklużjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa bħala miżuri ta' impatt soċjali li, min-naħa tagħhom, ikunu jħeġġu lil iktar intraprendituri soċjali jikkunsidraw tal-intrapriża tagħhom minn perspettiva tal-ġeneru;

39. Jenfasizza li mudelli ta' negozju alternattivi bħalma huma l-kooperattivi u s-soċjetajiet mutwi jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tmexxija 'l quddiem ta' żvilupp u tkabbir sostenibbli u inklużivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw u jippromovu mudelli alternattivi bħal dawn;

o

o o

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0008

Politiki dwar il-ħiliet għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar politiki dwar il-ħiliet għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ (2015/2088(INI))

(2018/C 011/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istatus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2013 dwar Garanzija għaż-Żgħażagħ ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2014 dwar "L-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli biex l-intrapriżi, in-negozji u n-negozji ġodda joħolqu l-impjiegi?" ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: implimentazzjoni tal-prijoritajiet 2014 ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([5]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships ([6]), u wara li kkunsidra l-mistoqsija bil-miktub E-010744/2015 tat-2 ta' Lulju 2015 dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2015 dwar it-tisħiħ tal-politika ta' kooperazzjoni transettorjali biex jiġu indirizzati b'mod effikaċi l-isfidi soċjoekonomiċi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażagħ ([7]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-"Lista ta' Kwistjonijiet b'rabta mar-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea" tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ([8]),

— wara li kkunsidra n-nota ta' tgħarrif taċ-Cedefop ta' Ġunju 2013 bit-titolu: "Toroq għall-irkupru: tliet xenarji tal-ħiliet u tas-suq tax-xogħol għall-2025".

— wara li kkunsidra n-nota ta' tgħarrif taċ-Cedefop ta' Marzu 2014 bit-titolu "Nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet: aktar milli tara l-għajn",

---

([1]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 29.
([2]) ĠU C 440, 30.12.2015, p. 67.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0394.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2014)0038.
([5]) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.
([6]) ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1.
([7]) ĠU C 172, 27.5.2015, p. 3.
([8]) CRPD/C/EU/Q/1

— wara li kkunsidra l-istudju taċ-Cedefop ta' Novembru 2014 bit-titolu "L-isfida tal-validazzjoni: kemm hi qrib l-Ewropa li tirrikonoxxi t-tagħlim kollu?",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Is-sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: investiment għat-tkabbir u l-impjiegi" (COM(2014)0473),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 – Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' April 2015 bit-titolu "Pilotaġġ ta' sħubijiet realistiċi għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ – Rapport sommarju tal-kisbiet ewlenin u t-tagħlimiet miksuba mill-Azzjoni Preparatorja dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-Parlament Ewropew",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tal-2015 bit-titolu "Intraprenditorija għaż-żgħażagħ fl-Ewropa: valuri, attitudnijiet, politiki",

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006, u b'mod partikolari l-Kapitolu IV tiegħu dwar "l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ" ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0366/2015),

A. billi fil-preżent 4,5 miljun żagħżugħ u żagħżugħa ta' bejn il-15 u l-24 sena jinsabu qiegħda fl-Unjoni Ewropea u billi aktar minn 7 miljun żagħżugħ Ewropew ta' bejn il-15 u l-24 sena la qed jaħdmu, la qed jistudjaw u lanqas qed jagħmlu korsijiet ta' taħriġ;

B. billi r-rata tal-qgħad madwar l-Unjoni kienet ta' 9,9 % fl-aħħar tal-2014, u billi r-rata tal-qgħad għaż-żgħażagħ kienet aktar mid-doppju ta' din iċ-ċifra, preċiżament 21,4 %;

C. billi ż-żgħażagħ intlaqtu b'mod speċjali mill-kriżi;

D. billi nuqqas ta' ħiliet rilevanti għal xogħol disponibbli u nuqqas ta' tlaqqigħ tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma fatturi importanti li jikkawżaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ; billi, minkejja li għandhom livell ta' edukazzjoni ogħla u għandhom aktar ħiliet minn ġenerazzjonijiet preċedenti, iż-żgħażagħ għadhom qed jiffaċċjaw ostakli strutturali sinifikanti biex jiksbu impjieg ta' kwalità li jirrispetta l-istandards tal-UE u nazzjonali; billi mingħajr ħolqien tax-xogħol effiċjenti u sostenibbli fl-Ewropa, il-kriżi tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ma tistax tiġi solvuta;

E. billi d-dewmien fl-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-perjodi twal ta' qgħad għandhom impatti negattivi fuq il-prospetti ta' karriera, paga, saħħa u mobilità soċjali;

F. billi ż-żgħażagħ huma ta' valur għall-ekonomija Ewropea u billi għandhom jimpenjaw ruħhom biex jipprovdu l-ħiliet mitluba mis-suq tax-xogħol, filwaqt li jantiċipaw il-ħtiġijiet tal-ġejjieni;

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

G. billi ż-żgħażagħ jiġu integrati fi tliet gruppi ewlenin – l-istudenti, il-ħaddiema u dawk qiegħda – u billi għandhom jiġu adottati approċċi politiċi distinti għal kull wieħed minn dawn il-gruppi sabiex jiġi żgurat li l-membri tal-grupp huma integrati fis-suq tax-xogħol, li jfisser li l-istudenti żgħażagħ irid ikollhom il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol, il-ħaddiema żgħażagħ iridu jaġġornaw il-ħiliet u t-taħriġ tagħhom tul il-karriera tagħhom u, fir-rigward taż-żgħażagħ qiegħda, id-distinzjoni trid tqis il-fatt li dawn jistgħu jkunu qed ifittxu impjieg b'mod attiv jew ikunu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs);

H. billi għandhom isiru l-isforzi kollha sabiex jiġi żgurat li s-sistemi edukattivi jippreparaw lill-istudenti għar-realizzazzjoni professjonali b'mod adegwat u biex tkun iggarantita kooperazzjoni mill-qrib bejn ir-rappreżentanti tas-settur tal-edukazzjoni, is-servizzi soċjali fejn xieraq, l-impjegaturi u l-istudenti;

I. billi l-ippjanar tat-taħriġ u tal-edukazzjoni jitjieb b'mod sinifikanti meta l-organizzazzjonijiet tal-istudenti u taż-żgħażagħ jiġu inklużi fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jilħaq aħjar il-ħtiġijiet tas-soċjetà, tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet meħtieġa;

J. billi l-persuni li huma żvantaġġati, diskriminati u vulnerabbli ħafna drabi huma esklużi mill-possibbiltà li jiżviluppaw it-talenti, l-abbiltajiet u l-ħiliet tagħhom meta d-dimensjoni soċjali ma tiġix meqjusa fil-politiki dwar l-edukazzjoni, l-impjieg u fil-politiki soċjali; billi għandhom jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji lis-settur tal-edukazzjoni;

K. billi l-implimentazzjoni ta' politiki effikaċi dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet bl-appoġġ tal-impjegaturi, tal-aġenziji tal-impjieg u ta' partijiet interessati oħrajn jistgħu jgħinu jnaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

L. billi jinħtieġ taħriġ xieraq għal dawk li jirreklutaw, għall-maniġers tar-riżorsi umani, għas-servizzi ta' impjiegi, għall-impjegaturi u għas-settur tal-edukazzjoni;

M. billi l-kriżi finanzjarja tal-2008 ħolqot problemi addizzjonali fl-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, peress li l-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa aktar sensittiv għall-kundizzjonijiet ekonomiċi mill-qgħad globali, peress li dawn ġeneralment ikollhom inqas esperjenza;

N. billi l-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju huma wieħed mill-ikbar ġeneraturi ta' impjiegi fl-UE, li jirrappreżentaw konsiderevolment aktar minn 80 % tal-impjiegi kollha u kienu minn ta' quddiem f'ħafna setturi "ekoloġiċi", iżda jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet partikolari biex jantiċipaw il-ħiliet meħtieġa u fit-twettiq tal-potenzjal għall-impjiegi;

O. billi l-intraprenditorija taż-żgħażagħ tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ tista' tixpruna l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ;

P. billi s-suċċess tal-iskemi ta' internships u apprendistati jvarja minn parti għall-oħra tal-Unjoni, skont il-karatteristiċi tagħhom;

Q. billi l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, meta tiġi implimentata b'mod effikaċi, tikkostitwixxi approċċ komprensiv li jgħin liż-żgħażagħ jagħmlu t-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol jew għal edukazzjoni ta' kwalità għolja b'suċċess, kif muri mill-kisbiet tal-Azzjoni Preparatorja dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-Parlament Ewropew;

R. billi, sabiex jinkisbu riżultati effikaċi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, huwa indispensabbli li jiġu vvalutati l-ħtiġijiet reali tal-impjiegi taż-żgħażagħ u l-oqsma veri li joffru opportunitajiet ta' xogħol futuri, bħal pereżempju l-ekonomija soċjali u l-ekonomija ekoloġika, dan kollu flimkien ma' monitoraġġ kostanti u bir-reqqa mhux biss tal-proġetti kkonċernati iżda wkoll tal-aġenziji li jipprovduhom, u l-ħruġ ta' rapporti regolari dwar l-istat ta' progress ta' din il-miżura kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

S. billi l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ hija għodda essenzjali għat-twassil ta' appoġġ immirat lejn iż-żgħażagħ li huma barra min-NEETs;

Kooperazzjoni, parteċipazzjoni, sħubiji

1. Jinnota li l-iżvilupp tal-ħiliet individwali u t-tixrid tat-tagħrif u tal-ħiliet huma wieħed mill-elementi ewlenin tal-politiki tal-impjieg u soċjali integrati u li jistgħu jippermettu l-istabbiliment tat-tkabbir fit-tul, l-ixprunar tal-kompetittività tal-Ewropa, il-ġlieda kontra l-qgħad u l-bini ta' soċjetà Ewropea aktar inklużiva, jekk il-politiki għall-iżvilupp tal-ħiliet jirrikonoxxu l-ħtiġijiet u l-ħiliet fuq bosta saffi taż-żgħażagħ qiegħda; ifakkar li l-iżvilupp tal-ħiliet se jibqa' mingħajr effett jekk il-ħolqien tal-impjiegi u l-protezzjoni xierqa ta' sigurtà soċjali ma jiġux indirizzati b'mod parallel;

2. Jenfasizza li "spinta ġdida għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment" hija prijorità essenzjali tal-Kummissjoni u li, fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2015, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tieħu inizjattivi prattiċi biex tippromwovi l-integrazzjoni u l-impjegabbiltà fis-suq tax-xogħol, u b'mod partikolari miżuri biex tagħti appoġġ lill-Istati Membri sabiex idaħħlu ż-żgħażagħ fix-xogħol; itenni li l-Parlament ippropona regolarment soluzzjonijiet differenti li jenfasizzaw li l-impjiegi għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu fost l-ogħla prijoritajiet politiċi għall-UE;

3. Ifakkar li l-involviment taż-żgħażagħ, tal-partijiet interessati, tal-organizzazzjonijiet u tas-sħab soċjali fl-ixprunar tal-żvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' inizjattivi rilevanti mmirati lejn l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażagħ fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali huwa tal-ogħla importanza;

4. Jirrimarka li, min-naħa waħda, hemm 24 miljun persuna qiegħda fl-Ewropa, inkluż 7,5 miljun żagħżugħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) u min-naħa l-oħra hemm 2 miljun post vakanti fl-UE; jinnota li hemm ħafna żgħażagħ qiegħda kwalifikati żżejjed li l-ħiliet tagħhom ma jaqblux mad-domanda tas-suq tax-xogħol; jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa li jinbnew sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali, is-servizzi tal-edukazzjoni u tal-impjiegi – kemm dawk ewlenin kif ukoll dawk speċjalizzati – u s-sħab soċjali u l-komunità tan-negozji biex jappoġġjaw il-ħolqien, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji tal-impjiegi sostenibbli fuq terminu qasir u twil, inklużivi u ta' kwalità u pjanijiet ta' azzjoni; jappella għall-kooperazzjoni u interazzjoni mill-qrib u strutturali bejn l-edukazzjoni fl-iskola u vokazzjonali, l-amministrazzjoni pubblika, in-negozju, is-soċjetà ċivili, speċjalment l-organizzazzjonijiet tal-istudenti u taż-żgħażagħ, bil-ħsieb li l-ħiliet jitqabblu aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' opzjonijiet tat-tieni possibbiltà, sabiex tiġi massimizzata l-kwalità tal-edukazzjoni u tat-taħriġ; jenfasizza li dan it-titjib fil-kooperazzjoni huwa kruċjali wkoll għal implimentazzjoni effikaċi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;

5. Jilqa' l-għodod għall-iżvilupp tal-ħiliet u t-tbassir ta' ħtiġijiet ta' ħiliet proposti mill-Kummissjoni; jenfasizza l-fatt li l-iżvilupp tal-ħiliet għandu jheġġeġ l-iżvilupp tal-ħiliet STEM, li fl-ekonomija huma utli b'mod wiesa'; jenfasizza, madankollu, li huma meħtieġa azzjoni u investiment aktar ambizzjużi; jemmen li, sabiex jiġu previsti l-ħtiġijiet ta' ħiliet futuri, il-partijiet interessati kollha tas-suq tax-xogħol iridu jkunu involuti b'mod qawwi fil-livelli kollha;

6. Jistieden lill-Istati Membri, il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali jadottaw u jimplimentaw, flimkien mas-sħab soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-istrateġiji ta' antiċipazzjoni bl-għan tat-titjib tal-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' sħubijiet u ta' fiduċja bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, in-negozji, is-sħab soċjali u l-awtoritajiet;

7. Jenfasizza r-rwol li għandhom l-istituzzjoniijet ta' edukazzjoni għolja fl-iżvilupp tal-għarfien u l-kompetenzi li jeħtieġu l-gradwati sabiex jagħmlu suċċess fis-suq tax-xogħol;

It-Tlieta 19 ta’ Jannar 2016

8. Jenfasizza r-rwol essenzjali ta’ għalliema u persunal tat-taħriġ li jkunu kompetenti fit-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, speċjalment fiż-żoni sottożviluppati, u biex itejbu l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ; jenfasizza li l-għalliema għandhom bżonn li jkunu appoġġjati aħjar mill-iskejjel, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ, il-komunitajiet lokali u l-politiki edukattivi, pereżempju permezz ta’ taħriġ aktar effiċjenti u aġġornat f’ħiliet ġodda, bħalma huma l-ħiliet intraprenditorjali u tal-ICT, il-promozzjoni tat-tagħlim bejn il-pari u l-iskambju tal-aħjar prattiki, u aċċess aktar faċli għal opportunitajiet ta’ taħriġ u t-titjib tas-sistemi ta’ ETV kontinwi; jenfasizza, f’dan ir-rigward, l-importanza tal-investiment fl-iżvilupp tat-tagħlim tul il-ħajja għall-għalliema; jopponi bis-saħħa kwalunkwe tnaqqis fil-baġits tal-edukazzjoni, speċjalment meta dawn ikunu kombinati ma’ tnaqqis fil-boroż ta’ studju u fl-għotjiet u maż-żieda tat-tariffi edukattivi;

9. Jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta’ metodi ġodda ta’ tagħlim u taħriġ, żviluppati mill-għalliema bħala rispons għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-klassi;

10. Jenfasizza li l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kumpaniji għandhom jaħdmu flimkien biex ifasslu kwalifiki li jirriflettu b’mod preċiż il-ħiliet attwali li l-gradwati jkunu kisbu matul ħajjithom;

11. Jenfasizza l-importanza li jiġu involuti impjegaturi żgħażagħ innovattivi fid-djalogu li għaddej bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-impjegaturi fi sforz sabiex jitfasslu aħjar l-edukazzjoni u t-taħriġ speċjalizzat għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; jilqa’ u jenfasizza l-importanza ta’ programmi ta’ konsulenza maħsuba biex iħejju liż-żgħażagħ għall-impjiegi futuri;

12. Jenfasizza l-importanza tal-kapaċità amministrattiva u tal-aġenziji tal-impjieg li jiffunzjonaw; jitlob għat-tisħiħ tal-prinċipju tas-sħubija bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili kif ukoll għall-provvediment tat-taħriġ rilevanti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u partijiet interessati oħra sabiex jiġi żgurat l-użu tal-fondi Ewropej b’mod aktar effikaċi u strateġiku; jitlob ukoll li l-gvernijiet ikunu aktar ambizzjużi u jagħmlu sforzi fl-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, tal-kumpaniji u tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-entitajiet edukattivi u tat-taħriġ, billi jimplimentaw b’aktar ħeffa l-programmi operattivi għall-impjieg u billi jimmonitorjaw il-progress miksub;

13. Jenfasizza l-importanza ta’ kooperazzjoni transettorjali mill-qrib, b’mod partikolari bejn is-servizzi ta’ impjieg u tal-edukazzjoni;

14. Ifakkar li l-politiki għandhom jiffukaw fuq l-għoti ta’ għajnuna lin-NEETs, inklużi dawk li m’għadhomx involuti, biex ikomplu l-edukazzjoni tagħhom jew jintegraw fis-swieq tax-xogħol;

15. Jinnota li l-fondi Ewropej, jekk użati b’mod aktar effiċjenti u strateġiku, jistgħu jirrappreżentaw strument straordinarju għat-tkabbir u l-iżvilupp tal-universitajiet u tan-negozji; jitlob li jintużaw aktar riżorsi ekonomiċi għat-tixrid ta’ informazzjoni dwar l-istrumenti ta’ finanzjament Ewropej, kif ukoll biex fl-universitajiet u fin-negozji jiżdiedu l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għat-tiftix ta’ fondi, għall-istudju u għall-ġestjoni tal-proġetti ta’ finanzjament;

16. Jenfasizza li, biex tiġi żgurata l-kwalità tal-użu tal-fondi tal-UE, huwa importanti ħafna li tiġi implimentata sistema ta’ superviżjoni u monitoraġġ tal-użu ta’ dawn ir-riżorsi;

17. Jitlob li jkun hemm premju tal-UE għall-aħjar proġetti fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, li jistgħu jkunu marbuta mal-konkors pan-Ewropew “Premju Ewropew taż-Żgħażagħ” u mal-Premju Ewropew “Għall-impjieg taż-żgħażagħ fl-Ekonomija Soċjali”; jistieden lill-Kummissjoni tagħti viżibbiltà lil dawn l-inizjattivi sabiex tqajjem is-sensibilizzazzjoni u toqrob lejn il-ħtiġijiet taċ-ċittadini; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa għal responsabbiltà baġitarja u jitlob, għaldaqstant, biex dawn l-inizjattivi jiġu ffinanzjati mill-baġit eżistenti;

18. Jitlob Strateġija tal-Ħiliet Ewropea li tkun tħares ’il quddiem u tkun orjentata lejn ir-riżultati biex tiggwida l-istrateġiji tal-ħiliet nazzjonali u tintegrahom fil-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Impjiegi filwaqt li tipprovdi qafas komprensiv għall-pjanijiet ta’ azzjoni settorjali proposti fil-pakkett tal-impjiegi;

19. Jistieden lill-Istati Membri jaġixxu, kemm jista’ jkun malajr, fuq ir-rakkommandazzjonijiet relatati mal-edukazzjoni u mas-suq tax-xogħol u speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u rakkomandazzjonijiet oħra tal-Kummissjoni;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

L-SMEs u l-intraprenditorija

20. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-intrapriżi, inklużi l-SMEs, l-atturi tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà u l-mikrointrapriżi fit-taħriġ tal-ħiliet fuq ix-xogħol u fil-ħolqien ta' impjiegi għaż-żgħażagħ; jenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażagħ jiġu pprovduti b'edukazzjoni li tippreparahom għall-intrapenditorija bl-aktar mod wiesa'; jinkoraġġixxi l-inklużjoni fil-kurrikuli tal-iżvilupp f'ambjent sikur tal-ħiliet vokazzjonali meħtieġa fil-bidu u fil-ġestjoni tan-negozji kif ukoll fit-trawwim tal-kompetenza intraprenditorjali trażversali, il-ħiliet u t-tagħrif, li jiġu mwassla b'mod effikaċi permezz ta' esperjenzi attwali u reali; jissuġġerixxi li l-intraprenditorija tista' tiġi mgħallma fuq firxa ta' diversi suġġetti jew bħala suġġett separat u jenfasizza l-ħtieġa għal aċċess għal traineeships ta' kwalità għolja u ta' taħriġ professjonali tul u wara l-istadju universitarju tal-edukazzjoni; jenfasizza li l-kisba ta' ħiliet demokratiċi u ta' xogħol f'tim, li wieħed jitgħallem jerfa' r-responsabbiltà u li jiġu analizzati sitwazzjonijiet, huma parti mit-tagħlim tul il-ħajja li jappoġġja ċittadinanza attiva; jiġbed l-attenzjoni għall-opportunitajiet u l-vantaġġi li jkun hemm aktar nies (pereżempju imprendituri żgħażagħ ta' suċċess, NGOs li l-għan tagħhom huwa li jippromwovu l-intraprenditorija) involuti fl-għoti ta' edukazzjoni dwar l-intraprenditorija;

21. Ifakkar li l-appoġġ lill-intraprenditorija, fehim tal-ekonomija u t-trawwim ta' sens ta' responsabbiltà u inizjattiva huma fatturi importanti fil-promozzjoni ta' approċċ attiv lejn il-karriera tal-individwu; jemmen li hija r-responsabbiltà tal-korpi pubbliċi, il-qasam tal-edukazzjoni, in-negozji u s-soċjetà ċivili, li jippromwovu l-intraprenditorija; itenni l-ħtieġa li tiġi żviluppata l-mobilità bejn in-negozji; itenni r-rwol tal-istituzzjonijiet finanzjarji fin-negozji ġodda u l-aċċess għall-iffinanzjar u jitlob għal investiment, żvilupp tal-ħiliet u tbassir fis-setturi emerġenti u potenzjali, inklużi teknoloġiji nodfa u impjiegi ekoloġiċi, billi dawn għandhom potenzjal kbir biex joħolqu impjiegi ta' kwalità;

22. Jenfasizza li l-ħiliet intraprenditorjali jistgħu jinkisbu wkoll permezz ta' programmi ta' żvilupp tal-ħiliet organizzati barra mis-sistema tal-edukazzjoni ġenerali u li dawn il-programmi jistgħu jinkludu attivitajiet ta' coaching u mentoring mogħtija minn għalliema bl-esperjenza, imprendituri u esperti fil-qasam tan-negozju li jiffaċilitaw mhux biss l-għoti ta' għarfien, pariri u informazzjoni prezzjużi dwar in-negozju lil imprendituri potenzjali, iżda wkoll jippermettu li dawn tal-aħħar jiżviluppaw netwerks prezzjużi ta' kuntatti ma' intrapriżi eżistenti u ma' imprendituri li kieku setgħu jieħdu żmien twil biex jitwettqu;

23. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffaċilitati r-rekwiżiti amministrattivi u finanzjarji eżistenti għall-bidu u l-ġestjoni tan-negozji permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri, aċċess aktar faċli għal kreditu, kapital ta' riskju u mikrofinanzjament għal negozji li jkunu għadhom kemm fetħu, aċċess garantit għall-internet b'veloċità għolja, pariri multidixxiplinari mfassla apposta, l-introduzzjoni ta' miżuri ta' inċentivi għall-imprendituri li jimpjegaw liż-żgħażagħ qiegħda meta dan ikun possibbli; jenfasizza l-importanza tal-mikrofinanzjament u l-programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), kif ukoll il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, biex jinkisbu dawn l-għanijiet; jenfasizza l-ħtieġa għall-ħolqien ta' punti uniċi ta' servizz biex jittrattaw il-proċeduri amministrattivi rilevanti kollha marbuta mat-twaqqif u l-amministrazzjoni ta' negozju; ifakkar li r-rekwiżiti amministrattivi kollha għandhom jieħdu kont tar-rispett lejn id-drittijiet tal-ħaddiema;

24. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jieħdu sehem fil-programm Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ u jippromovuh fost iż-żgħażagħ li jixtiequ jidħlu għal proġetti intraprenditorjali, sabiex dawn ikunu jistgħu jiksbu esperjenza barra minn pajjiżhom u jiksbu ħiliet ġodda li jgħinuhom iwettqu l-pjanijiet intraprenditorjali tagħhom;

25. Ifakkar li l-industriji kreattivi huma fost l-iktar setturi intraprenditorjali u li jikbru malajr, u li l-edukazzjoni kreattiva tiżviluppa ħiliet trasferibbli bħall-ħsieb kreattiv, is-soluzzjoni tal-problemi, il-ħidma f'tim u l-inġenjożità fl-użu tar-riżorsi; jirrikonoxxi li s-setturi tal-arti u tal-midja għandhom appell partikolari għaż-żgħażagħ;

26. Ifakkar fil-ġid ta' impjiegi marbutin ma' ħiliet tradizzjonali, li ta' spiss ma jistgħux jiġu rilokati xi mkien ieħor, li, barra minn hekk, jgħinu biex jistimulaw l-ekonomiji lokali u huma ta' interess kulturali; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżguraw, għalhekk, li s-snajja' u l-professjonijiet b'elementi tradizzjonali u kulturali jiġu ppreservati u jiġu mgħoddija b'mod effikaċi lill-ġenerazzjonijiet iżgħar permezz tal-implimentazzjoni ta' programmi speċjalizzati;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

27. Jitlob għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-ekonomija soċjali bil-għan li jiġu kombinati l-ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ u l-iżvilupp tal-kapital soċjali; jappella għall-inklużjoni aħjar tal-intrapriżi soċjali u tal-ekonomija tas-solidarjetà fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u Ewropej għall-impjieg, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-integrazzjoni soċjali bil-għan li jinfetaħ u jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' ħolqien ta' impjieg tagħhom u l-kontribut tagħhom għall-ilħuq tal-miri tal-Istrateġija UE 2020;

28. Ifakkar li l-impjegaturi u l-imprendituri għandhom rwol importanti fit-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u f'li jipprovdu apprendistati u li dan għandu jiġi appoġġjat u żviluppat aktar;

29. Jirrimarka li l-politiki għall-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ jeħtieġu ppjanar fuq żmien medju u fit-tul; jenfasizza li l-politiki għall-promozzjoni tal-intraprenditorija għandhom iqisu l-ħtiġijiet differenti ta' kull Stat Membru;

30. Jitlob appoġġ effikaċi ta' proġetti intraprenditorjali soċjalment responsabbli, ekoloġiċi u sostenibbli kif ukoll il-promozzjoni ta' mudelli alternattivi sostenibbli bħal kooperattivi, li jkunu bbażati fuq proċess ta' deċiżjonijiet demokratiċi u li jippruvaw ikollhom impatt fuq il-komunità lokali;

Ħiliet għall-impjegabbiltà

31. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jittejbu l-kwalifiki u l-motivazzjoni tal-konsulenti li jaħdmu fl-aġenziji tal-impjiegi pubbliċi, sabiex ikunu jistgħu jirrispondu b'mod proattiv għall-ħtiġijiet tal-persuni żgħażagħ li qed ifittxu impjieg, jgħinuhom jiksbu kwalifiki addizzjonali u jidentifikaw il-ħiliet li għandhom bżonn għas-suq tax-xogħol;

32. Ifakkar li gwida u appoġġ edukattivi ta' kwalità tajba u mfassla apposta fl-istadji kollha tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma meħtieġa u jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' tluq bikri mill-iskola kif ukoll jgħinu biex jingħelbu d-diffikultajiet fl-aċċess għas-suq tax-xogħol; jenfasizza li din il-gwida dwar il-karriera għandha tkun ankrata fil-kurrikuli u trid tiġi pprovduta f'kooperazzjoni mal-atturi ekonomiċi u l-aġenziji tal-impjieg; ifakkar li t-tagħlim tal-lingwi u l-litteriżmu diġitali huma fundamentali;

33. Jirrimarka dwar in-nuqqas ta' gwida għall-karrieri ta' kwalità għolja fl-Istati Membri; jenfasizza l-ħtieġa li titjieb il-kwalità ta' gwida għall-karrieri fl-iskejjel u li jingħata taħriġ professjonali kontinwu għall-konsulenti tal-karrieri sabiex ikunu kkwalifikati sew biex jgħinu lill-istudenti jagħżlu karriera xierqa;

34. Jistieden lill-Istati Membri jeżaminaw l-aħjar prattiki fis-sistema ta' gwida għal karriera fl-iskejjel fejn l-istudenti jiġu mmonitorjati minn stadju bikri tal-iskola sal-ewwel passi fis-suq tax-xogħol;

35. Jenfasizza l-importanza ta' monitoraġġ regolari tal-ħtiġijiet tal-ħiliet futuri u jħeġġeġ, għaldaqstant, lill-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti kollha biex jaqsmu prattiki tajba f'dan ir-rigward u jiżviluppaw iżjed l-għodod ta' monitoraġġ u tbassir;

36. Jilqa' t-trasformazzjoni tas-sit elettroniku eżistenti tal-Panorama tal-Ħiliet tal-UE, li jipprovdi punt ta' aċċess ċentrali aktar komprensiv u faċli għall-utent għall-informazzjoni u l-għarfien dwar il-ħtiġijiet tal-ħiliet fl-okkupazzjonijiet u s-setturi fl-UE u li jgħin lil dawk li jfasslu l-politika, l-esperti, l-aġenziji tal-impjiegi, il-konsulenti tal-karrieri u l-individwi sabiex jieħdu deċiżjonijiet aħjar u aktar infurmati;

37. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu skambju tal-prattiki tajba fl-edukazzjoni vokazzjonali u fl-iżvilupp tat-taħriġ permezz tal-ħiliet, fejn b'hekk jiġi żgurat aktar aċċess għas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, u jirrevedu l-programmi ta' taħriġ b'tali mod li jantiċipaw il-ħtiġijiet tas-suq fejn meħtieġ; jenfasizza l-importanza ta' kodifikazzjoni u ħiliet elettroniċi prattiċi u intraprenditorjali bħala indispensabbli għall-iżvilupp professjonali fis-seklu 21; jindika l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020 u l-istrateġija tal-Ħiliet Elettroniċi tal-UE; ifakkar li l-gwida tul il-ħajja dwar l-iżvilupp tal-karriera professjonali għandha tkun disponibbli tul il-ħajja tax-xogħol kollha biex iżżomm u tiżviluppa l-ħiliet u l-għarfien tal-individwu;

38. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jippromwovu u jappoġġjaw il-possibbiltajiet ta' mobilità professjonali fost iż-żgħażagħ li qed jagħmlu apprendistat, biex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom permezz ta' kuntatt ma' sistemi oħra ta' taħriġ u tipi oħra ta' negozji, iżda wkoll biex jagħtuhom l-opportunità li jipprattikaw lingwa barranija, li se jgħinuhom jidħlu b'mod permanenti fis-suq tax-xogħol;

39. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' "ħiliet personali", li jagħmlu aktar faċli n-negozjar b'suċċess fis-suq tax-xogħol u l-iżvilupp ta' karriera professjonali, u li huma komplement essenzjali għall-għarfien u l-esperjenza professjonali;

40. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi promoss it-tagħlim mhux formali u informali, li jinkludi l-volontarjat, u li huwa riżorsa imprezzabbli fl-għajnuna għaż-żgħażagħ li jiksbu l-ħiliet meħtieġa għall-ħajja tax-xogħol;

41. Ifakkar li t-tagħlim mhux formali u informali huwa kruċjali għall-iżvilupp tal-ħiliet personali bħal ħiliet fil-komunikazzjoni u fit-teħid ta' deċiżjonijiet; jitlob, għaldaqstant, għal investiment f'opportunitajiet inklużivi għal tagħlim mhux formali u informali u għar-rikonoxximent tal-impatt u l-valur tal-esperjenza, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba;

42. Iħeġġeġ l-istabbiliment ta' sistema ta' taħriġ u ta' studji, li tadotta approċċi innovattivi iżda aċċessibbli, u li tiffoka fuq l-iżvilupp tal-ħiliet bażiċi kif ukoll il-kapaċitajiet intellettwali u tekniċi;

43. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata aktar l-għodda EURES, speċjalment fiż-żoni tal-fruntieri, biex iż-żgħażagħ ikunu inkoraġġuti jieħdu interess f'offerti ta' xogħol, traineeships jew apprendistati barra mill-pajjiż, u jkunu appoġġjati fil-proġetti ta' mobilità tagħhom billi jiġu pprovduti b'assistenza u pariri fil-proġetti tagħhom;

44. Ifakkar li l-politiki dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet m'għandux ikollhom l-għan uniku li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq, iżda wkoll li jipprovdu lill-individwi bil-kompetenzi trażversali meħtieġa sabiex jiżviluppaw bħala ċittadini attivi u responsabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw il-fatt li l-edukazzjoni u t-taħriġ jikkostitwixxu dritt fundamentali u li għandhom valur qawwi fihom infushom;

45. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni olistika, pereżempju fil-forma ta' edukazzjoni ċivika, li għandha tkun parti integrali mill-flussi kollha tal-edukazzjoni u tista' tgħin biex tipprepara liż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni għall-ħajja tax-xogħol;

46. Jenfasizza l-importanza tal-bini tal-kapaċità tal-istudenti li jitgħallmu u l-ħtieġa li jiġu pprovduti bi strateġiji tat-tagħlim effikaċi; jenfasizza li t-tagħlim dwar kif titgħallem jiffaċilita l-kisba tal-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-aptitudnijiet li jippermettu lill-individwi jistabbilixxu, jippjanaw u jilħqu l-objettivi tat-tagħlim tagħhom stess u jsiru persuni li jitgħallmu awtonomi li jkunu kapaċi jiffaċċjaw it-tibdil intensiv fis-suq tax-xogħol;

47. Jenfasizza li l-prattika ta' sport tipprovdi lill-parteċipanti b'opportunitajiet biex jiżviluppaw firxa wiesgħa ta' ħiliet trażversali li jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom kif ukoll tgħinhom biex jirnexxu bħala mexxejja u biex jilħqu l-għanijiet tagħhom; jenfasizza, barra minn hekk, ir-rabta bejn l-isports, l-impjegabbiltà, l-edukazzjoni u t-taħriġ;

48. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis fil-punteġġi osservati fl-aħħar stħarriġ tal-PISA (Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti) f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità għolja lill-edukazzjoni sabiex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020;

49. Jenfasizza li t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u l-apprendistati formattivi ta' kwalità għolja, imsaħħa bi sħubiji bejn l-iskejjel, l-istituzzjonijiet ta' taħriġ u l-kumpaniji, huma modi kif jista' jittejjeb l-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, u użu aħjar ta' dawn l-opportunitajiet jista', permezz tat-titjib tal-orjentazzjoni għall-karriera, ikabbar l-għadd ta' kandidati potenzjali għall-postijiet battala u jttejjeb ukoll l-istat ta' tħejjija tagħhom għax-xogħol; jinnota s-suċċess ta' dawn il-miżuri f'xi Stati Membri; jissuġġerixxi li l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ; jenfasizza li persuni f'taħriġ li huma żvantaġġati jeħtieġu appoġġ speċjali, bħal pereżempju tagħlim addizzjonali u korsijiet ta' rimedju, u assistenza għan-negozji fl-isforz tagħhom biex jegħlbu l-kompiti amministrattivi u organizzazzjonali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

50. Jenfasizza l-valur ta' apprendistati ta' kwalità għolja fis-setturi kollha tal-impjieg u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu lin-nisa biex jidħlu f'apprendistati u okkupazzjonijiet li tradizzjonalment huma ddominati mill-irġiel;

51. Jenfasizza li tranżizzjoni bla xkiel mill-edukazzjoni għall-impjieg għandha tiġi promossa billi l-edukazzjoni teoretika tiġi marbuta ma' taħriġ prattiku u l-ħiliet ta' impjegabbiltà jiġu integrati fil-kurrikulu akkademiku ewlieni, u jiġu provduti internships ta' kwalità għolja kif stipulat fil-Karta Ewropea tal-Kwalità tal-Internships u l-Apprendistati kif ukoll permezz tar-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba matul edukazzjoni formali u mhux formali, jew waqt l-esperjenzi ta' volontarjat; jenfasizza li l-internships/traineeships ta' kwalità għolja dejjem għandu jkollhom riżultati ċari ta' tagħlim u li l-apprendisti ma għandhomx jiġu sfruttati;

52. Ifakkar li t-traineeships u l-apprendistati ta' kwalità għolja li jirriflettu l-ħtiġijiet attwali għandhom iwasslu għall-impjieg u li t-traineeships għandhom jippreparaw lill-apprendistati għal xogħol, u jikkundanna kwalunkwe abbuż inklużi t-traineeships foloz li jxekklu l-akkwist mill-ħaddiema tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali; jenfasizza li t-traineeships għandhom iwasslu għal aktar ħiliet u impjegabbiltà; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri dissważivi biex jipprevjenu l-abbuzi tal-istatus tat-traineeships u jintensifikaw il-kampanji ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-apprendistati;

53. Jilqa' l-Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships u l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati; jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati tippromwovi l-aċċess għall-apprendistati għaż-żgħażagħ billi titlob għat-tneħħija tal-ostakoli bħat-tariffi tal-edukazzjoni għall-apprendisti;

54. Ifakkar, fir-rigward tal-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam, li l-mudell duwali tal-edukazzjoni u l-kisba ta' ħiliet prattiċi, soċjali u ta' komunikazzjoni huma ta' importanza kbira; jenfasizza li l-ħiliet soċjetali u ta' komunikazzjoni jistgħu jgħinu fil-kunfidenza taż-żgħażagħ u jagħmluha aktar faċli għalihom biex jidħlu fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li l-mudell duwali jrid jiġi mmirat lejn il-kuntest soċjali, ekonomiku u kulturali ta' kull pajjiż u m'għandux jitqies bħala l-unika sistema korretta tal-ETV; jitlob, għaldaqstant, għar-rikonoxximent u t-tisħiħ tat-tagħlim duwali fil-livelli kollha;

55. Jitlob għat-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni – kemm fil-livell vokazzjonali kif ukoll f'dak ta' livell ogħla – u l-imprendituri fl-iżvilupp ta' kurrikuli aġġustati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

56. Ifakkar il-vantaġġi ta' approċċ flessibbli ffukat fuq l-istudenti għall-edukazzjoni li jagħmilha possibbli li tinbidel jew li tiġi adattata d-direzzjoni ta' studju konformi mal-ħtiġijiet tal-istudenti u ma torbothomx mal-għażla inizjali tagħhom;

57. Iwissi lill-Istati Membri kontra t-tixrid fit-tipi ta' kuntratti offruti liż-żgħażagħ; jitlob li ssir aktar riflessjoni f'dan ir-rigward sabiex tiżdied l-effikaċja;

58. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-attraenza tal-programmi u tal-istudji STEM sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti f'dan il-qasam; jenfasizza, madankollu, li l-umanitajiet u l-għarfien umanistiku ġenerali huma indispensabbli biex isir użu effikaċi tal-opportunitajiet imressqa mid-dixxiplini STEM u għalhekk għandhom jingħataw appoġġ effikaċi fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħhom u għandhom rwol espliċitu fl-iżvilupp tal-kurrikuli; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu approċċ transsettorjali bejn oqsma differenti fi ħdan l-istituzzjonijiet edukattivi, bħall-programmi konġunti li jinvolvu l-arti, ix-xjenza, l-ICT, l-inġinerija, in-negozju u oqsma rilevanti oħrajn;

59. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex b'urġenza jinkorporaw teknoloġiji ġodda fil-proċess tat-tagħlim, u jintensifikaw u jtejbu t-taħriġ fl-ICT u fil-ħiliet diġitali fil-livelli kollha u fit-tipi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż għall-persunal tat-tagħlim, sabiex jiġu pprovduti lawrji u kurrikuli iktar allinjati b'mod diġitali u biex iż-żgħażagħ jiġu motivati jistudjaw l-ICT u jsegwu karrieri relatati; jenfasizza l-ħtieġa li tinbena bażi teknoloġika aħjar fl-iskejjel u fl-universitajiet u biex tiġi pprovduta l-infrastruttura meħtieġa; jenfasizza, barra minn hekk, f'dan ir-rigward, l-importanza tar-riżorsi edukattivi miftuħa (OERs), li jiżguraw l-aċċess għall-edukazzjoni għal kulħadd u jtejbu l-impjegabbiltà billi jappoġġjaw il-proċess ta' tagħlim tul il-ħajja; ifakkar fil-ħtieġa li l-bniet u n-nisa żgħażagħ jiġu inkoraġġuti jsegwu l-istudji fl-ICT;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

60. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati miżuri biex iħeġġu lill-bniet jinvolvu ruħhom f'suġġetti STEM u li jiġu stabbiliti gwidi għall-karrieri ta' kwalità biex jiġu appoġġjati fl-issoktar tal-karrieri professjonali tagħhom f'dan il-qasam billi n-nisa, fil-parti l-kbira tagħhom, għadhom mhux rappreżentati biżżejjed fi professjonijiet relatati ma' STEM, u jikkostitwixxu biss 24 % tal-professjonijiet fl-oqsma tax-xjenza u l-inġinerija u billi l-okkupazzjonijiet STEM huma mal-ewwel 20 fil-lista ta' postijiet battala konċentrati fl-Istati Membri;

61. Jirrimarka li, minkejja r-rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ f'uħud mill-Istati Membri u ta' postijiet ta' impjiegi battala f'oħrajn, il-mobilità intra-UE għadha baxxa; ifakkar, għaldaqstant, l-importanza tal-mobilità tal-ħaddiema għal suq tax-xogħol kompetittiv, u jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakoli lingwistiċi u kulturali li aktarx irażżnuha, billi jipprovdu korsijiet lingwistiċi speċifiċi għas-settur u taħriġ dwar il-komunikazzjoni interkulturali għall-persuni qiegħda;

62. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet u t-tlaqqigħ ħażin tal-ħiliet billi jiġu promossi u faċilitati l-mobilità ta' min jitgħallem, kif ukoll ir-rikonoxximent transfruntier tal-kwalifiki, permezz ta' użu aħjar tal-għodod u programmi kollha tal-UE, bħall-Erasmus+, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, is-CV tal-Europass, il-Pass tal-Ħiliet Intraprenditorjali, il-EURES, l-Alleanzi tal-Għarfien, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, is-Sistema Ewropea għat-Trasferiment ta' Krediti, l-Assigurazzjoni Ewropea tal-Kwalità fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET) u s-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET); jenfasizza l-importanza tal-ESCO, li tidentifika u tikkategorizza l-ħiliet, il-kompetenzi u l-kwalifiki rilevanti għas-suq tax-xogħol tal-UE u l-edukazzjoni u t-taħriġ, f'25 lingwa Ewropea; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza tat-trasferibbiltà adegwata tad-drittijiet soċjali fi ħdan l-Unjoni u jtenni l-importanza tal-Erasmus+, il-Fond Soċjali Ewropew u l-EURES f'dan ir-rigward; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu korsijiet ta' taħriġ b'mod partikolari f'setturi fejn hemm diskrepanzi partikolari bejn il-provvista u d-domanda;

63. Jinkoraġġixxi l-użu mill-aħjar tal-finanzjamenti eżistenti tal-UE bħall-programm Erasmus+ fl-istimolu tal-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi trażversali fost iż-żgħażagħ sabiex il-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE jiġi indirizzat b'mod aktar effikaċi;

64. Jindika l-Erasmus+ bħala strument ewlieni għall-iżgurar tal-kwalità tal-ETV madwar l-UE u jħeġġeġ l-iskambji internazzjonali għal skopijiet ta' taħriġ professjonali;

65. Ifakkar li l-implimentazzjoni effikaċi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tista' tgħin ukoll biex ittejjeb l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ billi jingħelbu d-defiċits edukattivi u billi tipprovdi l-ħiliet rilevanti għall-ħtiġijiet ta' suq tax-xogħol u ekonomija sostenibbli, u tista' toffri esperjenza ta' xogħol ta' valur u tiffaċilita l-istabbiliment ta' negozji ta' suċċess; jirrimarka li, għal dak il-għan, l-ivvalutar tal-ħtiġijiet reali tal-impjiegi taż-żgħażagħ u tal-oqsma veri ta' żvilupp tax-xogħol huwa indispensabbli, bħal pereżempju l-ekonomija soċjali u l-ekonomija ekoloġika, dan kollu flimkien ma' monitoraġġ kostanti u bir-reqqa mhux biss tal-proġetti kkonċernati iżda wkoll tal-aġenziji li jipprovduhom, u l-ħruġ ta' rapporti perjodiċi dwar l-istat ta' progress ta' dawn il-miżuri kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

66. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-miżuri amministrattivi għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-urġenza li jitneħħa kull ostaklu burokratiku li jista' jillimita l-effikaċja tagħha;

67. Jilqa' d-deċiżjoni reċenti mill-koleġiżlaturi tal-UE dwar iż-żieda fil-prefinanzjament għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, li timmira sabiex twitti l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva importanti għar-reġjuni u l-istati li qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw il-fondi disponibbli biex iwettqu t-titjib meħtieġ u joħolqu soluzzjonijiet sostenibbli minflok ad hoc; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw malajr u b'mod effikaċi l-Programmi Operattivi tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Opportunitajiet indaqs

68. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-ħiliet, jekk imwettaq bħala kunċett integrat, jista' jsir mekkaniżmu li jwassal għal u jippromwovi opportunitajiet indaqs għall-persuni minn gruppi żvantaġġati, inklużi minoranzi żvantaġġati, b'mod partikolari għat-tfal u ż-żgħażagħ minn familji milquta mill-faqar, dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil, l-immigranti żvantaġġati u persuni b'diżabilitajiet; jenfasizza li l-prevenzjoni u l-appoġġ tul il-ħajja u l-għoti ta' pariri fl-aktar stadju bikri possibbli għall-gruppi żvantaġġati huma ta' importanza kbira biex tiġi pprovduta forza tax-xogħol produttiva u b'ħiliet għoljin għas-suq tax-xogħol; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġu pprovduti appoġġ u żvilupp tal-ħiliet permezz ta' taħriġ għall-impjegaturi, dawk li jagħmlu r-reklutaġġ u l-maniġers tar-riżorsi umani, biex jingħata appoġġ lill-inklużjoni ta' gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li, biex ikun hemm inklużjoni ta' dawk l-aktar żvantaġġati, irid jiġi provdut taħriġ xieraq lill-impjegaturi, lit-timijiet tar-riżorsi umani u lill-għalliema, sabiex l-aktar żvantaġġati fis-soċjetà jiġu appoġġjati bl-aħjar mod possibbli biex b'hekk l-integrazzjoni tagħhom tkun kemm jista' jkun effikaċi; itenni l-importanza tal-aċċess universali għall-edukazzjoni għal kulħadd;

69. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-ħiliet ta' netwerking huwa importanti ħafna għaż-żgħażagħ kollha, iżda b'mod partikolari għal dawk b'esperjenza tax-xogħol limitata u dawk li ġejjin minn gruppi mhux rappreżentati biżżejjed u żvantaġġati; jisħaq li t-tagħlim tan-netwerking jista' jkun strateġija għall-faċilitazzjoni tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-karrieri u l-esplorazzjoni;

70. Jinnota li, waqt li n-nisa jirrappreżentaw il-parti l-kbira (60 %) tal-gradwati universitarji fl-Unjoni Ewropea, ir-rata ta' impjieg u t-trajettorji ta' promozzjoni tagħhom ma jirriflettux il-potenzjal sħiħ tagħhom; jenfasizza li l-kisba ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u fit-tul tiddependi fuq li jitnaqqas id-distakk bejn dak li n-nisa jiksbu fl-edukazzjoni tagħhom u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, primarjament billi tingħeleb is-segregazzjoni orizzontali u vertikali;

71. Jenfasizza l-ħtieġa li l-aġenziji tal-impjiegi jagħmlu aktar biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità ma jinżammux fiżikament milli jaċċessaw is-servizzi tagħhom, skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

72. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea jippromwovu l-aħjar prattiki u jappoġġjaw l-inklużjoni taż-żgħażagħ b'diżabilitajiet fl-edukazzjoni, inklużi programmi ta' tagħlim tul il-ħajja, u l-impjieg, permezz ta' miżuri bħal investimenti f'inizjattivi ta' intraprenditorija soċjali li jappoġġjaw lil dawn iż-żgħażagħ, jew inċentivi finanzjarji għall-organizzazzjonijiet li jirreklutawhom;

73. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għal appoġġ u għotjiet finanzjarji, li għandhom ikunu parti integrali mill-programmi informattivi u edukattivi maħsuba biex jippromwovu l-intraprenditorija;

Ġenerazzjoni ġdida, opportunitajiet ġodda, sfidi ġodda

74. Jinnota li ż-żgħażagħ, imrobbija f'era ta' progress teknoloġiku mgħaġġel għandhom mhux biss potenzjal, talenti u ħiliet iżda wkoll valuri u prijoritajiet li huma differenti minn dawk ta' ġenerazzjonijiet preċedenti, u għalhekk huwa utli li tkun enfasizzata l-ħtieġa għal programmi u inizjattivi li jeghlbu d-distakk bejn il-ġenerazzjonijiet; jinnota li dan jgħin ukoll fil-fehim tal-assi tal-ġenerazzjoni żagħżugħa, bħall-multitasking, il-kreattività, il-mobilità, ir-rieda għall-bidla u, fuq kollox, ħidma f'tim; jenfasizza li s-sistemi edukattivi u ta' taħriġ għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jippermettu l-iżvilupp sħiħ tal-ħiliet u t-talenti taż-żgħażagħ; jenfasizza, barra minn hekk, li l-persunal tas-servizzi tar-reklutaġġ u tal-impjiegi għandhom ikunu mħarrġa sew u mgħammra b'ħiliet li jagħtuhom fehim aħjar tal-ġenerazzjoni l-ġdida; jinnota wkoll li mhux iż-żgħażagħ kollha awtomatikament għandhom il-ħiliet u l-kompetenzi biex jissodisfaw id-domandi diġitali u jtenni, għaldaqstant, li l-għoti ta' aċċess u taħriġ ugwali lil kulħadd għat-tagħmir diġitali huwa aktar importanti minn qabel;

o

o o

75. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0009

Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali (2015/2147(INI))

(2018/C 011/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SWD(2015)0100),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2014 bit-titolu "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-dejta" (COM(2014)0442),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (programm ISA^2) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "It-twettiq tal-potenzjal tal-finanzjament kollettiv fl-Unjoni Ewropea" (COM(2014)0172),

— wara li kkunsidra l-anness għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Ir-riżultati u l-passi li jmiss" (COM(2013)0685),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw is-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb Kontinent Konness, u li jemenda d-Direttivi 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1211/2009 u (UE) Nru 531/2012 (COM(2013)0627),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2013 bl-isem "E-commerce Action plan 2012-2015 – State of play 2013" (Pjan ta' Azzjoni dwar il-kummerċ elettroniku 2012-2015 – Is-sitwazzjoni fl-2013) (SWD(2013)0153),

— wara li kkusidra l-proposta tal-Kummissjoni dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (COM(2013)0147),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (COM(2013)0048),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "Dwar il-Kontenut fis-Suq Uniku Diġitali" (COM(2012)0789),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku (COM(2012)0721),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bl-isem "Industrija Ewropea aktar b'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku" (COM(2012)0582),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2012)0573),

([1]) ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1.

It-Tlieta 19 ta’ Jannar 2016

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta’ April 2011 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu “L-Att dwar is-Suq Uniku: Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja” (COM(2011)0206),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Ottubru 2010 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu “Lejn Att dwar is-Suq Uniku: Għal ekonomija tas-suq kompetittiva ħafna – 50 proposta biex intejbu l-ħidma, in-negozju u l-iskambji ma’ xulxin” (COM(2010)0608),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-proprjetà intellettwali: it-terminu ta’ protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u ta’ ċerti drittijiet relatati (COM(2008)0464),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/758 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2015 li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta’ liċenzji multiterritorjali ta’ drittijiet f’xogħlijiet mużikali għall-użu online fis-suq intern ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ([6]) (Direttiva PSI),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi) ([7]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva ([8]),

([1]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 77.
([2]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.
([3]) ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14.
([4]) ĠU L 84, 20.3.2014, p. 72.
([5]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129.
([6]) ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1.
([7]) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1.
([8]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases ([6]),

— wara li kkunsidra l-Ewwel evalwazzjoni tad-Direttiva 96/9/KE dwar il-protezzjoni legali ta' databases,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([7]), inklużi l-emendi b'riżultat tar-Regolament (KE) Nru 1882/2003,

— wara li kkunsidra l-ftehim tat-28 ta' Settembru 2015 dwar is-sħubija 5G bejn iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea u l-ftehimiet relatati,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar "Lejn kunsens imġedded dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali: Pjan ta' Azzjoni tal-UE" ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar is-sostenn tad-drittijiet tal-konsumatur fis-suq uniku diġitali ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar imposti fuq l-ikkuppjar privat ([12]),

(1) ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7.
(2) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.
(3) ĠU L 337, 18.12.2009, p. 1.
(4) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
(5) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
(6) ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20.
(7) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
(8) Testi adottati, P8_TA(2015)0273.
(9) Testi adottati, P8_TA(2015)0220.
(10) Testi adottati, P8_TA(2015)0051.
(11) Testi adottati, P8_TA(2014)0071.
(12) Testi adottati, P7_TA(2014)0179.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar suq integrat għall-konsenja tal-pakketti għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku fl-UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2014 dwar ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-cloud computing fl-Ewropa ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni rigward il-BEREC u l-Uffiċċju ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2013 dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar prattiki ta' reklamar qarrieqi ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-Aġenda Diġitali għat-Tkabbir, il-Mobbiltà u l-Impjieg: wasal iż-żmien li nħaffu l-ħidma tagħna ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar aġenda ġdida għall-Politika Ewropea tal-Konsumatur ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar it-twettiq tas-Suq Uniku Diġitali ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar id-distribuzzjoni online ta' xogħlijiet awdjoviżivi fl-Unjoni Ewropea ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar il-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni – kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija ([13]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar suq uniku diġitali kompetittiv – il-Gvern elettroniku bħala xprun ([14]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-21 ta' Settembru 2010 dwar l-ikkompletar tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku ([15]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar il-governanza tal-internet: il-passi li jmiss ([16]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0067.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2014)0032.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0535.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2013)0536.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2013)0454.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2013)0436.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2013)0377.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2013)0327.
([9]) Testi adottati, P7_TA(2013)0239.
([10]) Testi adottati, P7_TA(2013)0215.
([11]) ĠU C 434, 23.12.2015, p. 2.
([12]) ĠU C 353 E, 3.12.2013, p. 64.
([13]) ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 22.
([14]) ĠU C 258 E, 7.9.2013, p. 64.
([15]) ĠU C 50 E, 21.2.2012, p. 1.
([16]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 33.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar Aġenda Diġitali ġdida għall-Ewropa: 2015.eu ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar l-Internet tal-Oġġetti ([2]),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif inkorporata fit-Trattati bl-Artikolu 6 tat-Trattat UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (is-CRPD tan-NU), ratifikata mill-UE fit-23 ta' Diċembru 2010 (2010/48/KE),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali adottata mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) fl-20 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 12, 14, 16 u 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0371/2015),

A. billi l-użu tal-Internet u tal-komunikazzjonijiet mobbli li qed jevolvi b'ħeffa biddel il-mod kif iċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-impjegati tagħhom jikkomunikaw, jaċċessaw l-informazzjoni u l-għarfien, joħolqu, jikkonsmaw, jikkondividu, jipparteċipaw u jaħdmu; billi dan kabbar u biddel l-ekonomija, iffaċilita l-aċċess minn kumpaniji żgħar u ta' daqs medju għal klijentela potenzjali ta' 500 miljun konsumatur fl-UE, kif ukoll għas-swieq globali, u ta lill-individwi l-opportunità li jiżviluppaw ideat intraprenditorjali u mudelli tan-negozju ġodda;

B. billi l-politiki u l-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni fil-qasam tas-Suq Uniku Diġitali għandhom jippermettu opportunitajiet ġodda għall-utenti u n-negozji u li jfiġġu u jikbru servizzi onlajn transkonfinali innovattivi ġodda bi prezzijiet kompetittivi, jitneħħew l-ostakli bejn l-Istati Membri u jiffaċilitaw l-aċċess għan-negozji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs u n-negozji l-ġodda, għas-suq transkonfinali, bħala elementi ewlenin għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE, filwaqt li jiġi rikonoxxut li dawn l-opportunitajiet inevitabbilment se jinvolvu bidliet strutturali u l-ħtieġa li jittieħed approċċ olistiku, inkluża d-dimensjoni soċjali, u l-ħtieġa li d-distakk fil-ħiliet diġitali jingħalaq malajr;

C. billi, filwaqt li 75 % tal-valur miżjud mill-ekonomija diġitali ġej mill-industrija tradizzjonali, it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija tradizzjonali għadha dgħajfa u 1,7 % biss tal-intrapriżi tal-UE jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji diġitali avvanzati u 14 % biss tal-SMEs jużaw l-internet bħala mezz ta' bejgħ; billi l-Ewropa trid tuża l-potenzjal kbir tas-settur tal-ICT biex tiddiġitalizza l-industrija u tmantni l-kompetittività globali;

D. billi l-bini ta' ekonomija bbażata fuq id-data jiddependi ħafna fuq qafas legali li jinkoraġġixxi l-iżvilupp, il-ġestjoni, il-manutenzjoni u t-tkabbir ta' bażijiet ta' data u għaldaqstant jiddependi fuq qafas legali li jkun favur l-innovazzjoni u prattiku;

([1]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 45.
([2]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 24.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

E. billi fl-2013 id-daqs tas-suq tal-ekonomija tal-qsim tad-data kien ta' madwar USD 3,5 biljun madwar id-dinja u llum il-Kummissjoni qed tbassar potenzjal ta' tkabbir li jaqbeż il-USD 100 biljun;

F. billi livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni tal-konsumatur, l-għoti tas-setgħa u s-sodisfazzjon bilfors li jimplikaw għażla, kwalità, flessibbiltà, trasparenza, informazzjoni, interoperabbiltà u ambjent online sikur u aċċessibbli b'livell għoli ta' protezzjoni tad-data;

G. billi l-kreattività u l-innovazzjoni huma l-muturi tal-ekonomija diġitali, u billi huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

H. billi 44,8 % tal-familji fl-UE ([1]) m'għandhomx aċċess għall-internet b'veloċità għolja, u l-politiki u l-inċentivi attwali ma rnexxilhomx jipprovdu infrastruttura diġitali adegwata, b'mod partikolari f'żoni rurali;

I. billi r-reġjuni fl-UE jinsabu fuq livelli ferm differenti rigward il-konnettività diġitali, il-kapital uman, l-użu tal-internet, l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali min-negozji, u s-servizzi pubbliċi diġitali kif turi t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Aġenda Diġitali; billi r-reġjuni li għandhom punteġġ baxx fuq dawn il-ħames indikaturi huma fir-riskju li jitilfu l-benefiċċji tal-era diġitali;

1. ***INTRODUZZJONI: GĦALIEX NEĦTIEĠU SUQ UNIKU DIĠITALI***

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni dwar "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa"; iqis li l-kisba ta' Suq Uniku Diġitali, abbażi ta' sett komuni ta' regoli, tista' trawwem il-kompetittività tal-UE, ikollha effetti pożittivi fuq it-tkabbir u l-impjiegi, terġa' tagħti spinta lis-Suq Uniku u twassal biex is-soċjetà tkun aktar inklużiva u toffri opportunitajiet ġodda liċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment permezz tal-iskambju u l-kondiviżjoni tal-innovazzjoni; jemmen li l-approċċ orizzontali meħud jeħtieġ li issa jissaħħaħ fl-implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-adozzjoni f'waqtha tas-16-il inizjattiva, billi l-muturi diġitali jaffettwaw lil kull ċittadin u d-dimensjoni tas-soċjetà u l-ekonomija;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-governanza u t-twassil f'waqtu tas-Suq Uniku Diġitali huma responsabbiltà kondiviża tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timpenja ruħha mal-partijiet interessati tas-soċjetà u dawk soċjali u tinvolvihom fil-proċess tat-teħid deċiżjoni bl-usa' mod possibbli;

3. Jemmen li regolamentazzjoni aħjar teħtieġ li jittieħed approċċ għal-leġiżlazzjoni li jkun awtomatikament diġitali, imsejjes fuq prinċipji, u teknoloġikament newtrali; sabiex jingħata spazju għall-innovazzjoni, dan jirrikjedi valutazzjoni ta' jekk il-leġiżlazzjoni eżistenti, l-azzjonijiet komplementari mhux regolatorji u l-oqfsa ta' infurzar, wara li jsiru l-konsultazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt meħtieġa, humiex tajbin għall-iskop tagħhom fl-era diġitali, fid-dawl ta' teknoloġiji ġodda u mudelli ta' negozju ġodda, bil-għan li tingħeleb il-frammentazzjoni legali tas-Suq Uniku, jitnaqqas il-piż amministrattiv, u tingħata spinta lit-tkabbir u l-innovazzjoni;

4. Iqis li l-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fl-ambjent diġitali hija vitali biex jiġu żblukkati bis-sħiħ l-innovazzjoni u t-tkabbir fl-ekonomija diġitali; huwa konvint li t-tisħiħ tal-fiduċja tagħhom, permezz tal-protezzjoni tad-data u ta' standards tas-sigurtà u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-għoti tas-setgħa lill-konsumatur, kif ukoll leġiżlazzjoni aġġornata għan-negozji, għandu jkun fuq il-bażi tal-politika pubblika, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-mudelli ta' negozju tan-negozji diġitali jinbnew fuq il-fiduċja tal-utenti tagħhom;

5. Jirrimarka li l-kummerċ elettroniku jiġġenera EUR 500 biljun kull sena fl-Unjoni Ewropea u jikkumplimenta b'mod importanti l-kummerċ offline, filwaqt li jipprovdi lill-konsumaturi għażla akbar, speċjalment f'żoni remoti, u l-SMEs b'opportunitajiet ġodda; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tneħħi l-ostakoli li jaffettwaw il-kummerċ elettroniku sabiex jibnu suq tal-kummerċ elettroniku transkonfinali ġenwin; jemmen li dawn l-ostakoli jinkludu n-nuqqas ta' interoperabbiltà u ta' standards komuni, in-nuqqas ta' informazzjoni adegwata li tippermetti li l-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet infurmati, u l-aċċess inadegwat għal pagamenti transkonfinali msaħħa;

([1]) Eurostat 2014: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Information_society_statistics_at_regional_level#People_who_never_used_the_internet

6. Jappoġġa l-pjan tal-Kummissjoni li tiżgura li l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tapplika b'mod sħiħ għas-suq uniku diġitali, minħabba li l-kompetizzjoni tagħti lill-konsumaturi aktar għażla iżda tipprovdi wkoll kundizzjonijiet ekwi, u jiddispjaċih li n-nuqqas attwali ta' qafas diġitali Ewropew enfasizza l-falliment li jiġu rrikonċiljati l-interessi tal-fornituri kbar u ta' dawk żgħar;

7. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu ekonomija aktar dinamika li tippermetti li l-innovazzjoni tiffjorixxi u li tneħħi l-ostakli għan-negozji, b'mod partikolari dawk innovattivi, l-SMEs, in-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu u s-scale-ups, sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw is-swieq f'kundizzjonijiet ekwi, permezz tal-iżvilupp ta' gvern elettroniku, qafas regolatorji u mhux regolatorji li jkun ħieles minn problemi fil-futur u li jkun integrat, l-aċċess għall-finanzjament, inklużi mudelli ġodda ta' finanzjament tal-UE għan-negozji ġodda, l-SMEs u l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili, u strateġija ta' investiment fit-tul fl-infrastruttura diġitali, fil-ħiliet u l-inklużjoni diġitali, fir-riċerka u fl-innovazzjoni; ifakkar li l-bażi tal-politika favur l-innovazzjoni li trawwem il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni għandha tinkludi l-possibbiltà li proġetti jaċċessaw possibbiltajiet ta' finanzjament; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tiżgura li l-finanzjament kollettiv (crowdfunding) ikun jista' jsir mingħajr xkiel bejn il-fruntieri, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu inċentivi għall-finanzjament kollettiv;

8. Iqis li jeħtieġ li l-effetti tad-diġitalizzazzjoni fuq is-saħħa u fuq is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jiġu evalwati u li l-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza eżistenti jiġu adattati kif xieraq; jinnota l-possibbiltà ta' aċċidenti li għalihom jistgħu jiġu esposti persuni fil-kuntest tat-telexogħol jew tal-crowdworking mid-dar; jenfasizza li l-problemi tas-saħħa mentali relatati max-xogħol bħall-eżawriment ikkawżati mill-aċċessibbiltà kostanti u l-erożjoni tal-arranġamenti ta' ħin tax-xogħol tradizzjonali jirrappreżentaw riskju serju għall-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tikkummissjona studju dwar l-effetti sekondarji tad-diġitalizzazzjoni, bħalma hija l-intensità ogħla tax-xogħol, dwar il-benesseri psikoloġiku u l-ħajja tal-familja tal-impjegati, kif ukoll dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet konjittivi tat-tfal;

9. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tkompli tiżviluppa inizjattivi biex tingħata spinta lill-intraprenditorija, partikolarment il-mudelli innovattivi tan-negozju li jgħinu sabiex ibiddlu l-mentalità fir-rigward ta' kif huwa ddefinit is-suċċess u li jippromwovu kultura intraprenditorjali u ta' innovazzjoni; jemmen, barra minn hekk, li d-diversità u l-attributi speċifiċi taċ-ċentri ta' innovazzjoni nazzjonali differenti jistgħu jinbidlu f'vantaġġ tassew kompetittiv għall-UE fis-suq globali, u għalhekk dawn għandhom ikunu interkonnessi, filwaqt li l-ekosistemi innovattivi fejn setturi u negozji differenti jikkooperaw għandhom jissaħħu;

10. Jinsab imħasseb dwar l-approċċi nazzjonali differenti li ttieħdu s'issa mill-Istati Membri dwar ir-regolamentazzjoni tal-internet u tal-ekonomija kollaborattiva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi, f'konformità mal-kompetenzi tal-UE, biex tappoġġja l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta, tneħħi l-ostakoli għall-kummerċ diġitali, u tippreserva l-koeżjoni ekonomika u soċjali u l-integrità tas-suq uniku: jistieden lill-Kummissjoni wkoll biex tippreserva l-internet bħala pjattaforma miftuħa, newtrali, sikura, inklużiva u globali għall-komunikazzjoni, il-produzzjoni, il-parteċipazzjoni, il-ħolqien, id-diversità kulturali u l-innovazzjoni, fl-interess taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u s-suċċess tal-kumpaniji Ewropej b'mod globali;

11. Jinnota li r-rivoluzzjoni diġitali taffettwa kull aspett tas-soċjetajiet tagħna, u twassal għal sfidi u opportunitajiet; jemmen li din għandha l-potenzjal li tagħti aktar setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lill-intraprendituri b'modi li ma kinux possibbli qabel; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa politika li tippromwovi l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini u tippermettilhom li jibbenefikaw mill-bidla diġitali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta kif ir-rivoluzzjoni diġitali qed issawwar lis-soċjetà Ewropea;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tiġġieled kontra l-frammentazzjoni legali billi żżid b'mod sinifikanti l-koordinazzjoni tad-diversi Direttorati Ġenerali tagħha meta tkun qed tabbozza regolamenti ġodda, u tinkoraġġixxi b'saħħa lill-Istati Membri jiżguraw li l-mod kif ikunu qed jimplimentaw ir-regolamenti jibqa' koerenti;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

13. Jenfasizza l-ħtieġa ta' konformità mad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, tal-inizjattivi kollha żviluppati skont l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, filwaqt li jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-istrateġija għall-ekonomija tal-UE; ifakkar fl-importanza tal-adozzjoni b'ħeffa tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, fl-interess kemm tas-suġġetti tad-data kif ukoll tan-negozji; jappella għal reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-dispożizzjonijiet tagħha mal-pakkett tal-protezzjoni tad-data sa meta jidħol fis-seħħ il-pakkett;

2. *AĊĊESS AĦJAR GĦALL-KONSUMATURI U N-NEGOZJI MADWAR L-EWROPA KOLLHA GĦAS-SUQ UNIKU DIĠITALI*

2.1 *Regoli dwar il-kummerċ elettroniku transkonfinali li l-konsumaturi u n-negozji jistgħu jafdaw*

14. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tadotta proposta b'saħħitha dwar il-kuntratti online li jkopru l-kontenut diġitali mixtri online u li ttejjeb il-protezzjoni legali tal-konsumaturi f'dan il-qasam; jemmen li kwalunkwe titjib bħal dan għandu jkun immirat u li d-differenzi bejn il-kontenut, fuq naħa, u l-prodotti tanġibbli, fuq in-naħa l-oħra, għandhom jiġu analizzati bir-reqqa; jirrimarka li, filwaqt li l-konsumaturi li jixtru kontenut fuq mezz tanġibbli huma protetti minn liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet tal-konsumatur meta jinxtara kontenut diġitali online għadhom fil-biċċa l-kbira mhux regolati u mhux ċari, partikolarment fir-rigward tal-garanziji legali, kontenut difettuż u termini inġusti speċifiċi dwar il-kontenut diġitali; jenfasizza li l-klassifikazzjoni attwali tal-kontenut diġitali kollu bħala servizzi tista' tqajjem tħassib, peress li tista' ma tikkonformax mal-aspettattivi tal-konsumaturi, peress li l-abbonamenti għal servizz ta' streaming mhumiex distinti minn xiri ta' kontenut li jista' jitniżżel mill-internet; jaqbel li l-konsumaturi għandhom igawdu minn livell ta' protezzjoni ekwivalenti u li jkun ħieles mill-problemi fil-futur, irrispettivament jekk jixtrux kontenut diġitali online jew offline;

15. Jemmen li aktar armonizzazzjoni tal-qafas legali li jirregola l-bejgħ online min-negozji lill-konsumatur ta' kontenut diġitali u prodotti tanġibbli, irrispettivament jekk ikunux tranżazzjonijiet transkonfinali jew domestiċi, filwaqt li tinżamm il-koerenza tar-regoli online u offline, tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell regolatorju baxx, jingħalqu l-lakuni regolatorji u ssir ħidma mibnija fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-konsumatur, tikkostitwixxi approċċ prattiku u proporzjonat; jenfasizza li dan għandu jsir b'mod teknoloġikament newtrali u mhux billi jiġu imponuti spejjeż żejda għan-negozji;

16. Iqis li l-proposti tal-Kummissjoni għal regoli dwar il-kuntratti transkonfinali għall-konsumaturi u n-negozji għandhom jevitaw ir-riskju ta' disparità li qiegħda dejjem tikber bejn l-istandards legali applikabbli għax-xiri online u offline, u jemmen li bejgħ online u offline għandu jkun ittrattat b'mod koerenti u ttrattat b'mod ugwali abbażi tal-livell għoli eżistenti ta' protezzjoni tal-konsumatur, peress li l-istandards legali differenti jistgħu jitqiesu mill-konsumaturi bħala ċaħda tad-drittijiet tagħhom; jinsisti li kwalunkwe proposta ġdida għandha tirrispetta l-Artikolu 6 tar-Regolament Ruma I, u jirrimarka li l-Kummissjoni qed tippjana REFIT tal-acquis tal-konsumaturi kollu għall-2016; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, biex tikkunsidra jekk il-proposta ppjanata tal-Kummissjoni għal prodotti tanġibbli għandhiex titniedi fl-istess żmien tar-REFIT;

17. Jemmen li regoli kuntrattwali għall-kontenut diġitali jeħtieġ li jkunu bbażati fuq prinċipji sabiex jikkostitwixxu provi teknoloġikament newtrali u jkunu ħielsa minn problemi fil-futur; jenfasizza, barra minn hekk, fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, l-importanza li tiġi evitata l-inkonsistenza u s-sovrapożizzjoni mal-leġiżlazzjoni eżistenti kif ukoll kwalunkwe riskju li tinħoloq qasma legali mhux ġustifikata fuq żmien fit-tul bejn kuntratti online u offline u kanali ta' distribuzzjoni differenti, filwaqt li jitqies ukoll l-acquis tal-konsumatur REFIT;

18. Jitlob strateġija għal "Konsumaturi Attivi" biex jiġi valutat b'mod partikolari jekk il-bdil tal-fornituri min-naħa tal-konsumatur huwiex iffaċilitat fid-dinja online, u jekk hemmx ħtieġa ta' azzjoni biex jiġi ffaċilitat il-bdil ta' fornituri min-naħa tal-konsumatur, sabiex tingħata spinta lill-kompetizzjoni fis-swieq online; jinnota wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm servizzi aċċessibbli ta' kummerċ elettroniku tul il-katina sħiħa tal-valur, inkluż informazzjoni aċċessibbli, mekkaniżmi ta' ħlas aċċessibbli u servizz lill-klijenti;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

19. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta, flimkien mal-partijiet interessati, il-fattibbiltà, is-siwi u l-opportunitajiet u d-dgħjufijiet potenzjali li jinħolqu bl-introduzzjoni ta' marki ta' fiduċja tal-UE speċifiċi għas-settur għall-bejgħ online, billi tibbaża ruħha fuq l-aħjar prattiki tal-iskemi ta' marki ta' fiduċja eżistenti fl-Istati Membri sabiex jitrawmu l-fiduċja tal-konsumaturi u l-kwalità, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ online transkonfinali, u biex jintemm l-għadd kbir ta' marki ta' fiduċja eżistenti li possibilment iwassal għall-konfużjoni, b'mod parallel mal-valutazzjoni ta' alternattivi oħrajn bħalma huma l-awtoregolamentazzjoni jew l-istabbiliment ta' gruppi ta' partijiet interessati biex jiddefinixxu l-prinċipji komuni tas-servizz għall-konsumaturi;

20. Jilqa' l-isforzi ġenerali tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi madwar l-UE kollha l-pjattaforma għas-soluzzjoni online għat-tilwim (ODR), u jistieden lill-Kummissjoni taħdem għall-implimentazzjoni f'waqtha u korretta tar-Regolament tal-ODR, b'mod partikolari fir-rigward tal-faċilitajiet ta' traduzzjoni, kif ukoll id-Direttiva dwar l-ADR, flimkien mal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-partijiet interessati relevanti jikkunsidraw kif l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ilmenti tal-konsumaturi jista' jitjieb aktar;

21. Jitlob qafas ta' infurzar ambizzjuż tal-acquis tal-konsumaturi u tad-Direttiva dwar is-Servizzi; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tar-regoli eżistenti, u proċeduri ta' ksur kull meta tiġi identifikata implimentazzjoni ħażina jew insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri meħtieġa kontra l-bejgħ ta' kontenut u prodotti illegali online u billi jżidu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki biex jiġġieldu l-attività illegali fuq l-internet; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-kontenut diġitali fornut lill-konsumaturi għandu jkun ħieles minn kull dritt ta' parti terza, li jista' jimpedixxi lill-konsumatur milli jgawdi l-kontenut diġitali skont il-kuntratt;

23. Jappella biex titwettaq analiżi bir-reqqa, immirata u bbażata fuq il-provi dwar jekk l-atturi kollha fil-katina tal-valur, inklużi l-intermedjarji online, il-pjattaformi online, il-fornituri tal-kontenut u tas-servizzi, kif ukoll l-intermedjarji offline bħar-rivendituri u l-bejjiegħa bl-imnut, għandhomx jieħdu miżuri raġonevoli u xierqa kontra l-kontenut illegali, il-prodotti ffalsifikati u l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali, filwaqt li tiġi salvagwardjata l-abbiltà tal-utenti finali li jaċċessaw u jxerrdu l-informazzjoni jew li jużaw l-applikazzjonijiet u s-servizzi li jagħżlu huma;

24. Jenfasizza li l-prinċipju ta' tolleranza żero fit-traspożizzjoni tar-regolamenti tal-UE għandu jkun regola fundamentali għall-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea; madankollu, jemmen li l-proċeduri ta' ksur għandhom ikunu dejjem l-aħħar għażla u li għandhom jinbdew biss wara li jkunu saru diversi tentattivi ta' koordinazzjoni u rettifika; jenfasizza li huwa essenzjali li jitnaqqas il-perjodu ta' żmien ta' dawn il-proċeduri;

25. Jilqa' r-rieżami tar-Regolament dwar il-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi mħabbar mill-Kummissjoni; iqis li l-estensjoni tal-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni reċiproka bejniethom jikkostitwixxu prerekwiżit għal infurzar effettiv tar-regoli dwar il-konsumatur għal xiri online;

2.2. Il-konsenja transkonfinali ta' kwalità għolja tal-pakketti bi prezz raġonevoli

26. Jenfasizza l-fatt li, filwaqt li s-servizzi ta' konsenja ta' pakketti jiffunzjonaw tajjeb għall-konsumaturi f'xi Stati Membri, is-servizzi ta' forniment ineffiċjenti, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-aħħar mil tal-konsenja, huma wieħed mill-ostakli ewlenin għall-kummerċ elettroniku transkonfinali f'xi Stati Membri u waħda mir-raġunijiet l-aktar irrappurtati għall-irtirar minn tranżazzjonijiet online kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji; jemmen li n-nuqqasijiet fil-konsenja tal-pakketti transkonfinali jistgħu jiġu solvuti biss minn perspettiva tas-suq uniku Ewropew, u jenfasizza l-importanza tal-kompetizzjoni f'dan is-settur kif ukoll il-ħtieġa li l-industrija tal-konsenja tal-pakketti tadatta għax-xejriet tal-ħajja moderna u toffri alternattivi flessibbli tal-konsenja, bħal netwerks ta' punti ta' ġbir, punti għall-pakketti u għat-tqabbil tal-prezzijiet;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

27. Jenfasizza li s-servizzi tal-konsenja aċċessibbli, bi prezz li jintlaħaq, effiċjenti u ta' kwalità għolja huma prerekwiżit essenzjali għall-kummerċ elettroniku transkonfinali ta' suċċess, u għalhekk jappoġġja l-miżuri proposti biex tittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi tal-istruttura tal-prezzijiet, l-informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet f'każ ta' telf jew ħsara, l-interoperabbiltà u s-superviżjoni regolatorja li għandha tkun diretta lejn il-funzjonament bla xkiel tas-swieq tal-konsenja tal-pakketti transkonfinali, inkluża l-promozzjoni ta' sistemi ta' traċċar transkonfinali, li jippermettu biżżejjed flessibbiltà biex is-suq tal-konsenji jiżviluppa u jadatta għall-innovazzjonijiet teknoloġiċi;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod attiv jikkondividu l-aħjar prattiki fis-settur tal-konsenja tal-pakketti, u lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar il-konsenja transkonfinali tal-pakketti, kif ukoll li jippreżentaw ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' awtoregolazzjoni; jilqa' l-ħolqien ta' grupp ta' ħidma ad hoc dwar il-konsenja transkonfinali tal-pakketti;

29. Jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tipproponi pjan ta' azzjoni komprensiv, inklużi linji gwida għall-aħjar prattiki, f'kooperazzjoni mal-operaturi, biex issib soluzzjonijiet innovattivi biex ittejjeb is-servizzi, tnaqqas l-ispejjeż u l-impatt ambjentali, biex tintegra ulterjorment is-suq uniku tal-konsenja tal-pakketti u s-servizzi postali, biex tneħħi l-ostakoli li jiltaqgħu magħhom l-operaturi postali fil-konsenji transkonfinali, biex isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-BEREC u l-ERGP, u tipproponi, jekk ikun meħtieġ, reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti;

30. Jenfasizza li l-armonizzazzjoni ulterjuri tal-konsenji tal-pakketti mill-Kummissjoni m'għandhiex twassal għal protezzjoni soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol imnaqqsa għal dawk li jwasslu l-pakketti, irrispettivament mill-istatus ta' impjieg tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-drittijiet tal-ħaddiema f'dan is-settur f'dak li jirrigwarda l-aċċess għal sistemi ta' sigurtà soċjali u d-dritt li jeżerċitaw azzjonijiet kollettivi, ikunu rispettati; jilqa' l-fatt li l-għoti ta' sigurtà soċjali hija l-kompetenza tal-Istat Membru;

2.3. *Il-prevenzjoni ta' mblukkar ġeografiku mhux ġustifikat*

31. Iqis li jinħtieġu azzjonijiet ambizzjużi u mmirati biex jitjieb l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, b'mod partikolari billi jintemmu l-prattiki ta' mblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u d-diskriminazzjoni inġusta fil-prezz ibbażati fuq il-pożizzjoni ġeografika jew in-nazzjonalità, li sikwit ikollhom l-effett tal-bini ta' monopolji u li l-konsumaturi jduru għal kontenut illegali;

32. Jappoġġja l-impenn tal-Kummissjoni li tindirizza l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat b'mod effettiv billi tikkumplimenta l-qafas eżistenti dwar il-kummerċ elettroniku u tinforza d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni eżistenti; iqis li huwa vitali li tiffoka fuq ir-relazzjonijiet bejn in-negozji li jwasslu għall-prattiki ta' mblukkar ġeografiku, bħad-distribuzzjoni selettiva meta din ma tkunx skont il-liġi tal-kompetizzjoni u s-segmentazzjoni tas-suq, kif ukoll dwar miżuri teknoloġiċi u prattiki tekniċi (bħat-traċċar tal-IP jew in-nuqqas intenzjonat ta' interoperabilità tas-sistemi) li jirriżultaw f'limitazzjonijiet mhux ġustifikati fuq l-aċċess għal servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni provduti min-naħa għall-oħra tal-fruntieri, dwar il-konklużjoni ta' kuntratti transkonfinali biex jinxtraw prodotti u servizzi, u wkoll dwar l-attivitajiet assoċjati, bħall-ħlas u l-konsenja tal-prodotti, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità, b'mod partikolari għan-negozji żgħar u mikro;

33. Jenfasizza l-ħtieġa li l-konsumaturi kollha fl-Unjoni jiġu ttrattati b'mod ugwali mill-kummerċjanti online li jbigħu fi Stat Membru wieħed jew aktar minn wieħed, inkluż l-aċċess tagħhom għal tnaqqis fil-prezzijiet jew promozzjonijiet oħrajn;

34. Jappoġġja b'mod partikolari l-iskrutinju ppjanat, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-infurzar prattiku tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern sabiex janalizzaw xejriet possibbli ta' diskriminazzjoni mhux ġustifikata kontra l-konsumaturi u riċevituri oħra ta' servizzi bbażata fuq in-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' residenza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tiddefinixxi gruppi ta' każijiet konċiżi ta' diskriminazzjoni ġustifikata skont l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi sabiex tiċċara x'jikkostitwixxi mġiba diskriminatorja mhux ġustifikata minn entitajiet privati u sabiex tipprovdi assistenza interpretattiva lill-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20 (2) fil-prattika, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar is-Servizzi; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforzi

koordinati sabiex iżżid id-dispożizzjoni tal-Artikolu 20(2) mal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 sabiex tutilizza s-setgħat ta' investigazzjoni u ta' infurzar tan-Netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur;

35. Jenfasizza li projbizzjoni fuq l-imblukkar ġeografiku qatt ma għandha tobbliga lil bejjiegħa bl-imnut jikkonsenjaw prodotti mill-ħanut tal-websajt tiegħu lil xi Stat Membru partikolari meta ma jkollhom l-ebda interess li jbigħu l-prodotti tagħhom lill-Istati Membri kollha u jippreferu li jibqgħu żgħar jew li jbigħu biss lil konsumaturi qrib il-ħanut tagħhom;

36. Jirrimarka wkoll dwar l-importanza tal-inkjesta tas-settur tal-kompetizzjoni li għaddejja fis-settur tal-kummerċ elettroniku sabiex jiġi investigat, fost oħrajn, jekk ir-restrizzjonijiet mhux ġustifikati ta' mblukkar ġeografiku, bħad-diskriminazzjoni abbażi tal-indirizz tal-IP, l-indirizz postali jew il-pajjiż tal-ħruġ ta' karti tal-kreditu, jiksrux ir-regoli tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE; jenfasizza l-importanza li tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji billi jittieħed kont tar-riżultati tal-inkjesta tas-settur u jiġi vvalutat jekk il-bidliet immirati għar-Regolament dwar l-Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija humiex meħtieġa, inkluż l-Artikolu 4a u l-Artikolu 4b, sabiex jiġu llimitati r-restrizzjonijiet mhux mixtieqa territorjali jew ta' bdil tar-rotta;

37. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jissaħħu l-portabbiltà u l-interoperabbiltà sabiex jistimolaw iċ-ċirkolazzjoni libera ta' kontenut jew servizzi miksuba legalment, u li jkunu legalment disponibbli, bħala l-ewwel pass lejn tmiem l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat, kif ukoll l-aċċessibbiltà u l-funzjonalità transkonfinali tal-abbonamenti; jenfasizza li m'hemmx kontradizzjoni bejn il-prinċipju tat-territorjalità u l-miżuri biex jitneħħew l-ostakoli għall-portabbiltà tal-kontenut;

38. Iwissi kontra l-promozzjoni indiskriminata tal-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji pan-Ewropej peress li dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-kontenut disponibbli għall-utenti: jenfasizza li l-prinċipju tat-territorjalità huwa element essenzjali fis-sistema tad-drittijiet tal-awtur minħabba l-importanza ta' liċenzjar territorjali fl-UE;

2.4. *Aċċess aħjar għall-kontenut diġitali – qafas tad-drittijiet tal-awtur modern u aktar Ewropew*

39. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li timmodernizza l-qafas attwali tad-drittijiet tal-awtur attwali sabiex tadattah għall-era diġitali; jenfasizza li kwalunkwe modifika għandha tiġi mmirata u tiffoka fuq remunerazzjoni xierqa u ġusta għal min joħloq u għal detenturi oħrajn tad-drittijiet, fuq it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u t-titjib tal-esperjenza tal-konsumatur, iżda wkoll fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

40. Jenfasizza li l-attivitajiet professjonali jew il-mudelli kummerċjali bbażati fuq il-ksur tad-drittijiet tal-awtur huma theddida serja għall-funzjonament tas-Suq Uniku Diġitali;

41. Jemmen li r-riforma għandha ssib il-bilanċ ġust bejn l-interessi kollha involuti; jindika li s-settur kreattiv għandu speċifiċitajiet u sfidi differenti, b'mod partikolari minħabba d-diversi tipi ta' xogħlijiet ta' kontenut u kreattivi u l-mudelli tan-negozju użati; billi l-istudju "Territoriality and its impact on the financing of audiovisual works" jenfasizza r-rwol importanti ta' liċenzjar territorjali rigward il-finanzjament mill-ġdid ta' films Ewropej; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni tidentifika u tikkunsidra aħjar dawn l-ispeċifiċitajiet;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe riforma tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-impatt ex-post u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2015 dwar id-Direttiva 2001/29/KE, u tkun ibbażata fuq evidenza soda, inkluża valutazzjoni tal-impatt possibbli ta' kwalunkwe modifika fuq it-tkabbir u l-impjiegi, fuq id-diversità kulturali u, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni, il-finanzjament u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

43. Jenfasizza r-rwol kruċjali ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet immirati għad-drittijiet tal-awtur fil-kontribuzzjoni għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi, l-inkoraġġiment tal-kreattività fil-futur u t-titjib fl-innovazzjoni u d-diversità kreattiva u kulturali tal-Ewropa; ifakkar fl-appoġġ tal-Parlament għall-eżami tal-applikazzjoni ta' standards minimi għall-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur u l-applikazzjoni xierqa ta' dawk l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2001/29/KE;

44. Jenfasizza li l-approċċ għal eċċezzjonijiet u limitazzjoni tad-drittijiet tal-awtur għandu jkun ibbilanċjat, immirat u newtrali fil-format u għandu jkun ibbażat biss fuq il-ħtiġijiet, u għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-diversità kulturali Ewropea, il-finanzjament tagħha u r-remunerazzjoni ġusta tal-awturi;

45. Jenfasizza li filwaqt li l-użu tal-estrazzjoni ta' testi u data jeħtieġ aktar ċertezza legali li tippermetti lir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet edukattivi jagħmlu użu usa' ta' materjal protett mid-drittijiet tal-awtur, inkluż lil hinn mill-konfini Ewropej, kwalunkwe eċċezzjoni għal estrazzjoni ta' testi u ta' data għandha tapplika biss meta l-utent ikollu aċċess legali, u għandha tiġi żviluppata b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha, wara li tkun saret valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq il-provi;

46. Jenfasizza l-importanza li jitjiebu ċ-ċarezza u t-trasparenza tar-reġim tad-drittijiet tal-awtur, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontenut iġġenerat mill-utent u tal-imposti fuq l-ikkuppjar privat f'dawk l-Istati Membri li jagħżlu li japplikawhom; jinnota, f'dan ir-rigward, li ċ-ċittadini għandhom jiġu infurmati dwar l-ammont reali tal-imposta tad-drittijiet tal-awtur, l-iskop tagħha u kif se tintuża;

2.5. ***Tnaqqis fil-piżijiet u l-ostakoli relatati mal-VAT għall-bejgħ transfruntier***

47. Iqis li, b'rispett dovut għall-kompetenzi nazzjonali, sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq, l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa u għall-ħolqien ta' Suq Uniku Diġitali Ewropew reali, aktar koordinazzjoni dwar it-tassazzjoni hija meħtieġa, li tirrikjedi, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva fil-livell tal-UE;

48. Iqis bħala prijorità l-iżvilupp ta' sistema tal-VAT online simplifikata, uniformi u konsistenti biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità għal kumpaniji żgħar u innovattivi li joperaw madwar l-Ewropa; jilqa' l-introduzzjoni tal-VAT f'Punt Uniku ta' Servizz Żgħir, li huwa pass lejn it-tmiem tar-reġim temporanju tal-VAT tal-UE; huwa mħasseb, madankollu, li n-nuqqas ta' limitu minimu jagħmilha diffiċli għal ċerti SMEs li jikkonformaw mar-reġim kurrenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dan ir-reġim biex tagħmilha aktar faċli għan-negozji;

49. Jitlob, barra minn hekk, li l-prinċipju tan-newtralità fiskali jiġi rrispettat b'mod sħiħ għal prodotti u servizzi simili, irrispettivament minn jekk ikunux diġitali jew fiżiċi; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta, skont l-impenji meħuda u mill-aktar fis possibbli, sabiex tippermetti lill-Istati Membri jnaqqsu r-rati ta' VAT għall-istampa, l-ippubblikar diġitali, kotba elettroniċi u pubblikazzjonijiet online sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni fis-suq uniku;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-partijiet interessati biex tiżviluppa soluzzjonijiet xierqa għall-ħlas ta' taxxi fi ħdan l-ekonomija kollaborattiva;

51. Jilqa' l-adozzjoni tar-rieżami tad-direttiva dwar is-servizzi ta' ħlas; jenfasizza li jekk l-Unjoni għandha ttejjeb il-kummerċ elettroniku fl-UE kollha, il-pagamenti elettroniċi u b'mezz mobbli istantanji fl-UE kollha taħt standard komuni u l-implimentazzjoni xierqa tar-rieżami tad-direttiva dwar is-servizzi ta' ħlas għandhom jinkisbu mingħajr dewmien,

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

3. ***NOĦOLQU KUNDIZZJONIJIET ĠUSTI U KUNDIZZJONIJIET EKWIVALENTI TA' KOMPETIZZJONI GĦAL NETWERKS DIĠITALI AVVANZATI U SERVIZZI INNOVATTIVI***

3.1. ***Nadattaw ir-regoli dwar it-telekomunikazzjoni għall-iskop tagħhom***

52. Jenfasizza li l-investimenti privati fin-netwerks tal-komunikazzjoni veloċi u ultraveloċi huma rekwiżit għal kwalunkwe progress diġitali li għandhom jiġu inċentivati permezz ta' qafas regolatorju tal-UE stabbli li jippermetti lill-parteċipanti kollha jagħmlu investimenti, inkluż f'żoni rurali u remoti; iqis li l-kompetizzjoni miżjuda ġiet assoċjata ma' livelli ogħla ta' investiment fl-infrastruttura, l-innovazzjoni, l-għażliet u prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi u n-negozji; iqis li teżisti ftit evidenza fl-Ewropa ta' rabta bejn il-konsolidazzjoni tal-operaturi u investiment u output miżjuda fin-netwerks; iqis li dan għandu jiġi vvalutat bir-reqqa, u jiġu infurzati r-regoli tal-kompetizzjoni, sabiex tiġi evitata konċentrazzjoni eċċessiva tas-suq, il-ħolqien ta' oligopolji fil-livell Ewropew u ta' impatt negattiv għall-konsumaturi;

53. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-FEIS biex jiġu mmassimizzati l-investimenti billi jiffukaw fuq proġetti bi profil ta' riskju ogħla, jagħtu spinta lill-irkupru ekonomiku, jistimulaw it-tkabbir u jinċentivizzaw l-investimenti privati, inter alia l-mikrofinanzjament u l-kapital ta' riskju biex jiġu appoġġjati kumpaniji innovattivi fi stadji differenti ta' finanzjament tal-iżvilupp tagħhom; jenfasizza, f'każijiet ta' falliment tas-suq, dwar l-importanza li jiġu sfruttati bis-sħiħ il-fondi pubbliċi diġà disponibbli għal investimenti diġitali, li jitħalla li jkun hemm sinerġiji bejn programmi tal-UE bħal Orizzont 2020, il-KEF, fondi strutturali rilevanti oħra u strumenti oħra, inklużi proġetti bbażati fuq il-komunità u l-għajnuna mill-Istat f'konformità mal-linji gwida ta' għajnuna mill-Istat, inter alia sabiex jiġu promossi netwerks WLAN pubbliċi f'muniċipalitajiet ikbar u iżgħar, peress li dan wera li huwa indispensabbli għall-integrazzjoni reġjonali, soċjali u kulturali kif ukoll għall-edukazzjoni;

54. Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-impenn tagħhom biex sal-2020 jintlaħaq id-dħul fl-użu sħiħ ta' mill-inqas mira minima ta' veloċitajiet ta' 30Mbps; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa jekk din l-istrateġija tal-broadband għal netwerks fissi u mobbli, inklużi l-miri, hijiex bi tħejjija għall-futur, u biex tissodisfa l-kundizzjonijiet għal konnettività tajba għal kulħadd sabiex jiġi evitat id-distakk diġitali għall-ħtiġijiet tal-ekonomija mmexxija mid-data u d-dħul rapidu fl-użu tal-5G u l-broadband ultraveloċi;

55. Jenfasizza li l-iżvilupp diġitali, inklużi servizzi over-the-top (OTT), żiedu d-domanda u l-kompetizzjoni għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-ħtieġa għal investimenti fl-infrastruttura diġitali; iqis li l-modernizzazzjoni tal-qafas tat-telekomunikazzjonijiet m'għandhiex twassal għal piżijiet regolatorji mhux meħtieġa, iżda għandha tiggarantixxi aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerks u timplimenta soluzzjonijiet għall-futur, ibbażati fejn ikun possibbli fuq regoli simili għal servizzi simili li jrawmu l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta, u li jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur;

56. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-utenti finali stabbiliti fil-qafas dwar it-telekomunikazzjonijiet ikunu koerenti, proporzjonati u bi tħejjija għall-futur, u, wara l-adozzjoni tal-Pakkett tal-Kontinent Konness, inkluż tibdil faċilitat u trasparenza tal-kuntratti għall-utenti finali; jilqa' r-rieżami li ġej tad-Direttiva tas-Servizzi Universali flimkien mal-eżami tal-qafas tat-telekomunikazzjonijiet biex jiżgura li r-rekwiżiti dwar aċċess għall-internet broadband b'veloċità għolja jkunu tajbin għall-iskop biex jitnaqqas id-distakk diġitali u tiġi eżaminata d-disponibbiltà tas-servizz tan-numru 112;

57. Jenfasizza li s-Suq Uniku Diġitali Ewropew għandu jagħmel il-ħajja ta' kuljum aktar faċli għall-konsumatur finali; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex issolvi l-problema tat-trasferiment transfruntier ta' telefonati, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu telefonati mhux interrotti meta jaqsmu l-fruntieri fl-Unjoni;

58. Jilqa' d-diversi konsultazzjonijiet pubbliċi kontinwi mnedija reċentement mid-DĠ Connect dwar l-aġenda diġitali għall-Ewropa, b'mod partikolari dwar ir-rieżami tar-regoli dwar it-telekomunikazzjoni tal-UE, dwar il-ħtieġa għal veloċità u kwalità tal-internet lil hinn mill-2020 u dwar il-pjattaformi, cloud u data Online, ir-responsabbiltà tal-intermedjarji, u l-ekonomija kollaborattiva, iżda jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura konsistenza fost dawn l-inizjattivi paralleli kollha;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

59. Jenfasizza li l-ispettru tar-radju huwa riżorsa ta' importanza kritika għas-suq intern għall-komunikazzjonijiet broadband mobbli u mingħajr fili, kif ukoll għax-xandir, u huwa essenzjali għall-kompetittività futura tal-Unjoni Ewropea; jitlob, bħala prijorità għal qafas armonizzat u favur il-kompetizzjoni, għall-assenjazzjoni tal-ispettru tar-radju u l-immaniġġjar effettiv biex jiġi evitat dewmien fl-allokazzjoni tal-ispettru, u għal kundizzjonijiet ekwi għall-atturi kollha tas-suq u, fid-dawl tar-Rapport Lamy ([1]), għal strateġija fit-tul dwar l-użi futuri tal-frekwenzi varji tal-ispettru, li huma meħtieġa b'mod partikolari għad-dħul fl-użu tal-5G;

60. Jenfasizza li l-implimentazzjoni f'waqtha u l-infurzar uniformi u trasparenti fl-Istati Membri kollha tar-regoli tat-telekomunikazzjoni tal-UE bħal "il-pakkett Kontinent Konness" huma pilastru kruċjali għall-istabbiliment ta' suq uniku diġitali, sabiex jiżguraw l-applikazzjoni rigoruża tal-prinċipju tan-newtralità tan-net u, b'mod partikolari, biex iwettqu rieżami komprensiv f'waqtu għat-tmiem tat-tariffi tar-roaming għall-konsumaturi Ewropej kollha sal-15 ta' Ġunju 2017;

61. Jistieden lill-Kummissjoni, sabiex tintegra aktar is-suq uniku diġitali, biex tiżgura t-twaqqif ta' qafas istituzzjonali aktar effiċjenti billi ssaħħaħ ir-rwol, il-kapaċità u d-deċiżjonijiet tal-BEREC ħalli tinkiseb applikazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju, tiġi żgurata sorveljanza fl-iżvilupp tas-suq uniku u jiġi solvut it-tilwim transkonfinali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jitjiebu r-riżorsi finanzjarji u umani u tkompli tittejjeb l-istruttura ta' governanza tal-BEREC kif suppost;

3.2. *Qafas tal-midja għas-Seklu 21*

62. Jenfasizza n-natura duwali tal-midja awdjoviżiva bħala riżorsa soċjali, kulturali u ekonomika; josserva li l-ħtieġa għal regolamentazzjoni tal-midja Ewropea futura tiġi mill-ħtieġa li tiżgura u tippromwovi d-diversità ta' midja awdjoviżiva u li tistabbilixxi standards għoljin għall-protezzjoni tal-minuri u l-konsumaturi u d-data personali, kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni u flessibbiltà akbar fir-rigward ta' regoli ta' komunikazzjoni kummerċjali u kwantitattivi;

63. Jenfasizza li l-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini" stabbilit fid-Direttiva AVMS huwa prerekwiżit neċessarju għall-forniment ta' kontenut awdjoviżiv bejn il-fruntieri, li jwassal għal suq komuni fis-servizzi; jenfasizza, fl-istess ħin, li dan il-prinċipju ma jxekkilx il-kisba ta' objettivi soċjali u kulturali u li dan ma jipprekludix il-ħtieġa li d-dritt tal-UE jiġi adattat barra mid-Direttiva AVMS; jenfasizza li, sabiex tiġi miġġielda l-prattika ta' "forum shopping", il-pajjiż ta' oriġini tal-profitt tar-reklamar, il-lingwa tas-servizz u l-pubbliku fil-mira tar-reklam u l-kontenut għandhom ikunu parti mill-kriterji biex jiġi ddeterminat jew ikkontestat il-"pajjiż ta' oriġini" ta' servizz tal-midja awdjoviżiva;

64. Jemmen li kulħadd, inklużi l-fornituri ta' pjattaformi tal-midja awdjoviżiva online u l-interfaċċji tal-utenti, għandhom ikunu soġġetti għad-Direttiva AVMS safejn huwa kkonċernat servizz tal-midja awdjoviżiva; jenfasizza l-importanza ta' regoli mmirati lejn it-titjib fis-sitwazzjoni biex jinstab kontenut legali u informazzjoni sabiex jissaħħu l-libertà, il-pluraliżmu u r-riċerka indipendenti tal-midja, u biex jiġi ggarantit il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, billi jiġu salvagwardjati d-diversità lingwistika u kulturali; jenfasizza li biex tiġi żgurata l-idea tat-traċċabbiltà ta' kontenut awdjoviżiv ta' interess pubbliku, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu regoli speċifiċi li għandhom l-għan li jippreservaw id-diversità kulturali u lingwistika u l-varjetà ta' informazzjoni, opinjonijiet u midja, il-protezzjoni tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-minoranzi u l-protezzjoni tal-konsumaturi b'mod ġenerali; jitlob li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li servizzi tal-midja awdjoviżiva jkunu aċċessibbli għal persuni vulnerabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistimula l-offerta legali ta' kontenut tal-midja awdjoviżiva billi tiffavorixxi xogħlijiet indipendenti Ewropej;

65. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra x-xejriet dejjem jinbidlu tal-udjenza u mezzi ġodda biex jaċċessaw kontenut awdjoviżiv permezz ta' allinjament ta' servizzi lineari u mhux lineari u billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi f'livell Ewropew għas-servizzi tal-midja awdjoviżiva kollha, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħhom, ħlief fejn tali kontenut ikun it-tlestija indispensabbli ta' ħaġa oħra għajr kontenut jew servizzi awdjoviżivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw il-kunċett ta' servizzi tal-midja li ġie ddefinit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva AVMS b'mod li, filwaqt li l-Istati Membru jżommu grad xieraq ta' flessibbiltà, jittieħed iktar kont tal-impatt soċjopolitiku potenzjali tas-

([1]) Rapport dwar ir-riżultati tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-użu tal-frekwenza UHF fil-ġejjieni.

servizzi u ta' elementi karatteristiċi speċifiċi ta' dak l-impatt, partikolarment ir-rilevanza tagħhom għall-formazzjoni tal-opinjonijiet u għad-diversità tal-opinjoni, kif ukoll il-kwistjoni tar-responsabilità editorjali;

66. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod ugwali, u jittrattaw b'mod effiċjenti, il-projbizzjoni ta' kwalunkwe servizz tal-midja awdjoviżiva fl-UE fil-każ ta' ksur tad-dinjità tal-bniedem, l-inċitament għall-mibegħda jew ir-razziżmu;

67. Jenfasizza li l-adattament tad-Direttiva AVMS għandu jnaqqas ir-regolamentazzjoni u jsaħħaħ il-koregolazzjoni u l-awtoregolazzjoni billi jibbilanċja d-drittijiet u l-obbligi tax-xandara, permezz ta' approċċ regolatorju orizzontali u mal-midja kollha, ma' dawk ta' parteċipanti oħra tas-suq; iqis li wieħed għandu jagħti prijorità lill-prinċipju ta' rikonoxxibbiltà ċara u d-distinzjoni bejn ir-reklamar u l-kontenut tal-programmi fuq il-prinċipju ta' separazzjoni bejn il-kontenut tar-reklamar u tal-programmi fil-mezzi kollha tax-xandir; jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk għadux utli u pertinenti li taderixxi mat-taqsima 6.7 tal-komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku;

68. Iqis li l-kunċett legali stabbilit fid-Direttiva 93/83/KEE, jista', wara li tkun saret valutazzjoni ulterjuri, itejjeb l-aċċess transkonfinali għall-kontenut u servizzi legali online fis-Suq Uniku Diġitali mingħajr ma jinxteħtu dubji dwar il-prinċipji tal-libertà kuntrattwali, ir-rimunerazzjoni adegwata lill-awturi u lill-artisti u n-natura territorjali tad-drittijiet esklużivi;

3.3. *Ambjent regolatorju adattat għall-iskop għal pjattaformi u intermedjarji*

3.3.1. *Ir-rwol ta' pjattaformi online*

69. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina jekk kwistjonijiet potenzjali relatati ma' pjattaformi online jistgħux jiġu solvuti permezz tal-implimentazzjoni korretta u sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-infurzar effettiv tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta u effettiva bejn pjattaformi online u li jkun evitat il-ħolqien ta' monopolji; jistieden lill-Kummissjoni żżomm politika favur l-innovazzjoni fir-rigward ta' pjattaformi online li tiffaċilita d-dħul fis-suq u trawwem l-innovazzjoni; iqis li t-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni, l-iffaċilitar ta' bdil bejn pjattaformi jew servizzi online li jippermettu l-għażliet tal-konsumaturi, l-aċċess għal pjattaformi, l-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' ostakoli għall-ħolqien u l-avvanz tal-pjattaformi għandhom ikunu prijoritajiet;

70. Jinnota li d-dispożizzjonijiet tal-ECD ssaħħew sussegwentement mid-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi u komponenti oħra tal-acquis tal-konsumatur u li dawn id-direttivi għandhom bżonn jiġu infurzati kif suppost u japplikaw għan-negozjanti li jużaw pjattaformi online daqs kemm japplikaw għal negozjanti fi swieq tradizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-partijiet interessati kollha u mal-Parlament biex tintroduċi gwida ċara dwar l-applikabbiltà tal-acquis tal-konsumatur għal negozjanti li jużaw pjattaformi online, u, fejn meħtieġ, għajnuna għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur tal-Istat Membru biex jinfurzaw kif suppost il-liġi dwar il-konsumatur;

71. Japprezza l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tanalizza r-rwol ta' pjattaformi online fl-Ekonomija Diġitali bħala parti mill-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, minħabba li din se taffettwa bosta proposti leġiżlattivi li jmiss; jemmen li l-analiżi għandha sservi biex tidentifika problemi kkonfermati u definiti sew fi ħdan oqsma speċifiċi tan-negozju u nuqqasijiet possibbli f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur, u li ssir distinzjoni bejn is-servizzi online u l-fornituri tas-servizzi online; jenfasizza li l-pjattaformi li jittrattaw oġġetti kulturali, speċjalment tal-mezzi tax-xandir awdjoviżivi, iridu jiġu trattati b'mod speċifiku li jirrispetta l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali;

72. Jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament fl-ewwel kwart tal-2016 dwar ir-riżultati ta' konsultazzjonijiet rilevanti u biex jiġi żgurat approċċ konsistenti fir-reviżjonijiet leġiżlattivi li jmiss; iwissi kontra l-ħolqien ta' distorsjonijiet fis-suq jew ostakli għad-dħul fis-suq għal servizzi online, billi jiġu introdotti obbligi ġodda li jissussidjaw b'mod inkroċjat mudelli ta' negozju tradizzjonali partikolari;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

73. Jenfasizza li r-responsabbiltà limitata ta' intermedjarji hija essenzjali għall-protezzjoni ta' internet miftuħ, id-drittijiet fundamentali, iċ-ċertezza legali u l-innovazzjoni; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, li d-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà intermedjarja fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku huma tajbin għall-futur u teknoloġikament newtrali;

74. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, sabiex jibbenefika mil-limitazzjoni ta' responsabbiltà, il-fornitur ta' servizz għas-soċjetà tal-informazzjoni, malli jakkwista t-tagħrif attwali jew isir konxju tal-attivitajiet illegali, għandu jaġixxi mingħajr dewmien biex ineħħi jew iwaqqaf l-aċċess għall-informazzjoni kkonċernata; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni uniformi ta' din id-dispożizzjoni f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali sabiex tiġi evitata kwalunkwe privatizzazzjoni tal-infurzar tal-liġi u biex tiżgura li jittieħdu miżuri adegwati u raġonevoli kontra l-bejgħ ta' kontenut u oġġetti illegali;

75. Iqis li, fid-dawl ta' swieq li jevolvu b'rata mgħaġġla u d-diversità ta' pjattaformi li jvarjaw minn pjattaformi mingħajr skop ta' qligħ għal pjattaformi B2B u li jinkludu servizzi u setturi differenti u varjetà wiesgħa ta' atturi, m'hemm l-ebda definizzjoni ċara ta' pjattaformi, u approċċ ta' "daqs wieħed għal kulħadd" jista' jfixkel b'mod serju l-innovazzjoni u jqiegħed lill-kumpaniji Ewropej fi żvantaġġ kompetittiv fl-ekonomija globali;

76. Huwa tal-fehma li ċerti intermedjarji online u pjattaformi online jiġġeneraw dħul minn xogħlijiet u kontenut kulturali, iżda dan id-dħul mhux dejjem jista' jiġi kondiviż ma' min ikun ikkreah; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-għażliet bbażati fuq il-provi biex tindirizza kwalunkwe nuqqas ta' trasparenza u trasferiment ta' valur minn kontenut għal servizzi li se jagħmilha possibbli għall-kittieba, l-artisti u d-detenturi tad-drittijiet biex jiġu remunerati b'mod ġust għall-użu tax-xogħlijiet tagħhom fuq l-internet mingħajr ma tixxekkel l-innovazzjoni;

3.3.2. *Opportunitajiet ġodda offruti mill-ekonomija kollaborattiva*

77. Jilqa' ż-żieda fil-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumaturi li jirriżultaw minn ekonomija kollaborattiva, kif ukoll opportunitajiet għall-ħolqien ta' impjiegi, tkabbir ekonomiku, kompetittività, suq tax-xogħol aktar inklussiv u ekonomija tal-UE aktar ċirkolari permezz ta' użu aktar effiċjenti ta' riżorsi, kapaċitajiet u assi oħra; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri tal-iskambju tal-ekonomija billi jiġu identifikati l-ostakli artifiċjali u l-leġiżlazzjoni rilevanti li jxekklu t-tkabbir tagħha;

78. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza, fil-qafas ta' ekonomija kollaborattiva, kif wieħed jista' jsib bilanċ bejn l-għoti tas-setgħa u l-protezzjoni tal-konsumaturi u, fejn ikun hemm bżonn ta' kjarifika, biex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-qafas leġiżlattiv relatat mal-konsumatur fl-isfera diġitali, inkluż f'każijiet ta' abbużi possibbli, u biex tiddetermina wkoll fejn ir-rimedji ex-post huma suffiċjenti jew aktar effettivi;

79. Jinnota li huwa fl-interess tal-kumpaniji li jużaw dawn il-mudelli ta' negozju ġodda msejsa fuq ir-reputazzjoni u l-fiduċja, li jadottaw miżuri li jiskoraġġixxu l-attivitajiet illegali filwaqt li jipprovdu karatteristiċi ta' sikurezza għall-konsumatur ġodda;

80. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf grupp ta' partijiet interessati inkarigati mill-promozzjoni tal-aħjar prattiki fis-settur tal-ekonomija kollaborattiva;

81. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki tal-impjieg u dawk soċjali jkunu tajbin għall-iskop tal-innovazzjoni diġitali, l-intraprenditorija, u t-tkabbir tal-ekonomija kollaborattiva u l-potenzjal tagħha għal aktar forom flessibbli ta' impjieg, billi jidentifikaw forom ġodda ta' impjiegi u jivvalutaw il-ħtieġa għall-modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol sabiex id-drittijiet eżistenti tal-impjieg u l-iskemi ta' servizzi soċjali jkunu jistgħu wkoll jinżammu fid-dinja diġitali tax-xogħol; jenfasizza li l-għoti ta' sigurtà soċjali hija l-kompetenza ta' Stat Membru; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika u tiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki fl-UE f'dawn l-oqsma u fil-livell internazzjonali;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

3.3.3. *Il-ġlieda kontra l-kontenut illegali fuq l-Internet*

82. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi politiki u qafas legali sabiex tindirizza ċ-ċiberkriminalità u kontenut u materjali illegali fuq l-internet, inklużi d-diskors ta' mibegħda, li jkunu f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni, mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE jew tal-Istati Membri u mal-prinċipji tan-neċessità, il-proporzjonalità, il-proċess legali dovut u l-istat tad-dritt; iqis li, sabiex jintlaħaq dan l-għan, huwa neċessarju li:

— jiġu pprovduti għodda li jgħinu l-infurzar konsistenti u effiċjenti tal-liġi għall-aġenziji tal-pulizija Ewropej u nazzjonali u għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;

— jingħataw linji gwida ċari dwar kif għandu jiġi indirizzat il-kontenut illegali online, inkluż id-diskors ta' mibegħda;

— jingħata appoġġ għal sħubijiet pubbliċi-privati, u d-djalogu bejn entitajiet pubbliċi u privati, f'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE;

— jiġi ċċarat ir-rwol ta' intermedjarji u l-pjattaformi online b'rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

— jiġi żgurat li l-istabbiliment fi ħdan l-Europol tal-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-Unjoni Ewropea (EU IRU) ikun imsejjes fuq bażi legali li tkun xierqa għall-attivitajiet tiegħu;

— jiġi żgurat li miżuri speċjali biex jiġi miġġieled l-isfruttament sesswali tat-tfal online u kooperazzjoni effettiva bejn il-partijiet interessati kollha biex jiġu ggarantiti d-drittijiet u l-protezzjoni tat-tfal fuq l-internet u jitħeġġu inizjattivi li għandhom l-għan li l-internet isir sikur għat-tfal, u

— ikun hemm kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti biex jiġu promossi l-edukazzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni;

83. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni biex timmodernizza l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali online fir-rigward tal-ksur fuq skala kummerċjali; iqis li l-infurzar tad-drittijiet tal-awtur kif stabbilit fid-Direttiva 2004/48/KE fl-Istati Membri kollha huwa importanti ħafna u li d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati huma effettivi biss daqs il-miżuri ta' infurzar stabbiliti sabiex jipproteġuhom;

84. Jenfasizza li l-UE qed taffaċċja għadd kbir ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; jenfasizza r-rwol tal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali li jipprovdi data affidabbli u analiżi oġġettiva tal-impatti tal-ksur fuq l-atturi ekonomiċi; jitlob għall-adozzjoni ta' approċċ effettiv, sostenibbli, proporzjonat u modernizzat għall-infurzar, l-implimentazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali online, b'mod partikolari fir-rigward ta' ksur fuq skala kummerċjali;

85. Jinnota li f'xi każijiet, ksur tad-drittijiet tal-awtur jista' jirriżulta minn diffikultajiet biex jinsab il-kontenut mixtieq li jkun disponibbli legalment; jitlob, għaldaqstant, li tiġi żviluppata u promossa għall-pubbliku firxa usa' ta' offerti legali li jkunu faċli għall-użu mill-utent;

86. Jilqa' l-approċċ "segwi l-flus" u jinkoraġġixxi lill-atturi fil-katina tal-provvista biex jaġixxu b'mod koordinat u proporzjonat biex jiġi miġġieled il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali, billi titkompla l-ħidma fuq il-prattiki ta' ftehimiet volontarji; jenfasizza li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, għandha tippromwovi s-sensibilizzazzjoni u d-diliġenza dovuta tul il-katina tal-provvista u tħeġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, kif ukoll il-kooperazzjoni mtejba bejn is-settur pubbliku u dak privat; jinsisti li kwalunkwe miżura għandha tkun iġġustifikata, ikkoordinata u proporzjonata u tinkludu l-possibbiltà ta' rimedju effettiv u li jkun faċli għall-utenti għal partijiet affettwati b'mod negattiv; iqis li hu meħtieġ li jiżdied l-għarfien tal-konsumatur dwar il-konsegwenzi ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

3.4. ***It-tisħiħ tal-fiduċja u s-sigurtà fin-netwerks diġitali, l-industriji, is-servizzi u l-infrastrutturi u fl-immaniġġjar ta' data personali***

87. Iqis li, sabiex ikunu żgurati l-fiduċja u s-sigurtà fis-servizzi diġitali, fit-teknoloġiji mmexxija mid-data u s-sistemi ta' ħlas, l-infrastruttura kritika u n-netwerks online, fejn aktar riżorsi huma meħtieġa kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-industrija taċ-ċibersigurtà Ewropea, is-settur pubbliku u dak privat, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni ta' riċerka inkluż Orizzont 2020, u s-sħubijiet pubbliċi-privati; jappoġġja l-iskambju ta' prattiki tajba tal-Istati Membri fil-PPPs f'dan il-qasam;

88. Jitlob li jsiru sforzi biex titjieb ir-reżiljenza kontra l-attakki ċibernetiċi, bi rwol akbar għall-ENISA, b'mod partikolari, sabiex jiżdied l-għarfien tar-riskji u l-proċessi ta' sigurtà bażika ta' għarfien fost l-utenti, b'mod partikolari l-SMEs, biex jiġi żgurat li l-kumpaniji jkollhom livelli bażiċi ta' sigurtà, bħal kriptaġġ minn tarf sa tarf ta' data u komunikazzjonijiet u aġġornamenti tas-softwer, u biex jitħeġġeġ l-użu tal-kunċett ta' sigurtà mill-waqt tad-disinn;

89. Iqis li l-fornituri tas-softwer għandhom iħeġġu aħjar il-vantaġġi ta' softwer "open source" u l-aġġornamenti ta' softwer relatati mas-sigurtà għall-utenti; jistieden lill-Kummissjoni tesplora programm ta' żvelar tal-vulnerabbiltà koordinata madwar l-UE kollha, inkluża t-tiswija ta' vulnerabbiltajiet tas-softwer magħrufa, bħala rimedju kontra l-abbuż ta' vulnerabbiltajiet tas-softwer u ksur fis-sigurtà u fid-data personali;

90. Jemmen li l-adozzjoni rapida tal-abbozz tad-Direttiva NIS adattata hija meħtieġa biex tipprovdi approċċ ikkoordinat tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà; iqis li livell iktar ambizzjuż ta' kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-UE, u l-iskambju tal-aħjar prattiki, huma essenzjali għal aktar diġitalizzazzjoni tal-industrija, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-UE, partikolarment il-protezzjoni tad-data;

91. Jenfasizza l-fatt li n-numru li qed jikber b'rata mgħaġla ta' attakki fuq netwerks u atti taċ-ċiberkriminalità jitlob li jkun hemm rispons armonizzat mill-UE u l-Istati Membri tagħha, bil-ħsieb li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni; jemmen li l-forniment tas-sigurtà fuq l-internet ifisser il-protezzjoni tan-netwerks u tal-infrastruttura kritika, li jiżgura l-kapaċità tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità, inkluż it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni vjolenti u l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal online, u l-użu ta' data li tkun strettament neċessarja għall-ġlieda kontra l-kriminalità online u offline; jenfasizza li s-sigurtà, hekk definita, flimkien mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fiċ-ċiberspazju, hija kruċjali biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-servizzi diġitali u għalhekk hija bażi neċessarja biex jiġi stabbilit suq uniku diġitali kompetittiv;

92. Ifakkar li għodod bħalma huwa l-kriptaġġ huma utli għaċ-ċittadini u n-negozji bħala mezz biex jiġu żgurati l-privatezza u tal-inqas livell bażiku ta' komunikazzjoni dwar is-sigurtà; jikkundanna l-fatt li dan jista' jintuża wkoll għal skopijiet kriminali;

93. Jilqa' ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) fi ħdan il-Europol, li jikkontribwixxi għal rispons aktar rapidu fl-eventwalità ta' attakki ċibernetiċi; jitlob għal proposta leġiżlattiva li ssaħħaħ il-mandat tal-EC3, u jitlob biex ikun hemm traspożizzjoni tad-Direttiva 2013/40/UE tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra sistemi ta' informazzjoni;

94. Jinnota li r-rivelazzjonijiet ta' sorveljanza elettronika tal-massa wrew il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini fil-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tas-servizzi diġitali, u jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' konformità stretta ma' leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, meta tkun qed tiġi pproċessata data personali għal finijiet kummerċjali jew ta' infurzar tal-liġi; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza ta' għodod eżistenti bħal trattati dwar l-għajnuna legali reċiproka (Mutual Legal Assistance Treaties – MLATs), li jirrispettaw l-istat tad-dritt u jnaqqsu r-riskju ta' aċċess mhux xieraq għal data li tkun maħżuna f'territorju barrani;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

95. Itenni li, skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku (2000/31/KE), "L-Istati Membri m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq dawk li jipprovdu" servizzi ta' trażmissjoni, ħżin u servizzi ta' hosting, "li jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni li huma jittrażmettu jew iżommu, l-anqas obbligu ġenerali biex ikunu mfittxija fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali"; itenni, b'mod partikolari, li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fis-sentenzi tagħha tal-kawżi C-360/10 u C-70/10, ċaħdet miżuri għall-"monitoraġġ attiv" ta' kważi l-utenti kollha tas-servizzi kkonċernati (forrnituri tal-aċċess tal-internet f'kawża minnhom, netwerk soċjali fil-kawża l-oħra), u speċifikat li kwalunkwe inġunzjoni li titlob li fornitur ta' servizzi ta' hosting iwettaq monitoraġġ ġenerali għandha tiġi pprojbita;

4. *IL-MASSIMIZZAZZJONI TAL-POTENZJAL TA' TKABBIR TAL-EKONOMIJA DIĠITALI*

96. Jemmen li, fid-dawl tal-importanza tal-industrija Ewropea u tal-ekonomija diġitali li qed tikber b'rata aktar mgħaġġla mill-bqija tal-ekonomija, it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija hija essenzjali għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u t-tranżizzjoni tal-enerġija tagħha, imma tista' tkun ta' suċċess biss jekk il-kumpaniji Ewropej jifhmu l-importanza tagħha f'termini ta' effiċjenza akbar u aċċess għal potenzjal mhux sfruttat, b'aktar ktajjen ta' valur integrati u konnessi li jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr u b'mod flessibbli għat-talbiet tal-konsumaturi;

97. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa mingħajr dewmien il-pjan ta' trasformazzjoni diġitali, inkluż l-immodernizzar ta' leġiżlazzjoni u l-użu ta' strumenti rilevanti għall-investiment fl-R&D u l-infrastruttura, biex tappoġġja d-diġitalizzazzjoni tal-industrija fis-setturi kollha, bħalma huma l-produzzjoni, is-setturi tal-enerġija, tat-trasport u tal-bejgħ bl-imnut, billi titħeġġeġ l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u l-konnettività minn tarf sa ieħor f'katini ta' valur, kif ukoll servizzi innovattivi u mudelli kummerċjali;

98. Iqis li l-qafas regolatorju għandu jippermetti lill-industriji li jħaddnu u jantiċipaw dawk il-bidliet sabiex jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-konverġenza reġjonali;

99. Jitlob, barra minn hekk, għal fokus speċjali fuq l-SMEs, inkluż b'mod partikolari l-possibbiltà ta' reviżjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar, billi t-trasformazzjoni diġitali tagħhom hija essenzjali għall-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi fl-ekonomija u għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn kumpaniji stabbiliti u start-ups li jistgħu jwasslu għal mudell industrijali aktar sostenibbli u kompetittiv u l-ħolqien ta' mexxejja globali;

100. Itenni l-importanza tas-Sistemi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita, b'mod partikolari Galileo u EGNOS għall-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali fir-rigward tal-pożizzjoni tad-data u l-kronogramma għall-applikazzjonijiet tal-Big Data u tal-internet tal-oġġetti;

4.1. *Il-bini ta' ekonomija tad-data*

101. Iqis li ekonomija mmexxija mid-data hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku; jenfasizza l-opportunitajiet li teknoloġiji ġodda tal-ICT bħal Big Data, cloud computing, l-internet tal-oġġetti, l-istampar 3D u teknoloġiji oħra jistgħu joħolqu għall-ekonomija u s-soċjetà, speċjalment jekk ikunu integrati ma' setturi oħra bħall-enerġija, it-trasport u l-loġistika, is-servizzi finanzjarji, l-edukazzjoni, il-bejgħ bl-imnut, il-manifattura, ir-riċerka jew is-saħħa u s-servizzi ta' emerġenza, u jekk użati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiġu żviluppati bliet intelliġenti, ir-riżorsi jiġu ġestiti aħjar u titjieb il-protezzjoni ambjentali; Jenfasizza b'mod partikolari l-opportunitajiet li toffri d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, b'miters intelliġenti, grilji intelliġenti u ċentri tad-data għal produzzjoni tal-enerġija aktar effiċjenti u flessibbli; jissottolinja l-importanza ta' sħubija pubblika-privata u jilqa' inizjattivi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward;

102. Jitlob lill-Kumissjoni tistudja l-possibbiltà li tagħmel aċċessibbli u mingħajr ħlas f'forma diġitali il-proġetti kollha ta' riċerka xjentifika ffinanzjati għall-inqas sa 50 % mill-fondi pubbliċi fi żmien raġonevoli li ma jagħmilx ħsara lill-qligħ ekonomiku u soċjali inkluż l-użu ta' pubblikaturi f'dan il-qasam;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

103. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel, sa Marzu 2016, reviżjoni wiesgħa u trasparenti dwar il-Big Data li tinvolvi l-esperti rilevanti kollha, inkluż ir-riċerkaturi, is-soċjetà ċivili u s-settur pubbliku u dak privat, immirati lejn l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tat-teknoloġiji tal-Big Data u għall-kalkolu tal-infrastruttura, b'mod partikolari dawk dwar is-superkompjuters Ewropej, inklużi kondizzjonijiet aħjar fil-qafas regolatorju eżistenti u mhux regolatorji għat-tkabbir u l-innovazzjoni f'dan is-settur, u li jiġu mmassimizzati l-opportunitajiet u l-indirizzar ta' riskji potenzjali u sfidi biex tinbena fiduċja relatata, pereżempju, mal-aċċess għad-data, is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data;

104. Jitlob għall-iżvilupp ta' approċċ Ewropew li ma jkollux iżjed problemi fil-futur u li jkun teknoloġikament newtrali u aktar integrazzjoni tas-suq uniku relatati mal-internet tal-oġġetti u l-internet industrijali, bi strateġija trasparenti ta' stabbiliment tal-istandards u l-interoperabilità, u t-tisħiħ ta' fiduċja f'dawn it-teknoloġiji permezz ta' sigurtà, trasparenza u privatezza bid-disinn u b'mod awtomatiku; jilqa' l-inizjattiva tal-"fluss liberu tad-data" li għandha, wara valutazzjoni komprensiva, tiċċara r-regoli dwar l-użu, aċċess għal u s-sjieda tad-data, filwaqt li jitqies it-tħassib dwar l-impatt ta' rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data dwar il-funzjonament tas-suq uniku, u jiġi ffaċilitat il-qlib bejn fornituri tas-servizz tad-data biex jiġu evitati l-lock-in u d-distorsjonijiet tas-suq;

105. Jemmen li l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandu jkollhom data governattiva miftuħa b'mod awtomatiku; iħeġġeġ li jsir progress dwar il-grad u r-ritmu ta' ħruġ ta' informazzjoni bħala data miftuħa, fuq l-identifikazzjoni ta' settijiet ta' data ewlenin biex ikunu disponibbli u fuq il-promozzjoni tal-użu mill-ġdid tad-data miftuħa b'mod miftuħ, minħabba l-valur tagħhom għall-iżvilupp ta' servizzi innovattivi, inklużi soluzzjonijiet transkonfinali, it-trasparenza, u benefiċċji għall-ekonomija u s-soċjetà;

106. Jirrikonoxxi t-tħassib dejjem jikber tal-konsumaturi tal-UE dwar l-użu u l-protezzjoni ta' data personali mill-fornituri tas-servizzi online, peress li dan huwa essenzjali biex jinbnew il-fiduċja tal-konsumaturi fl-ekonomija diġitali; jenfasizza r-rwol importanti tal-konsumaturi attivi fit-trawwim tal-kompetizzjoni; jenfasizza għalhekk l-importanza li l-konsumaturi jkunu infurmati aħjar dwar l-użu tad-data tagħhom, b'mod partikolari fil-każ ta' servizzi mogħtija bi skambju ta' data, u dwar id-dritt tagħhom għall-portabbiltà tad-data; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara r-regoli dwar il-kontroll tad-data u l-portabbiltà tad-data f'konformità mal-prinċipju ewlieni li ċ-ċittadini għandu jkollhom kontroll tad-data tagħhom;

107. Jemmen li l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardji effettivi tal-privatezza u s-salvagwardji tas-sigurtà, kif stabbilit fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, inklużi d-dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward tat-tfal bħala konsumaturi vulnerabbli, huma kruċjali għall-bini tal-fiduċja taċ-ċittadini u l-konsumaturi fis-settur tal-ekonomija mmexxija mid-data; jenfasizza l-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar ir-rwol ta' data u t-tifsira tal-qsim tad-data għall-konsumaturi, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tagħhom u fl-ekonomija, u li jiġu stabbiliti regoli dwar is-sjieda tad-data u l-kontroll taċ-ċittadini fuq id-data personali tagħhom; jenfasizza r-rwol tal-personalizzazzjoni tas-servizzi u l-prodotti li għandhom jiġu żviluppati f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data; jitlob għall-promozzjoni tal-privatezza b'mod awtomatiku u bid-disinn, li jista' jkollu wkoll impatt pożittiv fuq l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ mhux diskriminatorju għall-ipproċessar kollu tad-data; jissottolinja l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jgħin biex jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn u jipprovdi ċertezza legali, speċjalment għal SMEs u negozji ġodda, kif ukoll is-sorveljanza demokratika u sorveljanza kostanti mill-awtoritajiet pubbliċi; jenfasizza li data personali teħtieġ protezzjoni speċjali u jirrikonoxxi li l-istabbiliment ta' salvagwardji addizzjonali, bħall-użu ta' psewdonimi jew l-anonimità, jistgħu jtejbu l-protezzjoni meta d-data personali tintuża minn applikazzjonijiet tal-Big Data u l-fornituri tas-servizzi online;

108. Jinnota li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttiva dwar id-Databases tqis din id-direttiva bħala ostaklu għall-iżvilupp ta' ekonomija Ewropea mmexxija mid-data; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi għażliet politiċi għat-tħassir tad-Direttiva 96/9/KE;

4.2. ***Spinta lill-kompetittività permezz ta' interoperabbiltà u standardizzazzjoni***

109. Iqis li l-pjan ta' standardizzazzjoni tal-ICT Ewropew u r-reviżjoni tal-qafas ta' interoperabilità, inklużi l-mandati tal-Kummissjoni għall-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, għandhom ikunu parti minn strateġija diġitali Ewropea biex joħolqu ekonomiji ta' skala, iffrankar fil-baġit u kompetittività mtejba għall-kumpaniji Ewropej, u biex iżidu l-

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

interoperabbiltà transsettorjali u transkonfinali ta' oġġetti u servizzi permezz ta' definizzjoni aktar mgħaġġla, b'mod miftuħ u kompetittiv, volontarju u mmexxi mis-suq u standards globali li jkunu faċilment implimentati mill-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċessi ta' standardizzazzjoni jinkludu l-partijiet interessati kollha, jattiraw l-aqwa teknoloġiji u jevitaq ir-riskju tal-ħolqien ta' monopolji jew katini ta' valur magħluqa, speċjalment għal SMEs u negozji ġodda, u biex tippromwovi b'mod attiv standards Ewropej internazzjonalment fid-dawl tan-natura globali ta' inizjattivi ta' standardizzazzjoni tal-ICT;

110. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżidu s-sehem tas-softwer liberu u b'sors miftuħ u l-użu mill-ġdid tiegħu fl-amministrazzjonijiet pubbliċi, kif ukoll bejniethom, bħala soluzzjoni biex tiżdied l-interoperabbiltà;

111. Jinnota li l-Kummissjoni bħalissa qed tikkonsulta mal-partijiet interessati rilevanti dwar l-istabbiliment ta' pjattaforma mmuntata fil-vetturi interoperabbli, standardizzata, sikura u b'aċċess miftuħ għal applikazzjonijiet jew servizzi possibbli fil-futur, kif mitlub mill-Parlament fir-Regolament eCall; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din il-pjattaforma ma tillimitax l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni ħielsa u l-għażla tal-konsumatur;

112. Jistieden lill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-innovazzjoni rapida fis-settur tat-trasport, tiżviluppa strateġija koordinata dwar il-konnettività fis-settur tat-trasport u, b'mod partikolari, biex tistabbilixxi qafas regolatorju għal vetturi konnessi li jiżgura l-interoperabbiltà ma' servizzi differenti, inklużi dijanjostiċi remoti u manutenzjoni, u applikazzjonijiet biex tinżamm kompetizzjoni ġusta u biex jissodisfaw ħtieġa qawwija għal prodotti li jikkonformaw maċ-ċibersigurtà u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data, iżda wkoll biex jiżguraw is-sigurtà fiżika tal-passiġġieri; jemmen li huma meħtieġa sħubijiet bejn l-industriji tal-vetturi tat-toroq u dawk tat-telekomunikazzjonijiet sabiex jiġi żgurat li jiġu żviluppati vetturi konnessi u infrastruttura tal-vetturi konnessi abbażi ta' standards komuni fl-Ewropa;

4.3. *Soċjetà elettronika inklużiva*

113. Jinnota li l-Internet u l-ICT għandhom impatt enormi fuq l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet; jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur diġitali tal-UE għandha impatt pożittiv fuq il-PDG Ewropew; jirrikonoxxi l-potenzjal enormi tal-innovaturi u l-intraprendituri nisa u r-rwol importanti li dawn jista' jkollhom fit-trasformazzjoni diġitali; jenfasizza l-ħtieġa li jingħelbu l-isterjotipi tas-sessi, u jappoġġja bis-sħiħ u jinkoraġġixxi kultura intraprenditorjali diġitali għan-nisa, kif ukoll l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà tal-informazzjoni;

114. Jirrikonoxxi l-potenzjal tas-Suq Uniku Diġitali biex jiżgura l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni għaċ-ċittadini kollha, inklużi persuni bi bżonnijiet speċjali, l-anzjani, il-minoranzi u ċ-ċittadini l-oħra li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli, dwar l-aspetti kollha tal-ekonomija diġitali, inklużi prodotti u servizzi protetti bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, speċjalment permezz tal-iżvilupp ta' soċjetà elettronika inklużiva u jiġi żgurat li l-programmi tal-Gvern elettroniku u l-Amministrazzjoni elettronika jkunu kompletament aċċessibbli; huwa mħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' progress fir-ratifika tat-Trattat ta' Marrakexx u jħeġġeġ ir-ratifika tiegħu kemm jista' jkun malajr; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-urġenza ta' adozzjoni rapida tal-proposta għal Direttiva dwar l-aċċessibilità tal-websajts tal-korpi fis-settur pubbliku;

4.3.1. *Ħiliet u kompetenzi diġitali*

115. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-nuqqas ta' tqabbil bejn il-forniment u d-domanda fir-rigward tal-ħiliet hija problema għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali, il-ħolqien ta' impjiegi u għall-kompetittività tal-Unjoni, u jistieden lill-Kummissjoni, bħala kwistjoni ta' urġenza, biex jiżviluppaw strateġija ta' ħiliet li jistgħu jindirizzaw dan in-nuqqas; jistieden lill-Kummissjoni biex, fost l-oħrajn, tuża l-approprjazzjonijiet mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ biex tappoġġja assoċjazzjonijiet (movimenti lokali) li jgħallmu l-ħiliet diġitali lil żgħażagħ żvantaġġati; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ billi jipprovdu l-bini neċessarju;

116. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-litteriżmu medjatiku u l-kompetenza tal-internet għaċ-ċittadini kollha tal-UE, b'mod partikolari persuni vulnerabbli, permezz ta' inizjattivi u azzjoni koordinata u l-investiment fil-ħolqien ta' netwerks Ewropej għat-tagħlim tal-litteriżmu medjatiku; jenfasizza li l-kapaċita li tintuża l-midja b'mod indipendenti u b'mod kritiku, u t-trattament ta' informazzjoni eċċessiva, jirrappreżentaw kompitu ta' tagħlim tul il-ħajja bejn ġenerazzjoni u oħra li huwa soġġett għal bidla kostanti sabiex il-ġenerazzjonijiet kollha jkunu jistgħu

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

jimmaniġġjaw it-trattament xieraq u awtonomu ta' informazzjoni eċċessiva; jirrimarka li hekk kif il-profili tal-impjiegi u l-ħiliet qed isiru aktar kumplessi, eżiġenzi ġodda – speċjalment fir-rigward ta' ħiliet tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT) – qed jitpoġġew fuq it-taħriġ, kif ukoll fuq aktar edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja;

117. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri integraw l-akkwist ta' ħiliet diġitali fil-kurrikula tal-iskejjel, biex itejbu t-tagħmir tekniku meħtieġ u biex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-kulleġġi tekniċi bil-għan li jiġu żviluppati kurrikuli ta' tagħlim elettroniku komuni li huma rikonoxxuti fis-sistema ECTS; jenfasizza li l-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jimmiraw lejn approċċ tal-iżvilupp ta' ħsieb kritiku għall-użu u l-fehim sħiħ tal-midja ġdida, apparati u interfaċċji diġitali u tal-informazzjoni, li permezz tagħhom in-nies ikunu utenti attivi ta' dawn it-teknoloġiji ġodda u mhux sempliċiment utenti finali; jenfasizza l-importanza ta' taħriġ xieraq għall-għalliema b'ħiliet diġitali, f'kif jiġu mgħallma dawn il-ħiliet b'mod effiċjenti, inkluż is-suċċess tat-tagħlim diġitali bbażat fuq il-logħob, u dwar kif jużawhom biex jiġi appoġġjat il-proċess tat-tagħlim b'mod ġenerali billi jsiru aktar attraenti l-matematika, l-IT, ix-xjenza u t-teknoloġija; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jintensifikaw ir-riċerka dwar l-effetti tal-mezzi tax-xandir diġitali fuq il-ħiliet konjittivi;

118. Jinnota li l-investiment pubbliku u privat, u opportunitajiet ġodda ta' finanzjament fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja, huma meħtieġa biex jiżguraw li l-ħaddiema, speċjalment il-ħaddiema inqas kwalifikati, jkunu mgħammra bil-ħiliet it-tajba għall-ekonomija diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex, flimkien mal-industrija privata, jiżviluppaw korsijiet għat-taħriġ online aċċessibbli b'mod faċli, standardizzati u ċċertifikati, u programmi ta' taħriġ tal-ħiliet elettroniċi innovattivi u aċċessibbli sabiex jgħallmu lill-parteċipanti livell minimu ta' ħiliet diġitali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu dawn il-korsijiet online komponent integrali mill-Garanzija għaż-Żgħażagħ; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu l-bażi għal rikonoxximent reċiproku ta' ħiliet u kwalifiki diġitali permezz tat-twaqqif ta' sistema Ewropea ta' klassifikazzjoni jew ċertifikat Ewropew, fuq l-eżempju tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għat-tagħlim tal-lingwi; jenfasizza li d-diversità kulturali fl-Ewropa, kif ukoll il-multilingwiżmu, jibbenefikaw minn aċċess transfruntier għall-kontenut;

119. Jilqa' t-twaqqif tal-gran koalizzjoni għall-impjiegi diġitali fil-livell Ewropew, jinkoraġġixxi n-negozji biex jingħaqdu u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva tal-SMEs; jilqa' l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' sistemi ta' ħżin ġodda ta' għarfien għas-settur pubbliku permezz ta' teknoloġiji tal-cloud kif ukoll permezz ta' servizzi ta' estrazzjoni tat-test u tad-data li jkunu ċertifikati u sikuri skont il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data. huwa tal-fehma li l-użu ta' dawn it-teknoloġiji jitlob sforzi għal taħriġ speċjali fil-professjonijiet tal-librerija, l-arkivjar u d-dokumentar; jitlob sabiex il-forom diġitali ta' xogħol kollaborattiv u l-komunikazzjoni – bl-użu u l-iżvilupp ta' liċenzji CC – jiġu mgħallma u applikati lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u lingwistiċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u fi stabbilimenti pubbliċi ta' riċerka, u jiġu promossi fi proċeduri ta' akkwist pubbliku; jinnota r-rwol vitali tat-taħriġ duwali;

120. Jinnota wkoll li l-investiment pubbliku u privat fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja huma neċessarji sabiex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tal-UE, inklużi "l-ħaddiema diġitali" li jaħdmu f'forom ta' xogħol mhux standard, jkunu mgħammra bil-ħiliet it-tajba għall-ekonomija diġitali; jinnota li xi Stati Membri introduċew drittijiet li jiggarantixxu lill-ħaddiema intitolamenti minimi għal liv edukattiv imħallas bħala miżura sabiex jittejjeb l-aċċess tal-ħaddiema għall-edukazzjoni u t-taħriġ;

4.3.2. *Gvern elettroniku*

121. Jemmen li l-iżvilupp ta' amministrazzjoni elettronika huwa prijorità għall-innovazzjoni, peress li għandu effett ta' lieva fuq is-setturi kollha tal-ekonomija u jtejjeb l-effiċjenza, l-interoperabbiltà u t-trasparenza, inaqqas l-ispejjeż u l-piż amministrattiv, jippermetti kooperazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, u jipprovdi servizzi personalizzati, aħjar u li jkunu aktar faċli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha fid-dawl tal-opportunitajiet offruti minn innovazzjonijiet soċjali diġitali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tmexxi bl-eżempju fil-qasam tal-gvern elettroniku u biex tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, pjan ta' azzjoni tal-gvern elettroniku ambizzjuż u komprensiv; jemmen li dan il-pjan ta' azzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u l-aħjar prattiki, inklużi punti ta' riferiment għall-progress, approċċ settorjali li jimxi pass pass biex japplika l-"prinċipju ta' darba biss" f'amministrazzjonijiet pubbliċi li skontu, iċ-ċittadini u n-negozji ma

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

għandhomx jintalbu informazzjoni diġà pprovduta lil awtorità pubblika, filwaqt li tiġi żgurata l-privatezza taċ-ċittadini u livell għoli ta' protezzjoni tad-data f'konformità mar-rekwiżiti u l-prinċipji tal-pakkett ta' Riforma tal-Protezzjoni tad-Data tal-UE u f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll livell għoli ta' sigurtà fir-rigward ta' dawn l-inizjattivi; iqis li għandu wkoll jiġi żgurat id-dħul fl-użu transkonfinali sħiħ ta' firem elettroniċi u identifikazzjoni elettronika kriptati ferm, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni rapida tar-Regolament eIDAS u d-disponibbiltà online miżjuda tas-servizzi pubbliċi; jenfasizza l-importanza għaċ-ċittadini u n-negozji li jkollhom aċċess għal reġistri kummerċjali interkonnessi;

122. Jitlob għall-iżvilupp ta' portal diġitali uniku komprensiv u aċċessibbli għal kollox, li jibni fuq l-inizjattivi u n-netwerks diġà eżistenti, bħala proċess diġitali minn tarf sa tarf uniku għan-negozji biex jistabbilixxu u joperaw fl-UE, inkluż it-twaqqif online tan-negozji kif ukoll l-ismijiet ta' dominju, l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-informazzjoni dwar il-konformità, ir-rikonoxximent tal-fatturi elettroniċi, il-preżentazzjoni tat-taxxi, skema tal-VAT online simplifikata, informazzjoni online dwar il-konformità tal-prodotti, il-kiri ta' riżorsi u l-kollokament tal-ħaddiema, id-drittijiet tal-konsumatur, l-aċċess għal netwerks tal-konsumaturi u tan-negozji, il-proċeduri ta' notifika u l-mekkaniżmi għal soluzzjoni tat-tilwim;

123. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Punti ta' Kuntatt Uniku, kif stabbilit skont id-Direttiva tas-Servizzi, u biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiggarantixxu l-funzjonament effiċjenti tagħhom, u b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom;

124. Huwa mħasseb li l-infrastrutturi cloud għar-riċerkaturi u l-universitajiet huma frammentati; jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha, biex jistabbilixxu pjan ta' azzjoni li jwassal għall-istabbiliment tal-Fond Ewropew tax-Xjenza tal-Cloud Miftuħa sa tmiem l-2016, li għandu jintegra bla xkiel in-netwerks eżistenti, id-data u s-sistemi tal-informatika bi prestazzjoni għolja u ta' servizzi tal-infrastruttura elettronika madwar oqsma xjentifiċi, fi ħdan qafas ta' politiki, standards u investimenti komuni; jemmen li għandu jservi bħala stimulu għall-iżvilupp ta' sħab lil hinn mix-xjenza, ċentri ta' innovazzjoni interkonnessi aħjar, ekosistemi għat-tnedija ta' start-ups, u l-kooperazzjoni mtejba bejn l-universitajiet u l-industrija fil-kummerċjalizzazzjoni rilevanti tat-teknoloġija, f'konformità ma' regoli ta' kunfidenzjalità, u li jiffaċilita l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam;

125. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jġeddu l-impenn tagħhom fir-rigward tal-miri tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Istrateġija UE 2020 bħala blokki tal-bini ta' Suq Uniku Diġitali kompetittiv, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi, b'approċċ komprensiv għal Xjenza Miftuħa, Innovazzjoni Miftuħa, Data Miftuħa u t-trasferiment tal-għarfien; Iqis li dan għandu jinkludi qafas legali rivedut għall-estrazzjoni ta' test u ta' data għal finijiet ta' riċerka xjentifika, l-użu akbar ta' softwer liberu u b'sors miftuħ, b'mod partikolari fl-istabbilimenti edukattivi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, u aċċess aktar faċli għall-SMEs u l-istart-ups għall-finanzjament tal-Orizzont 2020 adattat għaċ-ċikli ta' innovazzjoni qosra fis-settur tal-ICT; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-inizjattivi rilevanti kollha, minn sħubijiet pubbliċi-privati u raggruppamenti tal-innovazzjoni għat-teknoloġija Ewropea u parks tax-xjenza, b'mod partikolari r-reġjuni Ewropej inqas industrijalizzati, u programmi ta' aċċelerazzjoni għall-bidu ta' negozji u pjattaformi teknoloġiċi konġunti, kif ukoll il-possibilità ta' liċenzjar effikaċi tal-privattivi essenzjali standard, fi ħdan il-limiti tal-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni, taħt it-termini ta' liċenzjar FRAND, sabiex jiġu ppreservati l-R&D u l-inċentivi tal-istandardizzazzjoni u titrawwem l-innovazzjoni;

126. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-akkwist elettroniku, kif ukoll tad-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist (passaport PP), sabiex jiġu ffaċilitati l-benefiċċji ekonomiċi globali kif ukoll l-aċċess għas-suq tal-UE għall-operaturi ekonomiċi kollha f'konformità mal-kriterji kollha tal-għażla, tal-esklużjoni u tal-għoti; jenfasizza l-obbligu fuq l-awtoritajiet kontraenti li jipprovdu indikazzjoni tar-raġunijiet prinċipali għad-deċiżjoni tagħhom li ma jqassmux il-kuntratti f'lottijiet skont il-leġiżlazzjoni eżistenti biex jitjieb l-aċċess ta' kumpaniji innovattivi u SMEs għas-swieq tal-akkwist;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

4.4. ***Id-dimensjoni internazzjonali***

127. Jenfasizza l-importanza ta' struttura ta' governanza tal-Internet indipendenti għalkollox li jżommu l-internet bħala mudell trasparenti u inklużiv ta' governanza ta' diversi partijiet interessati, ibbażata fuq il-prinċipju tal-internet bħala pjattaforma unika, miftuħa, ħielsa u stabbli; iqis li huwa essenzjali li jintuża d-dewmien fit-tranżizzjoni ta' tmexxija tal-ICANN biex iservi dan l-għan; jemmen bil-qawwa li d-dimensjoni globali tal-internet jeħtieġ li tiġi kkunsidrata fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, u jistieden lis-SEAE jagħmel użu sħiħ tal-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni fl-iżvilupp ta' politika esterna koerenti, biex jkun żgurat li l-UE tkun irrappreżentata fil-pjattaformi ta' governanza tal-internet u biex issemma' aktar leħinha fil-fora globali, b'mod partikolari dwar standards, it-theJjijiet għad-dħul fl-użu tal-5G u s-sigurtà ċibernetika;

128. Jirrikonoxxi n-natura globali tal-ekonomija tad-data; ifakkar li l-ħolqien tas-suq uniku diġitali huwa dipendenti fuq il-fluss ħieles ta' data fi ħdan u barra l-Unjoni Ewropea; jitlob, għalhekk, li jittieħdu passi mill-UE u l-Istati Membri tagħha b'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiġu żgurati standards għoljin ta' protezzjoni tad-data u ta' trasferimenti ta' data internazzjonali b'mod sikur, f'konformità mar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-ġurisprudenza eżistenti tal-UE, fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi fi ħdan l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali;

o

o o

129. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P8_TA(2016)0016

Il-proċess ta’ paċi fil-Kolombja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Jannar 2016 b’appoġġ għall-proċess ta’ paċi fil-Kolombja (2015/3033(RSP))

(2018/C 011/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu favur il-paċi u d-drittijiet tal-bniedem fil-Kolombja,

— wara li kkunsidra l-konnessjonijiet speċjali li jorbtu lill-UE mal-Kolombja, u partikolarment il-Ftehim Kummerċjali Plurilaterali bejn il-Kolombja u l-Perù, u l-UE u l-Istati Membri tagħha, li ġie ffirmat fi Brussell fis-26 ta’ Lulju 2012, kif ukoll il-ftehim ta’ eżenzjoni mill-viża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja, iffirmat fit-2 ta’ Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-punt 44 tal-Messaġġ tad-Delegazzjoni tal-PE għall-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana (EuroLat) lit-Tieni Summit CELAC-UE ta’ Brussell dwar it-tmiem tal-kunflitt intern bejn il-Gvern tal-Kolombja u l-FARC, u d-Dikjarazzjoni ta’ Brussell adottata fi tmiem it-Tieni Summit UE-CELAC, fil-11 ta’ Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-UE, Federica Mogherini, dwar il-Ftehim ta’ Ġustizzja Tranżizzjonali fil-Kolombja, tal-24 ta’ Settembru 2015, kif ukoll id-Dikjarazzjoni tagħha tal-1 ta’ Ottubru 2015, dwar il-ħatra tas-Sur Eamon Gilmore bħala Mibgħut Speċjali tal-Unjoni għall-Proċess ta’ Paċi fil-Kolombja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE u l-Kolombja għandhom qafas ta’ kooperazzjoni politika, ekonomika u kummerċjali stabbilit fil-Memorandum ta’ Ftehim ta’ Novembru 2009 u fil-Ftehim Kummerċjali Plurilaterali bejn il-Kolombja u l-Perù, u l-UE u l-Istati Membri tagħha, li l-ambizzjoni aħħarija tiegħu hi mhux biss li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn il-partijiet, iżda wkoll li jsaħħaħ il-paċi, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u l-benessri taċ-ċittadini;

B. billi din ir-relazzjoni mill-qrib testendi għal oqsma ta’ kollaborazzjoni internazzjonali Plurilaterali dwar kwistjonijiet ta’ interess reċiproku bħall-ġlieda favur il-paċi u kontra t-terroriżmu u t-traffikar tad-drogi;

C. billi l-kunflitt armat intern fil-Kolombja ilu għaddej aktar minn ħamsin sena, u kkawża tbatija kbira lill-popolazzjoni, kemm minħabba atti terroristiċi kif ukoll atti min-naħa tal-gruppi paramilitari, u wassal fost l-oħrajn għal qtil, għajbien furzat, ħtif, vjolenza sesswali, abbuż kontra t-tfal, spustar intern u estern tal-popolazzjoni, u splużjonijiet ta’ mini kontra l-persunal;

D. billi l-Mejda ta’ Konverżazzjonijiet bejn il-Gvern tal-Kolombja u l-Forzi Armati Revoluzzjonarji tal-Kolombja (FARC) ġiet stabbilita f’Havana (Kuba) fid-19 ta’ Novembru 2012, wara l-iffirmar tad-dokument “Ftehim Ġenerali biex jintemm il-kunflitt u tinbena paċi stabbli u dejjiema” tas-26 ta’ Awwissu 2012, li jwettaq ix-xewqa tal-poplu tal-Kolombja li jgħix fil-paċi, u jirrikonoxxi li l-Istat għandu d-dmir li jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fit-territorju kollu tiegħu u li l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ekwu hu garanzija tal-paċi u kundizzjoni neċessarja għat-tkabbir inklużiv u sostenibbli tal-pajjiż;

E. billi f’fażijiet differenti n-negozjaturi f’Havana laħqu ftehimiet dwar kampanja ġdida għall-Kolombja u riforma rurali integrali, parteċipazzjoni politika u ftuħ demokratiku għall-bini tal-paċi, u soluzzjoni għall-problema tad-drogi illegali;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

F. billi fit-23 ta' Settembru 2015 il-Gvern tal-Kolombja u l-FARC ħabbru l-konklużjoni ta' ftehim dwar il-ħolqien ta' Ġurisdizzjoni Speċjali għall-Paċi skont id-Dritt Internazzjonali li għandha tissodisfa d-drittijiet tal-vittmi u tgħin biex tinħoloq paċi stabbli u dejjiema, u għal dan l-għan il-partijiet qablu li jniedu Sistema Integrali ta' Verità, Ġustizzja, Riparazzjoni u Nonripetizzjoni, li tkun tinkludi l-ħolqien ta' Kummissjoni għat-Tfittxija tal-Verità, il-Konvivenza u n-Nonripetizzjoni, kif ukoll ftehimiet dwar riparazzjoni lill-vittmi;

G. billi fil-15 ta' Diċembru 2015, il-gvern tal-Kolombja u l-FARC ħabbru l-konklużjoni ta' ftehim dwar il-vittmi tal-kunflitt u l-ħolqien tal-istituzzjonijiet previsti fil-ftehim tat-23 ta' Settembru 2015;

H. billi l-Gvern tal-Kolombja, il-Kamra Leġiżlattiva tiegħu u l-poplu Kolombjan huma sovrani biex jistabbilixxu l-parametri ta' din il-Ġurisdizzjoni Speċjali għall-Paċi, li l-funzjoni essenzjali tagħha se tkun li ttemm l-impunità, toħroġ il-verità, tiġġudika u tikkastiga lil dawk li wettqu delitti matul il-kunflitt, b'mod partikolari dawk li huma l-aktar gravi u rappreżentattivi, filwaqt li tiżgura nonrepetizzjoni u tikkontribwixxi għar-riparazzjoni tal-vittmi;

I. billi t-tmiem ta' dan il-kunflitt intern, li tul 50 sena kkawża miljuni ta' vittmi, u t-twettiq ta' paċi stabbli u dejjiema fil-Kolombja hi prijorità ewlenija għal dan il-pajjiż, iżda wkoll għall-Unjoni Ewropea u l-komunità internazzjonali, kif juru d-diversi dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-proċess ta' paċi min-naħa ta' ħafna pajjiżi u entitajiet reġjonali u internazzjonali, inkluża l-Unjoni Ewropea nfisha;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon, u jappoġġa, il-ftehimiet milħuqa s'issa bejn il-gvern tal-Kolombja u l-FARC għall-kisba tal-paċi fil-Kolombja, u jsemmi l-ftehimiet dwar riforma rurali integrali, parteċipazzjoni politika u ftuħ demokratiku għall-bini tal-paċi, is-soluzzjoni tal-problema ta' drogi illegali u l-ħolqien ta' Ġurisdizzjoni Speċjali għall-Paċi, inkluż l-istabbiliment ta' Kummissjoni għat-Tfittxija tal-Verità, il-Konvivenza u n-Nonrepetizzjoni, kif ukoll l-Unità Speċjali għat-Tfittxija ta' Persuni li Għebu fil-kuntest tal-kunflitt u minħabba fih, u l-Unità ta' Investigazzjoni u ż-Żarmar ta' Organizzazzjonijiet Kriminali;

2. Jirrikonoxxi l-isforz politiku, ta' realiżmu u perseveranza li wrew il-Gvern tal-Kolombja kif ukoll il-FARC biex iqarrbu l-pożizzjonijiet opposti tagħhom, filwaqt li ħolqu progressivament spazju ta' kompromess li ta lok ta' progress fit-tfittxija għal paċi stabbli u dejjiema u l-promozzjoni ta' ftehim uniku fl-istorja, ftehim li jpoġġi lill-vittmi fil-qalba tiegħu u jistabbilixxi bħala prijorità l-verità, il-ġustizzja mingħajr l-impunità, ir-riparazzjoni ġenwina għad-dannu subit u n-nonripetizzjoni; jirrikonoxxi wkoll ir-rwol importanti tal-assoċjazzjonijiet tal-vittmi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili fit-twettiq ta' dawn il-ftehimiet;

3. Jappella lill-Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali (ELN) sabiex, mingħajr aktar dewmien, timpenja ruħha b'mod sod u deċiżiv favur il-paċi fil-Kolombja, u tfittex li tibda, mal-Gvern Kolombjan, proċess ta' negozjati parallel li jkun jista' jwassal għal termini simili;

4. Jesprimi x-xewqa tiegħu li n-negozjati jilħqu l-qofol tagħhom mill-aktar fis possibbli biex jimmarkaw it-tmiem definittiv tal-kunflitt u avveniment verament importanti fl-istorja moderna tal-Kolombja, u għal dak l-għan iħeġġeġ lill-partijiet, lill-forzi politiċi kollha tal-Kolombja u lis-soċjetà Kolombjana kollha kemm hi biex jikkontribwixxu pożittivament biex tintemm il-vjolenza;

5. Jiddikjara għal darba oħra li l-vjolenza mhijiex metodu leġittimu tal-ġlieda politika, u jitlob lil min kellu din il-konvinzjoni biex iħaddan id-demokrazija bil-konsegwenzi u l-eżiġenzi kollha tagħha, li l-ewlenija fosthom hi li jċedu l-armi b'mod definittiv u li jiddefendu l-ideat u l-ambizzjonijiet tagħhom permezz ta' regoli demokratiċi u l-Istat tad-Dritt;

6. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li żvolġew s'issa Kuba u n-Norveġja bħala pajjiżi garanti u ċ-Ċilì u l-Venezwela bħala pajjiżi akkumpanjaturi tal-proċess ta' paċi, u japprezza wkoll il-kollaborazzjoni tal-Papa Franġisku f'dan il-kompitu;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

7. Jilqa' d-deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 2015 min-naħa tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà / Viċi President tal-Kummissjoni Federica Mogherini, li taħtar lis-Sur Eamon Gilmore, ex-Deputat Prim Ministru u ex-Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ tar-Repubblika tal-Irlanda, bħala Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Kolombja, u jilqa' wkoll ir-rwol ta' monitoraġġ tal-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fix-xenarju ta' wara l-ftehimiet ta' paċi li hu mitlub jiżvolġi l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fil-Kolombja;

8. Itenni d-disponibilità tiegħu li joffri l-assistenza kollha possibbli b'appoġġ għall-implimenzzajoni tal-ftehim definittiv tal-paċi, u jġedded it-talba tiegħu lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex joħolqu fond fiduċjarju biex jakkumpanja l-fażi ta' wara l-kunflitt li fih jistgħu jipparteċipaw il-komunitakjeit u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jqis il-prijoritajiet espressi mill-vittmi fiir-rigward tal-verità, il-ġustizzja, ir-riparazzjoni u l-garanziji ta' nonripetizzjoni;

9. Jissottolinja l-importanza li l-konsolidazzjoni tal-paċi twassal għal sforz determinat fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza u l-faqar, li tinkludi soluzzjonijiet ekwi għall-persuni u għall-komunitajiet spustati mill-artijiet tagħhom, aċċess għal xogħol deċenti u rikonoxximent ta' drittijiet tax-xogħol u soċjali fil-Kolombja kollha kemm hi, u jikkunsidra li għandu jingħata appoġġ speċjali lil gruppi speċifiċi li ntlaqtu b'mod sproporzjonat mill-kunflitt, bħall-Afrokolombjani u l-persuni indiġeni;

10. Iqis li t-twaqqif ta' Sottokumitat tal-Ġeneru li jiżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fin-negozjati u l-parteċipazzjoni tal-vittmi ta' vjolenza sesswali u tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa fid-djalogi għall-paċi mingħajr preċedent u għandhom inebbħu proċessi ta' paċi oħra madwar id-dinja;

11. Jinnota b'sodisfazzjon l-esklużjoni ta' kwalunkwe amnistija jew maħfra f'każ ta' delitti kontra l-umanità, ġenoċidju, delitti gravi tal-gwerra u ksur tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Dritt Internazzjonali Kriminali u Umanitarju u l-istrumenti u l-istandards internazzjonali applikabbli fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Iqis li hu indispensabbli li l-pieni imposti fuq dawk li wettqu d-delitti jikkontribwixxu għall-għan ta' riparazzjoni lill-vittmi u r-rikonċiljazzjoni politika u soċjali;

13. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-istituzzjonijiet Kolombjani favur garanzija sħiħa u permanenti tad-drittijiet tal-bniedem, u jistedinhom jintensifikaw dawn l-isforzi bil-għan li jeqirdu għalkollox is-subkultura ta' vjolenza f'pajjiż fejn 50 snin ta' kunflitt xi drabi ġġeneraw risposni extralegali u mġiba kuntrarja għall-Istat tad-Dritt u d-drittijiet tal-bniedem min-naħa ta' ċerti istituzzjonijiet; f'dan is-sens, ifakkar lill-Istat Kolombjan dwar ir-responsabbiltà tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-attivisti tal-għaqdiet tal-ħaddiema, u jitlob lil dawn l-organizzazzjonijiet ċiviċi biex jikkollaboraw għar-ristawr ta' konvivenza rikonċiljata fil-Kolombja;

14. Jilqa' pożittivament it-tħabbira min-naħa tal-forzi armati Kolombjani li se tiġi riveduta d-duttrina militari tal-Kolombja bil-għan li l-forzi armati jħejju rwieħhom biex jilqgħu b'mod effettiv u b'ħeffa l-isfidi l-ġodda tal-fażi ta' wara l-kunflitt, filwaqt li jservu ta' garanti tal-ftehimiet ta' paċi; jemmen ukoll li t-tħabbira riċenti mill-FARC li se tissospendi t-taħriġ militari tagħha biex timpenja ruħha f'taħriġ politiku u kulturali bħala parti mill-proċess biex jintemm il-konflitt armat huwa pass fiduċjuż fid-direzzjoni t-tajba;

15. Jitlob lid-Delegazzjoni għar-Relazzjonijiet mal-Pajjiżi tal-Komunità Andina tiegħu u lid-Delegazzjoni għall-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana tiegħu biex iwettqu s-segwitu u possibilment l-akkumpanjament tal-ftehimiet ta' paċi;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Presidenza attwali tal-UE, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana u lill-Gvern u l-Kungress tar-Repubblika tal-Kolombja.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0018

Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna (2015/3032(RSP))

(2018/C 011/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (AA/DCFTAs) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Georgia, il-Moldova, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna, kif ukoll ir-riżoluzzjoni reċenti tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Riga fil-21 u t-22 ta' Mejju 2015,

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni mill-Georgia u mill-Ukrajna tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża tat-18 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-integrazzjoni tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika u fil-proċessi ta' riforma,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna lkoll irratifikaw il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni (AAs), li jħaddnu Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (DCFTAs), biex b'hekk għażlu t-triq ta' integrazzjoni politika u ekonomika eqreb mal-Unjoni Ewropea kif ukoll dik tat-twettiq ta' riformi ambizzjużi f'bosta oqsma, inklużi d-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem;

B. billi l-UE tirrikonoxxi l-aspirazzjonijiet Ewropej tat-tliet pajjiżi u tenfasizza l-valur miżjud tal-AAs fil-proċessi ta' riforma tagħhom;

C. billi l-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem jibqgħu fil-qalba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u jirrappreżentaw impenn fundamentali, b'mod partikolari min-naħa tat-tliet pajjiżi li ffirmaw AAs mal-UE;

D. billi r-Russja għadha involuta, direttament jew indirettament, f'kunflitti u qasmiet interni li jmissu lil kull wieħed minn dawn it-tliet pajjiżi ta' assoċjazzjoni – it-territorji okkupati tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar / ir-Reġjun ta' Tskhinvali fil-Georgia, il-kwistjoni tat-Transnistrija fil-Moldova, u l-annessjoni Russa tal-Krimea u l-involviment Russu fil-kunflitt fil-partijiet tal-Lvant tal-Ukrajna;

E. billi l-ivvjaġġar mingħajr viża bejn l-UE u l-Moldova ġie introdott f'April 2014, u billi l-aħħar rapporti tal-Kummissjoni f'Diċembru 2015 jindikaw li l-Georgia u l-Ukrajna issa jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0272.

F. billi l-impenn tal-UE mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sab reżistenza qawwija u reazzjonijiet aggressivi mill-Federazzjoni Russa, bħal miżuri ta' ritaljazzjoni kontra l-pajjiżi tal-assoċjazzjoni; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha adottaw sensiela ta' sanzjonijiet u miżuri restrittivi kontra l-Federazzjoni Russa u kontra uffiċjali Russi;

1. Jenfasizza l-importanza tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni (AAs), bil-komponenti tagħhom ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA); jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar sal-lum, u jinsisti li l-implimentazzjoni ta' dawn l-AAs/DCFTAs u tal-Aġendi ta' Assoċjazzjoni relatati trid tkun prijorità ewlenija għall-UE u għat-tliet sħab; jenfasizza li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea iffirma l-AAs unanimament;

2. Jilqa' l-isforzi li għamlu l-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun qrib tal-istandards tal-UE abbażi tal-impenji tal-AA/DCFTA; jirrimarka li s-suċċess f'dan jiddependi fuq ħafna fatturi, fosthom ambjent politiku stabbli, ħsieb strateġiku, pjanijiet konkreti għal riformi, u l-użu tajjeb ta' appoġġ finanzjarju u tekniku internazzjonali;

3. Jappoġġja, f'dan ir-rigward, l-assistenza finanzjarja u teknika, impenjata u b'ħafna lati, mogħtija mill-UE u minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra lill-Ukrajna u lill-Georgia, iżda jenfasizza li l-appoġġ finanzjarju tal-UE lis-sħab kollha tagħha huwa kkondizzjonat minn passi konkreti ta' riforma; jenfasizza r-rwol kruċjali l-Kummissjoni għandu jkollha fil-faċilitazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-AAs/DCFTAs u fil-monitoraġġ tal-awtoritajiet rilevanti u fl-assistenza li jingħataw, kemm teknikament kif ukoll finanzjarjament;

4. Ifakkar li l-fondi li jsiru disponibbli jridu jintefqu sewwa, u li, waħedhom, mhumiex biżżejjed biex jistabbilizzaw l-ekonomija, u lanqas ma jista' jitwettaq kwalunkwe suċċess sostenibbli bla impenn kontinwu mis-sħab biex iġibu 'l quddiem u jimplimentaw riformi strutturali, jiżguraw żieda fid-domanda domestika, u jiksbu l-koeżjoni soċjali;

5. Jemmen li l-iskrutinju parlamentari huwa kundizzjoni fundamentali għall-appoġġ demokratiku għall-politiki tal-UE; jitlob li l-Kummissjoni, għaldaqstant, tiffaċilita l-monitoraġġ regolari u dettaljat tal-implimentazzjoni tal-AAs/DCFTAs mill-Parlament Ewropew b'mod li jkun f'waqtu; jitlob li l-Assemblea Parlamentari Euronest tingħata spinta ġdida, u li l-attività tagħha tiġi intensifikata, b'tali mod li tkun tista' tiffaċċja sfidi ġodda b'mod effikaċi; jitlob skambju tal-aqwa prattiki u l-konklużjoni ta' memorandum ta' qbil, imfassal fuq dak iffirmat mal-Verkhovna Rada, li jista' jservi bħala eżempju għall-kooperazzjoni parlamentari;

6. Jenfasizza l-importanza li d-dimensjoni soċjali tas-sħubija tiġi żviluppata, fi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-Aġendi ta' Assoċjazzjoni u tal-konvenzjonijiet rilevanti tal-Organizzazjzoni Dinjija tax-Xogħol; iħeġġeġ lill-partijiet kollha jirrispettaw l-impenji tagħhom dwar standards ċentrali tax-xogħol u tal-ambjent;

7. Jissottolinja l-appoġġ sod tiegħu għall-integrità territorjali tat-tliet pajjiżi kollha; jistieden lill-Federazzjoni Russa ttemm l-okkupazzjoni tagħha tal-Krimea, u ttemm minnufih kwalunkwe involviment dirett jew indirett fil-kunflitt li għaddej fl-Ukrajna, kif ukoll fil-kunflitti ffriżati fil-Georgia u fil-Moldova; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 2015 li jestendi s-sanzjonijiet ekonomiċi kontra l-Federazzjoni Russa, wara li l-Ftehimiet ta' Minsk ma twettqux;

8. Jenfasizza l-fatt li l-pajjiżi tal-assoċjazzjoni għażlu b'mod ħieles li jistabbilixxu relazzjoni iktar profonda mal-UE, u li għażlithom trid tiġi rrispettata bis-sħiħ u tkun ħielsa minn pressjoni minn kwalunkwe parti terza; jikkundanna, f'dan ir-rigward, l-azzjonijiet meħuda mir-Russja biex iddgħajjef jew tfixkel it-triq pro-Ewropea li mexjin fiha t-tliet pajjiżi ta' assoċjazzjoni, u jitlob li jiġu intensifikati l-isforzi kontra d-diżinformazzjoni u li tittejjeb il-komunikazzjoni strateġika tal-politiki u l-attivitajiet tal-UE fil-Viċinat tal-Lvant, flimkien mal-attivitajiet imwettqa mit-Task Force East StratCom tal-UE;

9. Jilqa' bil-qawwa l-aħħar rapporti ta' progress, ippubblikati mill-Kummissjoni fit-18 ta' Diċembru 2015, dwar l-implimentazzjoni mill-Ġeorġja u l-Ukrajna tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża rispettivi tagħhom; jistenna li l-Kunsill u l-Istati Membri jipproċedu biex jagħtu liż-żewġ pajjiżi reġim ta' vjaġġar mingħajr viża, u dan bla dewmien; ifaħħar lill-Moldova għall-implimentazzjoni tajba tar-reġim mingħajr viża li ilu implimentat minn April 2014, li jirrappreżenta eżempju tajjeb għar-reġjun kollu;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

10. Jissottolinja l-fatt li l-għanijiet prinċipali tad-DCFTAs huma, fuq skala mikro, li jwettqu titjib tanġibbli u sostenibbli fil-kundizzjonijiet tal-għajxien taċ-ċittadini ordinarji, billi jiżguraw l-istabbiltà, joħolqu opportunitajiet għall-SMEs u jiġġeneraw l-impjiegi; jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tad-DCFTA, flimkien mas-sitwazzjoni ekonomika pessma, jista' jkollha impatt fuq l-ekonomija u fuq is-suq tax-xogħol tal-Ukrajna, b'konsegwenzi soċjali li jeħtieġ li ma jiġux ittraskurati; jenfasizza li t-twaqqif ta' DCFTAs bilaterali mal-Ukrajna, mal-Georgia u mal-Moldova huwa strument kruċjali għal kummerċ modern, trasparenti u prevedibbli, għall-approssimazzjoni regolatorja u għall-integrazzjoni ekonomika gradwali tas-sħab fis-suq intern tal-UE, kif ukoll għal investimenti diretti barranin li jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi u għal tkabbir fit-tul, u dan bil-għan aħħari li tinħoloq żona ekonomika usa' bbażata fuq ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u fuq ir-rispett tal-għażliet sovrani;

11. Jissottolinja l-ħtieġa li l-aġenda tar-riforma titwettaq b'mod vigoruż, speċjalment fl-oqsma tal-ġudikatura, tal-istat tad-dritt u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, bħala prerekweżit importanti għall-iżvilupp soċjoekonomiku tat-tliet pajjiżi ta' assoċjazzjoni;

12. Itenni l-importanza tal-integrazzjoni tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politiki u fil-proċessi ta' riforma; jenfasizza r-rwol li jista' jkolhom f'dan il-proċess il-Pjattaformi tas-Soċjetà Ċivili previsti fl-AAs rigward, b'mod partikolari, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet; jirrimarka li huwa importanti li l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-AAs/DCFTAs jiġu spjegati lill-popolazzjonijiet tal-pajjiżi ta' assoċjazzjoni, u li kull mit jinkixef u jitwaqqa';

13. Jenfasizza l-importanza tad-dispożizzjonijiet tal-AAs/DCFTAs dwar il-kooperazzjoni fl-enerġija għas-sigurtà tal-provvista u għall-iżvilupp ta' swieq tal-enerġija kompetittivi, trasparenti u nondiskriminatorji bi qbil mar-regoli u mal-istandards tal-UE, kif ukoll għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika; jappoġġja l-intenzjoni tal-UE li ssaħħaħ l-integrazzjoni sħiħa tas-suq tal-enerġija mal-Moldova, mal-Ukrajna u mal-Georgia permezz tal-Komunità tal-Enerġija;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, minkejja x-xejriet ekonomiċi negattivi fir-reġjun, l-esportazzjonijiet mill-Georgia u mill-Moldova lejn l-UE kibru fl-ewwel 12-il xahar tal-implimentazzjoni tad-DCFTA, b'tali mod li l-importazzjonijiet fl-UE mill-Georgia żdiedu bi 15 % u s-sehem totali tagħha fl-esportazzjonijiet tal-Moldova żdied bi 62 %, u jistenna li fl-Ukrajna jkun hemm l-istess xejriet pożittivi; jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena, fid-dettall, dwar l-implimentazzjoni tad-DCFTAs mal-Georgia, mal-Moldova u mal-Ukrajna, b'mod partikolari dwar il-mekkaniżmu kontra ċ-ċirkomvenzjoni għall-Georgia u dwar il-mekkaniżmu kontra ċ-ċirkomvenzjoni u l-klawżola ta' salvagwardja fil-każ tal-Moldova;

15. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kull stat Ewropew jista' japplika biex isir membru tal-UE, dment li jaderixxi mal-prinċipji tad-demokrazija, jirrispetta l-libertajiet fundamentali u d-drittjiet tal-bniedem u tal-minoranzi, u jiżgura l-istat tad-dritt;

16. Huwa sodisfatt bil-parteċipazzjoni, jew l-assoċjazzjoni, tat-tliet pajjiżi fi programmi tal-UE, bħall-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME), Orizzont 2020, Erasmus +, Marie Sklodowska Curie, u Ewropa Kreattiva; jinnota li din il-kooperazzjoni, filwaqt li hija ta' benefiċċju reċiproku, lill-pajjiżi sħab tagħtihom l-opportunità li jsiru midħla tal-metodi ta' ħidma u tal-politiki tal-UE;

17. Jilqa' b'sodisafzzjon il-fokus il-ġdid tal-PEV riveduta, kif ukoll l-intenzjoni tal-UE li tintensifika l-kooperazzjoni ma' sħabna fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, tal-antiradikalizzazzjoni, u tar-riforma tas-settur tas-sigurtà; iqis li din il-kooperazzjoni jeħtieġ li tkun sostanzjali u mmirata lejn l-indirizzar ta' theddidiet komuni għas-sigurtà u lejn l-iżvilupp ta' sforzi konġunti għas-soluzzjoni vijabbli tal-kunflitti, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni msaħħa f'missjonijiet u f'attivitajiet ta' taħriġ tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) kif ukoll f'azzjonijiet intiżi biex jiżguraw in-nonproliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW); itenni l-appoġġ tiegħu għall-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Moldova u l-Ukrajna (EUBAM), għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għal Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), u għall-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Georgia (EUMM), kif ukoll għall-isforzi favur ir-riżoluzzjoni paċifika ta' kunflitti li jaffettwaw lit-tliet pajjiżi;

Il-Georgia

18. Jilqa' l-progress li l-Georgia għamlet matul dawn l-aħħar tliet snin fl-oqsma kollha koperti mill-erba' moduli tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża, u jfaħħar l-impenn li ntewra f'dan ir-rigward mill-awtoritajiet Georgjani;

19. Jenfasizza li l-libertà tal-midja, il-libertà tal-espressjoni u l-pluralità tal-informazzjoni huma l-valuri fundamentali ta' soċjetà demokratika; jinsab imħasseb dwar l-effetti negattivi fuq il-pluralità tal-midja li jħallu każijiet bħal dak tal-kumpanija tax-xandir Rustavi 2; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-awtoritajiet Georgjani jiggarantixxu l-pluraliżmu tal-midja, l-indipendenza editorjali u sjieda trasparenti tal-midja, b'mod speċjali lejlet l-elezzjonijiet parlamentari tal-2016; japprova l-idea mressqa mill-awtoritajiet Georgjani li jibagħtu missjoni esperta ta' konsulenti ta' livell għoli, li tinkludi imħallfin irtirati tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jissorveljaw il-każ li għaddej dwar Rustavi 2;

20. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-proċedimenti ġudizzjarji għandhom ikunu trasparenti, imparzjali u ħielsa mill-motivazzjoni politika; jistieden lill-Georgia tkompli r-riforma tal-ġudikatura u timplimentaha bis-sħiħ, inkluż billi ssaħħaħ l-indipendenza tagħha u tiddepolitiċizza l-Uffiċċju tal-Prosekutur; jibqa' mħasseb dwar in-nuqqas ta' obbligu ta' rendikont tal-Uffiċċju tal-Prosekutur u l-kriterji vagi li jirregolaw il-ħatra tal-prosekuturi u l-investigaturi; jappella biex ikomplu jsiru sforzi favur l-indipendenza sħiħa, l-effiċjenza, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu fil-ġudikatura, fl-Uffiċċju tal-Prosekutur, fil-Ministeru tal-Intern, kif ukoll fis-Servizz tas-Sigurtà li għadu kif ġie stabbilit, inkluż permezz ta' skrutinju parlamentari tal-attivitajiet tal-aħħar tnejn imsemmija; jinsab imħasseb dwar l-użu estensiv tad-detenzjoni ta' qabel il-proċess, b'mod speċjali tal-figuri politiċi u tal-attivisti, meta din għandha tkun miżura eċċezzjonali li tiġi applikata biss f'ċirkustanzi urġenti u ċari;

21. Ifakkar fid-dikjarazzjoni tat-22 ta' Settembru 2015 tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa dwar pressjoni barra minn lokha eżerċitata fuq l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Georgia, u jistieden lill-gvern tal-Georgia jieħu l-azzjoni xierqa, inklużi miżuri adegwati li jipproteġu l-membri tal-qorti u l-familji tagħhom, jinvestiga bis-sħiħ l-atti kollha ta' intimidazzjoni u jagħmel mod li dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

22. Jissottolinja l-fatt li l-eżistenza ta' oppożizzjoni politika hija kruċjali għal sistema politika bilanċjata u matura, u jenfasizza li kwalunkwe att ta' vjolenza kontra membri ta' kwalunkwe partit politiku għandu jiġi investigat fil-pront u bir-reqqa; jistieden lill-forzi politiċi kollha fil-Georgia jtejbu l-klima politika billi jevitaw il-konfrontazzjoni u l-polarizzazzjoni u jiżguraw djalogu bejn il-partiti fl-interess tat-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

23. Jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet imniżżla fir-rapport fundamentali "Georgia in Transition" (Il-Georgia fi Tranżizzjoni) ippreżentat minn Thomas Hammarberg, il-Konsulent Speċjali tal-UE dwar riformi kostituzzjonali u legali u d-drittijiet tal-bniedem;

24. Jifraħ lill-Georgia għas-sistema innovattiva tagħha ta' akkwist pubbliku elettroniku, li żiedet b'mod sostanzjali t-trasparenza, l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont – li huma fatturi ewlenin għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

Il-Moldova

25. Jesprimi tħassib serju dwar l-instabbiltà politika sistemika *de facto* li effettivament kompliet għaddejja mill-aħħar elezzjonijiet parlamentari tat-30 ta' Novembru 2014 'l hawn, u jqis li l-imblokk politiku attwali fil-Moldova laħaq punt kritiku tant li hemm riskju li dan jiddestabbilizza l-istituzzjonijiet tal-pajjiż u jagħmel ħsara lill-ekonomija, b'impatt qawwi fuq l-influss tal-investiment dirett barrani (IDB);

26. Jilqa l-ħolqien ta' gvern ġdid wara wara perjodu twil ta' staġnar u tentattivi bla suċċess biex jifforma gvern fl-4 u fit-13 ta' Jannar 2016; iħeġġeġ lill-forzi politiċi fil-Moldova jħaffu mingħajr aktar dewmien il-proċess ta' riforma għall-ġid tal-Moldovani kollha, inkluż sabiex il-Moldova tkun konformi mat-talbiet tal-Bank Dinji u tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI); iħeġġeġ li jiġu evitati l-konsegwenzi ġeopolitiċi terribbli ta' kriżi politika oħra u jfakkar lill-partiti Moldovani dwar il-bżonn li tittejjeb l-istabilità politika sabiex jġu garantiti suċċess sostenibbli tar-riformi u jittama li l-gvern il-ġdid se jkun jista' jagħti riżultati sostanzjali;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

27. Jissottolinja li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fil-ħolqien ta' ġudikatura indipendenti u depolitiċizzata, fit-tneħħija tal-manipulazzjoni tal-istat għal interessi privati u fl-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija tal-Moldova; jiddispjaċih dwar il-fatt li, minħabba l-instabbiltà politika tal-istituzzjonijet tal-Moldova u l-inabbiltà tagħhom li jwettqu dak li hu mistenni minnhom, il-pagamenti ta' appoġġ baġitarju tal-UE ġew sospiżi fl-2015;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-kompetenza teknika kollha meħtieġa u l-appoġġ finanzjarju lill-Gvern futur tal-Moldova, fuq l-eżempju tal-Grupp ta' Appoġġ tal-UE għall-Ukrajna, inkluż billi jissekondaw uffiċjali u esperti minn Brussell u mill-bliet kapitali ta' Stati Membri biex jiġu inkorporati fl-amministrazzjoni Moldovana sabiex ikunu jistgħu jgħinu u jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' riformi fil-post u fuq bażi ta' kuljum;

29. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet jinvestigaw bis-sħiħ u bir-reqqa l-iskandlu ta' korruzzjoni u s-serq ta' EUR 1 biljun mis-sistema bankarja, iressqu lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja u jiżguraw li l-fondi misruqa jintraddu; iqis li l-kriżi bankarja li għaddejja bħalissa turi l-ħtieġa serja ta' titjib sistematiku fil-qafas legali sabiex jissaħħu l-kontroll u t-trasparenza tal-attivitajiet tas-settur bankarju; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-investigazzjonijiet ġudizzjarji li għaddejjin u tipprovdi lill-awtoritajiet Moldovani l-għarfien espert u l-assistenza meħtieġa biex iwettqu u jtemmu l-inkjesta jekk ikun hemm bżonn;

30. Jappella għal riforma komprensiva tas-settur tal-midja u għal trasparenza sħiħa tas-sjieda tal-midja; jesprimi t-tħassib, f'dan ir-rigward, dwar in-nuqqas ta' kompetizzjoni ġenwina u jappella għall-adozzjoni ta' liġi rigoruża dwar il-kunflitti ta' interess;

L-Ukrajna

31. Jilqa' d-dħul fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2016 tad-DCFTA bejn l-UE u l-Ukrajna; jikkundanna, madankollu, il-fatt li l-Federazzjoni Russa b'mod unilaterali ssospendiet il-ftehim ta' kummerċ ħieles tagħha mal-Ukrajna, introduċiet restrizzjonijiet kummerċjali ħarxa fuq l-esportazzjonijiet tal-Ukrajna lejn ir-Russja u qiegħda xxekkel it-trasport tal-merkanzija lejn pajjiżi terzi, fi ksur ta' ftehimiet tad-WTO u ftehimiet bilaterali oħra ta' kummerċ; iħeġġeġ lill-UE tappoġġa lill-Ukrajna f'tilwim attwali u futuri mar-Russja fil-qafas tad-WTO;

32. Jenfasizza l-ftuħ bla preċedent u l-isforzi tal-Kummissjoni ta' iktar minn sena u nofs biex tindirizza kull dubju fuq in-naħa Russa dwar il-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tad-DCFTA u biex jinstabu soluzzjonijiet prattiċi; jiddispjaċih li n-naħa Russa ma setgħetx tagħti eżempji konkreti dwar kif is-suq u l-kummerċ tagħha kienu se jiġu affettwati bid-dħul fis-seħħ tad-DCFTA; itenni l-benefiċċji potenzjali għar-Russja li għandhom jirrizultaw mill-implimentazzjoni tal-AA/DCFTA, permezz ta' żieda fl-attivitajiet kummerċjali u ekonomiċi u viċinat iktar stabbli; jappella, f'dan ir-rigward, li jiġu esplorati possibbiltajiet ulterjuri għal djalogu ta' livell għoli;

33. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-missjoni tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) bil-persunal kollu meħtieġ biex tiffunzjona u jżommuha kompletament operattiva; jinnota l-appelli min-naħa tal-Gvern Ukren għal forza internazzjonali għaż-żamma tal-paċi estiża tul il-fruntiera bejn l-Ukrajna u r-Russja u fid-distretti ta' Luhansk u Donetsk; jaqbel li, meta s-sitwazzjoni tkun tippermetti u bħala parti mill-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Minsk, għandha tiġi offruta missjoni tal-PSDK immexxija mill-UE biex tintbagħat lill-partijiet fil-kunflitt, biex tgħin f'kompiti bħat-tneħħija tal-mini, tgħin fit-tħejjijiet għall-elezzjonijiet lokali u tiżgura l-aċċess liberu għall-organizzazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja;

34. Jesprimi tħassib serju dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Minsk sal-iskadenza inizjalment maqbula tal-31 ta' Diċembru 2015; ifakkar li l-awtoritajiet Russi għandhom responsabbiltà partikolari f'dan ir-rigward; itenni li każijiet ta' ksur tal-waqfien mill-ġlied ilhom jiżdiedu minn nofs Ottubru, li persunal ta' sorveljanza tal-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ (SMM) tal-OSCE għadhom iħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment tagħhom, li l-Ukrajna għadha ma reġgħetx ħadet lura l-kontroll fuq il-fruntiera kollha tagħha mar-Russja, li ma ntlaħaq ebda qbil dwar il-modalitajiet tal-elezzjonijiet lokali fit-territorji temporanjament okkupati ta' Luhansk u Donetsk, u li għadhom ma nħelsux il-priġunieri kollha u persuni oħra miżmuma b'mod illegali, bħal Nadiya Savchenko u Oleg Sentsov;

35. Jilqa' l-ħruġ tar-rapport mill-Bord tas-Sikurezza Netherlandiż dwar it-twaqqigħ tat-Titjira 17 tal-Malaysia Airlines (MH 17), fejn inqatlu 298 persuna ċivili innoċenti; jappoġġja l-istabbiliment ta' Tribunal Kriminali Internazzjonali, u jistieden lill-Federazzjoni Russa tikkoopera bis-sħiħ mal-komunità internazzjonali biex titwettaq investigazzjoni kriminali komprensiva u imparzjali, u biex dawk responsabbli jinġiebu quddiem il-ġustizzja; jiddeplora d-deċiżjoni tal-Federazzjoni Russa li timblokka r-riżoluzzjoni fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-ħolqien ta' qorti internazzjonali għall-investigazzjoni ta' dan id-delitt;

36. Jiddeplora l-fatt li l-aggressjoni Russa li għadha għaddejja ħolqot sitwazzjoni umanitarja mwiegħra f'Donbas u li organizzazzjonijiet umanitarji Ukreni u internazzjonali mhumiex qed jingħataw aċċess għar-reġjuni okkupati; jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-kundizzjonijiet umanitarji li huma ta' sfida għal aktar minn 1,5 miljun persuna spustata internament; jinsab imħasseb ħafna dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Krimea okkupata mir-Russja, b'mod speċjali s-sitwazzjoni mwiegħra tat-Tatari tal-Krimea, u jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tagħti aktar assistenza finanzjarja lill-Ukrajna;

37. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-awtoritajiet Ukreni biex jissodisfaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża, u jifirħilhom għar-rapport finali ta' progress pożittiv dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan; jesprimi sodisfazzjon dwar l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni u ta' politiki ġodda li saħħew il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni; jistenna li t-tmexxija Ukrena tissodisfa l-impenji tagħha kontra l-korruzzjoni fl-ewwel tliet xhur tal-2016;

38. Jenfasizza li l-korruzzjoni endemika hija l-akbar sfida unika għall-isforzi ta' riforma; jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjonijiet meħuda s'issa, bħal-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni, l-istabbiliment ta' istituzzjonijiet (l-Uffiċċju Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, u l-prosekutur speċjali kontra l-korruzzjoni) u mekkaniżmi, u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Irkupru ta' Rikavati mill-Korruzzjoni; jilqa', barra minn hekk, l-adozzjoni reċenti tal-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, li se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016, u tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku;

39. Jesprimi l-fehma tiegħu li s-sitwazzjoni ta' gwerra fil-Lvant tal-Ukrajna hija impediment serju għal dan l-isforz ta' riforma; jagħmilha ċara, madankollu, li s-suċċess u r-reżiljenza tal-Ukrajna fil-konfront ta' kwalunkwe għadu estern jiddependu strettament fuq is-saħħa tal-ekonomija u tal-qafas legali tagħha, fuq demokrazija ħajja u prosperità dejjem akbar;

40. Jilqa' l-proċess ta' riforma kostituzzjonali li għaddej bħalissa fl-oqsma ta' deċentralizzazzjoni u tal-ġudikatura; ifakkar li l-Kummissjoni ta' Venezja ħarġet rakkomandazzjonijiet pożittivi dwar iż-żewġ settijiet ta' emendi kostituzzjonali; jissottolinja l-ħtieġa li jsir aktar progress f'dawk l-oqsma kif ukoll f'oħrajn, b'mod speċjali fl-ekonomija, fejn ir-regolamentazzjoni aħjar u d-demonopolizzazzjoni għandhom jibqgħu ta' prijorità, flimkien mar-riformi fiskali, biex tissaħħaħ it-trasparenza u tinħoloq klima favorevoli għall-investiment; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-qagħda tal-ekonomija Ukrena u s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-pajjiż; jieħu nota tal-progress moderat irrappurtat dwar l-istabbilizzazzjoni tal-prestazzjoni ekonomika; ifaħħar il-ftehim storiku ta' tnaqqis tad-dejn li l-Ukrajna laħqet mal-kredituri tagħha f'Settembru 2015; ifakkar li l-komunità internazzjonali, b'mod partikulari l-UE, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali bbażati fl-Ewropa, l-FMI u pajjiżi donaturi individwali, wiegħdu ammont bla preċedent ta' madwar EUR 20 biljun;

41. Jilqa' l-appoġġ attiv u s-solidarjetà tal-UE fil-qasam tal-enerġija, li ppermettew li terġa' tibda l-kunsinna tal-gass Russu lejn l-Ukrajna għax-xitwa 2015-2016; jistieden lill-Istati Membri jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal ta' tranżitu tal-Ukrajna u jsaħħu l-kooperazzjoni sabiex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija kemm lill-UE kif ukoll lill-Ukrajna, u jiġi evitat il-bini ta' pipelines ġodda li jevitaw lill-Ukrajna, b'mod partikolari l-iżvilupp tal-proġett Nord Stream II għall-kunsinna tal-gass Russu lejn l-Ewropa, li jista' jkun ta' detriment għall-istrateġija tal-UE għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u għad-dritt tal-UE; jappoġġja l-intenzjoni tal-UE li ssaħħaħ l-integrazzjoni sħiħa tas-suq tal-enerġija mal-Ukrajna permezz tal-Komunità tal-Enerġija u li tnaqqas id-dipendenza fl-enerġija, bla ma timponi piż żejjed fuq djar privati; jistieden lill-UE u lill-Gvern Ukren ifasslu miżuri biex jilqgħu kontra l-għawġ soċjali;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

42. Japprezza l-ħidma effikaċi u dinamika tal-Kumitat Parlamentari ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna li qiegħed jissorvelja s-sitwazzjoni politika, ta' sigurtà u ekonomika fl-Ukrajna, kif ukoll l-impenn u l-appoġġ tiegħu biex jittejbu l-proċessi ġenerali ta' riforma orjentati lejn l-UE li qegħdin iwettqu l-awtoritajiet Ukreni; ifakkar fil-Memorandum ta' Fehim iffirmat mill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna u mill-Parlament Ewropew fl-2015, li jistabbilixxi qafas konġunt ta' appoġġ parlamentari u ta' bini ta' kapaċitajiet bejn iż-żewġ parlamenti;

43. Jenfasizza l-ħtieġa li s-soċjetà ċivili Ukrena tissaħħaħ sabiex tkun tista' tipprovdi konsulenza u appoġġ lill-awtoritajiet fit-twettiq tar-riformi mwiegħda u taġixxi bħala għassies u whistleblower effikaċi; jilqa' l-kooperazzjoni effikaċi bejn il-komunità esperta u l-Verkhovna Rada fil-proċess ta' riforma u fl-implimentazzjoni tal-AA/DCFTA; ifaħħar il-fatt li l-prijoritajiet tal-Verkhovna Rada huma kkaratterizzati minn djalogu komprensiv mas-soċjetà ċivili;

44. Jinnota r-referendum konsultattiv Netherlandiż li ġej dwar l-AA/DCFTA bejn l-UE u l-Ukrajna; jittama li d-deċiżjoni tal-poplu Netherlandiż se tittieħed fuq il-bażi tal-merti tal-ftehim, fir-rikonoxximent tal-effetti tanġibbli fuq l-UE u fuq in-Netherlands b'mod partikolari;

o

o o

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Federazzjoni Russa, lill-Assemblea Parlamentari Euronest, u lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0019

Klawsola ta' difiża reċiproka (Art. 42(7) tat-TUE)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-klawsola ta' difiża reċiproka (l-Artikolu 42(7) tat-TUE) (2015/3034(RSP))

(2018/C 011/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(7) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2(4) u 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar il-klawsoli ta' difiża reċiproka u ta' solidarjetà tal-UE: dimensjonijiet politiċi u operattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII u l-Artikolu 51 tagħha,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tar-Repubblika Franċiża waqt il-Kungress Franċiż fis-16 ta' Novembru 2015 li Franza kienet fi stat ta' gwerra,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar id-difiża u s-sigurtà adottati mill-Kunsill Ewropew fid-19 u l-20 ta' Diċembru 2013 u l-25 u s-26 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin (tal-ministri tad-difiża) tas-17 ta' Novembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-13 ta' Novembru 2015 seħħew bosta attakki terroristiċi f'Pariġi, li qatlu mill-inqas 130 persuna minn aktar minn 26 nazzjon, u billi l-Istati Membri tal-UE sofrew diversi attakki terroristiċi mill-2004, fejn inqatlu mijiet u diversi eluf sfaw midruba;

B. billi l-Gvern Franċiż uffiċjalment invoka l-klawsola ta' difiża reċiproka skont l-Artikolu 42(7) tat-TUE wara l-attakki terroristiċi f'Pariġi fit-13 ta' Novembru 2015;

C. billi s-solidarjetà, l-għajnuna u l-assistenza reċiproka bejn l-Istati Membri, inkluż permezz ta' rikors għall-mezzi tal-Unjoni, huma fost il-valuri fundamentali tal-UE;

D. billi, wara l-invokazzjoni min-naħa ta' Franza tal-klawsola ta' difiża reċiproka, l-Istati Membri tal-UE għandhom obbligu li jagħtu lill-Franza l-għajnuna u l-assistenza bil-mezzi kollha fis-setgħa tagħhom, skont l-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU; jenfasizza li l-prevenzjoni ta' kunflitti u attakki hija preferibbli mill-immaniġġjar tal-konsegwenzi tagħhom;

E. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali hija meqjusa bħala prijorità għall-UE, u billi biex ikun segwit il-prinċipju tas-solidarjetà hemm bżonn ta' azzjoni interna kif ukoll esterna; billi d-dimensjonijiet interni u esterni tas-sigurtà tal-UE huma neċessarjament relatati u marbuta mill-qrib; billi hija meħtieġa strateġija konġunta tal-UE;

F. billi l-arkitettura tas-sigurtà u tad-difiża previsti mit-Trattati għadha ma ġietx implimentata b'mod sħiħ; billi l-Istati Membri huma responsabbli biex jiksbu progress fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni;

([1]) ĠU C 419, 16.12.2015, p. 138.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

G. billi l-UE teħtieġ li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) sabiex tagħmel il-politiki ta' sigurtà u ta' difiża stabbiliti fi ħdan dawn iż-żewġ oqfsa dejjem aktar kompatibbli, b'mod partikolari meta Stat Membru jkun il-vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu, li tinkludi attakki terroristiċi;

H. billi jeħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu aktar attivi fil-politika ta' sigurtà u ta' difiża, u jippromwovu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża minquxa fit-Trattati, inklużi dawk dwar ir-rwol partikolari tan-NATO fis-sigurtà u d-difiża Ewropea u transatlantika; billi l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jappoġġaw lill-Istati Membri kollha fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw dawk id-dispożizzjonijiet b'mod sħiħ;

I. billi l-Artikolu 42(6) tat-TUE dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti għandu jiġi attivat fost dawk l-Istati Membri li jixtiequ jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin;

J. billi l-UE adottat strateġija kontra t-terroriżmu li tiddependi kemm fuq l-istrumenti Komunitarji u kif ukoll fuq assi intergovernattivi fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK); billi din l-istrateġija tipproponi li l-azzjonijiet tal-UE jkunu organizzati madwar erba' objettivi, jiġifieri l-prevenzjoni, il-protezzjoni, l-insegwiment u r-rispons;

K. billi r-rispons tal-UE għat-terroriżmu jinkludi l-promozzjoni tad-demokrazija, tad-djalogu u tal-governanza tajba sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-estremiżmu vjolenti;

1. Jikkundanna bil-qawwa kollha l-attakki terroristiċi tal-biża' mwettqa minn Daesh; jesprimi simpatija profonda, solidarjetà u l-kondoljanzi tiegħu lill-vittmi kollha tal-attakki terroristiċi u lill-familji tagħhom;

2. Jirrikonoxxi u jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ unanimu mogħti lill-Franza mill-Istati Membri kollha tal-UE; jilqa' r-rieda tal-Istati Membri kollha li jipprovdu l-għajnuna u l-assistenza sħiħa meħtieġa;

3. Ifakkar li l-klawsola ta' difiża reċiproka ġiet invokata għall-ewwel darba; iqis li l-każ preżenti għandu jservi bħala katalist għal diskussjonijiet politiċi aktar fil-fond dwar in-natura multidimensjonali tas-sigurtà u tad-difiża Ewropej;

4. Jinnota b'sodisfazzjon il-kontribuzzjonijiet addizzjonali tal-kapaċitajiet imqiegħda għad-dispożizzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jistieden lill-Istati Membri kollha biex iżommu l-appoġġ dejjiemi u mingħajr kondizzjonijiet tagħhom u biex isostnu l-kontribuzzjonijiet tagħhom sakemm ikun meħtieġ; jinnota r-rwol ta' Franza bħala katalist f'dan l-isforz komuni u jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE biex jipprovdu u jsostnu l-appoġġ tagħhom kif meħtieġ;

5. Iqis li l-invokazzjoni tal-klawsoli ta' difiża reċiproka u ta' solidarjetà skont it-Trattati hija l-ewwel u qabel kollox kwistjoni politika; jenfasizza l-fatt li, meta dawn il-klawsoli huma invokati, kemm il-Kunsill Ewropew u kif ukoll il-Parlament Ewropew huma l-post fejn isir id-dibattitu politiku;

6. Jesprimi tħassib li l-immaniġġjar tal-għajnuna u tal-assistenza skont il-klawsola ta' difiża reċiproka fuq bażi bilaterali – bħalma hu dan il-każ – mhux se jkun possibbli għall-Istati Membri kollha; jistieden, għalhekk, lill-Kunsill Ewropew biex iżid l-impetu għal aktar żvilupp tal-klawsola ta' difiża reċiproka u biex issaħħaħ ir-rwol tal-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE bħala faċilitaturi;

7. Ifakkar fl-istedina tiegħu, f'riżoluzzjonijiet preċedenti, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jipproponi arranġamenti u linji gwida prattiċi biex jiġi żgurat rispons effikaċi f'każ li Stat Membru jinvoka l-klawsola ta' difiża reċiproka, kif ukoll analiżi tar-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE jekk il-klawsola tiġi invokata; iqis li huwa ta' dispjaċir, madankollu, li ebda analiżi u ebda linji gwida ma kienu disponibbli meta l-klawsola ta' difiża reċiproka ġiet attivata għall-ewwel darba, u dan wassal għas-sitwazzjoni attwali li teħtieġ miżuri ad hoc, immaniġġjar ad hoc u kooperazzjoni ad hoc;

8. Iqis li l-istabbiliment ta' arranġamenti prattiċi u ta' linji gwida għall-attivazzjoni futura tal-klawsola ta' difiża reċiproka jibqa' prijorità urġenti; jenfasizza li t-tfassil ta' dawn il-linji gwida għandu jieħu kont tat-tagħlimiet meħuda mill-ewwel attivazzjoni tal-Artikolu 42(7);

9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex b'mod urġenti jiżviluppaw u jadottaw qafas ta' politika li jkun ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 42(7) tat-TUE u li jkun fih skadenza, klawsola ta' reviżjoni u mekkaniżmi ta' monitoraġġ; jinsab ferm konvint li l-azzjonijiet nazzjonali, bilaterali jew multilaterali kollha wara l-attivazzjoni tal-Artikolu 42(7) għandhom jiġu notifikati lill-Kunsill u jiġu ppubblikati fl-istess ħin;

10. Jinnota li l-klawsola ta' solidarjetà fl-Artikolu 222 tat-TFUE tagħmilha possibbli li l-mezzi rilevanti kollha tal-UE jkunu għad-dispożizzjoni ta' Franza u Stati Membri oħra direttament involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; ifakkar li l-Artikolu 222 tat-TFUE huwa mfassal speċifikament biex jittratta l-konsegwenzi ta' attakki terroristiċi fl-Ewropa u jindirizza l-livelli baxxi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fl-Ewropa;

11. Huwa konvint li, abbażi tal-kapaċitajiet eżistenti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, l-UE teħtieġ kwartieri ġenerali ċivili-militari permanenti fil-livelli strateġiċi u operazzjonali, u li din l-istruttura għandha tingħata l-kompitu tal-ippjanar ta' kontinġenza strateġika u operazzjonali, inkluż fir-rigward tad-difiża kollettiva kif previst mill-Artikoli 42(7) u 42(2) tat-TUE u l-applikazzjoni futura tagħhom b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istrutturi rilevanti tan-NATO;

12. Hu tal-fehma li l-attivazzjoni attwali tal-Artikolu 42(7) tat-TUE għandha tkun il-katalist biex jiġi sfruttat il-potenzjal tad-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat relatati mas-sigurtà u d-difiża li għandhom ukoll jiġu applikati; ifakkar, f'dan il-kuntest, l-importanza li jiġi applikat b'mod sħiħ u korrett il-Pakkett ta' Difiża, li jinkludi d-Direttivi 2009/81/KE dwar l-akkwist għad-difiża u 2009/43/KE dwar it-trasferimenti intrakomunitarji;

13. Jistieden lill-pajjiżi Ewropej kollha biex ikomplu joffru kull appoġġ fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u biex jieħdu approċċ rigoruż f'pajjiżhom u barra minn pajjiżhom;

14. Jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li dawk li kienu l-moħħ wara l-attakki f'Pariġi jidhru li kienu ċittadini ta' pajjiżi tal-UE u twieldu u għexu fl-UE, u jitlob, għalhekk, għal miżuri aktar xierqa biex jiġi kkontrollat il-moviment tal-armi, l-isplussivi u ta' dawk suspettati terroristi;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu skambju ta' informazzjoni strutturat u kooperazzjoni operazzjonali bejn il-ġestjoni tal-fruntieri, il-pulizija u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll skambju tal-intelligence permezz tal-interkonnessjoni tal-bażijiet ta' data nazzjonali u l-isfruttament sħiħ ta' oqfsa eżistenti, bħalma hija l-pjattaforma ta' netwerk sigur għall-iskambju ta' informazzjoni u intelligence tal-Europol (SIENA) u billi jiġi mmassimizzat l-użu ta' pjattaformi u servizzi oħrajn tal-Europol;

16. Jinsisti dwar approċċ komprensiv lejn d-deradikalizzazzjoni, inklużi l-isforzi fil-livell nazzjonali mmirati lejn iż-żgħażagħ, il-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu li tiffoka fuq it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali, il-prevenzjoni tal-kriminalità, u attivitajiet immirati tal-pulizija u ta' sigurtà bbażati fuq suspett individwali jew theddid konkret determinat minn persuni, mhux magni; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li r-regoli dwar l-akkwist u l-pussess ta' armi, ir-regoli tal-esportazzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' armi jkunu aktar stretti,

17. Jappella għal politika estera komuni tal-UE dwar il-futur tas-Sirja u tal-Lvant Nofsani usa' b'koordinazzjoni mal-atturi rilevanti kollha; iqis li din il-politika għandha tkun parti integrali mill-Istrateġija Globali futura tal-UE;

18. Iqis l-attivazzjoni tal-klawsola ta' assistenza reċiproka bħala opportunità unika biex tiġi stabbilita bażi b'saħħitha u sostenibbli għal Unjoni Ewropea ta' Difiża; huwa tal-opinjoni li b'kapaċità awtonoma ta' sigurtà u ta' difiża biss li l-UE tkun mgħammra u lesta biex tiffaċċja t-theddid u l-isfidi kbar għas-sigurtà interna u esterna;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-President tal-Istati Uniti u lis-Segretarju tad-Difiża tal-Istati Uniti.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0020

Il-prijoritajiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-UNHRC fl-2016

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-prijoritajiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-UNHRC fl-2016 (2015/3035(RSP))

(2018/C 011/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protokolli fakultattivi tagħhom,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 60/251 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li tistabbilixxi l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (UNHRC),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Soċjali Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-UNHRC,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi riżoluzzjonijiet dwar dibattiti fuq każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2014 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar din il-kwistjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5), 18, 21, 27 u 47 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2015 tal-UNHRC lill-Assemblea Ġenerali tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-2015 u l-2016 huma snin ta' anniversarji importanti f'dak li jirrigwarda t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, tal-paċi u tas-sigurtà: is-70 anniversarju mit-twaqqif tan-Nazzjonijiet Uniti, il-50 anniversarju tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) u tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR), it-30 u l-20 anniversarji tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Dritt għall-Iżvilupp (1986) u tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma għal Azzjoni (1995) rispettivament, u l-15-il anniversarju tar-riżoluzzjoni storika tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (2000) u tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (2000);

B. billi s-sostenn favur ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem indipendentement mir-razza, mill-oriġini, mir-reliġjon, mill-klassi, mill-kasta, mis-sess, mill-orjentazzjoni sesswali jew mill-kulur huwa obbligu għall-istati kollha, billi jtenni l-impenn tiegħu favur l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem (sew jekk ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali jew kulturali), li huma interrelatati u interdipendenti u billi t-tiċħid ta' kwalunkwe wieħed minn dawn id-drittijiet għandu impatt dirett u negattiv fuq l-oħrajn; billi l-istati kollha għandhom l-obbligu li jirrispettaw id-drittijiet bażiċi tal-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom u d-dmir li jieħdu azzjoni konkreta biex jiffaċilitaw ir-rispett ta' dawk id-drittijiet fil-livell nazzjonali, u li jikkooperaw fil-livell internazzjonali bil-għan li jiġu eliminati l-ostakli għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma kollha;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0470.

C. billi r-rispett, il-promozzjoni u s-salvagwardja tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem jagħmlu parti mill-*acquis* etiku u ġuridiku tal-Unjoni Ewropea u huma wieħed mill-pedamenti ewlenin tal-għaqda u tal-integrità Ewropea; billi l-koerenza interna u esterna fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem hija essenzjali għall-kredibilità tal-politika esterna tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

D. billi l-azzjoni tal-Unjoni fir-relazzjonijiet tagħha ma’ pajjiżi terzi hija ggwidata mill-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jafferma mill-ġdid l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jistabbilixxi l-obbligu ta’ rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, kif ukoll dawk tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali fl-azzjoni tagħha fix-xena internazzjonali;

E. billi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem għandu jkun integrat fl-oqsma politiċi kollha li jinvolvu l-paċi u s-sigurtà, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kummerċ u l-investiment, l-azzjoni umanitarja, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, peress li dawn it-temi ma jistgħux jiġu affrontati separatament mir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

F. billi l-Istati Membri tan-NU adottaw l-Aġenda 2030 u impenjaw ruħhom skont l-istess Aġenda 2030 li tipprevedi dinja ta’ rispett universali tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità umana, tal-istat tad-dritt, tal-ġustizzja, tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni;

G. billi s-sessjonijiet regolari tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNHRC), il-ħatra ta’ Rapporteurs Speċjali, il-mekkaniżmu ta’ Eżami Perjodiku Universali (EPU) u l-Proċedura Speċjali li tittratta sitwazzjonijiet speċifiċi għal pajjiż jew kwistjonijiet tematiċi lkoll jikkontribwixxu għall-isforzi internazzjonali għall-promozzjoni u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

H. billi, xi membri tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem huma kkunsidrati bħala fost l-agħar trasgressuri tad-drittijiet tal-bniedem u għandhom rekords dubjużi f’dak li għandu x’jaqsam mal-kooperazzjoni mal-Proċedura Speċjali tan-NU u mal-konformità mar-rekwiżiti ta’ rappurtar tagħhom fir-rigward tal-korpi tat-trattat tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU;

Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU

1. Jilqa’ l-ħatra tal-Ambaxxatur Choi Kyong-lim bħala President tal-UNHRC għall-2016;

2. Jilqa’ r-rapport annwali tal-UNHRC lill-Assemblea Ġenerali tan-NU li jkopri t-28, id-29 u t-30 sessjoni;

3. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-membri tal-UNHRC għandhom jiġu eletti minn fost l-Istati li jsostnu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija, u jħeġġeġ lill-istati membri tan-NU jippromwovu, fost affarijiet oħra, kriterji bbażati fuq ir-riżultati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem għal kwalunkwe stat li jiġi elett bħala membru tal-UNHRC; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fost għadd ta’ membri tal-UNHRC li għadhom kif ġew eletti; jemmen li l-Istati Membri ma għandhomx jappoġġjaw l-elezzjoni fil-UNHRC ta’ pajjiżi li ma jirrispettawx għad-drittijiet tal-bniedem;

4. Jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-indipendenza u l-integrità tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju tal-mandat tiegħu b’mod effikaċi u imparzjali; jitlob, b’konnessjoni ma’ dan, biex l-OHCHR jingħatawlu sostenn u finanzjament adegwati; itenni l-appoġġ tiegħu għall-Proċedura Speċjali u għall-istatus indipendenti tad-detenturi tal-mandat bħar-Rapporteurs Speċjali, biex b’hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b’imparzjalità sħiħa, u jistieden lill-istati kollha jikkooperaw ma’ dawn il-proċeduri; jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta’ kooperazzjoni li wrew xi stati membri;

5. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-universalità tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU), bil-għan li jintlaħaq fehim sħiħ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-istati membri kollha tan-NU, u jtenni l-appoġġ tiegħu għat-tieni ċiklu tar-rieżami, li jikkonċentra speċjalment fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet aċċettati matul l-ewwel ċiklu; jappella madankollu għal darb’oħra, biex ir-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx aċċettati mill-istati matul l-ewwel ċiklu jerġgħu jiġu kkunsidrati fit-tkomplija tal-proċess tal-EPU;

6. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili, jipparteċipaw fl-aspetti kollha tax-xogħol tal-UNHRC, u jesprimi t-tħassib tiegħu li limitazzjonijiet gravi jfixklu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-EPU; jistieden lill-Istati Membri tan-NU, inklużi l-Istati Membri, biex jużaw l-EPU bħala mezz kif jivvalutaw is-sitwazzjoni tagħhom stess fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u jagħmlu rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward,

7. Jitlob lill-UE u lill-Kummissjoni jagħtu segwitu lir-rakkomandazzjonijiet tal-EPU fid-djalogi politiċi tal-UE mal-pajjiżi kkonċernati bil-għan li jiġu eżaminati modi u mezzi ġodda ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet permezz ta' strateġiji nazzjonali u reġjonali;

8. Jilqa' l-Inizjattiva għall-Bidla mnedija mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, li hi maħsuba biex ittejjeb u ssaħħaħ il-preżenza globali tal-uffiċċji tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU bil-ħolqien ta' tmien hubs reġjonali biex jipproteġu u jippromwovu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem b'kollaborazzjoni diretta mas-sħab bil-għan li r-rakkomandazzjonijiet dwar il-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem jissarrfu f'bidliet reali fil-prattika; Jappella, fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tal-UNHRC, biex issir valutazzjoni tal-impatt tal-Kunsill anke fir-rigward tal-mandat tiegħu l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet u d-deċiżjonijiet l-oħra tiegħu;

Id-drittijiet ċivili u politiċi

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-reviżjonijiet kostituzzjonali li għamlu ċerti pajjiżi, immirati biex ibiddlu l-limitu stabbilit fuq il-mandat presidenzjali, kwistjoni li f'ċerti każi ġġenerat vjolenza marbuta mal-elezzjonijiet; jafferma mill-ġdid li r-rispett tad-drittijiet ċivili u politiċi, fosthom il-libertà ta' espressjoni individwali u kollettiva, u l-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni, jikkostitwixxu l-indikaturi ta' soċjetà demokratika, tolleranti u pluralista;

10. Itenni li l-elezzjonijiet ħielsa u awtentiċi li jsiru perjodikament fuq il-bażi ta' vot universali u ndaqs huma dritt fundamentali li kull ċittadin għandu jgawdi minnu b'konformità mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (Artikolu 21(3)) u mal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (Artikolu 25); jerġa' jafferma l-eżistenza tal-libertà ta' espressjoni u kuntest vibranti favorevoli għal soċjetà ċivili indipendenti u pluralista huma rekwiżiti preliminari għall-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

11. Huwa tal-fehma li t-teknoloġiji diġitali kontemporanji jippreżentaw vantaġġi u sfidi għall-protezzjoni tad-dritt għall-privatezza, għall-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni online fid-dinja kollha u għas-sigurtà, peress li t-teknoloġiji diġitali kontemporanji spiss huma mezzi ta' propaganda estremista u terroristika kif ukoll kanali ta' reklutaġġ; jilqa' f'dan il-kuntest, il-ħatra ta' Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Dritt għall-Privatezza fl-Era Diġitali, li fil-mandat tiegħu hemm inklużi l-kwistjonijiet ta' sorveljanza u privatezza li jolqtu l-persuni online jew offline;

12. Jitlob lill-Istati Membri tan-NU, inklużi l-Istati Membri tal-UE, biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar forom kontemporanji ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata sabiex jingħeleb it-tixrid ta' mibegħda razzjali, etnika u ksenofobika u t-tixwix fuq l-internet u permezz ta' netwerks tal-midja soċjali billi jieħdu miżuri leġiżlattivi xierqa, b'rispett sħiħ għal drittijiet fundamentali oħra bħal-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni;

Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem

13. Jikkundanna l-intimidazzjoni kontinwa u d-detenzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-membri tal-oppożizzjoni min-naħa tal-forzi tal-gvern f'għadd ta' pajjiżi terzi; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-leġiżlazzjoni inġusta u restrittiva, inklużi restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani, li qed tirriżulta fi spazju dejjem aktar limitat għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-gvernijiet kollha jippromwovu u jappoġġjaw il-libertà tal-mezzi tax-xandir, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jippermettulhom joperaw mingħajr biża', repressjoni jew intimidazzjoni;

14. Iqis li l-intimidazzjoni kontinwa u d-detenzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-membri tal-oppożizzjoni minn għadd ta' membri tal-UNHRC jimminaw il-kredibilità tal-UNHRC; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu inizjattiva fil-livell tan-NU biex titfassal risposta koerenti u komprensiva għall-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw madwar id-dinja d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu fuq id-drittijiet tan-nisa, id-difiża tad-drittijiet ambjentali, l-art u d-drittijiet tal-popli indiġeni, il-korruzzjoni u l-impunità, kif ukoll il-ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem oħra li jużaw il-mezzi tax-xandir, inklużi l-internet u l-midja soċjali, filwaqt li jikkundannaw sistematikament il-qtil tagħhom;

15. Huwa mħasseb ħafna dwar l-attakki li dejjem qed jiżdiedu fuq ħaddiema fl-għajnuna umanitarja u fil-faċilitajiet mediċi; ifakkar li kwalunkwe attakk bħal dan huwa pprojbit skont id-dritt umanitaru internazzjonali u jistieden lill-partijiet konfliġġenti biex jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt umanitaru internazzjonali; jenfasizza l-importanza li tittejjeb is-sigurtà tal-ħaddiema li jagħtu l-għajnuna sabiex jirreaġixxu b'mod aktar effikaċi għall-attakki;

Il-piena tal-mewt

16. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-UE dwar tolleranza żero għall-piena tal-mewt u jtenni l-oppożizzjoni li ilu jħaddan kontra l-piena tal-mewt, it-tortura, it-trattament u l-pieni krudili, inumani jew degradanti fil-każijiet kollha u f'kull ċirkostanza; jissottolinja l-importanza li l-UE tkompli tavvanza l-moratorju dwar il-piena tal-mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħha u jenfasizza għal darb'oħra li l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dinjità tal-bniedem; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-appoġġ tal-politika ta' infurzar kontra d-droga tal-pajjiżi terzi, bħall-assistenza finanzjarja, l-assistenza teknika u l-bini ta' kapaċità, għandhom jeskludu l-użu tal-piena tal-mewt għal reati relatati mad-droga; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-ħatra ta' Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-politika kontra d-droga;

17. Ifaħħar il-progress sostanzjali li sar sa issa, fejn bosta pajjiżi ssospendew il-piena tal-mewt filwaqt li oħrajn adottaw miżuri leġiżlattivi għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt; jesprimi madankollu d-dispjaċir tiegħu li f'dawn l-aħħar snin reġgħu ddaħħlu l-eżekuzzjonijiet f'ċerti pajjiżi; jagħmel appell lil dawk l-Istati li abolixxew il-piena tal-mewt, jew li għandhom moratorju għal żmien twil fuqha, biex jonoraw l-impenji tagħhom u ma jerġgħux idaħħluha mill-ġdid;

Libertà ta' reliġjon

18. Ifakkar li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin hija dritt fundamentali tal-bniedem, kif rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u garantita mill-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; ifakkar, bl-istess mod, fir-rabta ta' din il-libertà ma' drittijiet oħra tal-bniedem u libertajiet fundamentali, li jiġbru magħhom id-dritt li wieħed jemmen jew ma jemminx, il-libertà li wieħed ikollu twemmin teistiku, mhux teistiku jew ateistiku, u d-dritt li wieħed jadotta, ibiddel u jabbanduna jew jirritorna għat-twemmin tal-għażla tiegħu; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li xi pajjiżi għadhom mhumiex konformi mal-istandards tan-NU u jużaw ir-repressjoni statali, li tista' tinkludi pieni fiżiċi, żmien ta' priġunerija, multi enormi u saħansitra anke l-piena tal-mewt, u dan bi ksur tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-persekuzzjoni fil-konfront tal-minoranzi minħabba r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, kif ukoll il-ħsara illegali li qed issir fil-postijiet fejn dawn jinġabru; jappoġġja r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU għal-Libertà tar-Reliġjon jew tat-Twemmin dwar il-vjolenza li ssir "f'isem ir-reliġjon"; jistieden lill-UE timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar l-inizjattivi ta' djalogu interreliġjuż;

19. Jilqa' l-impenn tal-UE li tippromwovi l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fil-fora internazzjonali, anke billi tappoġġja l-mandat tar-Rapporteur Speċjali tan-NU għal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jappoġġja totalment il-prattika tal-UE li tassumi rwol ta' tmexxija fil-UNHRC u fl-AĠNU f'riżoluzzjonijiet tematiċi f'dan il-qasam; jitlob azzjonijiet konkreti għall-protezzjoni ta' minoranzi reliġjużi, persuni bla twemmin, apostati u atei li huma vittmi ta' liġijiet dwar l-atti blasfemi; iqis li għandha tittieħed azzjoni kemm fil-fora internazzjonali kif ukoll f'dawk reġjonali billi jinżamm djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet u mal-komunitajiet reliġjużi, kif stabbilit fl-Artikolu 17 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

Id-drittijiet soċjali u ekonomiċi

20. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-UNHRC biex id-drittijiet tal-bniedem kollha jitpoġġew fuq livell indaqs, bl-istess enfasi, bis-saħħa tan-nomina tad-detenturi tal-mandat tal-Proċedura Speċjali fir-rigward tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tar-ratifikazzjoni tal-Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali li jistabbilixxi mekkaniżmi ta' lment u ta' inkjesta;

21. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar iż-żieda fil-faqar estrem, li tipperikola t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha; jilqa' f'dan ir-rigward, ir-rapport tar-Rapporteur Speċjali tal-UNHRC dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem (A/HRC/29/31) u jappoġġja l-proposti tiegħu għall-eliminazzjoni tal-faqar estrem; iqis li hu importanti li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu sabiex jiġi miġġieled il-faqar b'mod ġenerali u biex jiġu promossi d-drittijiet soċjali u ekonomiċi, b'mod speċjali billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ikel, l-ilma, l-edukazzjoni, l-assistenza fil-qasam tas-saħħa u l-akkomodazzjoni;

22. Huwa tal-fehma li l-korruzzjoni, l-evażjoni tat-taxxa, il-ġestjoni ħażina tal-beni pubbliċi u n-nuqqas ta' responsabilità huma lkoll theddid għat-tgawdija b'mod ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u jimminaw il-proċessi demokratiċi bħall-istat tad-dritt, l-amministrazzjoni imparzjali tal-ġustizzja, is-servizzi pubbliċi bħall-edukazzjoni u s-servizzi bażiċi tas-saħħa; iqis li l-azzjoni maħsuba biex tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment id-dritt għall-informazzjoni, għal-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda, għal ġudikatura indipendenti u għal parteċipazzjoni demokratika fl-affarijiet pubbliċi, hija kruċjali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

23. Jenfasizza li l-komunitajiet ta' minoranza fil-pajjiżi terzi għandhom ħtiġijiet speċifiċi u li l-ugwaljanza tagħhom għandha tiġi promossa fl-oqsma kollha tal-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali;

24. Jistieden lill-istati membri tan-NU, inklużi l-Istati Membri tal-UE jitolbu li d-detenturi kollha ta' mandat ta' Proċedura Speċjali jagħtu attenzjoni speċjali lill-kwistjonijiet li jolqtu lin-nisa, liż-żgħażagħ u lill-persuni b'diżabilità indiġeni, u jirrapportaw sistematikament dawn il-kwistjonijiet lill-UNHRC; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-parteċipazzjoni tal-popli indiġeni fis-sessjonijiet tal-UNHRC; jistieden lill-EEAS u lill-Istati Membri jappoġġjaw attivament l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għas-sistema kollha dwar il-popli indiġeni, b'mod speċjali rigward il-konsultazzjoni regolari tal-popli indiġeni;

In-negozju u d-drittijiet tal-bniedem

25. Jappoġġja l-implimentazzjoni effikaċi u komprensiva tal-Prinċipji ta' Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; iħeġġeġ lill-istati membri tan-NU, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali; iqis li l-kummerċ u d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jmorru id f'id u li l-komunità kummerċjali għandha rwol importanti x'tiżvolġi fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija; jafferma mill-ġdid li l-impriżi tal-UE u dawk multinazzjonali jkollhom rwol minn ta' quddiem fil-promozzjoni tal-istandards internazzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem;

26. Jappella lin-NU u lill-UE biex mal-intrapriżi multinazzjonali u Ewropej iqajmu wkoll il-kwistjoni tal-ħtif tal-art u d-difensuri tad-drittijiet tal-art, li huma vittmi ta' rappreżalji inklużi theddid, intimidazzjoni, arrest arbitrarju, attakk u qtil;

27. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex isaħħaħ il-Proġett għar-Responsabilità u r-Rimedji bil-għan li jagħti kontribut lil sistema ġusta u aktar effikaċi tar-rimedji fid-dritt nazzjonali, partikolarment f'każi ta' abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem fis-settur tan-negozju; jistieden lill-gvernijiet kollha jaqdu dmirijiethom biex jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi li jħabbtu wiċċhom ma' sfidi prattiċi u ġuridiċi biex jiksbu aċċess għar-rimedji fil-livelli nazzjonali u internazzjonali, fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatat man-negozju;

28. Josserva li grupp ta' ħidma intergovernattiv (IGWG) miftuħ dwar l-elaborazzjoni ta' strument internazzjonali ġuridikament vinkolanti dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u impriżi tan-negozju oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, stabbilit b'riżoluzzjoni tal-UNHRC tas-26 ta' Ġunju 2014, kellu l-ewwel sessjoni tiegħu f'Lulju 2015; jitlob li barra minn hekk l-UE tappoġġja sforzi biex tallinja l-politiki tagħha mal-linji gwida tal-OECD għall-impriżi multinazzjonali u jirrakkomanda li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fid-dibattitu dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem fis-sistema tan-NU;

Il-migrazzjoni u r-rifuġjati

29. Huwa allarmat bl-aktar kriżi umanitarja gravi mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, li nħolqot mill-għadd dejjem akbar ta' individwi mġiegħla jħallu djarhom bħala konsegwenza tal-persekuzzjoni, tal-kunflitt armat, tal-vjolenza ġeneralizzata u tat-tibdil fil-klima, u li qegħdin ifittxu protezzjoni u ħajja aħjar u jissograw ħajjithom bi vjaġġi perikolużi; jappella għal azzjoni effikaċi u koordinata biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; barra minn hekk, jappella għal aktar sforzi fil-livell tan-NU biex jiġu indirizzati sfidi migratorji attwali u futuri billi jiġi żgurat finanzjament sufficjenti għall-UNHCR, il-WFP u korpi oħra tan-NU involuti fl-għoti tas-servizzi bażiċi għal refuġjati ġewwa u barra żoni ta' kunflitt; jenfasizza l-importanza tax-xogħol tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu;

30. Jistieden lill-pajjiżi kollha jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem li jissalvagwardja d-drittijiet tal-migranti u tar-rifuġjati fil-politiki u ġestjoni tal-migrazzjoni, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-gruppi ta' migranti u rifuġjati emarġinati u żvantaġġati, bħan-nisa u t-tfal; jistieden lill-istati kollha jindirizzaw il-vjolenza relatata mal-ġeneru kontra n-nisa u l-bniet, u jenfasizza l-importanza li l-politika tal-migrazzjoni titfassal minn perspettiva tal-ġeneru bil-għan li tirrispondi għall-ħtiġijiet partikolari tagħhom;

31. Ifakkar li l-istati kollha għandhom l-obbligu jirrispettaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi kollha taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini tagħhom u irrispettivament mill-istatus ta' immigrazzjoni tagħhom; ifakkar li strateġija dinjija dwar il-migrazzjoni hija marbuta mill-qrib mal-politiki tal-iżvilupp u dawk umanitarji, inkluż billi jiġu stabbiliti kurituri umanitarji u jingħataw viżi umanitarji; itenni l-appell tiegħu biex il-ftehimiet kollha dwar il-kooperazzjoni u r-riammissjoni ma' Stati mhux tal-UE jkunu konformi mad-dritt internazzjonali; ifakkar li r-ritorn ta' migranti għandu jsir biss b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-migranti, abbażi ta' deċiżjonijiet infurmati, u biss meta l-protezzjoni ta' drittijiethom tkun garantita f'pajjiżhom; jistieden lill-gvernijiet iwaqqfu l-arrest arbitrarju u d-detenzjoni ta' migranti; jesprimi tħassib dwar diskriminazzjoni kontinwa u mifruxa kontra l-migranti, inklużi dawk li jfittxu l-asil u r-rifuġjati; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-istati membri tan-NU, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jirrispettaw id-dritt ta' tiftix u tgawdija tal-asil;

It-tibdil fil-klima u d-drittijiet tal-bniedem

32. Jilqa' l-Ftehim ta' Pariġi taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li jkopri l-adattament, il-mitigazzjoni, l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija, u l-bini tal-kapaċità; jistieden lill-partijiet firmatarji kollha jonoraw l-impenji tagħhom; jinsab dispjaċut dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-UNFCCC, u jappella biex il-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UNFCCC jkunu bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem;

33. Ifakkar li l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima jirrappreżenta theddida globali immedjata u potenzjalment irreversibbli għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, u li l-impatt tiegħu fuq il-gruppi vulnerabbli, li s-sitwazzjoni ta' drittijiethom hija diġà prekarja, huwa konsiderevoli; jinnota bi tħassib li inċidenti relatati mal-klima bħaż-żieda fil-livelli tal-baħar u tibdil estrem fil-klima li jipprovokaw nixfiet u għargħar huma mistennija jwasslu għal aktar telf ta' ħajja, spostament ta' popolazzjonijiet, u nuqqasijiet ta' ikel u ilma;

34. Jistieden lill-komunità internazzjonali tindirizza n-nuqqasijiet ġuridiċi fit-terminu 'rifuġjat minħabba l-klima', inkluża l-possibilità tad-definizzjoni internazzjonali tiegħu;

Id-drittijiet tan-nisa

35. Jilqa' r-Riżoluzzjoni riċenti Nru 2242 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li tagħmel lin-nisa l-komponent ċentrali fl-isforzi kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, inkluża ż-żieda fl-estremiżmu vjolenti, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u s-sigurtà; ifaħħar is-sejbiet tal-Istudju Globali tan-NU dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni Nru 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, li enfasizzaw l-importanza tat-tmexxija u l-parteċipazzjoni tan-nisa fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi u li l-involviment tagħhom tejjeb l-assistenza umanitarja, saħħaħ l-isforzi tal-forzi taż-żamma tal-paċi, rawwem il-konklużjoni tat-taħditiet ta' paċi u għen biex jiġi miġġieled l-estremiżmu vjolenti; jistieden lin-NU u lill-istati membri kollha tagħha jieħdu miżuri konkreti biex jiżguraw l-awtonomija tan-nisa, l-inklużjoni sinifikanti tagħhom fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti u fil-

proċess ta' negozjati għall-paċi u l-bini tal-paċi, billi tiżdied ir-rappreżentanza tagħhom fil-livelli deċiżjonali kollha, fosthom fl-istituzzjonijiet u fil-mekkaniżmi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali;

36. Jesprimi l-kosternazzjoni tiegħu dwar il-fatt li minn mindu tfaċċaw gruppi estremisti vjolenti bħad-Daesh fis-Sirja u l-Iraq, jew il-Boko Haram fl-Afrika tal-Punent, il-vjolenza kontra n-nisa ingħatat dimensjoni ġdida billi l-vjolenza sesswali saret parti integrali mill-objettivi, l-ideoloġija u s-sors ta' dħul ta' dawn il-gruppi estremisti, u poġġiet sfida ġdida kritika quddiem il-komunità internazzjonali; jistieden lill-gvernijiet kollha u lill-istituzzjonijiet tan-NU jintensifikaw l-impenn tagħhom fil-ġlieda kontra dawn id-delitti abominabbli u jerġgħu jġibu d-dinjità tan-nisa bil-għan li ssir ġustizzja magħhom, jingħataw riparazzjoni u jittieħdu miżuri adegwati ta' sostenn;

37. Iqis li l-fatt li tiġi ggarantita l-awtonomija tan-nisa, billi jiġu indirizzati l-inugwaljanzi sottostanti bejn in-nisa u l-irġiel li jrendu lin-nisa u t-tfajliet vulnerabbli fi żminijiet ta' kunflitt, huwa mod wieħed kif jiġi miġġieled l-estremiżmu; jenfasizza l-ħtieġa li titkompla l-edukazzjoni għall-bniet fil-kampijiet tar-rifuġjati, fiż-żoni ta' kunflitt milquta minn faqar estrem u minn estremitajiet ambjentali bħal nixfiet u għargħar;

38. Jisħaq fuq l-importanza li ma jiġix imminat l-'acquis' tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni u s-saħħa bħala dritt bażiku tal-bniedem, u l-protezzjoni tad-drittijiet sesswali u riproduttivi; jenfasizza l-fatt li r-rispett universali tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi rilevanti jikkontribwixxu biex titnaqqas il-mortalità materna u tat-trabi; jindika li l-ippjanar tal-familja, is-saħħa materna, l-aċċess faċli għall-kontraċezzjoni u aċċess għall-firxa kollha ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduuttiva huma elementi importanti biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nisa u jgħinuhom jibnu ħajjithom mill-ġdid jekk ikunu sfaw vittmi ta' stupru; jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-politiki jitpoġġew fil-qalba tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-azzjoni umanitarja ma' pajjiżi terzi;

39. Jissottolinja l-importanza ta' miżuri li jsaħħu t-tmexxija u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jistieden lill-istati jiżguraw rappreżentanza ugwali tan-nisa fl-istituzzjonijiet pubbliċi u l-ħajja pubblika, inkluża attenzjoni speċjali għall-inklużjoni tan-nisa li jagħmlu parti minn minoranzi;

40. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Viċi-President / Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) ikomplu jippromwovu l-għoti tas-setgħa fil-livell politiku u ekonomiku lin-nisa u lill-bniet bl-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki esterni u l-programmi kollha tagħhom, inkluż permezz ta' djalogi strutturati ma' pajjiżi terzi, billi jqajmu pubblikament kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u billi jiżguraw biżżejjed riżorsi għal dan il-għan;

Id-drittijiet tat-tfal

41. Jappoġġja l-isforzi tal-UE biex tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi biex tiżgura l-aċċess tat-tfal għall-ilma, is-sanità, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, billi tiżgura r-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tat-tfal li jinsabu fi gruppi armati, telimina t-tħaddim tat-tfal, it-tortura, l-akkużi ta' seħer kontra t-tfal, it-traffikar, iż-żwieġ furzat u l-isfruttament sesswali, u billi t-tfal li jinsabu f'kunflitti armati jingħataw l-għajnuna u jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni f'żoni ta' kunflitt u fil-kampijiet tar-rifuġjati;

42. Ifakkar li l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li kienet adottata fl-1989 u hija t-trattat internazzjonali fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem li l-aktar li ġie ratifikat, tiddefinixxi numru ta' drittijiet tat-tfal, fosthom id-dritt għall-ħajja, għas-saħħa, għall-edukazzjoni u għal-logħob, kif ukoll id-dritt għall-ħajja fil-familja, li jitħarsu mill-vjolenza u mid-diskriminazzjoni u li jinstemgħu fehmiethom; jistieden lill-firmatarji kollha ta' dan it-trattat jonoraw l-obbligi tagħhom;

43. Jilqa' l-istudju globali ppjanat li għandu jiġi mniedi min-NU bil-għan li jiġi ddeterminat, permezz ta' monitoraġġ u analiżi tal-evalwazzjoni, il-mod kif il-liġijiet u l-istandards internazzjonali qed jiġu implimentati fil-prattika u biex jiġu vvalutati l-possibilitajiet konkreti għall-istati biex itejbu l-politiki u r-reazzjonijiet tagħhom; iħeġġeġ lill-istati kollha jappoġġjaw u jipparteċipaw b'mod attiv f'dan l-istudju;

44. Jinnota bi tħassib li fl-2015, f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, għadd ta' persuni ġew ikkundannati għall-mewt għal reati mwettqa meta kellhom inqas minn 18-il sena minkejja l-projbizzjoni fuq l-użu tal-piena tal-mewt għall-minorenni fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

Id-drittijiet tal-persuni LGBTI

45. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward il-persistenza ta' liġijiet u prattiki diskriminatorji u ta' atti ta' vjolenza kontra individwi f'diversi pajjiżi, abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru tagħhom; iħeġġeġ il-monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni tal-persuni LGBTI f'pajjiżi fejn dan l-aħħar ġew introdotti liġijiet kontra l-LGBTI; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-hekk imsejħa liġijiet 'kontra l-propaganda', li jillimitaw il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda, anki f'pajjiżi fil-kontinent Ewropew;

46. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għat-tkomplija tal-ħidma tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet kollha tal-bniedem minn persuni LGBTI, b'mod partikolari permezz ta' dikjarazzjonijiet, rapporti u l-kampanja 'Free & Equal'; iħeġġeġ lill-Kummissarju Għoli jkompli jiġġieled kontra liġijiet u prattiki diskriminatorji; jinsab imħasseb dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTI, u jappella lill-UE żżid l-appoġġ tagħha lejn dawn id-difensuri; jinnota li d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI aktarx li jiġu rrispettati aktar jekk dawn ikollhom aċċess għall-istituzzjonijiet ġuridiċi kollha;

L-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE u l-koerenza

47. Jappella lill-UE tippromwovi l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar l-Azzjoni Esterna tal-Unjoni;

48. Itenni l-appell tiegħu lill-UE biex tadotta approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u tintegra r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-kummerċ, il-politiki tal-investiment, is-servizzi pubbliċi u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif ukoll fil-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tagħha; jisħaq wkoll fuq il-fatt li l-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE għandha tiżgura li l-politiki interni u esterni tagħha jkunu koerenti, konformi mal-obbligu stabbilit mit-Trattat dwar l-UE;

49. Itenni, barra minn hekk, l-importanza li l-UE tinvolvi ruħha b'mod attiv u konsistenti fil-mekkaniżmi kollha tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fit-Tielet Kumitat, l-Assemblea Ġenerali (AĠNU) u l-UNHRC; jirrikonoxxi l-isforzi tas-SEAE, tad-Delegazzjonijiet tal-UE fi New York u f'Ġinevra u tal-Istati Membri biex tiżdied il-koerenza tal-UE fil-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell tan-NU, permezz ta' konsultazzjoni f'waqtha u sostantiva u biex jitwassal 'messaġġ b'vuċi waħda'; iħeġġeġ lill-UE żżid l-isforzi tagħha biex issemma' leħinha, inkluż billi tintensifika l-prattika li qed tiżdied ta' inizjattivi transreġjonali u billi tressaq riżoluzzjonijiet ma' pajjiżi oħra jew teħodhom f'idejha hi; itenni l-appell tiegħu għal viżibilità aktar b'saħħitha tal-azzjoni tal-UE fil-fora multilaterali kollha;

50. Jitlob lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem ikompli jsaħħaħ l-effikaċja, il-koerenza u l-viżibilità tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-UNHRC, u jkompli jiżviluppa kooperazzjoni mill-qrib mal-OHCHR u mal-Proċeduri Speċjali;

51. Jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa li jittejbu t-tħejjija u l-koordinament tal-pożizzjonijiet tal-UE għas-sessjonijiet tal-UNHRC u li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-konsistenza bejn il-politika esterna u interna tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE;

52. Ifakkar fl-importanza li tinżamm il-prattika istituzzjonalizzata li jintbagħtu delegazzjonijiet parlamentari lejn l-UNHRC u l-AĠNU;

53. jappella biex l-involviment tal-Istati Membri tal-UE fil-UNHRC ikun ibbażat aktar fuq il-prinċipji u ma jkunx selettiv;

Id-drones u l-armi awtonomi

54. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill tal-UE biex jiżviluppa pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-użu ta' drones armati, li tagħti importanza kbira lir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali u tindirizza kwistjonijiet bħall-qafas ġuridiku, il-proporzjonalità, ir-responsabilità, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u t-trasparenza; iħeġġeġ lill-UE, għal darb'oħra, tipprojbixxi l-produzzjoni, l-iżvilupp u l-użu ta' armi kompletament awtonomi, li jippermettu li jsiru attakki mingħajr intervent uman; jinsisti li d-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu parti mid-djalogi kollha li jsiru ma' pajjiżi terzi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

55. Jinnota b'mod pożittiv id-dokument ta' gwida dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu abbozzat mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mill-Kummissjoni li għandu l-għan jiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' għajnuna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu mal-pajjiżi terzi; ifakkar, b'rabta ma' dan, li r-rispett tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali jikkostitwixxi l-bażi għal politiki ta' suċċess kontra t-terroriżmu, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza diġitali; jisħaq fuq il-bżonn ta' żvilupp ta' strateġiji effikaċi ta' komunikazzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-propaganda estremista u l-metodi ta' reklutaġġ, speċjalment fuq l-internet;

Id-demokratizzazzjoni

56. Jirrakkomanda li l-UE żżid l-isforzi tagħha biex tiżviluppa approċċ aktar komprensiv lejn il-proċessi ta' demokratizzazzjoni, fejn elezzjonijiet ħielsa u ġusti jikkostitwixxu biss dimensjoni waħda minnhom, biex b'hekk jingħata kontribut pożittiv għat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi; iqis li l-kondiviżjoni tal-prattiki tajba tat-tranżizzjoni fil-qafas tal-politiki tat-tkabbir u tal-viċinat għandha tintuża biex issostni u tikkonsolida l-proċessi ta' demokratizzazzjoni l-oħra fid-dinja kollha;

L-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem

57. Jisħaq fuq l-importanza tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 16 dwar il-paċi u l-ġustizzja tal-Aġenda 2030, li jmissu jkun il-prijorità tal-azzjoni esterna u interna kollha, speċjalment f'dawk li huma l-finanzjamenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

L-isport u d-drittijiet tal-bniedem

58. Jinsab imħasseb serjament dwar il-fatt li stati awtoritarji fejn iseħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem qegħdin jilqgħu għandhom avvenimenti sportivi ewlenin; jistieden lin-NU u lill-Istati Membri tal-UE jqajmu din il-kwistjoni u jimpenjaw ruħhom mal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, l-atturi korporattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-aspetti prattiċi tal-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti bħal dawn, inklużi t-Tazza tad-Dinja tal-FIFA fir-Russja fl-2018 u fil-Qatar fl-2022 u l-Logħob Olimpiku f'Beijing fl-2022;

Il-Qorti Kriminali Internazzjonali

59. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-ħidma tal-QKI fir-rwol tagħha li ttemm l-impunità għall-awturi tal-aktar delitti serji li huma ta' tħassib għall-komunità internazzjonali u li tagħmel ġustizzja mal-vittmi tad-delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u ġenoċidji; jibqa' viġilanti rigward kwalunkwe tentattiv biex tiġi mminata l-leġittimità jew l-indipendenza tagħha; iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha jikkooperaw mal-Qorti u jagħtuha appoġġ diplomatiku, politiku u finanzjarju b'saħħtu, inkluż fin-NU; jappella lill-UE, l-Istati Membri tagħha u r-Rappreżentanti Speċjali tagħha jippromwovu b'mod attiv il-QKI, l-infurzar tad-deċiżjonijiet tagħha u l-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti elenkati fl-Istatut ta' Ruma, fosthom billi ssaħħaħ u tespandi r-relazzjoni tagħha mal-Kunsill tas-Sigurtà, u billi tippromwovi r-ratifika universali tal-Istatut ta' Ruma kif ukoll l-emendi ta' Kampala;

Il-pajjiżi taħt l-Eżami Perjodiku Universali (EPU)

Il-Georgia

60. Jilqa' s-sħubija tal-Georgia mal-UNHRC u l-EPU reċenti dwar il-Georgia; jinnota r-riformi leġiżlattivi sinifikattivi li rriżultaw f'ċertu progress u titjib rigward is-settur tal-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi, l-Uffiċċju tal-Prosekutur, il-ġlieda kontra t-trattatment ħażin, id-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali kif ukoll tal-persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs);

61. Jinnota, madankollu, li hemm bżonn aktar sforzi fir-rigward tal-indipendenza sħiħa tal-ġudikatura u t-trattament ħażin, speċjalment fir-rigward tal-arrest preventiv u r-riabilitazzjoni tal-vittmi, ir-responsabilità għall-abbużi magħmula mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-investigazzjonijiet dwar abbużi li saru fil-passat minn uffiċjali tal-gvern, kif ukoll fir-rigward tal-minoranzi u d-drittijiet tan-nisa; jisħaq fuq ir-responsabilità tal-Gvern, skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jipproteġi lit-tfal kollha mill-vjolenza, u jitlob skrutinju tal-istituzzjonijiet kollha tal-karità għat-tfal;

jitlob li jkunu previsti dispożizzjonijiet għar-riabilitazzjoni tal-vittmi; għadu mħasseb dwar il-libertà tal-espressjoni u tal-mezzi tax-xandir u n-nuqqas ta’ aċċess mill-persuni inkarigati mill-monitoraġġ għar-reġjuni okkupati tal-Abkażja u r-reġjun ta’ Tskhinvali/l-Ossezja tan-Nofsinhar, fejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem għadu mifrux; jistieden ukoll lill-Gvern tal-Georgia jieħu miżuri xierqa bil-għan li jiżgura l-għoti ta’ segwitu lir-rakkomandazzjonijiet li saru fil-proċess tal-EPU;

Il-Libanu

62. Ifaħħar lil-Libanu għall-politika tal-fruntieri miftuħin u tal-akkoljenza li ilu jħaddan fir-rigward tar-rifuġjati mill-Palestina, mill-Iraq u mis-Sirja, jisħaq li l-pajjiż, fejn persuna minn erbgħa tal-popolazzjoni hija rifuġjat, għandu l-ogħla konċentrazzjoni per capita ta’ rifuġjati fid-dinja, u jistieden lill-UE talloka aktar riżorsi u tikkollabora aktar mill-qrib mal-awtoritajiet Libaniżi biex tgħin lill-pajjiż iżomm il-protezzjoni tad-drittijiet tar-rifuġjati u tal-persuni li jfittxu asil; jinsab imħasseb f’dan il-kuntest, dwar l-għadd sinifikanti rrappurtat ta’ każijiet ta’ żwieġ tat-tfal u/jew żwieġ furzat fost ir-rifuġjati Sirjani; iħeġġeġ lill-Gvern Libaniż jikkunsidra riforma tal-liġi li tirregola d-dħul, is-soġġorn u l-ħruġ mil-Libanu;

63. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), li jitolbu miżuri biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost il-ħaddiema domestiċi migranti nisa dwar id-drittijiet tal-bniedem tagħhom skont il-Konvenzjoni CEDAW, li l-Libanu huwa stat parti tagħha; jenfasizza b’mod partikolari l-bżonn li titneħħa s-’sistema Kafala’ u jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-ħaddiema domestiċi migranti nisa, anki billi jiġu garantiti s-sikurezza u r-residenza tagħhom matul il-proċeduri ġuridiċi u amministrattivi relatati mal-istatus tagħhom;

Il-Mauritania

64. Jisħaq fuq il-fatt li, filwaqt li sar progress min-naħa tal-Gvern tal-Mauritania fit-teħid ta’ miżuri leġiżlattivi bil-għan li jiġġieled kontra kull forma ta’ skjavitù u prattiki li jixbhu l-iskjavitù, in-nuqqas ta’ implimentazzjoni effikaċi jikkontribwixxi għall-persistenza ta’ tali prattiki; jistieden lill-awtoritajiet jippromulgaw liġi kontra l-iskjavitù, jagħtu bidu, fuq skala nazzjonali, għal ġbir sistematiku u regolari ta’ data diżaggregata dwar kull forma ta’ skjavitù u jwettqu studju bir-reqqa bbażat fuq provi dwar l-istorja u n-natura tal-iskjavitù bil-għan li din il-prattika tinqered;

65. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Mauritania jippermettu l-libertà tal-espressjoni u ta’ assoċjazzjoni, bi qbil mal-konvenzjonijiet internazzjonali u mad-dritt intern tal-Mauritania; jitlob ukoll li jinħelsu Biram Dah Abeid, Bilal Ramdane u Djiby Sow biex ikunu jistgħu jkomplu l-kampanja mhux vjolenti tagħhom kontra t-tkomplija tal-iskjavitù mingħajr biża’ ta’ fastidju jew intimidazzjoni;

Il-Myanmar

66. Jilqa’ l-fatt li saru elezzjonijiet kompetittivi fit-8 ta’ Novembru 2015, pass importanti lejn it-tranżizzjoni demokratika tal-pajjiż; jieħu nota pożittiva tal-espressjoni ta’ impenn min-naħa tal-eletturi tal-Myanmar favur it-tkomplija tad-demokratizzazzjoni tal-pajjiż; jinnota bi tħassib, madankollu, il-qafas kostituzzjonali għal dawn l-elezzjonijiet, li jirriserva 25 % tas-siġġijiet fil-parlament għall-militar; jirrikonoxxi l-progress li sar sa issa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jidentifika għadd ta’ oqsma li għadhom ta’ tħassib kbir, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi u l-libertà tal-espressjoni, assoċjazzjoni u għaqda paċifika;

67. Jikkundanna d-diskriminazzjoni serja u mifruxa fil-konfront tar-Rohingya, li hija aggravata mill-fatt li din il-komunità m’għandhiex status ġuridiku, u miż-żieda fl-inċitament għall-mibegħda kontra min mhuwiex Buddist; jitlob li jsiru investigazzjonijiet sħaħ, trasparenti u indipendenti dwar ir-rapporti kollha ta’ ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra r-Rohingya u huwa mħasseb dwar l-erba’ liġijiet adottati mill-parlament fl-2015 bil-għan tal-’protezzjoni tar-razza u r-reliġjon’, billi jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni fir-rigward tal-ġeneru; itenni t-talba tiegħu li l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem jingħata l-awtorizzazzjoni biex jistabbilixxi uffiċċju fil-pajjiż, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li dan għadu ma tħalliex jagħmel dan; jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-impatt tas-sostenibilità sħiħa qabel ma jiġu ffinalizzati n-negozjati dwar il-ftehim ta’ investiment UE-Myanmar;

In-Nepal

68. Jilqa' d-dħul fis-seħħ fl-20 ta' Settembru 2015 tal-kostituzzjoni l-ġdida tan-Nepal, li għandha tibni l-bażi għall-istabilità politika u l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż fil-futur; jittama li t-tħassib li fadal dwar ir-rappreżentanza politika tal-minoranzi, inklużi d-Dalits, u l-liġijiet dwar iċ-ċittadinanza se jiġi indirizzat fil-futur qrib;

69. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas mifrux ta' responsabilità għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa miż-żewġ naħat matul il-gwerra ċivili, minkejja l-adozzjoni f'Mejju 2014 tal-Att dwar il-Verità, ir-Rikonċiljazzjoni u l-Għajbien; iħeġġeġ lill-Gvern tan-Nepal jaderixxi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat; jikkundanna l-limitazzjonijiet li tqiegħdu fuq il-libertajiet fundamentali tar-rifuġjati Tibetani; iħeġġeġ lill-Indja tneħħi l-imblokk mhux uffiċjali tagħha fuq l-ekonomija tan-Nepal li, flimkien mat-terremot devastanti ta' April 2015, qed jikkawża kriżi umanitarja u jwassal biex madwar miljun Nepaliż ieħor jgħixu f'sitwazzjoni staġnata ta' faqar;

L-Oman

70. Ifaħħar lill-Oman għall-istabbiliment tal-Kummissjoni Nazzjonali governattiva dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (NHRC) u għall-istedina li ppermettiet iż-żjara bla preċedent tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Dritt għall-Għaqda Paċifika f'Settembru 2014; jesprimi t-tama li dawn il-passi kostruttivi jwasslu għal involviment aktar intensiv mill-Oman mar-rappreżentanti tan-NU għad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem;

71. Iħeġġeġ lill-Oman jieħu l-passi meħtieġa biex itaffi dak li r-Rapporteur Speċjali tan-NU ddeskriva bħala sitwazzjoni mifruxa ta' biża' u intimidazzjoni fil-pajjiż; għadu mħasseb dwar il-projbizzjoni tal-partiti politiċi kollha, u jistieden lill-Gvern jikkunsidraha mill-ġdid; jistieden lill-Istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE joffru assistenza teknika u legali biex jgħinu lill-Oman joħloq ambjent sikur u abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Ir-Rwanda

72. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Rwanda, inklużi r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni, it-tiċkin tal-ispazju demokratiku għall-partiti politiċi fl-oppożizzjoni u l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili indipendenti, u n-nuqqas ta' ambjent li jwassal għall-indipendenza tal-ġudikatura; jistieden lill-Gvern tar-Rwanda jiftaħ spazju demokratiku fejn l-oqsma kollha tas-soċjetà jistgħu joperaw liberament;

73. Jinsab imħasseb dwar il-bidla kostituzzjonali proposta bil-għan li l-President fil-kariga jkun jista' jikkontesta għat-tielet mandat; jitlob lill-Gvern tar-Rwanda jirrispetta l-Karta Afrikana tad-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza;

Is-Sudan t'Isfel

74. Jilqa' l-Ftehim ta' Paċi ffirmat mill-partijiet fil-kunflitt fit-28 ta' Awwissu 2015 biex tintemm il-gwerra ċivili, li jinkludi kondiviżjoni tranżizzjonali tas-setgħa, arranġamenti tas-sigurtà u l-ħolqien ta' qorti ibrida biex tipproċessa d-delitti kollha li twettqu mindu beda l-kunflitt; ifakkar li l-kunflitt ħasad il-ħajja ta' eluf ta' nies u kkawża l-ispostament ta' mijiet ta' eluf ta' persuni u rifuġjati;

75. Jistieden lill-partijiet kollha biex joqogħdu lura milli jwettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali, inkluż dak li jikkostitwixxi delitt internazzjonali, bħal pereżempju l-qtil extraġudizzjarju, il-vjolenza mmirata etnikament, il-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti, inkluż l-istupru, kif ukoll il-vjolenza bbażata fuq is-sessi, ir-reklutaġġ u l-użu tat-tfal, l-għajbien sfurzat u l-arresti u d-detenzjoni arbitrarji;

76. Jilqa' r-riżoluzzjoni tal-UNHRC ta' Ġunju 2015 u l-fatt li ntbagħtet missjoni tal-OHCHR biex timmonitorja u tirrapporta dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan t'Isfel; Jistieden lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem jappoġġja l-ħatra ta' Rapporteur Speċjali dwar is-Sudan t'Isfel b'mandat li jimmonitorja u jirrapporta pubblikament dwar il-ksur, jassisti lill-gvern fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li għandhom isiru mill-missjoni tal-OHCHR, u jagħmel rakkomandazzjonijiet biex tinkiseb responsabilità effikaċi;

Il-Venezwela

77. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar s-sitwazzjoni terribbli tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż bħala riżultat tad-deterjorament tal-klima ekonomika, politika u soċjali f'dawn l-aħħar snin; itenni li l-libertà ta' espressjoni, ġudikatura indipendenti u l-Istat tad-dritt huma komponenti fundamentali ta' kwalunkwe soċjetà demokratika; jistieden lill-awtoritajiet tal-Venezwela jeħilsu minnufih lill-mexxejja tal-oppożizzjoni u lid-dimostranti paċifiċi kollha detenuti arbitrarjament talli eżerċitaw id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u d-drittijiet fundamentali tagħhom;

78. Jilqa' l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet tas-6 ta' Diċembru 2015 u l-istabbiliment tal-Assemblea Nazzjonali l-ġdida; jikkundanna kwalunkwe tentattiv intiż li jimmina l-osservanza totali tar-riżultati elettorali li jesprimu r-rieda tal-poplu Venezwelan, bħas-sospensjoni ta' ċerti membri eletti demokratikament; ifakkar li l-gvern il-ġdid se jkollu jindirizza firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-impunità u r-responsabilità għall-qtil extraġudizzjajru, l-arrest u d-detenzjoni arbitrarji, il-proċess ġust, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-għaqda u ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-mezzi tax-xandir; jisħaq li s-sħubija tal-Venezwela mal-UNHRC għal perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2016 iġġib magħha responsabilità speċjali li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem;

Is-Sirja

79. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' sigurtà u s-sitwazzjoni umanitarja drammatiċi fis-Sirja; jenfasizza l-importanza tal-ħidma li saret mill-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar is-Sirja; jikkundanna t-tqegħid fil-mira tal-popolazzjoni ċivili, l-attakki indiskriminati u sproporzjonati, l-attakki fuq il-popolazzjoni ċivili u fuq l-oġġetti ta' wirt kulturali protetti, u l-impożizzjoni punittiva ta' assedji u imblokki; jenfasizza l-ħtieġa li jingħataw attenzjoni speċjali u appoġġ lill-vittmi ta' vjolenza nisa, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-għajnuna umanitarja u r-riżoluzzjoni tal-kunflitt; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li l-kummissjoni ta' inkjesta tkun iffinanzjata b'mod adegwat biex twettaq il-mandat tagħha, li jikkonsisti fl-istabbiliment tal-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' kull ksur serju mwettaq tad-drittijiet tal-bniedem, u fejn possibbli tidentifika lil dawk responsabbli bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-awturi ta' ksur, inkluż ksur li jista' jikkostitwixxi delitti kontra l-umanità, jinżammu responsabbli, fosthom billi jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali;

80. Itenni l-konvinzjoni tiegħu li soluzzjoni sostenibbli għall-kriżi fis-Sirja tista' tinkiseb biss permezz ta' soluzzjoni politika inklużiva, li twassal għal tranżizzjoni politika ġenwina li tissodisfa l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-poplu Sirjan u tippermettilhom jiddeterminaw il-futur tagħhom stess b'mod indipendenti u demokratiku; jilqa' d-dikjarazzjoni finali tat-30 ta' Ottubru 2015 dwar ir-riżultati tad-diskussjonijiet dwar is-Sirja li saru fi Vjenna; jilqa' l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fit-18 ta' Diċembru 2015;

81. Jinsab allarmat dwar il-prosekuzzjoni ta' minoranzi reliġjużi u etniċi fis-Sirja, li huma mġiegħla jikkonvertu u jagħtu omaġġ, u li qed jiġu attakkati, midruba, mibjugħa bħala skjavi u jitneħħewlhom l-organi purament minħabba l-fidi tagħhom;

Il-Burundi

82. Jesprimi tħassib kbir dwar l-attakki mmirati fuq difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u l-membri tal-familji tagħhom; jikkundanna b'qawwa l-vjolenza politika, l-eżekuzzjonijiet sommarji u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Burundi jtemmu dan il-ksur u dawn l-abbużi bħala kwistjoni ta' prijorità u ta' importanza fundamentali, u jwettqu investigazzjonijiet imparzjali u indipendenti bil-għan li dawk responsabbli jitressqu l-qorti u li l-vittmi jingħataw rimedju;

83. Jibqa' mħasseb ħafna dwar l-impatt umanitarju tal-kriżi fuq il-popolazzjoni ċivili fil-pajjiż u fir-reġjun kollu kemm hu; jitlob lill-UE tkompli taħdem lejn eżitu kunsenswali bejn il-gvern u l-oppożizzjoni bil-għan li tiġi stabbilita mill-ġdid sistema politika demokratika u inklużiva;

84. Jilqa' l-fatt li fis-17 ta' Diċembru 2015 saret Sessjoni Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-prevenzjoni tad-deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burundi, iżda jiddispjaċih li din damet biex saret; jappella biex jitħaffef l-istazzjonar tal-missjoni ta' esperti indipendenti, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Burundi jikkooperaw bis-sħiħ ma' din il-missjoni;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

L-Arabja Sawdija

85. Għadu mħasseb profondament dwar il-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; jinsab imħasseb serjament dwar ir-rata allarmanti ta' sentenzi tal-qorti li ordnaw u applikaw il-piena tal-mewt fl-Arabja Sawdija fl-2015; jiddeplora l-eżekuzzjonijiet tal-massa li saru f'dawn l-aħħar ġimgħat; jistieden lill-Arabja Sawdija timponi moratorju fuq il-piena tal-mewt;

86. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jeħilsu lil dawk kollha li qegħdin il-ħabs minħabba t-twemmin tagħhom, inkluż ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov 2015, Raif Badawi; jitlob lill-UE ssegwi mill-qrib il-każ speċifiku tiegħu;

87. Itenni li l-membri tal-UNHRC għandhom ikunu eletti minn fost l-istati li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, li attwalment mhuwiex il-każ fl-Arabja Sawdija; jistieden lill-awtoritajiet Sawdin jikkooperaw bis-sħiħ mal-Proċeduri Speċjali tal-UNHRC u l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem;

Il-Belarussja

88. Jilqa' l-ħelsien tal-priġunieri politiċi li kien għad fadal f'Awwissu 2015 u jistieden lill-Gvern tal-Belarussja jirriabilita lill-priġunieri politiċi meħlusin u jerġgħu jkollhom id-drittijiet ċiviċi u politiċi totali tagħhom; jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar ir-restrizzjonijiet kontinwi fuq il-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika; jikkundanna l-intimidazzjoni fil-konfront ta' ġurnalisti indipendenti u tal-oppożizzjoni u l-intimidazzjoni u d-detenzjoni ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Belarussja tingħaqad mal-moratorju globali fuq l-eżekuzzjoni tal-piena ta' mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni permanenti tagħha; Jistieden lill-gvern jikkoopera bis-sħiħ mar-Rapporteur Speċjali u jimpenja ruħu li jwettaq riformi biex iħares id-drittijiet tal-bniedem, fosthom billi jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet li saru mir-Rapporteur Speċjali u mekkaniżmi oħra għad-drittijiet tal-bniedem;

Il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani

89. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-VP/RGħ u tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani adottati fit-18 ta' Jannar 2016; jaqbel bis-sħiħ mal-Kunsill li l-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem min-naħa ta' kulħadd, inkluża r-responsabilità, huwa fundamentali għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun, u li l-insedjamenti tal-Iżrael huma illegali skont id-dritt internazzjonali u jimminaw il-vijabilità tas-soluzzjoni ta' żewġ stati; jiddispjaċih ħafna dwar ir-riżenja tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-territorji Palestinjani, Makarim Wibisono;

o

o o

90. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tad-69 Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u lis-Segretarju Ġenerali tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0021

Attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet 2014

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar ir-Rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet 2014 (2014/2218(INI))

(2018/C 011/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-importanza tad-dritt ta' petizzjoni u l-utilità li l-Parlament ikun immedjatament informat bit-tħassib speċifiku taċ-ċittadini u r-residenti Ewropej, kif previst fl-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-TFUE fir-rigward tal-proċedura ta' ksur, partikolarment l-Artikoli 258 u 260,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 52, 215, 216(8), 217 u 218 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0361/2015),

A. billi fl-2014 tressqu 2 714-il petizzjoni, li jirrappreżenta tnaqqis ta' madwar 6 % fir-rigward tal-2013, li fiha l-Parlament irċieva 2 885 petizzjoni; billi 790 petizzjoni ġew ikkunsidrati ammissibbli u ngħataw segwitu; billi 1 070 petizzjoni ġew ikkunsidrati inammissibbli; billi 817-il petizzjoni kienu ammissibbli u ngħalqu; billi 37 petizzjoni kellhom rakkomandazzjoni li ġiet ikkontestata; billi dawn iċ-ċifri jammontaw għal kważi d-doppju tal-petizzjonijiet li waslu fl-2009; billi ma kien hemm ebda żieda proporzjonata fl-għadd ta' impjegati taċ-ċivil li għandhom il-kompitu li jipproċessaw dawn il-petizzjonijiet;

B. billi l-għan tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet hu li jippreżenta analiżi tal-petizzjonijiet li waslu fl-2014 kif ukoll li jiddiskuti l-possibilità ta' titjib fil-proċeduri u fir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra;

C. billi l-għadd ta' petizzjonijiet irċevuti huwa modest fir-rigward tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni Ewropea, u dan jindika li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-UE għadhom ma jafux dwar id-dritt ta' petizzjoni jew dwar l-utilità possibbli tiegħu bħala mezz biex tinġibed l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għall-kwistjonijiet li huma ta' tħassib għalihom u li jaffettwahom; billi, minkejja li xi ċittadini tal-UE huma konxji mill-proċess tal-petizzjoni, għad hemm konfużjoni kbira dwar il-qasam tal-attivitajiet tal-UE, kif muri min-numru għoli ta' petizzjonijiet inammissibbli li tressqu (39,4 %);

D. billi trattament xieraq ta' petizzjonijiet matul il-proċess kollu huwa kruċjali biex jiġi żgurat rikonoxximent li d-dritt ta' petizzjoni jiġi rrispettat; billi l-petizzjonanti għandhom it-tendenza li jkunu ċittadini impenjati għat-titjib, u għall-benesseri ġejjieni, tas-soċjetajiet tagħna; billi l-esperjenza ta' dawn iċ-ċittadini fir-rigward ta' kif jiġu ttrattati l-petizzjonijiet tagħhom tista' tiddetermina l-opinjoni futura tagħhom dwar il-proġett Ewropew;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

E. billi 1 887 petizzjoni, li minnhom 1 070 kienu inammissibbli, ingħalqu fl-2014; billi huma biss 29,1 % tal-petizzjonijiet li ġew dikjarati ammissibbli u segwiti, 39,4 % li ġew dikjarati inammissibbli, u 30,1 % li ġew dikjarati ammissibbli u magħluqa b'mod dirett;

F. billi ċ-ċittadini tal-Unjoni huma direttament rappreżentati mill-Parlament Ewropew, l-unika istituzzjoni tal-Unjoni eletta minnhom stess; billi d-dritt ta' petizzjoni joffrilhom il-mezzi biex jiġbdu l-attenzjoni tar-rappreżentanti eletti minnhom;

G. billi ċ-ċittadini tal-UE, u l-kultura ta' servizz f'isimhom, għandhom dejjem ikollhom prijorità fil-ħidma tal-Parlament u, b'mod partikulari, tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, qabel kull kunsiderazzjoni oħra jew kriterji ta' effiċjenza; billi l-livell attwali tar-riżorsi umani disponibbli fi ħdan l-unità għall-petizzjonijiet ipoġġi f'riskju l-ksib ta' dawn il-prinċipji fundamentali;

H. billi, jekk jiġi għalkollox irrispettat fl-essenza tiegħu, id-dritt ta' petizzjoni jista' jsaħħaħ ir-reazzjoni tal-Parlament għaċ-ċittadini u r-residenti tal-UE, jekk ikun hemm mekkaniżmu miftuħ, demokratiku, inklużiv u trasparenti fl-istadji kollha tal-proċedura tal-petizzjonijiet, bl-għan li jiġu solvuti problemi relatati primarjament mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE;

I. billi d-dritt ta' petizzjoni huwa element kruċjali għad-demokrazija parteċipattiva;

J. billi d-dritt li titressaq petizzjoni għandu l-għan, flimkien mal-Ombudsman Ewropew, li jittratta l-amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE jew l-istituzzjonijiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE;

K. billi l-petizzjonijiet jipprovdu indikazzjonijiet prezzjużi lil-leġiżlaturi u lill-korpi eżekuttivi kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, b'mod partikolari dwar il-lakuni possibbli fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE; billi l-petizzjonijiet jistgħu jkunu twissija bikrija għall-Istati Membri li għadhom lura fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE;

L. billi l-petizzjonijiet li ġew indirizzati lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet kienu spiss utli immens u b'kontributi diretti għal kumitati responsabbli oħra tal-Parlament fix-xogħlijiet leġiżlattivi fl-oqsma rispettivi tagħhom;

M. billi l-iżgurar tar-rispett għad-dritt fundamentali għal petizzjoni mhuwiex biss ir-responsabilità tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, iżda pjuttost għandu jkun sforz komuni tal-kumitati kollha tal-Parlament, kif ukoll tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE; billi ebda petizzjoni m'għandha tingħalaq sakemm ikunu għadhom mistennija l-kummenti mill-kumitati parlamentari l-oħrajn;

N. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jistinka biex jagħmel użu akbar tal-prerogattivi tiegħu, u tal-għodod ġenerali u speċifiċi tiegħu bħala kumitat, bħal mistoqsijiet orali u riżoluzzjonijiet qosra, sabiex tingħata viżibilità, fuq il-bażi tal-petizzjonijiet li jkunu waslu, lil kwistjonijiet differenti ta' tħassib għaċ-ċittadini u r-residenti tal-UE, billi jinġiebu quddiem il-plenarja ta' dan il-Parlament;

O. Billi kull petizzjoni trid tiġi evalwata u trattata bir-reqqa, b'mod effiċjenti, fil-pront, b'mod trasparenti u individwalment, b'mod li jippreserva d-drittijiet parteċipattivi tal-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; billi kull petizzjonant għandu jirċievi tweġiba, f'perjodu qasir ta' żmien, fejn jiġu indikati jew ir-raġunijiet għall-għeluq tal-petizzjoni jew il-miżuri ta' segwitu, eżekuzzjoni u monitoraġġ meħuda; billi koordinazzjoni istituzzjonali aħjar mal-istituzzjonijiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali hija essenzjali biex il-kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonijiet jiġu indirizzati fil-pront;

P. billi l-ipproċessar effiċjenti u rapidu tal-petizzjonijiet irid ikun iggarantit anki waqt it-tranżizzjoni bejn leġiżlaturi differenti u t-tibdil fil-persunal li dawn iġibu magħhom;

Q. billi huwa primarjament fl-interess ta' petizzjonijiet ammissibbli u fondati li l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet ma tittaqqalx b'ipproċessar imtawwal inutilment ta' petizzjonijiet inammissibbli jew infondati.

R. billi petizzjonant għandu jiġi infurmat kif xieraq dwar ir-raġunijiet għaliex petizzjoni tiġi ddikjarata inammissibbli;

S. billi l-petizzjonijiet huma diskussi f'laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u li l-petizzjonanti jistgħu jipparteċipaw f'dawn id-diskussjonijiet, u għandhom id-dritt li jressqu l-petizzjonijiet tagħhom flimkien ma' aktar informazzjoni dettaljata u jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għax-xogħol tal-kumitat, bl-għoti ta' informazzjoni addizzjonali lill-membri tiegħu, lill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jistgħu jkunu preżenti; billi fl-2014 attendew 127 petizzjonant għad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat u kienu involuti fihom; billi dan il-proporzjon ta' parteċipazzjoni diretta għadu relattivament baxx u jista' jibbenefika minn żieda, inkluż bl-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod u permezz ta' ppjanar li jippermetti li l-petizzjonanti jorganizzaw aħjar il-wasla tagħhom fil-kumitat;

T. billi f'ħafna okkażjonijiet wara d-dibattitu pubbliku fil-laqgħat tal-kumitat, il-petizzjonijiet jinżammu miftuħin, ikun imbassar segwitu ulterjuri u jkun mistenni aktar feedback, jiġifieri mistoqsijiet addizzjonali mill-Kummissjoni jew mill-kumitati parlamentari jew skambju konkret mal-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali kkonċernati;

U. billi huwa meħtieġ aktar ħin għal-laqgħat sabiex tkun tista' tiġi diskussa firxa wiesgħa ta' suġġetti u tiġi żgurata l-kwalità ta' kull dibattitu; billi laqgħat tal-koordinaturi tal-gruppi politiċi huma kruċjali biex jiġu żgurati l-ippjanar u t-tmexxija bla xkiel tal-ħidma tal-Kumitat, u għalhekk għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex jippermettu teħid tad-deċiżjonijiet demokratiku;

V. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta bil-miktub mill-petizzjonanti u l-kontributi orali u awdjoviżivi tagħhom fil-laqgħat, supplementati b'kompetenza esperta pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Istati Membri, mill-Ombudsman u minn korpi politiċi rappreżentattivi oħra;

W. billi t-tħassib tal-petizzjonanti għandu jiġi indirizzat bir-reqqa matul il-proċess tal-petizzjoni; billi dan il-proċess jista' jeħtieġ stadji differenti, inklużi bosta sessjonijiet ta' feedback mill-petizzjonant u mill-istituzzjonijiet Ewropej u awtoritajiet nazzjonali kkonċernati;

X. billi l-kriterji stabbiliti għall-ammissibilità tal-petizzjonijiet, skont it-Trattat u r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, jeħtieġu li l-petizzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà formali (l-Artikolu 215 tar-Regoli ta' Proċedura), jiġifieri li petizzjoni għandha tikkonċerna kwistjoni li taqa' taħt l-oqsma tal-attività tal-Unjoni u li taffettwa b'mod dirett lill-petizzjonant, li għandu jkun ċittadin jew resident tal-Unjoni; billi, b'riżultat ta' dan, numru ta' petizzjonijiet riċevuti jiġu ddikjarati inammissibbli minħabba li ma jikkorrispondux għal dawn il-kriterji formali; billi d-deċiżjoni dwar l-ammissibilità tikkorrispondi ma' dawn il-kriterji legali u tekniċi, u m'għandhiex tiġi ddeterminata minn deċiżjonijiet politiċi; billi l-portal tal-Internet tal-petizzjonijiet għandu jkun għodda effettiva fl-għoti tal-informazzjoni u l-gwida meħtieġa lill-petizzjonanti fir-rigward tal-kriterji ta' ammissibbiltà;

Y. billi issa ġie adottat mod ta' trattament speċifiku fir-rigward tal-petizzjonijiet li jikkonċernaw it-tfal, billi ġie rikonoxxut li kull dewmien f'dawn il-fajls ifisser dannu partikolarment profond għall-persuni kkonċernati;

Z. billi permezz tal-użu ta' petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jissorveljaw it-tfassil u l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE; billi dan jippermetti li ċ-ċittadini tal-UE jaġixxu bħala sors utli ta' informazzjoni dwar talbiet fir-rigward ta', u l-ksur tad-dritt tal-UE, billi dan tal-aħħar huwa ta' rilevanza partikolari għal kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ambjent, is-suq intern, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-settur tas-servizzi finanzjarji;

AA. billi s-sottomissjoni ta' petizzjoni spiss issir fl-istess ħin mal-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni Ewropea li tista' tipprova tibda proċedura ta' ksur jew azzjoni għal nuqqas ta' aġir; billi l-istatistiċi (ara t-23 Rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (COM(2006)0416)) juru li kwart, jew saħansitra terz, tal-petizzjonijiet u l-ilmenti pproċessati kienu marbutin ma' proċeduri ta' ksur jew wasslu għal tali proċeduri; billi l-involviment tal-Parlament f'dawn il-proċeduri ta' petizzjoni jippermetti skrutinju akbar fuq il-ħidma investigattiva tal-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE; billi l-ebda petizzjoni mgħandha tingħalaq filwaqt li tkun qed tiġi investigata mill-Kummissjoni;

AB. billi l-kwistjonijiet ewlenin ta' tħassib imqajma fil-petizzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħal pereżempju leġiżlazzjoni ambjentali (b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma u l-iskart, it-tiftix u l-estrazzjoni tal-idrokarburi, u proġetti tal-infrastruttura u l-iżvilupp), id-drittijiet fundamentali (b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal u tal-persuni b'diżabilità, ta' rilevanza partikolari peress li sa kwart tal-elettorat tal-UE ibati minn xi livell ta' diffikultà jew diżabilità), il-moviment liberu ta' persuni, id-diskriminazzjoni, l-immigrazzjoni, l-impjiegi, in-negozjati dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP), il-benesseri tal-annimali, l-applikazzjoni tal-ġustizzja, u l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità;

AC. billi l-portal tal-Internet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tnieda fid-19 ta' Novembru 2014, b'dewmien ta' sena, biex tiġi sostitwita l-pjattaforma elettronika għat-tressiq tal-petizzjonijiet li qabel kienet disponibbli fuq il-portal Europarl, u kien maħsub biex jippromwovi d-dritt ta' petizzjoni u jtejjeb il-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja tal-UE; billi dan il-portal, li għadu mhuwiex kompletament operattiv, ġie mfassal biex jipprovdi soluzzjoni integrata li tkopri l-ħtiġijiet speċifiċi tal-proċess tal-petizzjoni, biex iċ-ċittadini tal-UE li jixtiequ jressqu petizzjoni jkollhom għodda fuq l-internet aktar adattata għall-ħtiġijiet tagħhom, b'segwitu f'ħin reali tal-istadji varji tal-petizzjonijiet tagħhom; billi bosta nuqqasijiet ġew identifikati, speċjalment fir-rigward tal-funzjoni ta' tiftix, li jipperikolaw ir-rwol tal-portal bħala reġistru pubbliku ta' petizzjonijiet, u billi t-tieni fażi, immirata li ssolvi l-lakuni eżistenti kollha, kellha tkun diġà ġiet konkluża; billi dan jista' jikkontribwixxi sabiex jitjiebu s-servizz u l-viżibilità lejn iċ-ċittadini u l-membri tal-Kumitat, u se jservi bħala reġistru elettroniku (previst fl-Artikolu 216(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament) li permezz tiegħu ċ-ċittadini jistgħu jressqu u jibqgħu aġġornati dwar petizzjonijiet, u jżidu l-firma elettronika tagħhom mal-petizzjonijiet tagħhom stess; billi dan il-portal il-ġdid huwa maħsub sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-interattività tal-proċedura ta' petizzjoni filwaqt li tiġi żgurata effiċjenza amministrattiva aħjar, fl-interess tal-petizzjonanti, tal-membri u tal-pubbliku ġenerali; billi l-portal tal-internet għandu jkun l-għodda li permezz tagħha tista' tiżdied it-trasparenza fil-proċess ta' petizzjoni, jittejjeb l-aċċess tal-petizzjonanti għal informazzjoni u biex iċ-ċittadini jiġu sensitizzati b'rabta mal-kapaċità u l-possibilitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex ikunu jistgħu jiksbu kumpens għas-sitwazzjoni tagħhom; jenfasizza li l-użu ta' teknoloġija ġdida tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għandu jiżdied u jiġi stimulat aktar sabiex il-ħidma tal-Kumitat tinġieb eqreb taċ-ċittadini;

AD. billi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) hija għodda importanti li tippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw fil-proċessi politiċi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u l-potenzjal tagħha għandha tiġi sfruttata bis-sħiħ; billi, sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati f'termini tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, dan l-istrument għandu jiġi mtejjeb aktar, il-livelli tiegħu ta' rappreżentanza — u l-aspetti prattiċi tiegħu — imsaħħa, u għandu jkun rispettat bis-sħiħ u implementat mill-istituzzjonijiet Ewropej (b'mod partikolari l-Kummissjoni);

AE. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikompli jinteressa ruħu mill-qrib fl-applikazzjoni tar-regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, u li dan huwa konxju mill-bżonn għal regolament ġdid biex jinqerdu l-bosta nuqqasijiet, ostakli u dgħufijiet tiegħu, u n-natura daqshekk oneruża tal-qafas ġuridiku eżistenti u l-mekkaniżmi meħtieġa biex jitnedew u jiġu segwiti l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej, b'mod partikolari f'termini tal-ġbir attwali tal-firem;

AF. billi, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, fl-1 ta' April 2012, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet iqis li huwa neċessarju li tiġi evalwata l-implimentazzjoni tiegħu sabiex jinstabu lakuni possibbli u jiġu proposti soluzzjonijiet sostenibbli għar-reviżjoni rapida tiegħu sabiex titjieb l-implimentazzjoni tiegħu;

AG. billi l-organizzazzjoni tas-seduti pubbliċi għall-inizjattivi li rnexxew kienu suċċess u billi l-implikazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet bħala kumitat assoċjat fis-seduti tal-ECI ġew apprezzati ħafna mill-Membri kif ukoll mis-soċjetà ċivili; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jappoġġja dan il-proċess u jqiegħed l-esperjenza twila tiegħu maċ-ċittadini biex dan l-objettiv jintlaħaq; billi għandu jkun mistenni segwitu konkret mill-Kummissjoni għal kwalunkwe ECI ta' suċċess;

AH. billi wieħed għandu jinnota li minħabba l-piż tax-xogħol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-ħtieġa li jissaħħu r-riżorsi umani tas-Segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, ma saret l-ebda missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni għall-petizzjonijiet li għalihom saret investigazzjoni fl-2014; billi missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni flimkien ma' petizzjonijiet xierqa ser jitwettqu fil-futur;

AI. billi l-ammont normali ta' missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni għandu jitkompla fl-2016, peress li dawn huma prerogattiva speċifika tal-Kumitat u parti fundamentali mill-ħidma tiegħu, li tinkludi l-interazzjoni maċ-ċittadini u mal-awtoritajiet fl-Istati Membri kkonċernati; billi l-membri ta' dawn id-delegazzjonijiet jieħdu sehem fl-attivitajiet kollha relatati tiegħu, inkluż ir-rappurtar, b'importanza ndaqs;

AJ. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu responsabilitajiet fir-rigward tal-Ombudsman Ewropew, li hu responsabbli mill-investigazzjoni ta' lmenti minn ċittadini tal-Unjoni dwar il-possibilità ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, u li dwarhom joħroġ ukoll rapport annwali, ibbażat fuq ir-Rapport Annwali proprju tal-Ombudsman Ewropew; billi fl-2014, il-Kumitat ipparteċipa b'mod attiv u dirett fl-organizzazzjoni tal-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew fir-rigward tal-Artikolu 204 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; billi Emily O'Reilly reġgħet ġiet eletta bħala Ombudsman għal mandat ta' ħames snin b'elezzjoni f'Diċembru 2014 li kienet twettqet b'mod effiċjenti u trasparenti;

AK. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, li jinkludi wkoll xi kumitati għall-petizzjonijiet ta' parlamenti nazzjonali, fejn dawn jeżistu, u billi jidher li għandu jiġi enfasizzat li huwa importanti li l-parlamenti tal-Istati Membri jaħtru kumitati għall-petizzjonijiet, isaħħuhom fejn jeżistu diġà, u li titjieb il-kooperazzjoni ta' bejniethom;

1. Jenfasizza l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li tippermetti ċerta parteċipazzjoni miċ-ċittadini u r-residenti tal-UE fid-difiża u l-promozzjoni tad-drittijiet tagħhom u fil-kontroll tal-applikazzjoni korretta tar-regolamenti tal-Unjoni billi bil-petizzjonijiet tagħhom jista' jsir magħruf it-tħassib taċ-ċittadini għat-tfittxija ta' soluzzjonijiet għall-ilmenti leġittimi tagħhom fi żmien raġonevoli; jindika li petizzjonijiet ammissibbli għandhom jiġu diskussi mill-Kumitat minn disa' xhur wara li petizzjoni tiġi ppreżentata; itenni li koordinazzjoni istituzzjonali aħjar mal-istituzzjonijiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali, kif ukoll ma' korpi oħrajn, hija essenzjali biex jiġu indirizzati fil-pront il-kwistjonijiet li jitqajmu fil-petizzjonijiet;

2. Jenfasizza li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (bħala punt ta' kuntatt għaċ-ċittadini), l-Ombudsman Ewropew u l-ECI flimkien jikkostitwixxu ġabra ta' għodod bażiċi għal involviment politiku akbar għaċ-ċittadini, li għalihom irid jiġi żgurat aċċess trasparenti u xieraq kif ukoll tmexxija mingħajr xkiel; jenfasizza li r-responsabilità li għandhom fil-promozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea u t-tisħiħ tal-viżibilità u l-kredibilità tal-istituzzjonijiet tal-UE; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu iktar inkonsiderazzjoni l-ħidma tal-Ombudsman Ewropew; jappella għal mekkaniżmi addizzjonali biex jiġi żgurat l-involviment dirett taċ-ċittadini fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej;

3. Jenfasizza li l-kooperazzjoni msaħħa mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar kwistjonijiet marbutin mal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE hija indispensabbli fl-għan ta' ħidma għat-taqrib lejn iċ-ċittadini u r-rinfurzar tal-leġittimità demokratika u r-responsabilità fil-proċess tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew; jinnota li l-kooperazzjoni hija mtejba mill-iskambju proattiv tal-informazzjoni fil-livelli istituzzjonali kollha u li dan huwa ċentrali sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li tqajmu mill-petizzjonanti; jiddispjaċih li f'ċerti każijiet, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali ma jirreaġixxux għat-talbiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

4. Iwissi dwar l-akkumulazzjoni persistenti fl-ipproċessar tal-petizzjonijiet, li huwa dovut għar-restrizzjoni f'termini ta' riżorsi umani disponibbli fi ħdan is-Segretarjat tal-Kumitat, li min-naħa tagħha għandha impatt ċar fuq iż-żmien disponibbli għall-ipproċessar tal-petizzjonijiet, kif ukoll, b'mod partikolari, biex tiġi determinata l-ammissibilità tagħhom; iqis li dan id-dewmien mhuwiex aċċettabbli jekk hemm l-għan tal-eċċellenza fis-servizz, u li mhux biss ifixkel id-dritt effettiv għall-petizzjoni, iżda jagħmel ħsara lill-kredibilità tal-istituzzjonijiet Ewropej f'għajnejn iċ-ċittadini kkonċernati; iħeġġeġ lill-istanzi politiċi u amministrattivi responsabbli tal-Parlament, f'kooperazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits, biex isibu soluzzjoni xierqa sabiex jiġi żgurat li l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tkun tista' żżomm mal-ispirtu tat-Trattati;

5. Jenfasizza in-neċessità li fil-konfront tal-petizzjonant trid tkun ġustifikata bir-reqqa l-inammissibilità jew l-għeluq tal-petizzjoni minħabba infondatezza;

6. Jistieden lill-Kummitat għall-Petizzjonijiet u, jekk hemm bżonn, lill-kumitati tal-Parlament li huma kompetenti biex jemendaw ir-Regoli ta' Proċedura, sabiex jistrutturaw b'iktar ċarezza d-distinzjoni bejn il-kriterji ta' ammissibilità u ta' determinazzjoni tal-fondatezza, u r-regoli għad-determinazzjoni ta' ammissibilità, kif ukoll bejn iż-żamma miftuħa u l-għeluq ta' petizzjoni, u jagħmlu din l-istruttura viżibbli lil petizzjonanti potenzjali;

7. Jenfasizza r-rwol sinifikanti tal-Kummissjoni fl-għajnuna għal każijiet li tqajmu mill-petizzjonanti, u jistedinha tissorvelja, b'mod proattiv u fil-ħin, ċerti proġetti rrappurtati mill-petizzjonanti fejn il-liġi tal-UE tkun ġiet, jew tista' fil-futur tiġi miksura, permezz tal-implimentazzjoni ta' ppjanar uffiċjali; jistieden lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, sabiex tirrimedja tali każijiet ta' traspożizzjoni mhux korretta, jew in-nuqqas tagħha, tad-dritt tal-Unjoni ddenunzjata minn bosta petizzjonijiet ippreżentati lill-Parlament; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex f'dan ir-rigward tagħmel użu, b'mod iktar assertiv, mill-introduzzjoni ta' proċeduri ta' ksur; jenfasizza li trid tkun miġġielda l-perċezzjoni li Stati Membri kbar jittieħdu iktar inkunsiderazzjoni fl-introduzzjoni tal-proċeduri ta' ksur; jitlob lill-Kummissjoni tinforma fuq bażi regolari lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-iżvilupp u r-riżultati konkreti tal-proċeduri ta' ksur marbuta direttament ma' petizzjoni partikolari;

8. Jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha bis-sħiħ fil-proċess tal-petizzjonijiet, billi tmexxi inkjesti bir-reqqa fil-każijiet ammissibbli mressqa lill-istanzi tagħha, u biex fl-aħħar tipprovdi tweġibiet bil-miktub preċiżi u aġġornati lill-petizzjonanti fil-ħin; jistenna li dawn it-tweġibiet jiġu żviluppati aktar fid-dibattiti orali dwar dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħat pubbliċi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; iqis li għall-iskop tal-kredibilità istituzzjonali, il-Kummissjoni għandha tkun rappreżentata f'dawn id-dibattiti minn uffiċjal ta' grad xieraq; iqis li, bħala gwardjan tat-Trattati, il-Kummissjoni għandha tittratta b'mod aktar sħiħ is-sustanza tal-każijiet, waqt li tqis l-ispirtu aħħari tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;

9. Jitlob li, f'isem it-trasparenza u fl-ispirtu tal-kooperazzjoni ġusta bejn l-istituzzjonijiet differenti tal-UE, il-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għad-dokumenti bl-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-proċeduri Pilota tal-UE, b'mod partikolari fil-każijiet relatati mal-petizzjonijiet riċevuti, inklużi l-iskambji ta' mistoqsijiet u tweġibiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati, tal-inqas meta tkun ġiet konkluża l-proċedura;

10. Jenfasizza l-importanza ta' monitoraġġ proattiv u azzjoni korrettiva preventiva fil-ħin mill-Kummissjoni meta jkun hemm evidenza sostanzjata li ċerti proġetti ppjanati u ppubblikati setgħu kisru l-leġiżlazzjoni tal-UE; huwa mħasseb mix-xejra attwali fi ħdan il-Kummissjoni li timpedixxi l-inkjesti fis-sustanza ta' ħafna petizzjonijiet abbażi ta' raġunijiet proċedurali; ma jaqbilx mas-suġġerimenti rikorrenti li jingħalqu ħafna fajls relatati ma' petizzjonijiet speċifiċi mingħajr ma jiġu mistennija r-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-kwistjonijiet imqajma, u jemmen li dan mhux konformi mal-ispirtu tar-rwol aħħari tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati; jitlob attenzjoni aktar skrupluża u azzjoni konsegwenti, b'mod partikolari fil-każijiet ippreżentati mill-petizzjonanti li jinvolvu ksur possibbli tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Kummissjoni nnifisha, pereżempju fil-qasam tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti, kif iggarantit mill-Konvenzjoni ta' Aarhus;

11. Jinnota l-importanza li l-Kummissjoni Ewropea tiżgura rispons b'mod dettaljat u proattiv għall-petizzjonijiet kollha mill-iktar fis possibbli;

12. Jitlob li, minħabba n-natura speċjali ta' dan il-Kumitat u l-ammont importanti ta' xogħol assoċjat mal-kuntatt ma' eluf ta' ċittadini u residenti li jirreġistraw petizzjonijiet kull sena, jiżdiedu r-riżorsi umani disponibbli għas-Segretarjat;

13. Jenfasizza l-bżonn li tittejjeb il-korrispondenza maċ-ċittadini bl-għan li jiġu pproċessati t-talbiet tagħhom;

14. Iqis essenzjali t-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali, mal-kumitati rilevanti tagħhom u mal-gvernijiet tal-Istati Membri, u li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu mħeġġa jittrasponu u japplikaw id-dritt tal-UE bi trasparenza sħiħa; jenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri bl-għan li jiddefendu d-drittijiet taċ-ċittadini b'mod aktar effikaċi u aktar trasparenti, u jħeġġeġ il-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat; jindika l-ħtieġa li rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-ogħla livell possibbli jkunu preżenti għal-laqgħat u s-

seduti tal-Kumitat meta l-kontenut tal-kwistjonijiet diskussi jkun jeħtieġ l-involviment tal-istituzzjonijiet imsemmija; itenni t-talba tar-riżoluzzjoni tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-attivitajiet tal-Kumitat tal-Petizzjonijiet fl-2013 ([1]) għat-tnedija ta' djalogu strutturat imtejjeb mal-Istati Membri, partikolarment billi jsiru laqgħat regolari ma' membri minn kumitati nazzjonali għall-petizzjonijiet jew awtoritajiet kompetenti oħra;

15. Jistieden lill-Istati Membri jistandardizzaw fil-liġi l-obbligu tal-ħolqien ta' kumitati għall-petizzjonijiet fil-parlamenti nazzjonali li jkunu jiffunzjonaw tajjeb, peress li dan iżid b'mod sinifikanti l-effikaċja tal-kooperazzjoni bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-parlamenti nazzjonali;

16. Iqis li huwa essenzjali li l-Kumitat isaħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-kumitati l-oħra tal-Parlament billi tintalab l-opinjoni tagħhom dwar il-petizzjonijiet, billi jiġu mistiedna l-membri tagħhom għad-dibattiti fl-oqsma tal-kompetenza rispettivi tagħhom, u billi jipparteċipaw aktar fix-xogħol tagħhom bħala kumitat għall-opinjoni dwar ċerti rapporti, u b'mod partikolari rapporti dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tajba tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri; jitlob li l-kumitati kompetenti jagħtu lill-petizzjonijiet mibgħuta lilhom kunsiderazzjoni xierqa u li dawn jipprovdu l-feedback meħtieġ għat-trattament korrett tal-petizzjonijiet;

17. Jissottolinja l-importanza dejjem tikber tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet bħala kumitat ta' skrutinju li għandu jkun punt ta' referenza għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-livell amministrattiv fl-Istati Membri; itenni t-talba għal aktar dibattiti politiċi waqt is-sessjonijiet plenarji, u għal komunikazzjoni aktar qawwija dwar il-petizzjonijiet taċ-ċittadini Ewropej, espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet 2013;

18. Jiddispjaċih li ma jistax ikun hemm aktar petizzjonanti li jippreżentaw il-każijiet tagħhom lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet direttament, parzjalment minħabba nuqqas ta' ħin għal-laqgħat u nuqqas ta' riżorsi umani fis-Segretarjat tal-Kumitat; jitlob li jitqassru l-perjodi li waqthom il-petizzjonanti jiġu infurmati bl-ipproċessar tal-petizzjonijiet tagħhom, u biex jittejjeb it-trattament ta' tali petizzjonijiet mill-kumitat; jappoġġja ż-żieda fl-użu tal-vidjokonferenzi jew kull mezz ieħor li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet anke jekk dawn ma jkunux jistgħu jkunu preżenti fiżikament;

19. Jitlob l-istabbiliment immedjat ta' netwerk informali għall-petizzjonijiet fi ħdan il-Parlament, bil-parteċipazzjoni tal-Membri li jirrappreżentaw kull kumitat tal-Parlament sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni bla xkiel u effikaċi tal-ħidma relatata mal-petizzjonijiet, li se ttejjeb l-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni;

20. Jindika r-rwol importanti li għandhom kumitati oħra tal-Parlament, inkluż il-mod kif waqt il-laqgħat jittrattaw kwistjonijiet imsemmija fil-petizzjonijiet li jikkonċernaw l-oqsma ta' responsabilità rispettivi tagħhom, u, meta jkun rilevanti, l-użu tagħhom ta' petizzjonijiet riċevuti bħala sors ta' informazzjoni għal proċessi leġiżlattivi;

21. Jiddeplora l-fatt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma ġietx adottata fl-Istati Membri kollha u li ħafna nies qiesu li l-implimentazzjoni tagħha ma kenitx ċara u sa ċertu punt kienet ta' diżappunt; jiddeplora wkoll il-fatt li l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għadha ma ġietx adottata mill-UE skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE u li ċ-ċittadini Ewropej m'għandhomx aċċess għal biżżejjed informazzjoni dwar il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-rigward; jiddeplora l-interpretazzjoni stretta magħmula mill-Kummissjoni tal-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li jistipula li d-dispożizzjonijiet tal-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni; ifakkar li l-Kummissjoni sikwit iddikjarat l-impossibilità ta' aġir tagħha stess fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, meta l-Kumitat ikun għamel din it-talba, abbażi tal-Artikolu 51 tal-Karta; jenfasizza l-fatt li l-aspettattivi taċ-ċittadini sikwit imorru lil hinn minn dak li huwa permess mid-dispożizzjonijiet strettament legali tal-Karta; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tieħu aktar azzjoni biex tilħaq l-aspettattivi taċ-ċittadini u ssib approċċ ġdid għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 51;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0204.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

22. Jindika l-ħidma importanti mwettqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jieħu nota kif jixraq, f'dan ir-rigward, tal-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea ([1]); jenfasizza li l-Qafas tal-Unjoni Ewropea għandu jkollu riżorsi adegwati, skont ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-kapaċità tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u s-Segretarjat tiegħu jkunu msaħħa, biex dan jippermetti lill-Kumitat jissodisfa r-rwol ta' protezzjoni tiegħu korrettament; jitlob il-ħatra ta' uffiċjal responsabbli mill-ipproċessar ta' kwistjonijiet relatati mad-diżabilità; jenfasizza r-rieda tal-Kumitat li jaħdem mill-qrib ma' kumitati leġiżlattivi oħra involuti fin-netwerk tal-Parlament dwar id-diżabilità; jinnota l-ħtieġa għal sforzi u azzjoni ulterjuri f'isem il-Kumitat għall-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità, bħal azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni tar-ratifika rapida tat-Trattat ta' Marrakexx;

23. Jenfasizza t-tħassib taċ-ċittadini dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP), li fihom qed tipparteċipa l-Kummissjoni, kif ġie enfasizzat f'ħafna mill-petizzjonijiet riċevuti matul l-2014; jindika li huwa importanti li l-Kummissjoni Ewropea timplimenta urġentement ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew f'dan ir-rigward;

24. Jindika l-opinjoni maħruġa mill-Kumitat dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-negozjati għat-TTIP, li fiha, kif enfasizzat f'għadd kbir ta' petizzjonijiet li waslu, hija tiċħad l-istrument ta' arbitraġġ magħruf bħala r-Riżoluzzjoni tat-Tilwim bejn l-Investitur u l-Istat (ISDS) u jiddispjaċih li l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ECI) kontra t-TTIP ġiet miċħuda;

25. Jiddispjaċih li xi Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u jistedinhom jiffirmawha u jirratifikawha malajr kemm jista' jkun;

26. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiffirmaw u jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

27. Jistieden lill-Istati Membri jiffirmaw u jirratifikaw it-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Ippubblikati minn Persuni b'Vista Batuta u Persuni b'Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat mingħajr dewmien ulterjuri;

28. Jinnota l-attenzjoni partikolari mogħtija lil ċerti petizzjonijiet dwar il-proġett ta' esplorazzjoni u esplojtazzjoni ta' riservi possibbli taż-żejt fil-Gżejjer Kanarji; jirrikonoxxi li l-petizzjonanti li, għal raġunijiet ambjentali oġġezzjonaw għall-proġett, ikkontribwew b'mod sinifikanti sabiex jiċċaraw id-dibattitu; jirrikonoxxi li l-kwistjonijiet ambjentali jibqgħu prijorità għall-petizzjonanti, fatt li jenfasizza n-nuqqasijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam; jinnota li għadd ta' dawn il-petizzjonijiet jikkonċerna l-immaniġġjar tal-iskart, is-sikurezza tal-provvista tal-ilma, l-enerġija nukleari, il-fratturazzjoni idrawlika u l-protezzjoni tal-ispeċijiet tal-annimali;

29. Jenfasizza l-għadd kbir ta' petizzjonijiet riċevuti li jiċħdu l-użu tat-teknika tal-fratturazzjoni idrawlika għall-estrazzjoni tal-gass u taż-żejt mis-sottoswol u li jindikaw il-konsegwenzi ambjentali, ekonomika u soċjali marbuta mal-użu ta' din it-teknika;

30. Jiddenunzja b'mod partikolari l-prattika tat-"tqassim f'biċċiet" tal-fajls, użata ripetutament fir-rigward ta' proġetti infrastrutturali jew ta' tħaffir ewlenin, li hija l-bażi ta' ħafna petizzjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali;

31. Jinnota t-tħassib tal-petizzjonanti dwar l-allegati każijiet ta' inġustizzja li seħħew waqt proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji ta' separazzjoni jew ta' divorzju tal-ġenituri fejn jiġu mqajma kwistjonijiet dwar il-kustodja tat-tfal żgħar u l-adozzjonijiet furzati; jinnota, f'dan il-kuntest, li f'xi Stati Membri u fil-każ ta' koppji binazzjonali, jista' jkun hemm diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità favur il-ġenitur li jkun joriġina mill-Istat Membru fejn ikunu qed jitmexxew il-proċedimenti u kontra l-ġenitur li ma jkunx ċittadin ta' dak l-istat, b'riperkussjonijiet severi u ħafna drabi drammatiċi fuq id-drittijiet tat-tfal; jenfasizza li ġie notifikat b'każijiet li jinvolvu diversi Stati Membri (il-Ġermanja (b'mod partikolari b'referenza għall-ħidma tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tat-Tfal u ż-Żgħażagħ), Franza, in-Netherlands, is-Slovakkja, id-Danimarka) u n-Norveġja, u jilqa', f'dan ir-rigward, ir-reviżjoni li se ssir fl-2016 tar-Regolament Brussell IIa; jenfasizza li fl-

([1]) Adottat mill-Kumitat tan-NU, fl-erbatax-il sessjoni tiegħu (17 ta' Awwissu – 4 ta' Settembru 2015); see: http://tbinternet.ohchr.org/_layouts/treatybodyexternal/Download.aspx?symbolno=CRPD%2fC%2fEU%2fCO%2f1&Lang=en

2015 grupp ta' ħidma ġdid, inkarigat li jipprovdi reazzjoni rapida u koerenti għal dan it-tħassib, inħoloq fi ħdan il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u wettaq missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni fir-Renju Unit sabiex jinvestiga ilmenti ta' din in-natura in situ;

32. Jindika l-għadd kbir ta' petizzjonijiet riċevuti li jikkritikaw bl-aħrax u jwissu dwar il-konsegwenzi tal-politiki tal-migrazzjoni, kummerċjali u barranin tal-UE f'termini tal-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet li jiżguraw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni migranti; jindika l-obbligu tal-aġenziji, il-korpi u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inkluż il-Frontex, li f'kull waqt għandhom jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom;

33. Jilqa' d-djalogu soċjali "Forum Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal" organizzat kull sena mill-2007 fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, li għandu l-għan li jappoġġja d-drittijiet tat-tfal fil-kuntest tal-miżuri interni u esterni tal-UE; jinnota li l-parteċipanti f'dan id-djalogu huma rappreżentanti tal-Istati Membri, rappreżentanti tad-drittijiet tat-tfal, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kunsill tal-Ewropa, l-UNICEF u numru ta' NGOs;

34. Jenfasizza d-diversità tat-temi li jitqajmu fil-petizzjonijiet imressqa miċ-ċittadini, bħad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, is-suq intern, il-liġi ambjentali, ir-relazzjonijiet industrijali, il-politiki tal-migrazzjoni, il-ftehimiet kummerċjali, il-kwistjonijiet tas-saħħa pubblika, il-benesseri tat-tfal, it-trasport, id-drittijiet tal-annimali u d-diskriminazzjoni; jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jispeċjalizza l-ħidma tiegħu ulterjorment dwar il-politiki ewlenin li l-petizzjonanti jirreferu għalihom; jitlob li, sabiex ikun possibbli għall-Kumitat li jittratta din il-firxa intensiva u estensiva ta' petizzjonijiet, jiġu allokati aktar riżorsi lis-Segretarjat tiegħu;

35. Jemmen li l-organizzazzjoni ta' seduti pubbliċi hija għodda importanti biex jiġu eżaminati l-problemi mqajma mill-petizzjonanti; jixtieq jiġbed l-attenzjoni għas-seduti pubbliċi organizzati mal-Kumitat għall-Ambjent fil-qafas tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar "L-ilma, dritt tal-bniedem" u mal-Kumitat għall-Affarijiet Legali fil-qafas tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej intitolata "Wieħed minna"; jemmen li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) hija strument li jippromwovi demokrazija transnazzjonali, parteċipattiva u rappreżentattiva u li, ladarba r-regolament il-ġdid jiġi approvat, ikun jista' jippermetti li ċ-ċittadini jiġu involuti b'mod aktar dirett fit-tfassil, it-tressiq u l-prijoritizzazzjoni ta' politiki tal-UE u kwistjonijiet ta' leġiżlazzjoni li jkun meħtieġ li jiġu indirizzati; itenni l-impenn tiegħu li jipparteċipa b'mod proattiv fl-organizzazzjoni ta' seduti pubbliċi għal inizjattivi ta' suċċess; jieħu l-impenn li jagħti, fil-livell istituzzjonali, il-prijorità lill-effikaċja ta' dan il-proċess ta' parteċipazzjoni u l-iżgurar tas-segwitu leġiżlattiv dovut meta jkun xieraq; jilqa' l-użu ta' karatteristiċi ta' aċċessibilità għal persuni b'diżabilità, bħal pereżempju skrin li jaqleb it-test f'diskors waqt is-seduti;

36. Jiddeplora t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-ftit ECIs ta' suċċess u jiddispjaċih li ftit li xejn kien hemm segwitu għall-uniku strument ta' demokrazija transnazzjonali fl-UE;

37. Jiġbed l-attenzjoni lejn diversi riżoluzzjonijiet adottati fl-2014, bħal pereżempju r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar ir-Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, "Ċittadini tal-UE: id-drittijiet tiegħek, il-futur tiegħek" ([1]), li wasslet għal dibattiti dwar l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni u dwar id-dritt taċ-ċittadini li jivvutaw u ta' kandidatura għal elezzjoni; jiġbed l-attenzjoni għar-rapport annwali tal-kumitat dwar l-attivitajiet tal-Kumitat 2013 (A7-0131/2014) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2015 dwar ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2013 ([2]), b'mod partikolari f'dak li hu relatat mal-ftehim TTIP;

38. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkompli l-attivitajiet li nbdew fl-2013 marbutin mas-"Sena Ewropea taċ-Ċittadini" fl-2014 billi tenfasizza aktar l-elezzjonijiet Ewropej (li saru mit-22 sal-25 ta' Mejju 2014); jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tinforma liċ-ċittadini dwar l-għodod li huma disponibbli għalihom sabiex jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u li tipprovdi f'din l-okkażjoni informazzjoni u pariri liċ-ċittadini tal-UE rigward id-drittijiet tagħhom u dwar l-istrumenti demokratiċi disponibbli għalihom biex jasserixxu dawk id-drittijiet; jenfasizza li għandhom isiru sforzi

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0233.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0009.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

ulterjuri sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-elezzjonijiet Ewropej, meta wieħed iqis li n-numru ta' votanti għall-elezzjonijiet tal-2014 kien ta' anqas minn 50 % f'ħafna Stati Membri;

39. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikollu portal tal-internet kompletament operattiv li permezz tiegħu il-petizzjonanti jkunu jistgħu jirreġistraw, jissottomettu l-petizzjoni tagħhom, itellgħu dokumenti ta' sostenn, isostnu petizzjonijiet ammissibbli u jirċievu informazzjoni dwar il-petizzjonijiet tagħhom, kif ukoll emails awtomatiċi dwar tibdil fl-istatus tal-petizzjonijiet tagħhom, u li permezz tiegħu jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt dirett ma' uffiċjali tal-UE sabiex jiksbu informazzjoni ċara u diretta dwar il-progress dwar il-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet tagħhom; jiddispjaċih li l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ma ġiex issodisfat u li ħafna mill-karatteristiċi mistennija għadhom mhux kompluti; iħeġġeġ lill-korpi amministrattivi responsabbli jħaffu l-passi meħtieġa biex tiġi konkluża l-implimentazzjoni tal-fażijiet tal-proġett li għadhom pendenti, u jiġi kkoreġut kwalunkwe nuqqas eżistenti; jenfasizza li għandhom jittieħdu passi ulterjuri sabiex tittejjeb it-trasparenza tal-proċess tal-petizzjonijiet;

40. Jitlob approċċ komuni mill-Parlament Ewropew, mill-parlamenti nazzjonali u mill-awtoritajiet f'livelli aktar baxxi fl-Istati Membri, ma' korpi ta' appell xierqa, sabiex ikun magħmul ċar liċ-ċittadini liema livell, u liema istanza, jistgħu jiġu indirizzati mill-petizzjonijiet tagħhom;

41. Jitlob valutazzjoni effikaċi tal-persunal tas-Segretarjat għall-Petizzjonijiet iffukata fuq il-kisba tal-adegwatezza kwalitattiva u kwantitattiva f'rikonoxximent tal-akkumulazzjoni kbira tal-petizzjonijiet u d-dewmien kontinwu fl-ipproċessar tagħhom; jemmen li trattament u kunsiderazzjoni xierqa tal-petizzjonijiet approvati, flimkien ma' għoti ta' feedback ġust lill-petizzjonanti, huma punti prinċipali fit-tisħiħ tar-rabtiet bejn is-soċjetà ċivili Ewropea u l-istituzzjonijiet Ewropej;

42. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata informazzjoni iżjed kostruttiva għaċ-ċittadini permezz tal-portal tal-internet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet billi jiġu organizzati seminars ta' taħriġ fl-Istati Membri.

43. Jenfasizza r-rwol importanti tan-netwerk SOLVIT, li ta' sikwit iqajjem u jsolvi problemi marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ittejjeb din l-għodda, tippermetti l-aċċess għall-informazzjoni kollha disponibbli permezz ta' SOLVIT lill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u żżommhom infurmati fil-każijiet relatati mal-petizzjonijiet reġistrati;

44. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet mal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE u mal-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri; iqis li djalogu msaħħaħ u kooperazzjoni sistematika mal-Istati Membri, speċjalment mal-kumitati għall-petizzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali, huma essenzjali; jirrakkomanda li l-parlamenti tal-Istati Membri kollha li għadhom ma għamlux dan jiffurmaw kumitati għall-petizzjonijiet; iqis li ż-żjara fil-Kumitat tat-2 ta' Diċembru 2014 tminn delegazzjoni tal-kumitat għall-petizzjonijiet tal-Parlament Skoċċiż kienet eżempju ta' tali kooperazzjoni, u li tali sħubijiet se jippermettu li jiġu skambjati l-aħjar prattiki, li jiġu miġbura flimkien l-esperjenzi akkwistati u tiġi żviluppata proċedura effikaċi u sistematika ta' trażmissjoni tal-petizzjonijiet lill-korpi kompetenti;

45. Jenfasizza li kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri hija essenzjali għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkollhom rwol proattiv fit-tweġibiet għal petizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE u jqis importanti ħafna l-preżenza u l-kooperazzjoni attiva tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jindika l-preżenza ta' rappreżentanti tal-Gvern Grieg fil-laqgħa tal-10 ta' Frar 2014, li fiha ġie ppreżentat rapport dwar il-missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni fil-Greċja dwar l-immaniġġjar tal-iskart (18-20 ta' Settembru 2013);

46. Ifakkar li l-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni huma wieħed mill-aktar strumenti importanti ta' investigazzjoni li għandu l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, kif previst mir-regoli, għalkemm ma saret l-ebda waħda fl-2014; iqis li huwa essenzjali li s-segwitu ta' petizzjonijiet li qed jiġu investigati matul il-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni ma jiqafx għal kollox, inkluż bejn l-elezzjonijiet Ewropej u r-rikostituzzjoni tal-Parlament, u jistieden lill-kumitati tal-Parlament jagħmlu l-arranġamenti xierqa; jenfasizza l-ħtieġa li aktar missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni jirriżultaw f'rakkomandazzjonijiet ċari ffukati fuq is-soluzzjoni tal-problemi tal-petizzjonanti; jistenna li mill-2016 titkompla l-attività regolari tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'termini ta' missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni;

47. Jistieden lill-Greċja tieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport tal-missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni, adottat mill-Kumitat fi Frar 2014, dwar il-ġbir tal-iskart u l-lokalizzazzjoni tal-miżbliet fil-Greċja; jitlob lill-Kummissjoni timmonitora b'attenzjoni l-użu li jsir mill-fondi allokati għall-ġbir tal-iskart; jitlob lill-Istati Membri jirrispettaw id-direttivi tal-UE dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart;

48. Jagħti importanza kbira lill-preżenza u l-kooperazzjoni attiva tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jilqa' u jħeġġeġ il-preżenza ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat, il-parteċipazzjoni tagħhom u l-kooperazzjoni attiva tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess tal-petizzjonijiet;

49. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni mal-Ombudsman Ewropew kif ukoll l-involviment tal-Parlament fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen; ifaħħar ir-relazzjonijiet interistituzzjonali eċċellenti bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet; japprezza b'mod partikolari l-kontribut regolari tal-Ombudsman għax-xogħol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena kollha;

50. Jistenna bil-ħerqa li titjieb il-kooperazzjoni mal-kumitati għall-petizzjonijiet fil-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri differenti, fejn dawn ikunu jeżistu; jimpenja ruħu li joffri gwida fl-istabbiliment ta' tali kumitati fl-Istati Membri l-oħrajn li jixtiequ jagħmlu dan;

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-kumitati għall-petizzjonijiet tagħhom u lill-ombudsmen nazzjonali tagħhom jew lil korpi simili kompetenti.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0022

Ċittadini tal-UE taħt detenzjoni fl-Indja, b'mod partikolari baħħara Estonjani u tar-Renju Unit

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar baħħara Estonjani u tar-Renju Unit detenuti fl-Indja (2016/2522(RSP))

(2018/C 011/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), b'mod partikolari l-Artikoli 9, 10 u 14 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-12 ta' Ottubru 2013 l-ekwipaġġ ta' 35 persuna (inklużi 14-il Estonjan u 6 Brittaniċi, kif ukoll Indjani u Ukreni) tal-bastiment privat *MV Seaman Guard Ohio*, li jtajjar il-bandiera tas-Sierra Leone u bbażat fl-Istati Uniti, kien arrestat fl-istat tat-Tamil Nadu (l-Indja) u akkużat b'pussess illegali ta' armi fl-ilmijiet tal-Indja;

B. billi l-ekwipaġġ apparentement kien fuq missjoni kontra l-pirati, ma wettaq l-ebda att aggressiv kontra ċittadini Indjani u b'mod konsistenti ċaħad li wettaq imġiba ħażina;

C. billi l-akkużi twaqqgħu immedjatament wara imma l-awtoritajiet Indjani appellaw u l-Qorti Suprema ordnat li jsir il-proċess; billi l-irġiel ma setgħux iħallu l-Indja jew jaħdmu matul dak il-perjodu;

D. billi kienu involuti trattativi b'mod estensiv u regolari fl-ogħla livelli bejn l-awtoritajiet tal-Indja u l-kontropartijiet Brittaniċi u Estonjani tagħhom, inkluż f'livell ministerjali kif ukoll tal-Prim Ministri; billi dan inkluda talba għar-ritorn bikri tal-14-il Estonjan u s-sitt Brittaniċi minn fost l-ekwipaġġ, filwaqt li nġibdet l-attenzjoni għat-tbatija finanzjarja tal-familji tagħhom u s-sofferenza mentali;

E. billi fit-12 ta' Jannar 2016 kull wieħed mill-35 baħri u gwardji ingħata s-sentenza massima ta' 5 snin "ħabs iebes" u mmultat 3,000 rupee (40 EUR); billi l-irġiel issa jinsabu fil-ħabs ta' Palayamkottai, fit-Tamil Nadu; billi huma qed jikkunsidraw li jressqu appell kontra s-sentenzi fi żmien preskritt ta' 90 jum;

F. billi din il-bidla fil-ġrajjiet qajmet stagħġib u biża' minn diversi nħawi;

1. Jirrispetta s-sovranità u l-ġuriżdizzjoni tal-Indja fuq it-territorju tagħha u jirrikonoxxi l-integrità tas-sistema legali tal-Indja;

2. Jikkondividi t-tħassib u sensittività fundati sew tal-Indja abbażi tal-esperjenza reċenti fir-rigward tat-terroriżmu;

3. Jinsab konxju li l-persunal involut kien irrapportat impenjat fuq ħidma kontra l-pirati u li t-timijiet tal-protezzjoni abbord urew li kienu l-miżura unika l-iktar effettiva kontra l-piraterija u li jisthoqqilhom l-appoġġ tal-komunità internazzjonali, inkluż tal-Indja;

4. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Indja jiżguraw li l-każ tal-ekwipaġġ tal-*MV Seaman Guard Ohio* jiġi trattat fuq bażi ta' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u legali tal-konvenuti, bi qbil mal-obbligi mniżżla f'diversi karti tad-drittijiet tal-bniedem, trattati u konvenzjonijiet li l-Indja ffirmat għalihom;

5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Indja biex jużaw att ta' simpatija f'dan il-każ, ħalli jsolvu l-proċedimenti legali malajr kemm jista' jkun, u biex jeħilsu l-persunal kollu kkonċernat sakemm jingħalqu l-proċessi ġudizzjarji sabiex jimminimizzaw l-effetti ħżiena fuq dawk involuti u l-familji tagħhom;

6. Jirrakkomanda li l-Indja tikkunsidra li tiffirma d-Dokument ta' Montreux tat-18 ta' Settembru 2008 li, inter alia, jiddefinixxi kif id-dritt internazzjonali japplika għall-attivitajiet ta' kumpaniji militari u tas-sigurtà privati (PMSCs);

7. Jenfasizza r-relazzjonijiet fit-tul u eċċellenti li jeżistu bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Indja; iħeġġeġ lill-Indja u l-pajjiżi Ewropej ikkonċernati biex jiżguraw li dan l-inċident ma jitħalliex jaffettwa b'mod negattiv relazzjonijiet usa'; jenfasizza l-importanza ta' relazzjoni ekonomika, politika u strateġika mill-qrib bejn l-Indja u l-Istati Membri tal-UE kif ukoll l-UE;

8. Jistieden lill-UE u lill-Indja jżidu l-kooperazzjoni f'materji ta' sigurtà marittima u ta' kontra l-piraterija, inkluż permezz tal-iżvilupp tad-duttrina internazzjonali u ta' proċeduri ta' operat standard, sabiex jisfruttaw b'mod sħiħ il-potenzjal offrut mir-rwol tal-Indja fir-reġjun; jemmen bis-sħiħ, barra minn hekk, li dan se jikkontribwixxi biex jiġu evitati milli jseħħu każijiet kontenzjużi simili fil-futur;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-Gvernijiet u lill-Parlament tal-Indja.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0023

Is-sitwazzjoni fl-Etjopja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja (2016/2520(RSP))

(2018/C 011/13)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja u l-aktar dibattitu reċenti fil-plenarja, tal-20 ta' Mejju 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-kelliem tas-SEAE dwar il-ġlied riċenti fl-Etjopja, tat-23 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta minn Federica Mogherini, Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, u Tedros Adhanom, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali tal-Etjopja, tal-20 ta' Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa dwar il-laqgħa tat-13 ta' Jannar 2016 bejn ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Federica Mogherini u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali tal-Etjopja, Tedros Adhanom,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-27 ta' Mejju 2015 mill-kelliem tas-SEAE dwar l-elezzjonijiet fl-Etjopja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-10 ta' Lulju 2015 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-Libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, David Kaye, dwar il-ħelsien ta' ġurnalisti Etjopjani,

— wara li kkunsidra l-aħħar Rieżami Perjodiku Universali dwar l-Etjopja quddiem il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Federali tal-Etjopja, adottata fit-8 ta' Diċembru 1994, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet demokratiċi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti, ratifikata mill-Etjopja fl-1994,

— wara li kkunsidrat il-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-aktar elezzjonijiet ġenerali reċenti saru fl-24 ta' Mejju 2015, li fihom il-Front Rivoluzzjonarju Demokratiku tal-Poplu Etjopjan (EPRDF) baqa' l-partit fil-gvern u rebaħ is-siġġijiet kollha fil-parlament nazzjonali, parzjalment minħabba n-nuqqas ta' spazju għal vuċijiet li jikkritikaw jew jopponu fil-proċess elettorali; billi l-elezzjonijiet federali ta' Mejju saru f'atmosfera ġenerali ta' intimidazzjoni, u fost tħassib dwar in-nuqqas ta' indipendenza tal-Bord Elettorali Nazzjonali; billi l-EPRDF ilu fil-poter għal 24 sena, minn mindu waqa' l-gvern militari fl-1991;

B. billi tul dawn l-aħħar xahrejn Oromia, li hi l-akbar reġjun tal-Etjopja, fejn jgħixu l-akbar grupp Etniku tal-pajjiż, intlaqtet minn mewġa ta' protesti tal-massa dwar l-espansjoni tal-konfini muniċipali tal-kapitali, Addis Ababa, li ħolqot riskji li l-bdiewa jiġu mkeċċija minn artijiethom;

C. billi skont organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-forzi tas-sigurtà rrispondew għall-protesti li b'mod b'mod ġenerali kienu paċifiċi billi qatlu mill-inqas 140 persuna li pprotestaw u darbu ħafna oħrajn, f'dak li jaf li hi l-akbar kriżi li laqtet lill-Etjopja sa mill-vjolenza elettorali tal-2005; billi għall-kuntrarju, il-Gvern ammetta biss il-mewt ta' xi għexieren ta' persuni, kif ukoll ta' 12-il membru tal-forzi tas-sigurtà;

D. billi fl-14 ta' Jannar 2016 il-Gvern iddeċieda li jikkanċella l-pjan ikkontestat ta' żvilupp urban fuq skala kbira; billi jekk jiġi implimentat, il-pjan se jespandi l-konfini tal-belt b'20 darbiet tad-daqs attwali; billi t-tkabbir ta' Addis Ababa diġà sposta lil miljuni ta' bdiewa Oromo u ħallihom f'qagħda ta' faqar;

E. billi l-Etjopja hi pajjiż b'diversità kbira mil-lat ta' twemmin reliġjuż u kulturi; billi wħud mill-akbar komunitajiet etniċi, b'mod partikolari l-Oromo u s-Somali (Ogaden), ġew marġinalizzati favur l-Amhara u t-Tigray, bi ftit li xejn parteċipazzjoni fir-rappreżentanza politika;

F. billi l-awtoritajiet Etjopjani arrestaw arbitrarjament lil għadd ta' dimostranti paċifiċi, ġurnalisti u mexxejja tal-partit tal-oppożizzjoni f'ripressjoni brutali fuq il-protesti fir-reġjun tal-Oromia; billi dawk li ġew arrestati jinsabu f'riskju ta' tortura u trattament ħażin ieħor;

G. billi l-gvern ittimbra lid-demostranti, li fil-biċċa l-kbira huma paċifiċi, bħala "terroristi", filwaqt li applika l-Proklamazzjoni Kontra t-Terroriżmu (Liġi Nru 652/2009) u għamel użu tal-forzi militari kontrihom;

H. billi fit-23 ta' Diċembru 2015, l-awtoritajiet arrestaw lil Bekele Gerba, Viċi President tal-Kungress Federalista Oromo (OFC), l-akbar partit politiku legalment reġistrat tal-Oromia; billi s-Sur Gerba ttieħed il-ħabs u allegatament iddaħħal l-isptar ftit wara; billi mhux magħruf fejn jinsab bħalissa;

I. billi mexxejja anzjani oħra tal-OFC ġew arrestati b'mod arbitrarju f'dawn l-aħħar ġimgħat, jew qed jintqal li jinsabu prattikament taħt arrest domiċiljarju;

J. billi din mhijiex l-ewwel darba li l-forzi tas-sigurtà Etjopjani ġew implikati fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem b'rispons għal protesti paċifiċi, u billi hu magħruf li l-Gvern Etjopjan qed joħnoq joħnoq sistematikament il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, u jipprojbixxi lill-individwi milli jesprimu nuqqas ta' qbil jew oppożizzjoni fil-konfront tal-politiki tal-gvern, u b'hekk jillimita l-ispazju ċivili u politiku, anke billi jwettqu prosekuzzjonijiet b'motivi politiċi taħt il-liġi iebsa ta' kontra t-terroriżmu, li qed teqred il-midja indipendenti, iżżarma l-attiviżmu sostanzjali tas-soċjetà ċivili u tgħattan lill-partiti politiċi tal-oppożizzjoni;

K. billi f'Diċembru 2015, attivisti ewlenin bħal Getachew Shiferaw (Kap Editur ta' *Negere Ethiopia*), Yonathan Teressa (attivista tal-internet) u Fikadu Mirkana (Oromia Radio and TV) ġew arrestati arbitrarjament, minkejja li għadhom ma ġewx mixlija mill-awtoritajiet Etjopjani;

L. billi l-Gvern Etjopjan impona restrizzjonijiet pervażivi fuq is-soċjetà ċivili indipendenti u l-midja; billi skont iċ-ċensiment tal-ħabsijiet tal-2014 tal-Kumitat għall-Ħarsien tal-Ġurnalisti (CPJ), l-Etjopja tikklassifka r-raba' fid-dinja fir-rigward tal-ħabsijiet: mill-inqas 17-il ġurnalist qed jinżammu l-ħabs filwaqt li 57 professjonist tal-mezzi tax-xandir ħarbu mill-Etjopja f'dawn l-aħħae ħames snin waqt li għadd ta' pubblikazzjonijiet indipendenti għalqu minħabba pressjoni uffiċjali; billi l-Etjopja tinsab ukoll fir-raba' pożizzjoni tal-lista tas-CPJ tal-2015 tal-aktar 10 pajjiżi iċċensurati;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

M. billi bosta priġunieri ta' kuxjenza miżmuma fi snin preċedenti purament minħabba l-eżerċizzju leġittimu tal-libertà tal-espressjoni u l-opinjoni tagħhom, inklużi ġurnalisti u membri tal-partiti politiċi tal-oppożizzjoni, baqgħu detenuti; billi wħud minnhom instabu ħatja fi proċessi li ma kinux ġusti, uħud qed jiffaċċaw proċess li għadhom għaddejjin waqt li oħrajn għadhom qed jinżammu mingħajr ma ġew mixlija, fosthom Eskinder Nega, Temesghen Desalegn, Solomon Kebede, Yesuf Getachew, Woubshet Taye, Saleh Edris u Tesfalidet Kidane;

N. billi Andargachew Tsege, ċittadin Etjopjan-Britanniku u kap ta' partit tal-oppożizzjoni li jgħix f'eżilju, ġie arrestat f'Ġunju 2014; billi s-Sur Tsege kien ikkundannat għall-mewt ftit xi snin ilu fin-nuqqas tiegħu, u ilu jistenna l-eżekuzzjoni tas-sentenza u prattikament f'iżolament minn meta ġie arrestat;

O. billi liġi tal-Proklamazzjoni dwar il-Karitajiet u s-Soċjetajiet tal-Etjopja l-liġi teħtieġ li l-organizzazzjonijiet involuti fil-promozzjoni jiġġeneraw 90 % tal-finanzjament għall-attivitajiet tagħhom minn sorsi lokali, u dan wassal għal tnaqqis fl-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għall-għajbien ta' ħafna minnhom; billi l-Etjopja rrifjutat rakkomandazzjonijiet biex jiġu emendati l-Proklamazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet ċivili u karitattivi u l-Proklamazzjoni Kontra t-Terroriżmu, rakkomandazzjonijiet li saru minn diversi pajjiżi matul l-analiżi tar-rekord tad-drittijiet tal-Etjopja taħt il-Rieżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Mejju 2014;

P. billi l-Gvern Etjopjan de facto impona imblokk mifrux tar-reġjun Ogaden fl-Etjopja, li huwa għani mil-lat ta' riżervi taż-żejt u tal-gass; billi t-tentattivi tal-mezzi tax-xandir u tal-ħaddiema umanitarji internazzjonali biex jaħdmu u jirrapportaw mir-reġjun huma meqjusa bħala atti kriminali punibbli taħt il-Proklamazzjoni Kontra t-Terroriżmu; billi hemm rapporti ta' delitti tal-gwerra u ksur qawwi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-armata u mill-forzi paramilitari tal-gvern kontra l-popolazzjoni ta' Ogaden;

Q. billi l-Etjopja, it-tieni pajjiż bl-ikbar popolazzjoni fl-Afrika, hi rappurtata li hi waħda mill-aktar ekonomiji li qed jikbru malajr fl-Afrika, b'rata ta' tkabbir medja ta' 10 % f'dawn l-aħħar għaxar snin; billi, madankollu, għadha waħda mill-ifqar, b'ING per capita ta' USD 632; billi ġiet ikklassifikata fil-173 post minn 187 pajjiż fl-Indiċi tal-Iżvilupp Uman għall-2014;

R. billi l-Etjopja għandha rwol ewlieni fir-reġjun u tgawdi appoġġ politiku minn donaturi tal-Punent u mill-parti l-kbira tal-ġirien reġjonali tagħha, l-aktar minħabba r-rwol tagħha bħala ospitanta tal-Unjoni Afrikana (UA) u l-kontribut tagħha għaż-żamma tal-paċi tan-NU, u sħubijiet għas-sigurtà u l-għajnuna ma' pajjiżi tal-Punent;

S. billi filwaqt li t-tkabbir ekonomiku qed ikompli b'ritmu tajjeb, (flimkien ma' investimenti barranin sinifikanti, fosthom fis-setturi tal-agrikoltura, il-kostruzzjoni u l-manifattura, proġetti ta' żvilupp fuq skala kbira bħall-bini ta' digi idroelettriċi u pjantaġġuni, u twellija mifruxa ta' artijiet lil kumpaniji barranin), ħafna nies, inklużi bdiewa kif ukoll rgħajja ġew imkeċċija minn djarhom;

T. billi Artikolu 40(5) tal-kostituzzjoni tal-Etjopja tiggarantixxi lir-rgħajja Etjopjani d-dritt għal art bla ħlas għar-ragħa u l-kultivazzjoni, kif ukoll id-dritt li ma jiġux spustati minn artijiethom;

U. billi l-Etjopja hija firmatarja tal-Ftehim ta' Cotonou, li l-Artikolu 96 tiegħu jistipula li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali huwa element essenzjali tal-koperazzjoni AKP-UE,

V. billi l-Etjopja qed tesperjenza l-agħar nixfa f'dawn l-aħħar deċennji, li qed twassal għal nuqqas ta' sigurtà tal-ikel li qed tiżdied, stat ta' għelubija severa u mwiet mhux tas-soltu tal-bhejjem; billi kważi 560 000 persuna jinsabu spustati internament minħabba għargħar u ġlied vjolenti dwar riżorsi skarsi u nixfa; billi l-Gvern Etjopjan jistma li 10,1 miljun persuna, li nofshom huma tfal, jeħtieġa għajnuna ta' emerġenza f'ikel minħabba n-nixfa;

W. billi l-Etjopja qed tħabbat wiċċha ma' influssi permanenti ta' migranti u hi pajjiż ospitanti għal madwar 700 000 rifuġjat, l-iktar mis-Sudan t'Isfel, l-Eritrea u s-Somalja; billi fil-11 ta' Novembru 2015, l-UE u l-Etjopja ffirmaw Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità (CAMM) biex issaħħu l-kooperazzjoni u d-djalogu bejn iż-żewġ partijiet fil-qasam tal-migrazzjoni;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-użu reċenti forza eċċessiva mill-forzi tas-sigurtà f'Oromia u fir-reġjuni kollha tal-Etjopja, u l-għadd dejjem jikber ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi u jħeġġeġ il-ħelsien immedjat ta' dawk kollha li ġew arrestati talli eżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' għaqda paċifika u l-libertà tal-espressjoni;

2. Ifakkar lill-Gvern Etjopjan fl-obbligi tiegħu li jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust, kif previst fil-Karta Afrikana u strumenti internazzjonali u reġjonali oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Ftehim ta' Kotonù u speċifikament l-Art. 8 u 96 tiegħu;

3. Jitlob li ssir investigazzjoni indipendenti, trasparenti u kredibbli dwar il-qtil ta' dimostranti u dwar l-allegat ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem b'rabta mal-moviment ta' protesta, u jistieden lill-gvern biex iressaq b'mod ġust lill-persuni responsabbli quddiem lill-ġurisdizzjonijiet kompetenti;

4. Jitlob lill-gvern tal-Etjopja jirrispetta d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta Afrikana, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, il-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni; iħeġġeġ lill-Gvern biex minnufih jistiednu lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u esperti oħra tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU biex iżuru l-Etjopja biex jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni;

5. Jilqa' d-deċiżjoni tal-gvern li jwaqqaf għalkollox il-pjan ewlieni ta' żona speċjali għal Addis Ababa u Oromia; jitlob li jsir djalogu politiku immedjat, inklużiv u trasparenti li jinkludi l-Gvern, il-partiti tal-oppożizzjoni, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-popolazzjoni lokali, għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe vjolenza jew radikalizzazzjoni ulterjuri tal-popolazzjoni;

6. Jenfasizza li l-mezzi tax-xandir ħielsa u indipendenti huma essenzjali sabiex jiżguraw li l-popolazzjoni tkun informata, attiva u involuta, u jistieden lill-awtoritajiet Etjopjani biex jieqfu joħonqu l-fluss liberu tal-informazzjoni, fosthom billi jwaqqfu x-xandiriet tal-midja u jiffastidjaw lill-midja, biex jiggarantixxu d-drittijiet tas-soċjetà ċivili u l-mezzi tax-xandir lokali u biex jiffaċilitaw aċċess madwar l-Etjopja għall-ġurnalisti indipendenti u għal dawk li jissorveljaw id-drittijiet tal-bniedem; jirrikonoxxi l-ħelsien riċenti tal-bloggers "Zone 9" u ta' 6 ġurnalisti;

7. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Etjopja biex ma jkomplux jużaw il-leġislazzjoni kontra t-terroriżmu (il-Proklamazzjoni Kontra t-Terroriżmu Nru 652/2009) biex joħonqu lill-avversarji politiċi, id-dissidenti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-atturi oħra tas-soċjetà ċivili u lill-ġurnalisti indipendenti; jistieden ukoll lill-Gvern Etjopjan biex jirrevedi l-liġi kontra t-terroriżmu biex tinġieb f'konformità mal-liġi u mal-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

8. Jikkundanna r-restrizzjonijiet eċċessivi fuq il-ħidma favur id-drittijiet tal-bniedem permezz tal-Proklamazzjoni dwar il-Karitajiet u s-Soċjetajiet, li tiċħad lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mill-aċċess għal finanzjament essenzjali, tagħti lill-Aġenzija tal-Karitajiet u s-Soċjetajiet setgħat ta' ndħil eċċessivi f'organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tkompli tipperikola l-vittmi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem billi tikser il-prinċipji tal-kunfidenzjalità;

9. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Etjopja sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni etnika jew reliġjuża u biex jinkoraġġixxu u jaġixxu favur djalogu paċifiku u kostruttiv bejn il-komunitajiet kollha;

10. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem 2013 tal-Etjopja u jitlob l-implimentazzjoni sħiħa u rapida tiegħu;

11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet jimplimentaw, b'mod partikolari, ir-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-Detenzjoni Arbitrarja u biex jeħilsu minnufih lill-attivista politiku ta' nazzjonalità Brittannika Andargachew Tsege;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

12. Jiddikjara li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma kruċjali għall-politiki tal-UE għall-promozzjoni tal-iżvilupp fl-Etjopja u fil-Qarn tal-Afrika kollu; jitlob l-attenzjoni tal-UA għall-qagħda politika, ekonomika u soċjali tal-pajjiż ospitanti tagħha, l-Etjopja;

13. Jistieden lill-UE, bħala l-akbar donatur, biex tissorvelja il-programmi u l-politiki b'mod effettiv biex tiżguraw li l-għajnuna għall-iżvilupp li tagħti l-UE ma tkunx qed tikkontribwixxi għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Etjopja, partikolarment permezz ta' programmi marbuta mal-ispostament ta' bdiewa u raħħala, u biex tiżviluppa strateġiji li jnaqqsu kwalunkwe impatt negattiv ta' spustament fi ħdan proġetti ta' żvilupp iffinanzjati mill-UE; jenfasizza li l-UE għandha tkejjel l-appoġġ finanzjarju tagħha mar-rekord tad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiż u mal-livell safejn il-gvern Etjopjan jippromwovi r-riformi lejn id-demokratizzazzjoni;

14. Jistieden lill-Gvern biex jinkludu l-komunitajiet lokali fi djalogu dwar l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe proġett ta' żvilupp fuq skala kbira; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-programm ta' risistemazzjoni furzata tal-gvern;

15. Jesprimi tħassib kbir dwar il-kundizzjonijiet klimatiċi devastanti attwali fl-Etjopja, li komplew iħażżnu l-qagħda umanitarja fil-pajjiż; jistieden lill-UE biex flimkien mas-sħab internazzjonali tagħha żżid l-appoġġ tagħha lill-Gvern u lill-poplu tal-Etjopja; jilqa' l-kontribuzzjoni mħabbra riċentement mill-UE, u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li dan il-finanzjament addizzjonali jingħata bħala kwistjoni ta' urġenza;

16. Ifakkar li l-Etjopja hi pajjiż importanti ta' destinazzjoni, tranżitu u oriġini għall-migranti u għal dawk li jfittxu l-asil, u li tospita l-akbar popolazzjoni ta' rifuġjati fl-Afrika; jieħu nota, għaldaqstant, tal-adozzjoni ta' Aġenda Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità bejn l-UE u l-Etjopja li tkopri l-kwistjonijiet tar-rifuġjati, il-kontroll tal-fruntieri u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib il-proġetti kollha li nbdew reċentement fil-qafas tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika;

17. Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-popolazzjoni tal-pajjiż – b'mod partikolari n-nisa u l-minoranzi, u r-rifuġjati u l-persuni spustati, li l-għadd tagħhom qed ikompli jikber – fid-dawl tal-kriżi u tal-instabilità tar-reġjun; itenni l-appoġġ tiegħu għall-organizzazzjonijiet umanitarji kollha li joperaw fil-post u fil-pajjiżi ospitanti ġirien; jappoġġa t-talbiet tal-komunità internazzjonali u l-organizzazzjonijiet umanitarji li jżidu l-assistenzalir-rifuġjati u l-persuni spustati;

18. Jisħaq li jinħtieġu pjanijiet ta' investiment pubbliku maġġuri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni u tas-saħħa, biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); jistieden lill-awtoritajiet Etjopjani jagħmlu impenn effettiv għall-ilħuq ta' dawn l-għanijiet;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern u l-Parlament tal-Etjopja, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Parlament Pan-Afrikan.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0024

Il-Korea ta' Fuq

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Korea ta' Fuq (2016/2521(RSP))

(2018/C 011/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Korea ta' Fuq,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Viċi President tal-Kummissjoni, Federica Mogherini, tas-6 ta' Jannar 2016 dwar l-allegata prova nukleari fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK);

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tas-6 ta' Jannar 2016 dwar il-Prova Nukleari mħabbra mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 1718(2006), 1874(2009), 2087(2013) u 2094(2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li espliċitament jipprojbixxu l-provi nukleari min-naħa tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra r-rapport tan-NU bit-titolu "Democratic People's Republic of Korea 2015: Needs and Priorities" (Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea 2015: Ħtiġijiet u Prijoritajiet") ta' April 2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-27 ta' Marzu 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea tas-7 ta' Frar 2014,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, li fihom kollha r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea hija parti,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1984,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ikkundannaw dak li r-RDPK allegat li kienet "prova ta' bomba tal-idroġenu li rnexxiet" li saret fis-6 ta' Jannar 2016, li b'mod ċar tikser l-obbligi internazzjonali tagħha skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

B. billi l-proliferazzjoni tal-armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi u l-vetturi tagħhom jirrappreżentaw theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali; billi r-RDPK rtirat mit-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP) fl-2003, ilha tmexxi provi nukleari mill-2006 u uffiċjalment iddikjarat fl-2009 li kienet żviluppat arma nukleari, li jfisser li t-theddida tal-avvanz tal-kapaċitajiet nukleari tagħha ċarament amplifikat; billi l-iżvilupp ta' programmi illegali nukleari u ta' missili balistiċi jikkostitwixxi sfida għar-reġim internazzjonali ta' nonproliferazzjoni nukleari u joħloq ir-riskju li t-tensjonijiet reġjonali jaggravaw;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

C. billi r-RDPK, bl-ekonomija tagħha kkonċentrata fuq il-militar, għadha 'l bogħod milli tilħaq l-objettiv mistqarr tagħha li ssir nazzjon b'saħħtu u għani u minflok kompliet tiżola u tfaqqar dejjem aktar lill-poplu tagħha permezz tal-kisba ta' armi ta' qerda massiva u l-vetturi tagħhom;

D. billi l-UE tappoġġja bil-qawwa l-idea ta' Peniżola Koreana ħielsa min-nuklearizzazzjoni, u tqis li l-issuktar tat-Taħditiet bejn Sitt Partijiet hu essenzjali għall-paċi, is-sigurtà u l-istabilità fir-reġjun;

E. billi l-konċentrazzjoni tar-RDPK fuq l-investimenti militari jistgħu jitqiesu bħala negliġenza kriminali tal-ħtiġijiet bażiċi taċ-ċittadini tagħha minħabba l-fatt li madwar 70 fil-mija tal-popolazzjoni tal-pajjiż ta' 24,6 miljun ruħ qed ibatu nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u minħabba li kważi 30 fil-mija tat-tfal ta' taħt l-età ta' ħames snin jinsabu neqsin serjament mill-ikel sustanzjuż;

F. billi r-RDPK ilha għaddejja b'sitwazzjoni estremament problematika tad-drittijiet tal-bniedem għal ħafna snin; billi r-reġim tar-RDPK bil-kemm ikkoopera man-NU u rrifjuta r-riżoluzzjonijiet kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Korea ta' Fuq; billi naqas milli jikkoopera mar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, u rrifjuta kull għajnuna mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem taħt il-proċeduri speċjali;

G. billi saret laqgħa wara r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Marzu 2015 bejn diplomatiċi tal-Korea ta' Fuq u Marzuki Darusman, ir-Rapporteur Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-drittijiet tal-bniedem firl-Korea ta' Fuq;

H. billi l-UE hi difensur u promotur tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja; billi d-djalogu UE-RDPK dwar id-drittijiet tal-bniedem ilu li ġie sospiż mir-RDPK mill-2013; billi l-UE u r-RDPK kellhom rawnd ta' djalogu politiku f'Ġunju 2015;

I. billi l-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU (KtI) investigat "il-vjolazzjonijiet sistematiċi, mifruxa u gravi tad-drittijiet tal-bniedem" fil-Korea ta' Fuq u ħarġet rapport fis-7 ta' Frar 2014; billi l-KtI kkonkludiet fir-rapport tagħha li l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa ta' Pyongyang huma "mingħajr parallel fid-dinja kontemporanja" u sabet "dik li hija kważi ċaħda totali tad-dritt tal-ħsieb, tal-kuxjenza, u tar-reliġjoni, kif ukoll tad-drittijiet tal-libertà tal-opinjoni, tal-espressjoni, tal-informazzjoni, u ta' assoċjazzjoni"; billi l-KtI sabet bosta każi fejn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità; billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK marret għall-agħar mill-2014 'il hawn;

J. billi l-Gvern tar-RDPK ma jippermetti l-ebda oppożizzjoni politika, l-anqas ma jippermetti elezzjonijiet liberi u ġusti, midja ħielsa, libertà reliġjuża, libertà ta' assoċjazzjoni, negozjar kollettiv jew moviment liberu;

K. billi r-RDPK għandha sistema tas-sigurtà estensiva u strutturata tajjeb li tissorvelja mill-qrib il-ħajja ta' kważi kull ċittadin u ma tippermetti l-ebda tip ta' libertà bażika fil-pajjiż;

L. billi l-awtoritajiet statali tar-RDPK sistematikament iwettqu eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, detenzjonijiet arbitrarji u għejbien ta' persuni, fosthom anke fil-forma ta' ħtif ta' ċittadini barranin, filwaqt li internaw aktar minn 100 000 persuna f'ħabsijiet u f'kampijiet ta' 'riedukazzjoni';

M. billi l-poplu tar-RDPK ilu espost għal deċennji ta' sottożvilupp, b'sevizz ta' kura tas-saħħa batut u livelli għolja ta' malnutrizzjoni materna u infantili, f'kuntest ta' iżolament politiku u ekonomiku, diżastri naturali rikorrenti u żidiet internazzjonali fil-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel u tal-karburanti; billi r-RDPK qed tikser id-dritt tal-ikel tan-nies tagħha;

1. Jikkundanna bil-qawwa r-raba' prova nukleari tas-6 ta' Jannar 2016 bħala provokazzjoni bla bżonn u perikoluża kif ukoll bħala ksur tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u theddida serja għall-paċi u l-istabilità fil-Peniżola Koreana u r-reġjun tal-Asja tal-Grigal; jappoġġja sanzjonijiet li fihom sinifikat u li huma effettivi wara l-prova nukleari li saret dan l-aħħar liema sanzjonijiet għandhom jiġu deċiżi mill-komunità internazzjonali;

2. Iħeġġeġ lir-RDPK żżomm lura minn azzjonijiet provokattivi ulterjuri billi tabbanduna l-programmi nukleari u tal-missili ballistiċi tagħha b'mod komplet, verifikabbli u irreversibbli, twaqqaf l-attivitajiet relatati kollha u tikkonforma immedjatament mal-obbligi internazzjonali tagħha kollha, inklużi r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tal-Bord ta' Gvernaturi tal-IAEA kif ukoll normi oħra internazzjonali tad-diżarm u n-nonproliferazzjoni; jistieden lir-RDPK tiffirma u tirratifika t-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari mingħajr dewmien u tirrispetta l-impenji tagħha skont id-Dikjarazzjonijiet Konġunti tat-Taħdidiet bejn Sitt Partijiet fid-19 ta' Settembru 2005;

3. Jafferma x-xewqa tiegħu għal soluzzjoni diplomatika u politika għall-kwistjoni nukleari tar-RDPK; itenni l-appoġġ tiegħu għat-Taħdidiet bejn Sitt Partijiet u jitlob li dawn jissuktaw; iħeġġeġ lill-parteċipanti kollha tat-Taħditiet bejn Sitt Partijiet jintensifikaw l-isforzi tagħhom; jistieden lir-RDPK terġa' timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-komunità internazzjonali, u b'mod partikolari mal-membri tat-Taħditiet bejn Sitt Partijiet, sabiex taħdem favur paċi u sigurtà dejjiema f'peniżola Koreana ħielsa min-nukleari u bħala l-aħjar mezz kif jiġi żgurat ġejjieni aktar għani u stabbli għar-RDPK;

4. Jinsab konvint li wasal iż-żmien biex il-komunità internazzjonali tieħu azzjoni konkreta biex ittemm l-impunità ta' dawk li jwettqu d-delitti; jitlob b'insistenza li dawk l-iktar responsabbli għad-delitti kontra l-umanità mwettqa fir-RDPK jinżammu responsabbli, jiġu mixlija quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali u jiġu soġġetti għal sanzjonijiet immirati;

5. Jenfasizza l-fatt li l-vjolazzjonijiet deskritti fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta, li ħafna minnhom jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità, ilhom iseħħu wisq żmien taħt l-għajnejn osservanti tal-komunità internazzjonali;

6. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDPK jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta mingħajr dewmien;

7. Jistieden lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jeżerċita l-influwenza u s-saħħa politika u ekonomika akbar tiegħu fuq ir-RDPK biex jiġi żgurat li s-sitwazzjoni ma tkomplix teskala aktar; jistieden lir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tieħu l-passi kollha meħtieġa, b'kooperazzjoni mal-komunità internazzjonali, bil-għan li jerġa' jkun hemm il-paċi u l-istabilità fuq il-Peniżola Koreana; jinnota l-appoġġ tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għar-riżoluzzjoni 2094(2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jinnota l-kunsens fost il-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fir-reazzjoni tagħhom għall-prova nukleari reċenti tar-RDPK;

8. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex, bi qbil mal-obbligi tiegħu bħala stat firmatarju tal-Konvenzjoni tar-Rifuġjati tan-NU, la jiċħad id-dritt lir-rifuġjati mill-Korea ta' Fuq li jaqsmu l-fruntiera għal ġoċ-Ċina biex ifittxu ażil u lanqas ma jġegħilhom jirritornaw lejn il-Korea ta' Fuq, imma jħares id-drittijiet tal-bniedem fundamentali tagħhom; jistieden lill-UE teżerċita pressjoni diplomatika għal dak il-għan; itenni l-istedina tiegħu lill-pajjiżi kollha li jaslu għandhom rifuġjati mir-RDPK biex jirrispettaw il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 billi ma jreġġgħu l-ebda rifuġjat mill-Korea ta' Fuq lura r-RDPK;

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

9. Jilqa' r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, li ġiet appoġġjata mill-Istati Membri kollha tal-UE; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jindirizzaw is-sitwazzjoni gravi tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK;

10. Jistieden lir-RGħ/VP Federica Mogherini tuża l-kapaċità esperta tar-Repubblika tal-Koera fl-ifformular tal-istrateġija tal-UE lejn ir-RDPK; jistieden lir-RGħ/VP timmonitorja żviluppi ulterjuri fir-RDPK u tirrapporta lura lill-Parlament ħalli l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK tibqa' prijorità fl-aġenda politika tal-UE; jemmen li l-UE għandha rwol kostruttiv xi twettaq permezz tal-impenn kritiku tagħha mal-Gvern tar-RDPK;

11. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar id-deterjorazzjoni persistenti tas-sitwazzjoni tad-drittjiet tal-bniedem fir-RDPK; jistieden lill-Gvern tar-RDPK jwettaq l-obbligi tiegħu fl-ambitu tal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li hu parti fihom, u jistiednu jiżgura li l-organizzazzjonijiet umanitarji, l-osservaturi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK jkollhom aċċess għall-pajjiż u jingħataw il-kooperazzjoni meħtieġa;

12. Jistieden lill-Gvern tar-RDPK jieqaf immedjatament milli juża t-trażżin sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem bħala għodda politika biex jikkontrolla u jissorvelja lill-popolazzjoni tiegħu stess;

13. Jikkundanna bil-qawwa l-użu sistematiku u fuq skala kbira tal-piena kapitali fir-RDPK; jistieden lill-Gvern tar-RDPK jiddikjara moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet kollha, bil-għan li l-piena kapitali tiġi abolita fil-ġejjieni qrib; jistieden lir-RDPK ttemm il-qtil extraġudizzjarju u l-għejbien imġiegħel, teħles lill-priġunieri politiċi u tippermetti liċ-ċittadini tagħha jivvjaġġaw liberament, kemm fil-pajjiż kif ukoll barra minnu; jistieden lill-RDPK tippermetti l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa għall-midja nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll aċċess għall-internet mingħajr ċensura liċ-ċittadini kollha tagħha;

14. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDPK jwaqqaf milli jkompli bil-programm tax-xogħol sfurzat sponsojat mill-Istat li taħtu pajjiżi barranin ħaddmu għaxriet ta' eluf ta' ħaddiema mill-Korea ta' Fuq taħt kundizzjonijiet illegali, prinċipalment fil-minjieri, fil-qtugħ tas-siġar għall-injam, fit-tessuti u fi proġetti tal-bini, li ġġenera flus kontanti biex ikun jista' jiġi sostnut ir-reġim; jirrimarka li f'dan il-każ ir-responsabilità għall-ħarsien tad-drittijiet tax-xogħol testendi għall-istati ospitanti li għandhom jiżguraw il-ħarsien tal-istandards tax-xogħol u tad-drittijiet tal-bniedem;

15. Jikkundanna r-restrizzjonijiet ħarxa fuq il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew it-twemmin, tal-opinjoni u tal-espressjoni, ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sistema songbun li tikklassifika lin-nies abbażi ta' klassi soċjali u twelid assenjati mill-Istat, u tinkludi wkoll konsiderazzjoni tal-opinjonijiet politiċi u tar-reliġjon;

16. Jesprimi t-tħassib partikolari tiegħu dwar il-gravità tas-sitwazzjoni tal-ikel li l-pajjiż qiegħed iħabbat wiċċu magħha u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-popolazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bil-programmi ta' għajnuna umanitarja eżistenti u bil-linji ta' komunikazzjoni eżistenti mar-RDPK, u tiżgura li jaslu b'mod sikur għand il-partijiet tal-popolazzjoni li huma mmirati lilhom; jistieden lill-awtoritajiet tal-RDPK jiżguraw l-aċċess liċ-ċittadini kollha għall-ikel u l-għajnuna umanitarja abbażi tal-ħtieġa, skont il-prinċipji umanitarji;

17. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-RDPK jirriżolvu b'mod urġenti l-kwistjoni tal-ħtif sistematiku ta' persuni, jgħaddu l-informazzjoni kollha dwar iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi dawk tal-Ġappun u tar-Repubblika tal-Korea, issuspettati li nħatfu minn aġenti tal-istat tal-Korea ta' Fuq matul dawn l-aħħar deċennji, u lil dawk maħtufa li għadhom qed jinżammu jirritornawhom lejn pajjiżhom immedjatament;

18. Jistieden lir-RDPK tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-interlokuturi internazzjonali bil-ħsieb li jiġu promossi titjibiet konkreti fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-prattika, inkluż permezz ta' djalogi, żjarat uffiċjali lejn il-pajjiż u aktar kuntatt bejn il-persuni;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Viċi President tal-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Korea, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Istati Uniti, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ġappun, lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK, u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0001

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski (2015/2241(IMM))

(2018/C 011/15)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski, imressqa fit-13 ta' Awwissu 2015 mill-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja b'rabta mal-proċedimenti li għandhom jitressqu mill-Ispettur Ġenerali tat-Trasport Stradali Pollakk (Ref. Nru CAN-PST-SCW.7421.35493.2015.5.A.0475), u mħabbra fis-seduta plenarja fid-9 ta' Settembru 2015.

— wara li kkunsidra l-fatt li Czesław Adam Siekierski rrinunzja għad-dritt tiegħu għal seduta ta' smigħ b'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(2) u l-Artikolu 108 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja u l-Artikoli 7b(1) u 7c (1) b'konnessjoni mal-Artikolu 10b tal-Att tal-Polonja tad-9 ta' Mejju 1996 dwar l-eżerċizzju tal-mandat ta' Membru jew Senatur,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1), u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0004/2016),

([1]) (Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, *Wagner* v *Fohrmann u Krier*, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Wybot* v *Faure u oħrajn*, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote* v *Il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra* v *De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch* v *Il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch* v *Il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI: EU:T:2013:23.)

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja għadda talba mingħand l-Ispettur Ġenerali tat-Trasport Stradali Pollakk għat-tneħħija tal-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew elett fir-rigward tal-Polonja, Czesław Adam Siekierski, b'rabta ma' reat skont l-Artikolu 92a tal-Kodiċi tal-Offiżi żgħar tal-20 ta' Mejju 1971 b'rabta mal-Artikolu 20 (1) tal-Att dwar it-Traffiku Stradali tal-20 ta' Ġunju 1997; billi, b'mod partikolari, ir-reat allegat jammonta għal sewqan b'veloċità li teċċedi l-veloċità massima permessa f'żona mibnija;

B. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;

C. billi l-Artikolu 105(2) u l-Artikolu 108 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja jiddikjaraw li deputat jew senatur m'għandux jiġi soġġett għal responsabilità penali mingħajr il-kunsens tas-Sejm jew tas-Senat rispettivament;

D. billi għalhekk tiġi r-responsabilità tal-Parlament Ewropew li jiddeċiedi jekk l-immunità ta' Czesław Adam Siekierski għandhiex titneħħa jew le;

E. billi l-allegat reat m'għandux rabta diretta jew ovvja mal-prestazzjoni ta' Czesław Adam Siekierski fil-qadi ta' dmirijietu bħal Membru tal-Parlament Ewropew;

F. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri suspett serju u preċiż biżżejjed li t-talba saret bl-intenzjoni li ssir ħsara politika lill-Membru kkonċernat;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Czesław Adam Siekierski;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-Polonja u lil Czesław Adam Siekierski.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0002

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski (2015/2268(IMM))

(2018/C 011/16)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Czesław Adam Siekierski, imressqa fis-7 ta' Settembru 2015 mill-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja b'rabta mal-proċedimenti li għandhom jitressqu mill-Ispettur Ġenerali tat-Trasport Stradali Pollakk (Ref. Nru CAN-PST-SCW.7421.573278.2015.3.A.0475), u mħabbra fis-seduta plenarja fil-5 ta' Ottubru 2015.

— wara li kkunsidra l-fatt li Czesław Adam Siekierski rrinunzja għad-dritt tiegħu għal seduta ta' smigħ b'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(2) u l-Artikolu 108 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja u l-Artikoli 7b(1) u 7c (1) b'konnessjoni mal-Artikolu 10b tal-Att tal-Polonja tad-9 ta' Mejju 1996 dwar l-eżerċizzju tal-mandat ta' Membru jew Senatur,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1), u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0005/2016),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja għadda talba mingħand l-Ispettur Ġenerali tat-Trasport Stradali Pollakk għat-tneħħija tal-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew elett fir-rigward tal-Polonja, Czesław Adam Siekierski, b'rabta ma' reat skont l-Artikolu 92a tal-Kodiċi tal-Offiżi żgħar tal-20 ta' Mejju 1971 b'rabta mal-Artikolu 20 (1) tal-Att dwar it-Traffiku Stradali tal-20 ta' Ġunju 1997; billi, b'mod partikolari, ir-reat allegat jammonta għal sewqan b'veloċità li teċċedi l-veloċità massima permessa f'żona mibnija;

B. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju ta'l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

C. billi l-Artikolu 105(2) u l-Artikolu 108 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja jiddikjaraw li deputat jew senatur m'għandux jiġi soġġett għal responsabilità penali mingħajr il-kunsens tas-Sejm jew tas-Senat rispettivament;

D. billi għalhekk tiġi r-responsabilità tal-Parlament Ewropew li jiddeċiedi jekk l-immunità ta' Czesław Adam Siekierski għandhiex titneħħa jew le;

E. billi, skont l-Artikolu 9(7) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru;

([1]) (Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, *Wagner* v *Fohrmann u Krier*, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Wybot* v *Faure u oħrajn*, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote* v *Il-Parliament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra* v *De Gregorio u Clemente*, C-200/07 and C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch* v *Il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch* v *Il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI: EU:T:2013:23.)

F. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri suspett serju u preċiż biżżejjed li t-talba saret bl-intenzjoni li tiġi kkawżata ħsara politika lill-Membru kkonċernat;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Czesław Adam Siekierski;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-Polonja u lil Czesław Adam Siekierski.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0003

Pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (COM(2015)0180 – C8-0118/2015 – 2015/0096(COD)) ([1])

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 011/17)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-pjan għall-irkupru jqis l-ispeċifiċitajiet ta' tipi differenti ta' rkaptu. Hija u timplimenta l-pjan ta' rkupru, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-attivitajiet ta' sajd mhux industrijali u lill-aktar irkapti sostenibbli u artiġjanali, bħan-nases tradizzjonali ("almadrabas", "tonnare"), li jikkontribwixxu b'mod pożittiv ħafna għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tat-tonn, minħabba l-livell għoli ta' selettività u impatt ambjentali baxx fl-ekosistemi tal-baħar, u li huma ta' valur f'termini xjentifiċi.

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 61(2), it-tieni subparagrafu (A8-0367/2015).

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-emendi kollha tal-pjan ta' rkupru li l-ICCAT adottat fl-2012, fl-2013 u fl-2014 li għadhom ma ġewx trasposti fil-liġi tal-Unjoni jridu ***jiddaħħlu*** fiha. Minħabba li din it-traspożizzjoni tikkonċerna pjan li l-għanijiet u l-miżuri tiegħu ġew iddefiniti mill-ICCAT, dan ir-Regolament ma jkoprix il-kontenut kollu tal-pjanijiet multiannwali stabbiliti skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).	(14) L-emendi kollha tal-pjan għall-irkupru li l-ICCAT adottat ***fl-2006,*** fl-2012, fl-2013 u fl-2014 li għadhom ma ġewx trasposti jridu ***jiġu trasposti*** fil-liġi tal-Unjoni. Minħabba li din it-traspożizzjoni tikkonċerna pjan li l-għanijiet u l-miżuri tiegħu ġew iddefiniti mill-ICCAT, dan ir-Regolament ma jkoprix il-kontenut kollu tal-pjanijiet multiannwali stabbiliti skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).
([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354/22, 28.12.2013, p. ***1***).	([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. ***22***).

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jeħtieġ li fid-dritt tal-Unjoni jiġu trasposti l-emendi vinkolanti futuri tal-pjan ta' rkupru. Sabiex it-tali emendi jiddaħħlu malajr fid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Hija u tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dokumenti rilevanti jintbagħtu b'mod simultanju, fil-ħin u kif xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	***imħassar***

It-Tlieta 19 ta’ Jannar 2016

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) ***Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi l-kunċett ta’ daqsijiet minimi ta’ referenza għall-konservazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-kunċett tal-ICCAT b’rabta mad-daqsijiet minimi għandu jiġi traspost fid-dritt tal-Unjoni bħala daqsijiet minimi ta’ referenza għall-konservazzjoni. Konsegwentement, ir-referenzi fir-Regolament ta’ Delega tal-Kunsill (UE) 2015/98 [1a] għat-tonn għandhom jinqraw bħala referenzi għad-daqsijiet minimi ta’ referenza għall-konservazzjoni f’dan ir-Regolament.*** [1a] ***Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta’ Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.01.2015, p. 23).***

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jkunu japplikaw immedjatament f’każijiet iġġustifikati kif xieraq marbutin mal-attivitajiet ta’ trasferiment u ta’ tqegħid fil-gaġeġ u mar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-attivitajiet tal-bastimenti u tat-tunnari, fejn ikun hemm raġunijiet importanti ħafna ta’ urġenza li jeżiġu hekk.***	***imħassar***

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) ***Permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, iddaħħal obbligu ta' ħatt l-art li beda japplika mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem għall-qabdiet tat-tonn. Madankollu, skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament, l-obbligu ta' ħatt l-art huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, bħal dawk li ġejjin mir-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Skont din l-istess dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati biex timplimenta t-tali obbligi internazzjonali fid-dritt tal-Unjoni, fosthom, b'mod partikulari, d-derogi mill-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, għandu jitħalla jiġi skartat it-tonn f'ċerti sitwazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014. Għaldaqstant, dan ir-Regolament m'għandux bżonn ikopri dawn l-obbligi tal-iskartar,***	(24) ***Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 jipprevedi derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art tat-tonn stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 bil-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni. Dan jimplimenta ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 13-07 tal-ICCAT li tistabbilixxi obbligu ta' skartar u rilaxx għall-bastimenti u n-nases li jaqbdu t-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran f'ċerti sitwazzjonijiet. Għaldaqstant, dan ir-Regolament m'hemmx għalfejn ikopri dawn l-obbligi ta' skartar u rilaxx u konsegwentement ikun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98,***

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tal-Pjan ta' rkupru ddefinit fl-Artikolu 3(1) min-naħa tal-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tal-Pjan ta' rkupru ddefinit fl-Artikolu 3(1) min-naħa tal-Unjoni, ***filwaqt li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi tipi ta' rkaptu u jagħti attenzjoni partikolari lil irkapti tradizzjonali, aktar sostenibbli u artiġjanali, bħan-nases.***

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) "kapaċità ta' trobbija tal-ħut" tfisser il-kapaċità ta' farm tal-ħut li jżomm il-ħut għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija tiegħu f'tunnellati";	***imħassar***

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li ***l-attivitajiet*** tas-sajd tal-bastimenti tal-qbid u tat-tunnari tiegħu jkunu proporzjonati mal-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu.	1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li ***l-isforz*** tas-sajd tal-bastimenti tal-qbid u tat-tunnari tiegħu jkunu proporzjonati mal-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu***, u jissavalvagwardja l-vijabilità soċjoekonomika tan-nases tiegħu***.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-pjan annwali għas-sajd imressaq minn kull Stat Membru għandu jipprevedi it-tqassim ekwu tal-kwoti bejn il-gruppi tal-irkaptu bil-għan li jiżgura konformità mal-kwoti individwali u l-kwoti ta' qabdiet inċidentali.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika, għall-allokazzjoni nazzjonali tal-kwoti, u jqisu b'mod speċjali l-preservazzjoni u l-prosperità ta' sajjieda li jiżvolġu attivitajiet ta' sajd fuq skala żgħira, artiġjanali u tradizzjonali bl-użu ta' nases u metodi selettivi oħra ta' sajd, u jħeġġu metodi bħal dawn

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikulari li jkunu qed jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat għall-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jkunu stadu għat-tonn, żammewh abbord, ittrażbordawh, ittrasportawh jew ħattewh l-art fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-1 ta' Lulju 2008***, u għat-tunnellaġġ gross totali korrispondenti***. Dak il-limitu għandu japplika skont it-tip ta' rkaptu għall-bastimenti tal-qbid.	3. L-għadd massimu ***u t-tunnellaġġ gross korrispondenti*** ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikolari li jkunu qed jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat għall-għadd, u għat-tunnellaġġ gross totali korrispondenti, ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jkunu stadu għat-tonn, żammewh abbord, ittrażbordawh, ittrasportawh jew ħattewh l-art fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-1 ta' Lulju 2008. Dak il-limitu għandu japplika skont it-tip ta' rkaptu għall-bastimenti tal-qbid.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. B'deroga mill-paragrafi 2, 3, u 5, l-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw is-sistema tal-kwoti tas-sajd tat-tonn, li tippenalizza lis-sajjieda li jistadu fuq skala żgħira, bil-għan li jitneħħa l-monopolju li hu eżerċitati fil-preżent mis-sidien ta' bastimenti kbar u jiġu inkoraġġiti sistemi tas-sajd aktar sostenibbli bħalma huma dawk użati għas-sajd fuq skala żgħira.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***B'deroga mill-paragrafi 3 u 6,*** għall-2015, l-2016 u l-2017, kull Stat Membru għandu jillimita l-għadd ta' bastimenti tas-sajd bil-purse seine tiegħu ***li ma jkunux awtorizzati jistadu għat-tonn skont id-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b)*** għall-għadd ta' bastimenti tas-sajd bil-purse seine li huwa jkun awtorizza fl-2013 jew fl-2014.	7. Għall-2015, l-2016 u l-2017, kull Stat Membru għandu jillimita l-għadd ta' bastimenti tas-sajd bil-purse seine tiegħu għall-għadd ta' bastimenti tas-sajd bil-purse seine li huwa awtorizza fl-2013 jew fl-2014. ***Dan m'għandux japplika għal bastimenti tas-sajd bil-purse seine li joperaw taħt id-deroga prevista mill-punt (b) tal-Artikolu 13(2).***

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Is-sajd għat-tonn bi rkaptu ieħor minbarra dak imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4 u fl-Artikolu 11, fosthom bit-tunnari, għandu jkun permess matul is-sena kollha.	5. Is-sajd għat-tonn bi rkaptu ieħor minbarra dak imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4 u fl-Artikolu 11, fosthom bit-tunnari għandu jkun permess matul is-sena kollha***, f'konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT***.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Kapitolu III – Taqsima 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
DAQS MINIMU, QABDIET INĊIDENTALI MIŻMUMIN U QABDIET INĊIDENTALI TOTALI	DAQS MINIMU ***TA' REFERENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI***, QABDIET INĊIDENTALI MIŻMUMIN U QABDIET INĊIDENTALI TOTALI

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, inkluża kwalunkwe ***deroga skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament***.	Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, inkluża kwalunkwe ***deroga applikabbli***.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Daqs minimu	Daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni***

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-daqs minimu tat-tonn maqbud fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun ta' 30 kg jew ta' 115-il ċm f'tul sal-furketta.	1. Id-daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni*** tat-tonn maqbud fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun ta' 30 kg jew ta' 115-il ċm f'tul sal-furketta.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-paragrafu 1, għandu japplika daqs minimu għat-tonn ta' 8 kg jew ta' ***75 ċm*** f'tul sal-furketta fil-każijiet tas-sajd li ġejjin:	B'deroga mill-paragrafu 1, għandu japplika daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni*** għat-tonn ta' 8 kg jew ta' ***75 cm*** f'tul sal-furketta fil-każijiet tas-sajd li ġejjin:

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk il-kwota allokata għall-Istat Membru tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat jew tat-tunnara kkonċernata tkun diġà ntużat kollha, għandu jiġi evitat li jinqabad kwalunkwe tonn. It-tonn mejjet għandu jinħatt l-art u jiġi kkonfiskat u għandha tittieħed azzjoni xierqa ta' segwitu marbuta miegħu. F'konformità mal-Artikolu 27, kull Stat Membru għandu jibgħat it-tagħrif dwar it-tali kwantitajiet fuq bażi annwali lill-Kummissjoni li, min-naħa tagħha, għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT.	4. Jekk il-kwota allokata għall-Istat Membru tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat jew tat-tunnara kkonċernata tkun diġà ntużat kollha, għandu jiġi evitat li jinqabad kwalunkwe tonn. It-tonn mejjet għandu jinħatt l-art ***sħiħ u mhux ipproċessat***, u għandu jiġi kkonfiskat u għandha tittieħed azzjoni xierqa ta' segwitu marbuta miegħu. F'konformità mal-Artikolu 27, kull Stat Membru għandu jibgħat it-tagħrif dwar it-tali kwantitajiet fuq bażi annwali lill-Kummissjoni li, min-naħa tagħha, għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 21

Proposta għal regolament

Kapitolu III – Taqsima 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
UŻU ***TAL-INĠENJI TAL-AJRU***	UŻU ***TA' MEZZI TA' TRASPORT BL-AJRU***

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. It-tonn kollu li jinħatt l-art għandu jinħatt sħiħ, bil-garġi mneħħijin u mnaddaf. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura, sa fejn huwa possibbli, ir-rilaxx ta' tonn maqbud ħaj, speċjalment ta' età żgħira, fil-kuntest tas-sajd rikreattiv u sportiv.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) lista tal-bastimenti kollha tal-qbid li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni ***speċjali*** tas-sajd għal dan; ***u***	(a) lista tal-bastimenti kollha tal-qbid li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni tas-sajd għal dan;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	Ir-rabta mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009
	Il-miżuri ta' kontroll previsti minn dan il-Kapitolu għandhom japplikaw flimkien ma' dawk previsti mir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ħlief fejn ikun previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira l-awtorizzazzjoni tas-sajd għat-tonn u ***għandu*** jitlob lill-bastiment jipproċedi immedjatament lejn port magħżul minnu meta jitqies li tkun ġiet eżawrita l-kwota individwali.	2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira l-awtorizzazzjoni tas-sajd għat-tonn u ***jista'*** jitlob lill-bastiment jipproċedi immedjatament lejn port magħżul minnu meta jitqies li tkun ġiet eżawrita l-kwota individwali.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, lista tat-tunnari kollha tiegħu li jkunu awtorizzati jintużaw għas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni ***speċjali*** tas-sajd għal dan. Dik il-lista għandha tinkludi isem it-tunnari u n-numru tagħhom fir-reġistru u għandha tiġi stabbilita skont il-format mogħti fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tat-tagħrif meħtieġa.	1. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, lista tat-tunnari kollha tiegħu li jkunu awtorizzati jintużaw għas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni tas-sajd għal dan. Dik il-lista għandha tinkludi isem it-tunnari u n-numru tagħhom fir-reġistru u għandha tiġi stabbilita skont il-format mogħti fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tat-tagħrif meħtieġa.

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu japplikaw mill-ewwel skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 59(3).	***imħassar***

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 80(3) tar-Regolament (UE) Nru 404/2011 għan-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn miżmum abbord tista' tintbagħat fil-ħin miftiehem tan-notifika qabel il-wasla.	3. Fejn l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 80(3) tar-Regolament ***ta' Implimentazzjoni*** (UE) Nru 404/2011 għan-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn miżmum abbord tista' tintbagħat fil-ħin miftiehem tan-notifika qabel il-wasla. ***Jekk il-postijiet għas-sajd huma inqas minn erba' sigħat bogħod mill-port, l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn miżmum abbord tista' tinbidel fi kwalunkwe ħin qabel il-wasla.***

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu japplikaw mill-ewwel skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 59(3).	***imħassar***

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu japplikaw mill-ewwel skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 59(3).	***imħassar***

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 47 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li ċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jgħaddu l-messaġġi tal-VMS li jaslu mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom lill-Kummissjoni u lil korp magħżul minnha f'ħin reali u billi jużaw il-format "https data feed"***. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-messaġġi b'mod elettroniku lis-Segretarjat tal-ICCAT.	4. L-Istati Membri għandhom ***jittrażmettu d-data prevista minn dan l-Artikolu skont l-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011***. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-messaġġi b'mod elettroniku lis-Segretarjat tal-ICCAT.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) matul kull trasferiment minn farm għal ieħor;

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 5 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) li jiġu osservati u mmonitorjati l-operazzjonijiet tas-sajd u t-trobbija tal-ħut f'konformità mal-miżuri għall-konservazzjoni u l-ġestjoni rilevanti tal-ICCAT;

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 57	***imħassar***
Proċedura għall-emendi	
1. Sa fejn huwa meħtieġ, sabiex fid-dritt tal-Unjoni jiġu inkorporati l-emendi tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-pjan għall-irkupru tat-tonn li jsiru obbligatorji għall-Unjoni, il-Kummissjoni tista' temenda d-dispożizzjonijiet mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament permezz ta' atti delegati adottati skont l-Artikolu 58.	

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 58	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega għall-emendi	
1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta atti delegati bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata d-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 57 għal perjodu taż-żmien mhux determinat.	
3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 57 fi kwalunkwe ħin. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.	

It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.	
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 57 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jqajmu oġġezzjoni għalih fi żmien xahrejn minn meta dak l-att jiġi mgħarraf lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.	***imħassar***

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fit-tielet jum*** wara ***dak*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fl-għoxrin jum*** wara ***l-jum*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minbarra d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 8(3), l-għadd massimu ta' bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet tat-trobbija tal-ħut bil-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jkun l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jkunu ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2008.	2. Minbarra d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 8(3), l-għadd massimu ta' bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet tat-trobbija tal-ħut bil-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jkun l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jkunu ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2008. ***Għal dak il-għan, għandu jitqies l-għadd ta' bastimenti tal-qbid Kroati li fl-2008 pparteċipaw fis-sajd dirett għat-tonn.***

It-Tlieta 19 ta’ Jannar 2016

Emenda 39

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 2 – linja 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għadd ta’ ħut: Speċi:	Għadd ta’ ħut: Speċi: ***Piż:***

Emenda 40

Proposta għal regolament

Anness VII – punt 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***a*** jingħataw aċċess għall-persunal tal-bastimenti ***u*** tal-farms tal-ħut u għall-irkaptu, il-gaġeġ u t-tagħmir;	(a) jingħataw aċċess għall-persunal tal-bastimenti, tal-farms tal-ħut ***u tan-nases*** u għall-irkaptu, il-gaġeġ u t-tagħmir;

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0010

Skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (DRV) fil-Latvja *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (DRV) fil-Latvja (13060/2015 – C8-0338/2015 – 2015/0813(CNS))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 011/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (13060/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0338/2015),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2013 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi fl-UE: l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Prüm u l-Mudell Ewropew ta' Skambju ta' Informazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0370/2015),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0419.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0269.

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0011

Il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (COM(2013)0821 – C7-0427/2013 – 2013/0407(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 011/19)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0821),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0427/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, mill-House of Commons tar-Renju Unit, li tiddikjara li abbozz ta' att leġislattiv ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Marzu 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-4 ta' Novembru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0133/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2013)0407

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2016/343.)

([1]) ĠU C 226, 16.7.2014, p. 63.

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0012

Tagħmir personali protettiv ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir personali protettiv (COM(2014)0186 – C7-0110/2014 – 2014/0108(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 011/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0186),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0110/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Ottubru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0148/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0108

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2016/425.)

([1]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 76.

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0013

Tagħmir li juża l-gass ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward tagħmir li juża l-gass (COM(2014)0258 – C8-0006/2014 – 2014/0136(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 011/21)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0258),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0006/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Lulju 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Ottubru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0147/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0136

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2016/426.)

([1]) ĠU C 458, 19.12.2014, p. 25.

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0014

Installazzjonijiet funivjarji ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjonijiet funivjarji (COM(2014)0187 – C7-0111/2014 – 2014/0107(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 011/22)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0187),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0111/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Ottubru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0063/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0107

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Jannar 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjonijiet tal-funikular u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2016/424.)

([1]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 81.

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0015

Oġġezzjoni għall-att delegat dwar rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u għall-ikel tat-trabi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2016 dwar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u għall-ikel tat-trabi (C(2015)06507 – 2015/2863(DEA))

(2018/C 011/23)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament delegat tal-Kummissjoni (C(2015)06507),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra l-Kodiċi Internazzjonali tal-Kummerċjalizzazzjoni tas-Sostituti tal-Ħalib tal-Omm adottat mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fl-1981 ([2]) u s-16-il riżoluzzjoni rilevanti sussegwenti tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa u, b'mod partikolari, ir-Riżoluzzjoni 63.23 tal-21 ta' Mejju 2010, tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa li tħeġġeġ lill-Istati Membri biex 'itemmu l-promozzjoni mhux xierqa tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar u biex jiġi żgurat li l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa ma jiġux permessi għal ikel għat-trabi u t-tfal żgħar, ħlief fejn ikun provdut speċifikament, fi standards rilevanti tal-Codex Alimentarius jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali',

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' pożizzjoni tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku dwar in-Nutrizzjoni (SACN) tal-Gvern tar-Renju Unit tal-24 ta' Settembru 2007 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 u l-prinċipju ta' prekawzjoni mniżżel fih,

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kummissjoni naqset milli tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill ir-rapport dwar l-Ikel Maħsub għat-Tfal Żgħar ("formula"), meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 609/2013 (Artikolu 12), li hu kundizzjoni neċessarja sabiex l-istrateġiji nazzjonali jnaqqsu l-obeżità fit-tfal;

B. billi fil-parti 3 tal-Anness I, ir-Regolament delegat jippermetti li l-ikel għat-trabi jipprovdi 30 % tal-enerġija tiegħu miz-zokkor (7,5 g zokkor/100 kcal hija ekwivalenti għal 30 kcal miz-zokkor f'100 kcal ta' enerġija);

([1]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35.
([2]) http://www.who.int/nutrition/publications/code_english.pdf
([3]) http://webarchive.nationalarchives.gov.uk/20140507013106/http://www.sacn.gov.uk/pdfs/position_statement_2007_09_24.pdf

C. billi d-dispożizzjonijiet fil-parti 3 tal-Anness I, imorru kontra l-pariri kollha dwar is-saħħa mogħtija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ([1]) – li tirrakkomanda li l-konsum taz-zokkor ħieles ikun anqas minn 10 % tal-konsum totali tal-enerġija, bi tnaqqis ulterjuri għal anqas minn 5 %tal-konsum totali ta' enerġija għal benefiċċji tas-saħħa addizzjonali – u minn kumitati xjentifiċi fl-Istati Membri, li rrakkomandaw tnaqqis sinifikanti tal-konsum totali taz-zokkor; billi l-introduzzjoni ta' tali ikel, speċjalment f'età daqshekk bikrija, x'aktarx tikkontribwixxi għal-livelli dejjem jiżdiedu ta' obeżità fit-tfal u tista' taffettwa l-iżvilupp ta' preferenzi fit-togħma fit-tfal; billi, b'mod partikolari fil-każ tat-trabi u t-tfal żgħar, il-livelli ta' zokkor miżjud għandhom jinżammu baxxi kemm jista' jkun;

D. billi dieta ħażina hi, attwalment, bil-wisq l-ikbar kawża sottostanti ta' mard u mewt fid-dinja – ikbar mit-tabakk, l-alkoħol u n-nuqqas ta' attività fiżika kollha flimkien ([2]);

E. billi d-WHO tirrakkomanda li mis-6 xahar 'il quddiem, il-ħalib tas-sider għandu jiġi kkumplimentat b'varjetà ta' ikel adekwat u sikur b'ħafna nutrijenti, filwaqt li l-melħ u z-zokkor m'għandhomx jiġu miżjuda mal-ikel kumplimentari ([3]);

F. billi l-Istati Membri kollha approvaw il-Kodiċi Internazzjonali tal-Kummerċjalizzazzjoni tas-Sostituti tal-Ħalib tas-Sider adottat mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fl-1981 ("il-Kodiċi Internazzjonali") u s-16-il riżoluzzjoni rilevanti sussegwenti tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa;

G. billi r-Regolament (UE) Nru 609/2013 kien adottat qabel ma ġiet ippubblikata l-Opinjoni Xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar il-kompożizzjoni essenzjali ta' formuli għat-trabi u ta' formuli follow-on fil-5 ta' Awwissu 2014 ([4]);

H. billi l-Unjoni għandha l-obbligu li tippromwovi kwalità għolja fil-prinċipji, fl-istandards u fil-leġislazzjoni tas-saħħa pubblika fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u għandha d-dmir li tistabbilixxi qafas effettiv għall-protezzjoni tas-saħħa;

I. billi t-trabi u t-tfal żgħar huma popolazzjoni partikolarment vulnerabbli fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li jfixxklu s-sistema endokrinali u fir-rigward ta' kontaminanti oħra;

J. billi l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer, l-aġenzija tad-WHO speċjalizzata fil-kanċer, ikklassifikat il-glifosat bħala x'aktarx karċinoġenu għall-bniedem fl-20 ta' Marzu 2015 ([5]);

1. Joġġezzjona għar-Regolament delegat tal-Kummissjoni;

L-obeżità

2. Iqis li r-Regolament delegat ma fihx miżuri suffiċjenti biex jiġu protetti t-trabi u t-tfal żgħar kontra l-obeżità u li l-livell massimu ta' zokkor permess għandu jitnaqqas b'mod sostanzjali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO;

Teknoloġiji Emerġenti

3. Iqis li, b'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, teknoloġiji emerġenti bħalma huma l-OĠM u n-nanoteknoloġija, li l-effetti tagħhom għadhom mhux magħrufa, għandhom jiġu pprojbiti f'ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u fl-ikel tat-trabi;

([1]) http://www.who.int/mediacentre/factsheets/fs394/en/
([2]) *Changes in health in England, with analysis by English regions and areas of deprivation, 1990–2013: a systematic analysis for the Global Burden of Disease Study 2013 Lancet 2015; 386: 74 Ippublikat onlajn – 15 ta' Settembru 2015. http://thelancet.com/pdfs/journals/lancet/PIIS0140-6736(15)00195-6.pdf*
([3]) http://www.who.int/mediacentre/factsheets/fs394/en/
([4]) http://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/scientific_output/files/main_documents/3760.pdf
([5]) http://www.iarc.fr/en/media-centre/iarcnews/pdf/MonographVolume112.pdf

L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2016

It-tikkettar

4. Huwa tal-fehma li, b'kunsiderazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar is-saħħa pubblika globali, fosthom ir-Riżoluzzjoni 63.23 tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa, l-Istrateġija Globali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar it-Tmigħ tat-Trabi u t-Tfal iż-Żgħar u l-impatt globali ta' esportazzjonijiet mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi, it-tikkettar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel għat-trabi pproċessat għandhom jagħmluha ċara li dawn il-prodotti mhumiex xierqa għat-trabi ta' inqas minn 6 xhur u li m'għandhomx jimminaw ir-rakkomandazzjoni li t-trabi jingħataw esklussivament ħalib tas-sider sal-età ta' 6 xhur; iqis, għalhekk, li t-tikkettar u l-kummerċjalizzazzjoni għandhom jiġu riveduti skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar it-tmigħ tat-trabi u t-tfal żgħar;

It-trasparenza

5. Iqis li, għal raġunijiet ta' trasparenza u biex tinbena l-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, il-lista tal-"laqgħat bilaterali" (inklużi d-dati tagħhom u l-parteċipanti) li l-Kummissjoni kellha mal-partijiet interessati fil-proċess ta' abbozzar tar-Regolament delegat għandha tiġi ppubblikata;

o

o o

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kumissjoni u jinnotifikaha li r-Regolament delegat ma jistax jidħol fis-seħħ;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq att delegat ġdid li jqis is-sejbiet tar-rieżami tal-EFSA dwar il-rekwiżiti kompożizzjonali tal-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u tal-ikel tat-trabi, u evidenza xjentifika dwar l-effetti taz-zokkor miżjud u l-introduzzjoni bikrija ta' ikel ipproċessat fir-rakkomandazzjonijiet ottimali tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016

P8_TA(2016)0017

Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Kosovo ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (10725/2/2015 – C8-0328/2015 – 2015/0094(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 011/24)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10725/2/2015),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (10728/1/2015),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 217 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(i) u l-Artikolu 218(7) u (8), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0328/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet paragrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0372/2015),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kosovo.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT